

# IT-TWETTIQ TAL-BAĠIT 2022

# IT-TWETTIQ TAL-BAĠIT 2022

Ottubru 2022

**GVERN TA' MALTA**
UFFIĊĊJU TAS-SEGRETARJU
PERMANENTI EWLIENI

Ippubblikat
mid-Dipartiment tal-Komunikazzjoni tas-Servizz Pubbliku
Fl-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni, Uffiċċju tal-Prim Ministru
Il-Berġa ta' Kastilja
Il-Belt Valletta VLT 1061

Tel.: (+356) 2200 0000
Siti www.publicservice.gov.mt | fb.com/servizzpubbliku

***Cataloguing in Publication Data***
Malta. Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni
It-Twettiq tal-Baġit, 2022
Valletta: Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni, 2022

29.7, 21 cm

ISBN: 978-9918-9543-1-5

Din il-pubblikazzjoni tista' tinxtara
mid-Dipartiment tal-Informazzjoni
3, Pjazza Kastilja
Il-Belt Valletta

Mitbugħ: Stamperija tal-Gvern
Prezz: €5.00

FSC www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603

| | |
|---|---|
| OPM | Uffiċċju tal-Prim Ministru |
| MFH | Ministeru għas-Saħħa |
| MHAL | Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali |
| MFET | Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ |
| MSPC | Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal |
| MAFA | Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali |
| MSAA | Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli |
| MEFL | Ministeru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet |
| MIVC | Ministeru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur |
| MTIP | Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali |
| MGOZ | Ministeru għal Għawdex |
| MHSR | Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza |
| MFT | Ministeru għat-Turiżmu |
| MEEE | Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża |
| MFE | Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol |
| MEYR | Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni |
| MPWP | Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar |
| MFJ | Ministeru għall-Ġustizzja |
| MFAA | Ministeru għall-Anzjanità Attiva |

# Werrej


**Daħla** 7

**Analiżi Tal-Miżuri Ekonomiċi** 9

Andament Ekonomiku b'Saħħtu 10
Xena Lokali 11
Prospetti tat-Tkabbir 16

**L-Iżvilupp Sostenibbli fiċ-Ċentru tal-Ippjanar u t-Twettiq** 19

**Implimentazzjoni b'Saħħitha** 23

**Miżuri**

Uffiċċju tal-Prim Ministru 50
Ministeru għas-Saħħa 56
Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali 78
Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ 84
Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal 90
Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali 106
Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli 114
Ministeru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet 122
Ministeru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur 130
Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali 136
Ministeru għal Għawdex 150
Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza 158
Ministeru għat-Turiżmu 178
Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża 184
Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol 236
Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni 260
Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar 280
Ministeru għall-Ġustizzja 288
Ministeru għall-Anzjanità Attiva 292

**Miżuri Pendenti li Twettqu** 298

DAHLA

L-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika mhux biss titkellem dwar l-istrutturi fi ħdan is-Servizz Pubbliku, imma jispjega wkoll kif is-Servizz Pubbliku għandu jiffaċilita r-realizzazzjoni tal-prinċipji tal-Gvern tal-ġurnata u jiżgura t-twettiq tal-oġġettivi tiegħu.

Din il-pubblikazzjoni hija xhieda tal-impenn tas-Servizz Pubbliku li jservi ta' xprun biex dak kollu li jkun imwiegħed fil-manifest elettorali tal-Gvern tal-ġurnata, jitwettaq. Il-baġit huwa eżerċizzju importanti li l-Gvern iressaq quddiem iċ-ċittadini biex b'mod metikoluż u fattibbli, iservi bħala pjan ta' ħidma għas-sena li jkun imiss. Is-Servizz Pubbliku għandu sehem ewlieni fil-proċess annwali tal-baġit, kemm mil-lat ta' studju, preparazzjoni u tfassil, kif ukoll bl-implimentazzjoni ta' dak kollu li jissemma fil-baġit.

F'din il-pubblikazzjoni, qed jingħata rendikont tal-miżuri tal-baġit u fiex waslet l-implimentazzjoni tagħhom. Anke dawk li għadhom ma ġewx magħluqa fit-totalità tagħhom. B'hekk inkunu qed nersqu 'l quddiem bi trasparenza sħiħa. Il-ħidma tas-Servizz Pubbliku tmur oltrè minn hekk biex l-oġġettivi li għadhom ma ntlaħqux, inkomplu naħdmu fuqhom sakemm naslu. Kif wieħed jista' jinnota, miżuri li ma jkunux għadhom tlestew ma jisparixxewx mir-radar imma jibqgħu jiġu segwiti u rappurtati.

Din hija biss parti mill-kullana ta' xogħol li s-Servizz Pubbliku jwettaq ta' kuljum.

Din is-sena ntlaħqet rata ta' implimentazzjoni ta' 77% - persentaġġ b'saħħtu ħafna ta' miżuri mwettqa. Dan juri kif l-istrutturi li nħolqu fis-Servizz Pubbliku biex isegwu l-implimentazzjoni qed jagħtu l-frott.

Din il-pubblikazzjoni tinkludi wkoll analiżi ta' kif sejra l-ekonomija u x-xenarji li se jwasslu għall-baġit tas-sena d-dieħla li se jkun ippreżentat fil-jiem li ġejjin, u rapport dwar kif il-miżuri tal-baġit qed iwasslu biex Malta tilħaq il-miri ta' żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti.

Ma nistax minn hawnhekk ma nirringrazzjax lil kull min jaħdem ta' kuljum biex is-Servizz Pubbliku jibqa' jwettaq il-manifest tal-Gvern tal-ġurnata għall-ġid tal-poplu Malti u Għawdxi kollu. Ejjew inħarsu 'l quddiem b'ottimiżmu sabiex is-Servizz Pubbliku jibqa' jservi ta' vejikolu biex il-ġid li jinħoloq jitqassam b'mod ġust għand kulħadd.

**TONY SULTANA**
Segretarju Permanenti Ewlieni

# ANALIŻI TAL-MIŻURI EKONOMIĊI

# Andament ekonomiku b'saħħtu

Matul l-2021, l-ekonomija Maltija rreġistrat rata ta' tkabbir reali ta' 10.3 fil-mija fil-Prodott Gross Domestiku (PGD), ekwivalenti għal 12.3 fil-mija f'termini nominali. Din iċ-ċifra ta' tkabbir kienet 4.9 punti perċentwali ogħla minn dik tal-Unjoni Ewropea (UE), u b'hekk Malta kienet fost l-ekonomiji li rkupraw b'pass mgħaġġel mill-effetti tal-pandemija.

Id-domanda domestika kienet il-mutur ewlieni ta' din l-attività ekonomika b'saħħitha. Is-suq tax-xogħol baqa' reżiljenti, b'żidiet fir-rata ta' attività osservati partikolarment fost in-nisa u l-ħaddiema akbar fl-età, li kkontribwixxew għal rata rekord ta' livelli baxxi ta' qgħad. Mil-lat internazzjonali, minkejja żieda mill-ġdid f'każijiet tal-virus tal-COVID matul l-2021 li xekklu s-settur turistiku, Malta xorta rnexxielha tirreġistra kontribuzzjoni netta tal-esportazzjoni ta' 2.6 punti perċentwali.

Hekk kif l-ekonomija globali dehret li qed tirkupra mill-pandemija, il-gwerra bejn ir-Russja u l-Ukrajna kkaġunat theddida fir-rigward tad-disponibbiltà ta' provvisti essenzjali bħall-enerġija, il-ħadid u l-azzar, il-kommoditajiet agrikoli bażiċi u l-għalf tal-annimali, filwaqt li kibret l-inċertezza fil-qasam tal-loġistika u t-trasport ta' prodotti relatati mal-produzzjoni tal-industrija. Dan kompla jżid pressjonijiet inflazzjonarji li kienu diġà ntlaqtu mit-tfixkil fil-katina tal-provvista minħabba l-effetti tal-pandemija tal-COVID-19. B'riżultat ta' dan, l-awtoritajiet monetarji madwar id-dinja mistennija li jissikkaw il-kundizzjonijiet finanzjarji bl-għan li jreġġgħu lura l-pressjonijiet inflazzjonarji li saru aktar persistenti, anki jekk fil-preżent dawn għadhom ma fformawx f'aspettattivi fuq medda ta' żmien fit-tul.

F'dan l-isfond, l-ekonomija Maltija mistennija tikber b'4.6 fil-mija f'termini reali u 8.5 fil-mija f'termini nominali fl-2022. Dawn iċ-ċifri ġew riveduti 'l isfel mit-tbassir tal-Ħarifa ppreżentat fil-Baġit għall-2022. Minkejja dawn ix-xokkijiet esterni fundamentali, l-ekonomija Maltija tibqa' kkaratterizzata minn balance sheets tan-negozji u l-familji b'saħħithom, flimkien ma' politika fiskali li tinkoraġġixxi tkabbir. Dawn il-fatturi huma mistennija li jkomplu jsaħħu d-domanda domestika u jiżguraw it-tkomplija tat-tkabbir, għalkemm b'pass aktar moderat meta mqabbel mal-2021.

Tabilħaqq, is-settur lokali mistenni li jkun il-mutur ewlieni tat-tkabbir ekonomiku, flimkien ma' kontribuzzjonijiet pożittivi kemm mill-konsum privat u pubbliku, kif ukoll mill-formazzjoni ta' kapital fiss gross. L-esportazzjoni netta hija mbassra wkoll li tikkontribwixxi għat-tkabbir fl-2022, prinċipalment xprunata minn żieda fl-esportazzjoni hekk kif it-turiżmu qiegħed jirkupra b'mod qawwi wara li naqset l-inċertezza relatata mal-pandemija u t-tneħħija tar-restrizzjonijiet tal-ivvjaġġar. It-tkabbir kontinwu fl-investiment u l-irkupru ulterjuri fid-domanda domestika ser jagħtu spinta wkoll lit-tkabbir fl-importazzjoni.

# Xena Lokali

## Tkabbir Ekonomiku

Matul l-ewwel nofs tal-2022, l-ekonomija Maltija kibret b'8.5 fil-mija f'termini reali meta mqabbel mal-istess perjodu tas-sena li għaddiet. It-tkabbir fl-ewwel nofs tal-2022 kien relattivament ibbilanċjat, xprunat mid-domanda domestika, li kkontribwiet 4.9 punti perċentwali, kif ukoll l-esportazzjoni netta, li kkontribwiet 3.9 punti perċentwali. B'kuntrast, l-inventarji kkontribwew b'mod negattiv għat-tkabbir tal-PGD b'0.3 punti perċentwali.

F'termini nominali, id-dħul totali kiber b'13.3 fil-mija, u prinċipalment jirrifletti tkabbir ta' 15.9 fil-mija (jew €527.9miljun) fis-surplus gross mill-ġestjoni, żieda ta' 8.0 fil-mija (jew €258.9miljun) fil-kumpens tal-impjegati, u 33.7 fil-mija (jew €142.8 miljun) miż-żieda fid-dħul mit-taxxi, meta jitnaqqsu s-sussidji fuq il-produzzjoni u l-importazzjoni.

## Tkabbir reali tal-PGD: 2019K1 - 2022K1



## Indikaturi fuq l-Ekonomija

| | 2020 | 2021 | 2022p | 2023p |
|---|---|---|---|---|
| **Prodott Domestiku Gross** | | | | |
| Tkabbir Nominali (%) | -6.9 | 12.3 | 8.5 | 6.0 |
| Tkabbir Reali (Sena ta' referenza: 2010) (%) | -8.3 | 10.3 | 4.6 | 4.0 |
| **Komponenti ta' nfiq tal-PGD ta' Volumi marbuta mill-qrib skont il-perjodu (Sena ta' referenza 2010) (%)** | | | | |
| Konsum Privat | -10.2 | 7.1 | 3.5 | 3.0 |
| Infiq tal-Gvern | 15.7 | 6.7 | 8.0 | 1.7 |
| Investiment | -7.7 | 17.3 | 1.1 | 6.1 |
| Esportazzjoni | -3.8 | 9.0 | 3.7 | 3.1 |
| Importazzjoni | -0.2 | 8.0 | 3.1 | 2.7 |

Sors: NSO, MFE

Matul l-istess perjodu, il-valur miżjud totali gross żdied b'13.6 fil-mija. It-tkabbir ġie reġistrat fuq bażi wiesgħa fis-setturi kollha, bl-ogħla tkabbir irreġistrat fis-settur tal-kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut, li kiber bi 40.4 fil-mija, prinċipalment minħabba effett bażi li jirrifletti t-tnaqqis fit-trimestru korrispondenti fis-sena preċedenti wara l-COVID-19 u l-miżuri ta' trażżin tal-virus tal-COVID-19 li naqqsu l-operat tar-ristoranti u l-lukandi.

Rati ta' tkabbir notevoli oħra ġew irreġistrati fis-settur tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (18.5 fil-mija), is-settur tal-arti, divertiment u rikreazzjoni (14.4 fil-mija), is-settur tal-manifattura (10.7 fil-mija), is-settur tal-agrikoltura, il-forestrija u s-sajd (10.7 fil-mija), is-settur tal-attivitajiet professjonali, xjentifiċi u tekniċi (10.6 fil-mija) u s-settur finanzjarju u tal-assigurazzjoni (8.4 fil-mija).

## Tkabbir fil-Prodott Gross Miżjud 2022K1



F'perjodu fejn is-swieq tax-xogħol madwar id-dinja kienu vulnerabbli għall-impatt ekonomiku tal-pandemija, is-suq tax-xogħol Malti wera li kien reżiljenti. Filwaqt li l-impjiegi totali (kif imkejla skont l-Istħarriġ dwar il-Forzi tax-Xogħol) fil-pajjiżi Ewropej baqgħu taħt il-livelli ta' qabel il-kriżi fl-2021, Malta rreġistrat tkabbir pożittiv fl-impjiegi kemm fl-2020 kif ukoll fl-2021, fejn matul is-sena l-oħra, ir-rata ta' tkabbir fl-impjiegi kien ta' 2.3 fil-mija, li tirrifletti tnaqqis marġinali meta mqabbel mat-tkabbir rreġistrat matul is-sena ta' qabel. It-tkabbir fl-impjiegi kien sostnut minn irkupru ekonomiku b'saħħtu, filwaqt li l-miżuri ta' appoġġ tal-Gvern għenu mhux ftit sabiex jittaffa l-impatt tal-pandemija fuq is-suq tax-xogħol, l-iktar permezz tal-Iskema ta' Suppliment tal-Pagi, li ġiet estiża sa Mejju 2022.

Matul l-ewwel kwart tal-2022, kien hemm żieda ta' 4.3 fil-mija fl-impjiegi, meta mqabbla mal-istess perjodu tal-2021. Permezz tal-appoġġ tal-miżuri tal-Gvern, Malta rnexxielha żżomm rata baxxa ta' qgħad (skont id-definizzjoni armonizzata tal-Eurostat), li hija waħda mill-aktar baxxi fost il-pajjiżi Ewropej. Fl-2021, ir-rata tal-qgħad laħqet livell storikament baxx ta' 3.5 fil-mija, li kien 3.5 punti perċentwali taħt il-medja tal-UE-27. Malta marret relattivament tajjeb ukoll fir-rigward tal-qgħad fost iż-żgħażagħ (bejn 15 u 24 sena), b'rata ta' qgħad ta' 9.6 fil-mija, meta mqabbla mal-medja tal-UE-27 ta' 16.6 fil-mija.

Id-data tal-qgħad li tkopri l-ewwel tliet xhur ta' din is-sena turi li Malta rreġistrat it-tieni l-inqas rata ta' qgħad fost l-Istati Membri Ewropej. Ir-rata tal-qgħad naqset minn 4.0 fil-mija fl-ewwel kwart tal-2021, għal 3.3 fil-mija fl-ewwel kwart tal-2022. F'Mejju 2022, ir-rata tal-qgħad f'Malta kompliet tonqos għal 3.1 fil-mija.

## Rata ta' Qgħad




F'Lulju 2022, l-inflazzjoni annwali tal-HICP f'Malta kienet ta' 6.8 fil-mija. Matul l-ewwel seba' xhur tal-2022, l-inflazzjoni tal-HICP bdiet taċċellera, immexxija prinċipalment mill-prezzijiet tal-ikel, il-prezzijiet tal-prodotti industrijali mhux tal-enerġija u s-servizzi tad-djar.

# Kontribuzzjonijiet għall-Inflazzjoni




# Inflazzjoni fl-UE: Jannar-Lulju 2022 Medja



Il-bilanċ kurrenti jirreġistra l-kummerċ internazzjonali ta' oġġetti u servizzi u tranżazzjonijiet finanzjarji. Il-kont kurrenti fil-bilanċ tal-pagamenti jirreġistra flussi internazzjonali relatati ma' kummerċ ta' oġġetti, servizzi u dħul. Fit-tliet snin ta' qabel il-pandemija tal-COVID-19, Malta rreġistrat surplus fil-kont kurrenti b'medja ta' 5.5 fil-mija tal-Prodott Domestiku Gross (PDG), imsejjes fuq bilanċ b'saħħtu tal-esportazzjoni nett fil-qasam tas-servizzi. Madankollu, il-pandemija tal-COVID-19 kellha impatt primarjament fuq il-pożizzjoni netta tal-esportazzjoni tas-servizzi speċjalment is-servizzi tal-ivvjaġġar, li wassal għal defiċit fil-kont kurrenti fl-2020 u fl-2021 li kien ikkumpensat b'żieda ta' 6.5 punti perċentwali fil-bilanċ tal-importazzjoni netta tal-oġġetti, l-aktar minħabba żieda fl-importazzjoni tal-oġġetti kapitali.

## Il-bilanċ kurrenti u minn xiex hu magħmul




Il-kont tad-dħul primarju fil-kont kurrenti jirreġistra primarjament flussi ta' dħul fuq investimenti ta' residenti Maltin barra minn Malta u dħul imħallas lil persuni mhux residenti fuq l-investimenti tagħhom f'Malta. Il-kont tad-dħul primarju jirreġistra wkoll ir-rata ta' dħul l-iktar relatat ma' pagi u salarji tal-impjegati u dħul primarju ieħor (kera, taxxi fuq il-produzzjoni u importazzjoni, u sussidji). Malta ġeneralment tirreġistra pożizzjoni ta' ħlas nett li tirrifletti l-obbligazzjonijiet sostanzjali ta' investiment dirett marbut mal-preżenza sostanzjali ta' kumpaniji barranin li joperaw fl-ekonomija Maltija.

Il-pożizzjoni tal-ħlas nett ġeneralment wera żidiet wara l-2018, ħlief għall-2021. Fl-2021, il-kont tad-dħul primarju ta' Malta rreġistra bilanċ ta' ħlas nett ta' 7.9 fil-mija tal-PDG, li jindika li l-flussi ta' dħul minn Malta lejn ġurisdizzjonijiet barranin kienu akbar mill-influssi tad-dħul lejn Malta. Dan il-bilanċ kien xprunat minn ħlasijiet netti ta' obbligazzjoni ta' investiment dirett li ġew parzjalment ikkumpensati minn dħul nett minn assi ta' investiment ta' portafoll.

Il-kont tad-dħul sekondarju jirreġistra trasferimenti mhux produttivi bejn residenti u entitajiet mhux residenti f'Malta, li jinkludu trasferimenti personali, taxxi fuq id-dħul u l-ġid, u benefiċċji u kontribuzzjonijiet soċjali.

Fil-każ ta' Malta, il-kont tad-dħul sekondarju huwa biss komponent minuri tal-bilanċ tal-pagamenti. Fl-2021, il-kont tad-dħul sekondarju rreġistra bilanċ ta' ħlas nett ta' 1.0 fil-mija tal-PDG.

Matul l-ewwel kwart tal-2021, il-kont kurrenti rreġistra defiċit ta' 0.4 fil-mija tal-PDG, bl-esportazzjoni netta ta' oġġetti u servizzi li jammontaw għal 6.4 fil-mija tal-PDG. Il-bilanċ tal-ħlas nett tad-dħul primarju laħaq 5.8 fil-mija tal-PDG, u l-kont tad-dħul sekondarju rreġistra bilanċ ta' ħlas nett ta' 1.1 fil-mija tal-PGD.

Il-pożizzjoni netta ta' investiment internazzjonali tqis l-ammont ta' assi u obbligazzjonijiet barranin miżmuma f'Malta. Sa tmiem l-2021, Malta kellha madwar €269.0 biljun f'assi u €261.3 biljuni f'obbligazzjonijiet. Il-maġġoranza tal-assi huma kkategorizzati bħala investiment tal-portafoll, segwiti minn investiment dirett u investiment ieħor; il-parti l-kbira tal-obbligazzjonijiet huma miżmuma fil-forma ta' investiment dirett. Il-pożizzjoni internazzjonali netta ġenerali fi tmiem l-2021 kienet ta' 52.9 fil-mija tal-PGD.

L-ammont ta' turisti li waslu Malta minn Jannar sa Diċembru 2021 laħqu kważi 944,000 jew 34.9 fil-mija tat-turisti tal-2019, żieda ta' 47.5 fil-mija fuq l-istess perjodu fl-2020, mirfuda prinċipalment minn turisti li jsiefru għal btajjel. In-nefqa totali tat-turisti għall-2021 kienet stmata għal €871 miljun, żieda ta' 91.3 fil-mija fuq l-2020, filwaqt li n-nefqa turistika ras imb ras kienet stmata għal €899 miljun, żieda ta' 30.1 fil-mija fuq l-2020. Bħala medja, it-turisti żiedu t-tul taż-żjara tagħhom b'0.7 iljieli, bil-maġġoranza, 55.5 fil-mija, jgħixu f'Malta għal sebat' ijiem jew aktar.

Matul l-ewwel sitt xhur ta' din is-sena, in-numru ta' turisti laħaq 878,000 jew 74.2 fil-mija tat-turisti tal-2019, żieda konsiderevoli meta mqabbla mal-perjodu korrispondenti tas-sena li għaddiet, li tirrifletti t-tneħħija tar-restrizzjonijiet tal-COVID-19, it-tnaqqis tal-biżgħat tan-nies relatati mal-pandemija u l-irkupru kontinwu tas-settur turistiku.

## Prospetti ta' Tkabbir

Il-gwerra fl-Ukrajna, flimkien mal-pandemija tal-COVID-19 qed ikomplu jkollhom impatt qawwi fuq l-attività ekonomika globali. Is-sitwazzjoni għadha mwiegħra, u l-prospetti huma suġġetti għal inċertezza kbira. Il-prezzijiet tal-enerġija u l-kommoditajiet, inklużi ċ-ċereali żdiedu, u żiedu mal-pressjonijiet inflazzjonarji li diġà huma preżenti minħabba tfixkil fil-katina tal-provvista u ż-zieda fid-domanda b'riżultat tal-irkupru mill-pandemija tal-COVID-19.

F'dan l-isfond, l-ekonomija Maltija mistennija tikber b'4.6 fil-mija f'termini reali u 8.5 fil-mija f'termini nominali fl-2022. Il-komponent domestiku mistenni jkun il-mutur ewlieni tat-tkabbir, appoġġjat minn kontribuzzjonijiet pożittivi kemm mill-privat, mill-konsum pubbliku, kif ukoll mill-formazzjoni ta' kapital fiss gross.

L-esportazzjoni netta mbassra wkoll li tikkontribwixxi għat-tkabbir fl-2022, wara rkupru fl-esportazzjoni tas-servizzi xprunat b'mod partikolari mit-turiżmu. It-tkabbir kontinwu fl-investiment u l-irkupru ulterjuri fid-domanda domestika se jagħtu wkoll spinta lit-tkabbir prevvist fl-importazzjoni.

Il-prospetti għall-2023 huma soġġetti għas-suppożizzjoni li t-tfixkil min-naħa tal-provvista eventwalment se jonqos u r-reġim ta' ssikkar tal-politika monetarja ser jikkawża tnaqqis fiż-żieda fil-prezzijiet. Madanakollu, mhuwiex mistenni li l-prezzijiet jerġgħu lura lejn l-livelli prevalenti qabel il-pandemija.

Fl-2023, l-ekonomija Maltija mistennija tikber b'4.0 fil-mija f'termini reali u 6.0 fil-mija f'termini nominali. Id-domanda domestika hija mbassra li tkun il-mutur ewlieni ta' dan it-tkabbir b'kontribuzzjoni mistennija ta' 3.0 punti perċentwali segwit minn kontribuzzjoni netta pożittiva ta' esportazzjoni ta' 1.0 punti perċentwali.

It-tkabbir fil-konsum privat għall-2022 huwa mbassar li jiżdied bi 3.5 fil-mija. Din iċ-ċifra tirrifletti tkabbir qawwi ta' impjiegi u kumpens għal kull impjegat, flimkien ma' rkupru kontinwu fl-infiq fuq servizzi hekk kif it-tħassib dwar il-pandemija mistenni li jiddgħajjef. Huwa pertinenti li wieħed jinnota li minkejja t-tkabbir qawwi rreġistrat matul is-sena li għaddiet, il-konsum domestiku għadu ma rkuprax il-livelli milħuqa fl-2019, li jindika potenzjal għal aktar tkabbir fl-2022 u li għandhom isaħħu d-dħul għall-familji. Fl-2023, il-konsum privat mistenni jikber b'3.0 fil-mija xprunat mit-tkabbir modest fl-impjiegi u tkabbir fil-kumpens tal-impjegati reali ogħla.

Wara tkabbir sinifikanti fl-2021, it-tkabbir fil-konsum pubbliku huwa mbassar li jkompli jiżdied bi 8.0 fil-mija fl-2022, immexxi primarjament mit-tkabbir fil-konsum intermedju u l-kumpens tal-impjegati. Fl-2023, in-nefqa tal-Gvern se tkompli tiżdied bi 1.7 fil-mija.

Il-formazzjoni ta' kapital fiss gross hija mistennija li tiżdied b'1.1 fil-mija fl-2022 li tirrifletti effetti bażi qawwija mis-sena ta' qabel filwaqt li l-inċertezza rigward il-prospetti għal żmien qasir x'aktarx tikkawża l-posponiment ta' xi proġetti. Fl-2023, l-investiment huwa mistenni li jikber b'6.1 fil-mija hekk kif l-aspettattivi tan-negozji u l-investituri jitjiebu, waqt li bosta proġetti li tħabbru pubblikament mistennija li jaraw il-bidu tagħhom.

Minn perspettiva esterna, il-gwerra bejn ir-Russja u l-Ukrajna żiedet il-pressjoni tal-prezzijiet li kienu qed jiżdiedu minħabba riperkussjonijiet ikkawżati mill-pandemija. L-aċċelerazzjoni mgħaġġla fl-inflazzjoni qed ixxekkel l-aspettattivi tal-irkupru ekonomiku taż-żona tal-ewro, u wasslet għal revizjoni 'l isfel fit-tbassir tat-tkabbir taż-żona ewro b'medja ta' 0.7 sa 1.0 punti perċentwali. Xi ekonomiji b'espożizzjoni sinifikanti għar-Russja u l-Ukrajna rrevedew il-projezzjonijiet tat-tkabbir tagħhom 'l isfel saħansitra b'mod aktar b'saħħtu. Billi l-prezzijiet globali ogħla jnaqqsu d-domanda esterna u n-nuqqas ta' provvista jinterferixxi mal-flussi tal-kummerċ, l-esportazzjoni hija mbassra li tiżdied bi 3.7 fil-mija, prinċipalment misjuqa mis-servizzi. In-numru tat-turisti mistenni li jibqa' konservattiv matul l-2022, u jilħaq 70 fil-mija tal-livelli tal-2019.

Tpaċi parzjalment iż-żieda fl-esportazzjoni, hemm żieda fl-importazzjoni ta' 3.1 fil-mija fl-2022. F'Malta, l-attività ta' investiment għandha t-tendenza li tkun intensiva ħafna fl-importazzjoni, u b'hekk, il-movimenti fl-investiment jirriżultaw f'importazzjoni ta' oġġetti kapitali biex b'hekk inaqqsu l-volatilità tal-impatt tal-flussi ta' investiment fuq il-PDG fuq terminu medju. Is-saħħa tad-domanda domestika u l-irkupru kontinwu fl-esportazzjoni jkomplu jsostnu din iż-żieda fl-importazzjoni.

## Indikaturi fuq is-suq tax-Xogħol

| | **2020** | **2021** | **2022p** | **2023p** |
|---|---|---|---|---|
| Tkabbir fl-Impjiegi % | 2.8 | 2.8 | 2.7 | 2.3 |
| Produttività (bidla %) | -10.9 | 7.4 | 1.8 | 1.7 |
| Qligħ tal-Ħaddiema (bidla %) | 1.7 | 8.1 | 6.1 | 5.6 |
| Qligħ medju għall-ħaddiem (bidla %) | -0.8 | 4.9 | 3.3 | 3.3 |
| Rata ta' qgħad | 4.4 | 3.5 | 3.4 | 3.5 |

It-tkabbir modest tas-sħab kummerċjali ewlenin ta' Malta flimkien ma' rkupru kontinwu fit-turiżmu huwa mistenni li jwassal għal żieda fl-esportazzjoni ta' Malta bi 3.1 fil-mija fl-2023. It-tkabbir fl-importazzjoni huwa mistenni li jimxi f'konformità mal-irkupru mistenni fl-attività domestika fl-2023, u għalhekk jiżdied bi 2.7 fil-mija.

Il-miżuri tal-Gvern taffew l-impatt tal-pandemija fuq is-suq tax-xogħol. Fil-fatt, is-suq tax-xogħol kompla jsostni l-prestazzjoni pożittiva tiegħu fl-2021, hekk kif it-tkabbir fl-impjiegi kien ta' 2.8 fil-mija.

Fl-2022, iż-żieda kontinwa fl-attività ekonomika hija mbassra li tiġġenera tkabbir fl-impjiegi ta' 2.7 fil-mija qabel ma tilħaq 2.3 fil-mija fl-2023. Ir-rata tal-qgħad, ibbażata fuq id-definizzjoni armonizzata, hija mbassra li tkun ta' 3.4 fil-mija fl-2022 u 3.5 fil-mija fl-2023.

Il-kumpens tal-impjegati huwa mbassar li jiżdied b'6.1fil-mija fl-2022 hekk kif id-domanda akbar għall-impjiegi u l-inflazzjoni jiġġeneraw pressjonijiet 'il fuq fil-pagi, qabel ma jimmodera għal 5.6 fil-mija fl-2023, jikber b'2.9 fil-mija fl-2023.

Skont tbassir li sar mill-Gvern aktar kmieni din is-sena, ir-rata tal-inflazzjoni mistennija tiżdied għal 5.1 fil-mija fl-2022, minħabba t-tfixkil fil-ktajjen tal-provvista globali, li jikkawża konġestjonijiet u nuqqasijiet u li qed jamplifikaw il-pressjonijiet fuq il-prezzijiet bħala riżultat tal-gwerra fl-Ukrajna. Dan kien jirrifletti prezzijiet ogħla tal-ikel, attribwibbli għall-inflazzjoni tal-ikel mhux ipproċessat, u sa ċertu punt l-inflazzjoni tal-ikel ipproċessat, minħabba nuqqasijiet, żieda fl-ispejjeż tat-trasport u temp ħażin li jikkawża ħsad fqir globalment. Barra minn hekk, prezzijiet ogħla tas-servizzi huma wkoll mistennija li jikkontribwixxu b'mod pożittiv għall-HICP ġenerali, peress li d-domanda għas-servizzi tkompli tirkupra wara l-pandemija. Il-prezzijiet tal-prodotti industrijali mhux tal-enerġija huma wkoll mistennija li jiżdiedu, l-aktar minħabba żieda fl-inflazzjoni fil-prezzijiet fis-swieq flimkien ma' żidiet sostanzjali fl-ispejjeż tat-trasport bil-baħar. L-inflazzjoni tal-enerġija hija mistennija li tibqa' stabbli fl-2022 f'konformità mal-impenn tal-Gvern li jassorbi l-prezzijiet tal-enerġija li qed jogħlew.

Fid-dawl tal-esperjenza tal-aħħar xhur huwa mistenni li l-inflazzjoni matul l-2022 tisboq ir-rati msemmija aktar 'il fuq hekk kif il-pressjoni inflazzjonarja globali kompliet tagħfas. L-inflazzjoni hija mistennija li tinnormalizza aktar 'il quddiem u tinżel għar-rata ta' 2.4 fil-mija fl-2023, b'kontribuzzjonijiet aktar baxxi mill-komponenti kollha wara effetti bażi għolja mis-sena ta' qabel u tnaqqis fl-attività ekonomika.

Dan it-tbassir makroekonomiku riċentement ġie evalwat u approvat mill-Kunsill Konsultattiv Fiskali ta' Malta. Biex jivvalutaw il-bilanċ tar-riskji mbassar għaż-żmien li ġej, ekonomisti fil-Ministeru għall-Finanzi u l-Impjiegi jivvalutaw il-probabbiltà u l-plawsibbiltà ta' numru ta' xenarji u permezz ta' analiżi ta' simulazzjoni jikkwantifikaw l-impatt ekonomiku ta' dawn ix-xenarji alternattivi fuq l-ekonomija Maltija. Aktar dettalji jinsabu fl-Aġġornament tal-Programm ta' Stabbiltà 2022-2025 ippubblikat f'April 2022 mill-Ministeru għall-Finanzi u l-Impjiegi. Fil-bilanċ, l-eżerċizzju ta' simulazzjoni jindika riskji pożittivi għall-2022, iżda wkoll riskji negattivi għal żmien medju, minħabba l-inċertezza dwar il-gwerra bejn ir-Russja u l-Ukrajna u l-kundizzjonijiet monetarji fiż-żona tal-ewro.

# L-IŻVILUPP SOSTENIBBLI FIĊ-ĊENTRU TAL-IPPJANAR U T-TWETTIQ

L-impenn tal-Gvern Malti biex jintegra l-SDGs fil-miżuri tal-baġit tkompla matul is-sena 2022 bħala parti mill-ħidma annwali ta' governanza tajba għall-Iżvilupp Sostenibbli. L-għan ewlieni ta' dan il-proċess hu li jtejjeb il-koerenza, isaħħaħ u jikkonsolida l-proċess ta' ppjanar, jassigura allokazzjoniet aħjar ta' riżorsi, kif ukoll aktar trasparenza fil-ħidma tal-Gvern. Barra minn hekk, inkunu qed nassiguraw li l-baġit nazzjonali jkun konformi ma' impenji oħra tal-UE u internazzjonali.

Din is-sena l-baġit fih 319-il miżura, li huma mifruxa fuq diversi setturi. Dawn il-miżuri ġew integrati mal-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli hekk kif stipulati min-Nazzjonijiet Uniti li Malta, flimkien mal-pajjiżi l-oħra, trid timplimenta sal-2030.

L-ewwel analiżi tindika li l-maġġor parti tal-miżuri tal-baġit ta' din is-sena huma miżuri primarjament immirati lejn is-soċjal. Infatti, dawn jammontaw għal 56% tal-Baġit, fejn kompla kkonferma l-impenn tal-Gvern f'dawn iż-żminijiet partikolari.

Fl-stess waqt, din is-sena l-baġit kompla fid-direzzjoni tal-baġit ta' qablu billi kompla jiffoka b'mod partikulari fuq l-ambjent hekk kif pajjiżna beda jimxi lejn tranżizzjoni ekoloġika u l-ekonomija l-ħadra. Dan ifisser li l-iżvilupp ekonomiku u ambjentali ser ikomplu jimxu flimkien. Infatti 21% tal-miżuri mħabbra din is-sena huma miżuri ambjentali, filwaqt li 23% tal-miżuri jindirizzaw l-iżvilupp ekonomiku. Dan huwa rifless fit-tabella numru 1.

Tabella 1

## L-Integrazzjoni tal-Iżvilupp Sostenibbli fil-Baġit 2022



L-għan ewlieni tal-iżvilupp sostenibbli huwa dak li jimmassimizza t-tliet pilastri – ħarsien ambjentali, ekonomija b'saħħitha u żvilupp soċjali. L-ebda wieħed minn dawn it-tliet pilastri waħdu ma jista' jwassal għal żvilupp sostenibbli, iżda flimkien jipprovdu bażi sabiex flimkien infasslu futur aħjar għal pajjiżna, għalina u għall-ġenerazzjonijiet futuri. Dawn il-fatturi huma meħtieġa biex jittrasformaw l-iżvilupp sostenibbli minn kunċett ġenerali teoretiku għal għodda prattika.

Din is-sena, il-miżuri tal-Baġit indrizzaw 437 mira li huma stabbiliti minn 17-il għan ewlieni. Jekk wieħed iħares lejn il-pilastri ewlenin individwalment jara kif il-miżuri tal-baġit qegħdin jindirizzaw diversi prinċipji ewlenin ta' governanza għall-iżvilupp sostenibbli hekk kif stipulat fil-Viżjoni 2050.

Tabella 2 ta' hawn taħt tiffoka fuq l-allinjament tal-miżuri tal-Baġit mal-miri tal-iżvilupp sostenibbli.

| | SDG | Numru ta' Miżuri tal-Baġit allinjati mal-SDG's |
|---|---|---|
| **Insostnu t-tkabbir ekonomiku** | 1 EBDA FAQAR | 40 |
| | 2 EBDA ĠUĦ | 8 |
| | 8 XOGĦOL DEĊENTI U TKABBIR EKONOMIKU | 27 |
| | 9 INDUSTRIJA, INNOVAZZJONI U INFRASTRUTTURA | 19 |
| | 12 KONSUM U PRODUZZJONI RESPONSABBLI | 5 |
| | 17 SĦUBIJIET GĦALL-GĦANIJIET | 2 |
| | **TOTAL** | **101** |

| | SDG | Numru ta' Miżuri tal-Baġit allinjati mal-SDG's |
|---|---|---|
| **Koeżjoni soċjali u benesseri** | 3 SAĦĦA TAJBA U BENESSERI | 40 |
| | 4 EDUKAZZJONI TA' KWALITÀ | 27 |
| | 5 UGWALJANZA BEJN IS-SESSI | 1 |
| | 10 INUGWALJANZI MNAQQSA | 58 |
| | 11 BLIET U KOMUNITAJIET SOSTENIBBLI | 70 |
| | 16 PAĊI, ĠUSTIZZJA U ISTITUZZJONIJIET B'SAĦĦITHOM | 48 |
| | **TOTAL** | **244** |

| | SDG | Numru ta' Miżuri tal-Baġit allinjati mal-SDG's |
|---|---|---|
| **Nissalvagwardjaw l-ambjent tagħna** | 6 ILMA NADIF U SANITÀ | 9 |
| | 7 ENERĠIJA AFFORDABBLI U NADIFA | 28 |
| | 13 AZZJONI KLIMATIKA | 38 |
| | 14 ĦAJJA TAĦT L-ILMA | 3 |
| | 15 ĦAJJA FUQ L-ART | 14 |
| | **TOTAL** | **92** |

Jidher ċar li din is-sena kien hemm enfasi partikolari fuq l-iżvilupp urban sostenibbli li qed jiġi indirizzat b'sebgħin miżura. Dawn jinkludu miżuri li jikkonċernaw il-mobbiltà sostenibbli kif ukoll fuq l-ekonomija ċirkulari. Jidher ukoll li hemm investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni kif ukoll miżuri li għandhom iwasslu għal ekonomija b'livell baxx ta' karbonju. Ma' dan ma jonqosx ukoll l-investiment favur it-tranżizzjoni lejn ekonomija diġitali.

Wieħed jista' jinnota li 21% tal-miżuri huma mmirati lejn investiment maħsub għall-protezzjoni, il-konservazzjoni u t-tisħiħ tal-kapital naturali ta' pajjiżna. Infatti hemm 92 miżura li qed jindirizzaw direttament il-qasam ambjentali. Il-Baġit, bħal kull baġit ieħor preċedenti, huwa baġit soċjali li jelenka numru ta' miżuri mmirati biex jassiguraw koeżjoni soċjali u l-benesseri taċ-ċittadini. Dan huwa wkoll rifless f'tabella numru 2 li turi li hemm 40 miżura li jindirizzaw il-faqar (SDG1) u 40 miżura oħra li jikkonċernaw is-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini.

Sabiex inkomplu nsaħħu u naraw li l-iżvilupp sostenibbli qed jiġi integrat f'kull livell governattiv u f'kull qasam, komplew isiru numru ta' workshops speċjalizzati għall-uffiċjali tal-Gvern, b'kollaborazzjoni mal-OECD, dwar l-ippjanar strateġiku u fit-tul ta' politiki kif ukoll dwar l-integrazzjoni tal-miżuri tal-Baġit mal-SDGs. L-għan ta' dawn il-workshops kien li jassisti lill-Gvern jiżviluppa azzjonijiet prattiċi, innovattivi u kollaborattivi biex imexxi 'l quddiem l-aġenda tal-iżvilupp sostenibbli (ukoll fil-kuntest tal-pandemija COVID-19).

Finalment, ta' min isemmi li Malta bħalissa qiegħda fit-33 post minn 163 pajjiż fl-indiċi tal-SDG's tan-Nazzjonijiet Uniti. Dan mhuwiex b'kumbinazzjoni imma riżultat tal-ħidma kontinwa tal-Gvern fil-qasam ekonomiku, soċjali u ambjentali.

# IMPLIMENTAZZJONI B'SAHHITHA

Is-Servizz Pubbliku jaħdem ta' kuljum biex il-miżuri li jkun ħabbar il-Gvern fil-Baġit tiegħu jressaqhom minn fuq il-karta għar-realtà. B'hekk, permezz tal-ħidma tas-Servizz Pubbliku, il-kwalità tal-ħajja titjieb għaċ-ċittadini Maltin u Għawdxin kollha.

Ix-xogħol tas-Servizz Pubbliku jibqa' għaddej bla heda matul is-sena kollha. Iċ-ċiklu tal-Baġit jinvolvi ppjanar, laqgħat u studji biex jitressaq il-baġit. Imma fuq kollox, mill-għada stess tal-Baġit, jibda x-xogħol relatat mal-implimentazzjoni fejn kull miżura tiġi nnumerata, irreġistrata f'sistema apposta u titqassam lis-Segretarju Permanenti relatat magħha. Dan iwassal għal tfassil ta' pjan ta' ħidma għal kull miżura biex hekk kif il-pjan jiġi aċċettat, tibda l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ.

Dawn li ġejjin huma fost il-miżuri li twettqu matul din is-sena u jinkludu wkoll miżuri minn baġits preċedenti li ġew implimentati matul din is-sena.

F'sena li rat il-pandemija ttaffi sew u ħafna reġgħu lura għall-ħajja li kienu mdorrijin biha qabel l-imxija, il-Gvern xorta baqa' għaddej bil-ħidma biex iżomm il-COVID-19 taħt kontroll. Fuq bażi regolari, inħarġu avviżi mill-awtoritajiet tas-saħħa sabiex tittieħed il-booster tal-vaċċin kontra l-Covid-19, speċjalment għal dawk il-persuni bl-akbar riskju li jkollhom kumplikazzjonijiet jekk jieħdu l-infezzjoni. Għaldaqstant il-ħidma mil-lat ta' xiri tal-vaċċini, tal-ilbies protettiv għall-ħaddiema tal-qasam tas-saħħa u l-preparazzjoni ġenerali tas-servizzi tas-saħħa sabiex pajjiżna jkun lest għal kull eventwalità ssoktat sabiex inkomplu nżommu lill-poplu Malti u Għawdxi b'saħħtu.

## Saħħa u Kura fil-Komunità

Issokta l-programm ta' rinovar taċ-Ċentri tas-Saħħa u l-bereġ madwar Malta u Għawdex sabiex ikomplu jsiru aktar aċċessibbli u addattati għaż-żminijiet tal-lum. Din is-sena nfetaħ uffiċjalment iċ-Ċentru tas-Saħħa kompletament rinovat tal-Gżira, filwaqt li nfetħu bereġ ġodda fil-Ħamrun, f'Wied il-Għajn u f'Ħal Tarxien.





L-investiment fl-introduzzjoni ta' mediċini ġodda fuq il-formularju tal-Gvern baqa' wieħed impenjattiv u konsistenti. Fl-2022 iddaħħlu numru ta' mediċini ġodda fosthom għall-kundizzjonijiet tal-ġilda, għall-fibromajalġja, għall-immunità baxxa u għaċ-ċirkolazzjoni tad-demm ta' madwar il-qalb. Uħud minn dawn il-mediċini affettwaw ftit għexieren ta' pazjenti li se jiffrankaw l-eluf ta' ewro fix-xahar, oħrajn se jaffettwaw eluf ta' persuni. B'kollox ibbenefikaw 'il fuq minn 9,000 pazjent ġdid, li jingħaqdu mal-lista ta' eluf ta' pazjenti oħra li huma intitolati għall-mediċini b'xejn anke permezz tas-servizz tal-Ispiżjar tal-Għażla Tiegħek.

Fl-istess waqt kompla l-investiment fil-kura tas-saħħa primarja, sabiex iżjed pazjenti jirċievu iżjed servizzi aktar qrib tagħhom. Tul din is-sena ddaħħlu servizzi ġodda tad-dijabete, tal-abdominal aorta aneurysm screening, tal-podjatrija u tal-ortopedija, fost oħrajn.

Qed issir ħidma biex jiżdiedu s-servizzi offruti mill-Isptar Monte Karmeli, f'impenn ċar tal-Gvern favur is-saħħa mentali. Beda jingħata s-servizz ta' Crisis Resolution and Home Treatment fid-dar tal-pazjent jew mill-isptar stess, skont il-bżonn ta' kura li jkun jeħtieġ il-pazjent. Bl-istess mod, għaddejjin ukoll diversi proġetti infrastrutturali u ta' rinovazzjoni fil-binja tal-istess sptar sabiex il-pazjenti li jkollhom problemi akuti jirċievu l-kura f'ambjent modern.






Din is-sena, kompla jiġi estiż il-programm tar-Remote Patient Monitoring għall-pazjenti bid-dijabete. Dan issa jkopri l-etajiet mit-twelid sa żgħażagħ ta' wieħed u għoxrin sena. Dan il-proġett kien beda bħala proġett pilota fost tfal ta' taħt is-sittax-il sena li jbatu mid-Dijabete tat-Tip wieħed, li permezz tiegħu kellhom monitoraġġ kontinwu u regolari tal-livell taz-zokkor. Eventwalment, il-ħsieb hu li jkopri lil kull min ikollu din il-kundizzjoni f'pajjiżna.

Ġiet ippubblikata wkoll l-Istrateġija u Pjan ta' Azzjoni għall-Prevenzjoni u t-Trażżin ta' Antimikrobiċi Reżistenti għas-snin 2020 sal-2028. L-antibijotiċi jsalvaw diversi ħajjiet u jikkontribwixxu għall-kontroll ta' mard infettiv li qabel kien jikkawża l-imwiet. Madankollu, dan il-"miraklu mediku" jissogra li jinbidel f'theddida, għaliex użu eċċessiv u mhux xieraq tal-antibijotiċi rriżulta fl-iżvilupp tar-Reżistenza Antimikrobika (AMR) madwar id-dinja. Minħabba dan, tnediet din l-istrateġija li tiddeskrivi azzjonijiet ewlenin u oqsma prijoritarji li se jiġu indirizzati għall-prevenzjoni u t-trażżin tar-Reżistenza Antimikrobika f'Malta fis-snin li ġejjin. Din l-istrateġija tiffoka fuq titjib fis-sorveljanza, miżuri ta' ġestjoni għall-użu xieraq tal-antibijotiċi, prevenzjoni u kontroll ta' infezzjonijiet kif ukoll edukazzjoni u riċerka.



## Ekonomija, Negozju u Kummerċ

Ma setax jonqos li hekk kif il-pajjiż irpilja mill-pandemija, l-attenzjoni ddur fuq l-irkupru ekonomiku. Dan is-settur huwa wieħed mill-iktar muturi importanti biex jassigura livell għoli ta' għajxien għal kulħadd.



Fost oħrajn, permezz ta' numru ta' skemi mħaddma mill-Malta Enterprise, il-pajjiż kompla jsostni lill-industrija b'mod qawwi. Ġiet estiża l-iskema tas-sussidju fuq il-kera fuq numru akbar ta' negozji eleġibbli. Dan wassal biex ittaffew l-ispejjeż li ffaċċjaw numru ta' importaturi u negozji f'pajjiżna minħabba ż-żieda internazzjonali fil-prezzijiet tat-trasport. L-iskema, indirizzata għal negozji ta' manifattura, servizzi ta' inġinerija u oħrajn li jirrekjedu spazji għal ħażna temporanja, toffri għajnuna sa massimu ta' €75,000 fuq tliet snin konsekuttivi u tkopri sa nofs l-ispiża tal-kirja f'kull każ.

FL-istess waqt, ġew introdotti inċentivi fiskali biex jiġu appoġġjati aktar investimenti innovattivi, ekoloġiċi u diġitali min-negozji, kif ukoll investimenti fil-qasam soċjali.  Fi Frar 2022, tnediet l-iskema Smart and Sustainable Investment Grant, li fost oħrajn toffri assistenza finanzjarja u fiskali lil negozji għal investimenti sostenibbli dwar diversi aspetti bħall-użu aħjar ta' riżorsi, l-użu aħjar tal-ilma, u biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju. Din l-iskema issa ġiet estiża sa Novembru 2023.

Skema oħra msemmija fl-aħħar baġit u ġiet attwata hija ċ-Change to Grow, li tippromwovi proċessi ta' tibdil għal tkabbir ta' negozji b'operat u sostenibilità aħjar, permezz ta' ristrutturar u użu ta' teknoloġija ġdida addattata, fejn din inżammet miftuħa sa Ottubru.

Però mhux il-preżent biss. B'kollaborazzjoni bejn il-Malta Enterprise u l-Università ta' Malta, tnieda Seed Fund bil-għan li riċerkaturi u imprendituri li għandhom ideat innovattivi u sostenibbli jiksbu l-appoġġ finanzjarju biex jiżviluppaw dawn l-ideat. Din l-iskema ddaħħlet bħala parti mill-iskema Business Start (BSTART), wara li nkisbet l-approvazzjoni dwarha mill-Istate Aid Monitoring Board (SAMB). Skema miftuħa sal-aħħar tas-sena 2023, u qed toffri inċentiv fil-forma ta' għotja sa massimu ta' €200,000 għal start-up ta' negozju ġdid.

## Pulizija, Ġustizzja u Difiża

Illum kulħadd jista' jinnota li l-investimenti kbar li qed isiru fuq il-korp tal-Pulizija qed iħallu frott mixtieq. Mhux investiment f'qasam wieħed imma fi 360 grad, imiss ma' kollox – fi strateġija tat-trasformazzjoni li fiha qed isir investiment fl-infrastruttura, f'apparat speċjalizzat, vetturi ġodda u riżorsi umani.

Fir-rigward tas-sigurtà tal-pajjiż, inxtraw vetturi relatati ma' border management tal-pajjiż fil-forma ta' erba' 4x4 Pick-up trucks.



Matul din is-sena, kompla t-taħriġ estensiv għall-membri tal-Korp fil-gradi ta' kuntistabbli u surġent. Dawn komplew jingħataw taħriġ sostanzjali perjodikament. Dan jinkludi taħriġ ġeneriku bħal dak li jingħata fl-in-service course li jinkludi tagħlim relatat mal-operat bażiku tal-pulizija bħal sparar u control and restraint, kif ukoll tagħlim akkademiku bħal dak ta' proċedura kemm investigattiva kif ukoll ta' prosekuzzjoni u xogħol relatat mal-qrati. Flimkien ma' dan jingħata ammont sostanzjali ta' taħriġ speċjalizzat lill-uffiċjali f'dawn il-gradi relatati mas-sezzjoni jew skwadra li jifformaw parti minnha.

Kompla l-proġett ambizzjuz tal-community policing li verament qed tqarreb lill-Pulizija lejn in-nies. Il-proċess tal-community policing jinkludi integrazzjoni tal-uffiċjali bħala tim fosthom permezz ta' taħriġ speċjalizzat ġewwa l-Akkademja tal-Korpi Dixxiplinati f'Ta' Kandja.

Hekk kif jitlesta t-taħriġ kollu allokat jibda l-proċess ta' area mapping, fejn fiha l-uffiċjal jistabbilixxi dawk l-akkwati ġewwa l-lokalità assenjata lilu fejn hemm bżonn issir ir-ronda, kif ukoll jiġu identifikati dawk il-postijiet importanti għall-komunità fejn jiffrekwentaw ir-residenti. Dan il-proċess iwassal sabiex l-uffiċjal, jifhem aħjar il-bżonnijiet tal-lokalità, filwaqt li jesperjenza kuntatt dirett mar-residenti waqt attivitajiet diversi.

Il-Kunsill Lokali jibqa' stakeholder prinċipali u għalhekk saru wkoll diversi laqgħat sabiex jiġu addottati l-aqwa rotot skont l-eżiġenzi dinamiċi li jqumu minn żmien għal ieħor.

Żewġ lokalitajiet li bdew jibbenifikaw minn community policing minn din is-sena huma Tal-Pietà u Santa Venera. Madankollu qed titkompla l-ħidma biex l-community policing jibda jitħaddem ukoll mill-Imsida, Ħaż-Żebbuġ, il-Gżira, il-Mosta, l-Imġarr, San Ġwann, ix-Xgħajra u Ħaż-Żabbar.

Il-Korp tal-Pulizija jindirizza l-kriminalità u s-sigurtà b'mod ħolistiku. Hekk kif twiegħed fil-Baġit, l-Aġenzija għas-Sapport tal-Vittmi kompliet tiġi msaħħa u kompliet ittejjeb is-servizzi tagħha fl-oqsma tad-drittijiet lill-vittmi. Din is-sena, l-aġenzija kompliet il-ħidma tagħha bħala l-'One Stop Shop' Nazzjonali għall-vittmi tal-kriminalità u bdiet eżerċizzju sabiex twassal is-servizz viċin tal-utent tas-servizz permezz tat-twaqqif ta' ċentri reġjonali fin-Nofsinnhar ta' Malta, kif ukoll f'Għawdex. L-ewwel ċentru ġie inawgurat f'Santa Luċija bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija u minn hemm beda jopera s-servizz ta' sapport emozzjonali, kif ukoll gwida legali.

Ix-xogħol issokta billi s-servizz ġie estiż għal Għawdex, fejn ġie identifikat Ċentru fix-Xewkija bil-kollaborazzjoni tal-FSWS Gozo. Saru numru ta' laqgħat ma' entitajiet u organizzazzjonijiet f'Għawdex sabiex l-Aġenżija tkun tista' tifhem aħjar ir-realtajiet f'Għawdex u tgħin lil vittmi tal-Kriminalità. Sa mit-twaqqif tagħha, l-Aġenżija assistiet 1117-il vittma fl-2021 u 'l fuq minn 1000 vittma din is-sena.




Sadanittant, l-Aġenżija kompliet tinvesti fil-kapaċità interna tagħha permezz tar-reklutaġġ ta' professjonisti ġodda fil-qasam legali u dak psiko-soċjali. Sar ukoll xogħol relatat ma' kampanji ta' għarfien u sessjonijiet ta' informazzjoni sabiex il-pubbliku u l-professjonisti jkunu infurmati aħjar u kif ukoll, l-Aġenżija ospitat ġewwa pajjiżna konferenza Ewropea dwar il-Vittmi tal-Kriminalità.




Kompla wkoll ix-xogħol ta' kollaborazzjoni ma' entitajiet oħra, permezz tal-iffirmar ta' MoU ma' entitajiet pubbliċi u għaqdiet mhux governattivi. Ftehim bħal dawn jgħinu sabiex ikun hemm sistema ta' riferiment komuni u l-vittma tkun tista' tingħata assistenza b'mod immedjat u effiċjenti.



Fid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, kompla investiment solidu li kompla jibni fuq dak li sar fis-snin preċedenti. Rankatura li ma waqfitx biex f'dawn l-aħħar snin, id-Dipartiment qed jikkonsolida ruħu b'riżultati eċċezzjonali. Qed naraw li kull entità li hija responsabbli mis-sigurtà nazzjonali tkun imħejjija bl-aħjar mod possibbli biex flimkien ikunu kapaċi jaffaċċjaw l-isfidi li għandu l-pajjiż.

Il-bini għoli jġib miegħu sfidi ġodda mill-aspett ta' sigurtà u d-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili addatta għal din ir-realtà wkoll.

Dan permezz ta' xiri ta' inġenji ġodda fosthom trakk imsejjaħ Hydraulic Platform, li jlaħħaq għoli ta' 70 metru. Dan huwa l-akbar trakk tal-flotta u ser jgħin lid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili f'ħidmietu meta tinqala' emerġenza f'bini għoli ħafna.

## Edukazzjoni

Fl-edukazzjoni, ġew implimentati l-wegħdiet li saru lill-istudenti kollha dwar l-istipendji, fejn aktar minn 15,000 student ibbenifika minn żieda ta' 10%. Apparti minn hekk, sar it-tibdil neċessarju fl-avviż legali, biex b'hekk studenti li jaħdmu sa massimu ta' 25 siegħa fil-ġimgħa wkoll bdew jieħdu l-istipendju. Din il-miżura daħlet fis-seħħ b'mod retroattiv mill-1 ta' Ottubru 2021.

Minn dawn il-15,000 student hemm 1,600 student li ġew identifikati li għaddejjin minn żminijiet diffiċli u qed jiffaċċjaw diffikultajiet finanzjarji jew soċjali. Għaldaqstant, dawn qed jibbenifikaw minn żieda oħra ta' 10% fl-għoti tal-istipendju supplimentari.

Fl-edukazzjoni wkoll daħlet fis-seħħ il-liġi ġdida li tirregola u tkompli ssaħħaħ l-istatus tal-edukaturi professjonali bħal KGEs u LSEs. Dan irrispettivament f'liema livell jaħdmu.

## Ambjent, Biedja u Sajd

Fl-ambjent ġie mwettaq il-pjan integrat għall-konservazzjoni tal-widien. Dan il-pjan, b'mod ħolistiku, se jara li l-widien mhux biss jitnaddfu imma jiġu żviluppati f'ċentri ta' rikreazzjoni li jagħtu informazzjoni dwar il-karatteristiċi naturali tal-ambjent rurali ta' pajjiżna.

Permezz ta' Ambjent Malta saru xogħlijiet ta' tisbiħ f'numru ta' ġonna. Wieħed mill-ġonna li ġie rinovat hu Ġnien Belveder fil-Marsa. Fih saru xogħlijiet relatati mal-pavimentar, u xogħol strutturali bħall-ġiebja, restawr tal-funtana, servizzi ta' dawl u ilma, pajsaġġi (inkluż tħawwil ta' madwar 750 siġar u arbuxelli, kif ukoll fjuri), installazzjoni tar-railing, għamara tal-ġonna (inklużi bankijiet u bramel tal-iskart) u sistema tas-CCTVs. Dan ix-xogħol tlesta kollu sa Marzu 2022.








Ambjent Malta kompliet għaddejja bi proġetti oħra fosthom ta' installazzjoni ta' ġonna vertikali ħodor. Wieħed minn dawn il-ġonna ġie installat fl-iskola Saint Thomas Moore fil-Ħamrun. Dan il-proġett ta' Green Wall jinkludi installazzjoni tal-istruttura tal-ħajt fornuta b'sistema tal-irrigazzjoni u b'560 pjanta mħawlin fiha.



F'Jannar ta' din is-sena ġie implimentat titjib fil-Hard Standing Facility f'Marsaxlokk għall-benefiċċju tas-sajjieda. Hawnhekk twettaq titjib notevoli fil-proviżjoni tas-servizz li l-klijenti jirċievu. Fost investiment li sar sabiex wieħed jassigura li s-sit huwa konformi mar-regoli tas-saħħa u s-sigurtà, sar ukoll titjib fis-sistemi sanitarji tal-faċilità għas-servizz tas-sajjieda li jkunu fil-Hardstanding, ġiet ipprovduta kċina għall-użu tal-klijenti, twaħħlu sistemi ta' sigurtà mal-faċilità kollha, kif ukoll ġew mixtrija kontenituri apposta sabiex iż-żejt iġġenerat mix-xogħol tal-faċilità jiġi merfugħ u mormi b'mod sigur, b'ħarsien totali lejn l-ambjent ta' madwarna. Flimkien ma' dan, saru diversi xogħoijiet ta' manutenzjoni, sar ingaġġiment ta' iktar sewwieqa tal-krejnijiet tal-ġbid biex is-sajjieda jkunu moqdija bl-aħjar mod possibbli, kif ukoll twaħħil ta' għodod u tagħmir sabiex ix-xogħol f'din il-faċilità jkun jista' jitwettaq bl-aħjar mod possibbli.

Fis-settur tal-biedja lokali, ġiet organizzata l-ewwel edizzjoni tal-'Malta AgriFair' biex isservi ta' vetrina għal dan il-qasam. Din saret bejn l-20 u t-22 ta' Mejju 2022 fl-MFCC f'Ta' Qali u għaliha attendew aktar minn 30,000 persuna. Il-Malta AgriFair 2022 tefgħet l-attenzjoni mistħoqqa fuq il-prodotti lokali, makkinarju, sistemi, u żviluppi teknoloġiċi fis-settur agrikolu u dak tas-sajd. B'hekk, il-komunità ta' bdiewa ħabrieka, is-sajjieda, u l-partijiet interessati l-oħra kollha tal-industrija ngħataw ir-rikonoxximent li jistħoqqilhom.



F’din il-fiera ħadu sehem ’il fuq minn 40 esebitur. Dawk li attendew kellhom l-opportunità li jiffamiljarizzaw ruħhom aħjar mal-kunċett ta’ ‘Farm to Fork,’ peress li s-sistema tal-katina tal-ikel, tal-produzzjoni, il-ħsad, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-konsum tal-ikel kienet qed tintwera b’mod viżwali, innovattiv u interattiv ħafna. Fil-fiera wieħed kellu l-opportunità li jgawdi sezzjoni sħiħa ta’ annimali indiġeni Maltin, kif ukoll żewġ kompetizzjonijiet ta’ annimali tar-razzett differenti.

## Enerġija

Fil-qasam tal-enerġija, kompliet ħidma imprezzabbli favur enerġija sostenibbli. Il-Gvern kompla jgħin investimenti f’pannelli fotovoltajiċi flimkien ma’ batteriji għall-ħazna tal-enerġija. Kompla jgħin ukoll permezz ta’ għotjiet fuq restawr ta’ bjar domestiċi, u għotjiet fuq ix-xiri ta’ solar water heaters u heat pump water heaters.



L-Aġenzija dwar l-Enerġija u l-Ilma, min-naħa l-oħra kompliet toffri house visits b’xejn biex familji l-aktar vulnerabbli jiġu ggwidati kif inaqqsu l-konsum żejjed ta’ dawl u ilma, u jżidu l-użu effiċjenti. Dan huwa abbinat ma’ kampanja informattiva dwar teknoloġiji effiċjenti għall-użu fid-djar, b’aktar informazzjoni ta’ x’qed joffri l-Gvern.

Id-Direttorat tal-Iżvilupp Sostenibbli qassam starter kits bi prodotti essenzjali magħmula b’materjali sostenibbli għal trabi lil ġenituri li jkollhom wild ġdid. Dawn il-kits se jibqgħu jitqassmu matul is-sena kollha.




Huwa stmat li sal-aħħar ta’ din is-sena se jkunu tqassmu 4,000 kit.


water



Fil-qasam tal-produzzjoni tal-ilma, bdiet topera l-ewwel reverse osmosis iddisinjata mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ġewwa Ħondoq ir-Rummien b'investiment ta' madwar €11-il miljun.

Dan l-impjant għandu kapaċità li jipproduċi 9,000 metru kubu ta' ilma tajjeb għax-xorb kuljum u hu mgħammar b'pompi energy efficient.



Din is-sena tlesta wkoll it-tisħiħ tal-impjant għat-tisfija tad-drenaġġ f'Sant'Antnin hekk kif kien imwiegħed fil-Baġit.



Wasteserv, min-naħa l-oħra rnexxilha tintroduċi l-kunċett ta' "Reuse Centres" fiċ-ċentri tal-iskart goff li se jippermettu l-użu mill-ġdid ta' oġġetti bħal ġugarelli, ċeramika, kotba u għamara, fost oħrajn.

L-ewwel ċentru ta' dan it-tip infetaħ f'Ħal Far imma jinsabu għaddejjin preparamenti wkoll biex anke fiċ-ċentri tal-Imrieħel, Ħal Luqa u x-Xewkija f'Għawdex jiġu introdotti dawn iċ-ċentri. Din kienet waħda mill-akbar inizjattivi f'pajjiżna sabiex f'pajjiżna jibda jitħaddem il-kunċett ta' ekonomija ċirkulari.

## Infrastruttura u Trasport

Fl-infrastruttura, l-aktar proġett importanti li sar kien bla dubju l-proġett tas-Central Link. Il-proġett fittex li jottimizza l-pjanijiet inklużi fil-Pjan Lokali taċ-Ċentru ta' Malta tal-2006 sabiex jitneħħew il-konġestjonijiet eżistenti u jsolvu l-konġestjonijiet tul parti mir-Rotta 7 tan-netwerk komprensiv tat-toroq TEN-T. L-iskema fittxet ukoll li żżid infrastruttura ġdida għall-passiġġieri li jagħmlu użu mit-trasport pubbliku u minn mezzi alternattivi ta' trasport. L-għanijiet tal-proġett kienu li jitnaqqas il-ħin tal-ivvjaġġar tal-utenti tat-triq u l-kjuwijiet tat-traffiku tul ir-rotta, billi tittejjeb il-kapaċità tat-toroq eżistenti, jiġu introdotti links, u jiġu ddisinjati mill-ġdid il-junctions.








Sar xogħol f'madwar 1000 triq li permezz ta' hekk qed ikun hemm ambjent residenzjali aħjar u toroq siguri li huma aċċessibbli għall-poplu kollu kif ukoll b'servizzi ġodda. Bħala parti mill-pjan li jkollna infrastruttura sostenibbli, fil-proġetti tat-toroq qed jiġu inkorporati l-bini ta' bankini wesgħin, pontijiet u korsiji dedikati għall-użu tar-roti.


60
60
SLOW
SLOW

Id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi wkoll kellu sena impenjattiva. Hekk kif imwiegħed fil-Baġit, intensifikat il-ħidma biex ikunu kompluti diversi fażijiet mill-proġett massiv tal-Park Nazzjonali ġewwa Ta' Qali. Fost oħrajn sar xogħol f'dak li hu msejjaħ bħala l-Ġnien Formali ta' dan il-park.

Fost ix-xogħlijiet, sar paviment ġdid u modern li jkopri medda ta' aktar minn 26 elf metru kwadru, u tisbiħ ta' żoni oħra bit-tħawwil ta' siġar, arbuxelli, pjanti u turf. Ġiet rinovata sistema ta' ġbir tal-ilma tax-xita u sar ir-restawr u t-tindif tal-ġibjuni, filwaqt li ġiet installata sistema moderna ta' irrigazzjoni. Inħolqot żona ġdida għal esebizzjonijiet tal-arti kif ukoll installazzjonijiet artistiċi.

Ġew modernizzati l-faċilitajiet sanitarji kollha, u saru sistemi ġodda għalihom, filwaqt li ġiet rinovata mill-ġdid il-funtana prinċipali. Sar dħul ġdid għal dan il-post u ġew installati dwal moderni u intelliġenti li jikkunsmaw inqas, kif ukoll twaħħlet għamara ġdida u moderna ta' barra. Ġew installati sistemi ġodda ta' CCTV li jkopru l-park kollu sabiex tiġi aċċertata sigurtà massima għal kulħadd kif ukoll biex jiġu evitati atti vandali.





Fost xogħlijiet oħra li twettqu mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi hemm manteniment ta' strutturi li jmissu mal-baħar. Din is-sena tlesta l-bini mill-ġdid ta' skall u estensjoni ta' moll fl-inħawi ta' Għajn Żejtuna, il-Mellieħa. Dawn ix-xogħlijiet saru peress li l-iskall eżistenti kellu diversi ħsarat kif wkoll biex titjieb din il-faċilità li tintuża minn ħafna sajjieda u sidien ta' opri tal-baħar. Ix-xogħlijet kienu jikkonsistu fi skavar tal-iskall l-antik, il-bini mill-ġdid ta' dan l-iskall estiż 'il barra fil-baħar u l-estensjoni tal-moll b'7.5m 'il barra minn dak eżistenti. Finalment ingħata wiċċ ġdid tal-konkos fuq il-moll l-antik u ġew installati ħoloq għall-irmiġġ tad-dgħajjes madwar dan il-moll.

Rigward it-trasport, kompliet l-imbuttatura b'saħħitha biex il-poplu jkun inċentivat jixtri vetturi ġodda li ma jniġġsux. Fil-fatt, din l-iskema żdiedet bi €3,000 – minn €8,000 għal €11,000 u titla' sa €12,000 f'każ li tiġi użata l-iskema tal-iskrappjar tal-vetturi wkoll.

Il-fondi maħduma għal din l-iskema jammontaw għal €3,400,000.

Kien hemm skemi oħra li għal din is-sena reġgħu ġew estiżi hekk kif imwiegħed fl-aħħar baġit. Fost oħrajn l-iskema li tinċentiva x-xiri ta' muturi u scooters b'baġit total allokat ta' €370,000, u l-għotja għal min jaqleb il-vettura tiegħu biex taħdem bil-gass minflok bil-petrol (baġit ta' €60,000). Iġġeddet ukoll l-iskema għal vetturi aċċessibbli b'siġġu tar-roti li jintużaw għall-ġarr ta' passiġġieri bil-kiri jew b'kumpens. Dan l-inċentiv finanzjarju kien maħsub biex jippromwovi aktar l-użu ta' vetturi aċċessibbli għas-siġġijiet tar-roti għat-trasport tal-passiġġieri, u huwa mmirat lejn sidien ta' taxis u operaturi oħra.

Din is-sena tnedew żewġ skemi ġodda. Waħda li tħajjar sidien ta' minibuses, coaches u trakkijiet biex jinstallaw pannelli fotovoltajiċi u jingħataw sa €900 u skema oħra li tħajjar lill-istess operaturi biex inaqqsu l-emissjoni tad-duħħan mill-vetturi tagħhom permezz ta' installazzjoni ta' filtri tal-partikuli tad-diżil (DPF) u ta' sistemi ta' tnaqqis katalitiku selettiv (SCR). Dawn iż-żewġ skemi għandhom baġit totali ta' €200,000.

Mill-1 t'Ottubru 2022, it-Trasport Pubbliku għal kull Malti u Għawdxi u nies residenti f'pajjiżna, sar mingħajr ħlas. Din kienet miżura kemm b'impatt soċjali kif ukoll ambjentali, bl-għan biex aktar nies jagħmlu użu mit-trasport pubbliku u konsegwentament, timmira wkoll li tnaqqas l-ammont ta' vetturi fit-toroq. Din il-miżura kellha soft launch fl-aħħar ta' Awwissu 2022 fejn persuni li diġà kienu jibbenefikaw mit-trasport pubbliku b'xejn iddaħħlu fuq is-sistema l-ġdida, u b'hekk ma kellhomx aktar bżonn li jitfgħu l-flus fil-kard tagħhom sabiex jivvjaġġaw. Mill-1 ta' Ottubru 2022, is-servizz tat-Trasport Pubbliku beda jibda jiġi provdut b'xejn. Dan japplika fuq ir-rotot kollha tal-ġurnata, ta' matul il-lejl u servizzi speċjali oħrajn offruti minn Malta Public Transport.



## Turiżmu

Għalkemm meta tressaq il-Baġit għal din is-sena s-sitwazzjoni tal-pandemija kienet għadha fluwida ħafna, l-ippjanar u d-deċiżjonijiet "għal wara l-pandemija" baqgħu għaddejjin. Fil-Baġit tħabbar li t-turiżmu se jibqa' settur ieħor ta' investiment kbir speċjalment biex nirkupraw dak li tlifna bil-Covid. L-Awtorità Maltija għat-Turiżmu ġiet fdata biex tfittex rotot ġodda u linji tal-ajru jerġgħu jibdew jiġu mħajra jżidu r-rotot tagħhom minn u lejn Malta.

Dan fid-dawl li Malta għandha dipendenza ta' madwar 98% fuq il-konnettività bl-ajru sabiex tattira t-turisti lejn ix-xtut tagħha.

Matul l-aħħar xhur saru diversi diskussjonijiet mal-linji tal-ajru kollha li kienu joperaw lejn Malta qabel l-2020, kif ukoll ma' linji tal-ajru oħrajn li qatt ma operaw lejn Malta, sabiex tiġi maħluqa mill-ġdid il-konnettività bl-ajru.  Saru laqgħat matul fieri speċjalizzati tal-avjazzjoni, matul fieri għall-industrija turistika kif ukoll laqgħat fl-uffiċini ta' linji tal-ajru kkonċernati. B'riżultat ta' dan ix-xogħol, nistgħu ngħidu li matul l-istaġun tas-sajf 2022, irnexxielna nirkupraw madwar 85% tal-konnettività li kellna matul is-sajf tal-2019.  Dan kollu fl-isfond tal-kriżijiet u problemi li qegħdin jaffaċċjaw ajruporti u linji tal-ajru barranin minħabba n-nuqqas kbir ta' impjegati li għandhom wara li kienu bosta li marru jaħdmu f'setturi oħra matul is-snin tal-pandemija.

Matul is-sena saret ħidma kbira wkoll biex lit-turist mhux biss inħajruh jiġi Malta imma li f'pajjiżna jsib attivitajiet ta' kwalità. L-industrija tal-films baqgħet fuq quddiem anke matul din is-sena u tibqa' niċċa turistika interessanti.

F'dan ir-rigward, f'Jannar 2022 ittellgħet l-ewwel edizzjoni tal-Malta Film Week li fiha kienet tinkludi l-Malta Film Awards bħala l-avveniment ewlieni li laħaq il-qofol ta' dil-miżura. Matul il-Malta Film Week, kien hemm diversi diskussjonijiet, konferenzi u masterclasses dwar il-passat, il-preżent u l-futur tal-industrija tal-films Maltija. Dawn saru bil-parteċipazzjoni ta' diversi diretturi u produtturi tal-films kif ukoll akkademiċi u kritiċi tal-industrija.

Il-Malta Film Awards saret fid-29 ta' Jannar f'Dar il-Mediterran għall-Konferenzi u ġiet preżentata minn David Walliams; attur, awtur u personalità televiża Ingliż. Waqt l-avveniment spettakolari, ġew preżentati numru ta' awards għat-22 kategorija differenti.

## Ħarsien Soċjali

Minn din is-sena, il-ħaddiema li huma impjegati mal-kuntratturi li jipprovdu xogħol lis-settur pubbliku, il-Gvern ser ikun qed iħallas doppju għas-sigħat ta' xogħol li jinħadmu fi Ħdud. Dan permezz ta' ċirkolari maħruġa mid-Dipartiment tal-Kuntratti. B'hekk kompliet il-battalja kontra l-prekarjat u biex kull min jaħdem u jagħmel xogħol tajjeb, jitħallas kif suppost.

Fl-ewwel jiem tas-sena bdew diskussjonijiet fuq livell ta' MCESD, sabiex pajjiżna jkun f'pożizzjoni li jimplimenta d-direttiva tal-Unjoni Ewropea fuq il-parental leave u l-work-life balance. Inbeda mill-ewwel proċess biex jiġi ppreparat l-Impact Assessment Framework u d-drafting tal-liġi proposta li tittrasponi din id-Direttiva fil-liġi Maltija. Finalment, din il-liġi ddaħħlet f'pajjiżna fl-1 ta' Awwissu ta' din is-sena.

Din is-sena rajna wkoll ammont kbir ta' miżuri li ttieħdu biex filwaqt li jiġi inċentivat ix-xogħol, il-familji Maltin u Għawdxin igawdu minn kwalità ta' għajxien aħjar.

Mill-bidu tas-sena, daħal fis-seħħ Avviż Legali 68 fejn tnaqqset ir-rata tat-taxxa lil dawk il-ħaddiema li l-paga bażika tagħhom ma teċċedix €20,000 fis-sena u li ma għandhomx pożizzjoni maniġerjali, u li issa bdew jiġu intaxxati bil-15% fuq l-ewwel €10,000 dħul mill-overtime.



Il-Baġit għal din is-sena kien jaħseb biex jiżdiedu l-pensjonanti kollha tas-sigurtà soċjali: tal-irtirar, tar-romol, tal-invalidità u dawk li jirċievu l-pensjoni mhux kontributorja tal-età.
Fil-qasam soċjali, kien hemm aktar miżuri li kollha twettqu u li jkompli jindika kemm il-ġid mhux biss jiġi maħluq, imma li jitqassam b'mod ekwu u ġust. Fost il-miżuri li twettqu kien hemm:

- Iż-żieda fl-Għajnuna tas-Supplimentari lil persuni miżżewġa jew koppji li d-dħul tagħhom fl-2022 ma jaqbiżx l-€14,318 u li issa qed jirċievu żieda fil-benefiċċju li tvarja bejn €3.47 u €6.50 fil-ġimgħa skont id-dħul tagħhom.

- Żieda fl-Għajnuna tas-Supplimentari lil persuni waħidhom, inkluż romol, li d-dħul tagħhom fl-2022 ma jaqbiżx l-€10,221 u li ħadu żieda ta' bejn €4.10 u €5.00 fil-ġimgħa.

- Ġiet aġġustata r-rata tal-pensjoni tar-romol biex tkun l-istess bħal tal-konjuġi tagħhom meta jiġu nieqsa u sussegwentement jibqgħu jieħdu ż-żidiet kollha mogħtija mill-Gvern.

- Żdiedet għal darb'oħra b'€200 l-ammont ta' pensjoni tas-servizz li jiġi injorat fl-assessjar tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali biex b'hekk is-somma eżentata telgħet għal €3,066.

- Dawk il-pensjonanti tas-servizz li għandhom aktar minn 72 sena jew li matul dis-sena jagħlqu 72 sena qegħdin igawdu minn aktar titjib fil-pensjoni tas-sigurtà soċjali tagħhom billi l-parti li jkunu kkommutaw biex jieħdu s-somma qed tkun injorata kollha.

- B'mod gradwali, minn din is-sena, il-bonus għall-għoli tal-ħajja ser jibda jitħallas sħiħ lill-pensjonanti kollha li rtiraw wara l-2008.

Apparti minn dan kollu, ġiet implimentata żieda ta' €150 fil-bonus annwali għal persuni li laħqu l-età tal-irtirar iżda ma jikkwalifikawx għall-pensjoni għax ma kellhomx biżżejjed kontribuzzjonijiet.

Għall-pensjonanti, kien ġie mwiegħed li f'temp ta' ħames snin, id-dħul mill-pensjoni mhux ser jibqa' jiġi kkalkulat bħala dħul għal fini tat-taxxa. Din il-miżura twettqet wara li tlesta l-qafas tal-abbozz u saru d-diskussjonijiet interni meħtieġa biex f'Marzu ġie ppubblikat l-Avviż Legali (LN 98/2022). B'hekk, is-sena d-dieħla, 20% tad-dħul mill-pensjoni mhux se jkun intaxxat, sal-2024 dan se jitla sa 40%, sal-2025 se jitla' 60%, sal-2026 sa 80% u sas-sena 2027 u s-snin sussegwenti titla' għal mija fil-mija.

Anzjani ta' 80 sena jew aktar li jirċievu l-Għajnuna Supplimentari ser jibdew ikunu eliġibbli awtomatikament għall-għajnuna medika bla ħlas, jew il-Karta r-Roża kif inhi aktar magħrufa. Dan ser jibda jsir mingħajr il-ħtieġa li dawn l-anzjani joqogħdu għat-test tal-mezzi.

Ġiet introdotta proċedura ġdida sabiex persuni li ma jkollhomx indirizz fiss u li jkunu qed jingħataw servizz professjonali mill-FSWS, jibdew jingħataw taħt skrutinju kontinwu l-Għajnuna Soċjali sabiex jiġu megħjuna aħjar fil-ħtiġijiet tagħhom sakemm jidħlu fid-dinja tax-xogħol u sabiex eventwalment ikollhom fejn jgħixu.

Persuni li ħallsu mill-inqas għaxar snin bolol imma għadhom mhux intitolati għall-pensjoni għax ma ħallsux bolol minn Jannar 1979 'il quddiem bdew jikkwalifikaw għall-ekwivalenti tal-inqas rata tal- pensjoni taż-żewġ terzi ta' madwar €50 fil-ġimgħa.

Persuni li jkunu laħqu l-età ta' 59 sena, li jkollhom xi kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali neqsin u li jkunu qed jirċievu l-Pensjoni tal-Invalidità, issa jistgħu jħallsu sa ħames snin ta' kontribuzzjonijiet b'lura wkoll.

Finalment tneħħa t-test tal-mezzi tad-dħul fl-assistenza għal diżabilità severa u tneħħew ir-restrizzjonijiet legali għal persuni li jġarrbu diżabilità kawża ta' korriment fuq il-post tax-xogħol u li jibqgħu jaħdmu.

Kemm idumu jaħdmu u jieħdu l-Pensjoni għal Korriment fuq ix-Xogħol, dawn il-persuni ma jkollhomx tnaqqis minn benefiċċji futuri tal-mard, tal-qgħad jew ta' xi korriment fuq ix-xogħol, li jistgħu japplikaw għalihom.

Dan kien jagħmilha impossibbli għalihom li jsiru sidien ta' darhom.

Din l-iskema li tnediet fl-2021 baqgħet miftuħa u komplew jintlaqgħu l-applikazzjonijiet.

## Inklużjoni u Ugwaljanza

Fl-ugwaljanza kompla x-xogħol relatat mal-marka tal-ugwaljanza. Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza tiċċertifika entitajiet fis-settur privat, kif ukoll pubbliku, li juru impenn sabiex tintlaħaq ugwaljanza bejn is-sessi fl-operat tagħhom permezz ta' politki dwar l-ugwaljanza fuq il-post tax-xogħol u fis-servizzi li joffru, kif ukoll fil-proviżjoni ta' miżuri favur il-familja.

Għall-ewwel ċertifikazzjoni, il-ħidma tal-NCPE tikkonsisti f'li tgħin entitajiet interessati jimlew il-formola meħtieġa, tagħmel gender equality audit biex tivverifika li l-entitajiet verament iħaddnu l-prinċipji tal-ugwaljanza bejn is-sessi fuq il-post tax-xogħol u fis-servizzi li joffru u tippreżenta l-konklużjonijiet quddiem il-Kumitat tal-Marka tal-Ugwaljanza tal-NCPE għal deċiżjoni dwar iċ-ċertifikazzjoni. Matul is-snin, l-NCPE terġa' tivvaluta l-kriterji sabiex tiżgura li l-impenn lejn l-ugwaljanza bejn is-sessi baqa' jinżamm.
Sa Lulju tal-2022, 131 organizzazzjoni b'aktar minn 30,700 impjegat kellhom il-Marka tal-Ugwaljanza.

## Akkomodazzjoni

Fis-settur tal-proprjetà ġiet estiża l-iskema Equity Sharing Plus miftuħa għal persuni li għandhom minn 30 sena 'l fuq biex jiżdied l-aċċess tagħhom għas-suq tal-proprjetà u jsiru sidien ta' darhom. F'din l-iskema l-Gvern jidħol għal massimu ta' 50% tal-proprjetà flimkien max-xerrej. Apparti minn hekk, l-Awtorità tad-Djar, permezz ta' back-to-back guarantee ta' €3 miljun mill-Fond Soċjali u tal-Iżvilupp Nazzjonali (NDSF), qed toffri alternattiva għall-polza tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja lil persuni li minħabba kundizzjonijiet mediċi li sofrew fil-passat inkella diżabilità li jgħixu biha, ma kinux qed jingħataw polza.

## Ġustizzja

Komplew l-inizjattivi biex titkattar l-effiċjenza fil-Qrati tal-Ġustizzja. Ġew installati numru ta' scanners li preżentement qed jintużaw biex isiru kopji diġitali tal-proċessi tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali. Minn Frar 'l hawn, il-proċessi tal-Qrati superjuri, jiġifieri tal-Qorti tal-Appell Kriminali u tal-Qorti Kriminali, kollha jinsabu mtellgħa fis-sistema.



Il-proċessi tal-Qorti tal-Maġistrati wkoll qed isiru l-kopji diġitali tagħhom u mtellgħa, anke in vista tal-amendi legali li ġew u għad irid jiġu fis-seħħ billi r-Reġistratur, minflok fiżikament jibgħat il-proċess għand l-Avukat Ġenerali, issa qiegħed jibgħat biss kopja elettronika. Permezz ta' dan il-proċess, il-ġudikatura u l-professjonisti legali jkollhom aċċess għall-atti tal-każ b'mod remot permezz tas-sistema e-courts.

It-total investit f'din is-sistema huwa ta' €116,454.20.

## Anzjani

Fil-qasam tal-anzjani wkoll sar xogħol imprezzabbli biex dawk il-persuni li llum qed igawdu l-mistrieħ tagħhom wara li tant wettqu xogħol fis-soċjetà tagħna, ma jkunux minsija u jiġu megħjuna kemm jista' jkun.



Matul din is-sena rajna kif il-benefiċċju tal-Carer at Home ogħla minn €6,000 għal €7,000 fis-sena. Dan huwa wieħed mis-servizzi fil-komunità maħsub sabiex ikun ta' għajnuna għall-anzjani ħalli jkunu jistgħu jibqgħu jgħixu f'darhom għall-itwal żmien possibbli. Permezz ta' din l-iskema, anzjani approvati li jimpjegaw carers kwalifikati sabiex jassistuhom, jirċievu għajnuna finanzjarja. Din l-iskema tnediet bħala proġett pilota f'Jannar tal-2016 u s'issa bbenefikaw minnha elf u tlettax-il ruħ (1,013).

Fl-2021, ir-rata massima ta' sussidju żdiedet minn €5,291 għal €6,000 (żieda ta' €700 fis-sena) għal dawk li jimpjegaw carer full-time. Din iż-żieda kienet riflessa wkoll fuq bażi pro-rata lill-benefiċjarji li jimpjegaw carer għall-inqas 40 siegħa fil-ġimgħa.

B'effett minn Jannar 2022, ir-rata massima ta' sussidju żdiedet minn €6,000 għal €7,000 (żieda ta' elf ewro fis-sena). Madwar 573 benefiċjarju bdew jingħataw is-sussidju ta' €583.33 fix-xahar minflok €500 fix-xahar. Din iż-żieda hija riflessa wkoll pro-rata għal dawk il-benefiċjarji li jimpjegaw carer għall-inqas 40 siegħa fil-ġimgħa.

Fl-istess waqt, żdiedet ukoll ir-rata ta' sussidju tal-iskema Home Helper of Your Choice biex minn sussidju ta' €5.50 fis-siegħa tela' għal €7 fis-siegħa. Dan jinċentiva lil iktar anzjani jagħżlu l-helper tagħhom. Din l-iskema kienet tnediet fl-2020 biex anzjani jkunu jistgħu jimpjegaw helper tal-għażla tagħhom skont is-sigħat approvati mill-Bord tal-Għajnuna fid-Dar. Sa Diċembru 2020, kien hemm 40 klijent (25 residenza) li kienu fuq din l-iskema, filwaqt li fl-2021 kien hemm 85 klijent (54 residenza) li bbenefikaw minn din l-iskema.

Issa li kompla jingħata iktar inċentiv f'dan il-qasam, dan wassal biex sa Ġunju ta' din is-sena, kien hemm 172 klijent (109 residenzi) jibbenefikaw minn din l-iskema.



Fl-istess settur komplew l-inizjattivi u l-investimenti biex ir-residenza San Vinċenz de Paul tibqa' togħla fil-livell u toffri servizzi ta' kwalità għolja. Fl-2022 tlesta proġett li permezz tiegħu r-residenza issa għandha magna tal-X-Ray ġdida għall-użu tal-anzjani. Dan is-servizz tal-X-Ray qed jaqdi kemm lir-residenti ta' San Vinċenz, 'il fuq minn 1400, u kif ukoll anzjani oħrajn barra mill-faċilità. Apparti l-magna, tlestew l-ispazji, inħarġet il-liċenzja, u sar ukoll taħriġ tar-radjografi involuti fil-proġett. Dan kollu b'investiment ta' madwar nofs miljun ewro.

Fl-istess residenza tlestew xogħlijiet oħra li jinkludu l-iżvilupp mill-ġdid tal-ispiżerija. L-għan tal-bini ta' spiżerija u mħażen ġodda huwa sabiex San Vinċenz jilqa' għaż-żieda tan-numru ta' klijenti u bi bżonnijiet aktar kumplessi. Fis-sena 2018, ġiet identifikata binja li spiċċat bla użu, wara li s-servizzi ta' misħun saru jaħdmu b'impjanti tal-gass. Fl-istess sena nħareġ il-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar. L-ispiżerija l-ġdida, li issa tinsab f'binja ta' tliet sulari, ser isservi mhux biss biex jiżdied l-ispazju, iżda anke l-prattiċi ta' kif jinżammu l-mediċini. F'din il-binja ġiet installata, għall-ewwel darba f'San Vinċenz, coldroom farmaċewtika. Din l-ispiżerija u l-imħażen ġodda għandhom spazji ta' fejn tinħatt il-mediċina u anke biex tasal il-mediċina fis-swali, uffiċini ġodda, bibien li jinfetħu b'mod awtomatiku u servizzi ta' arja kundizzjonata f'kull maħżen. Din l-ispiżerija taqdi l-bżonnijiet ta' madwar 1400 klijent.

## Politika Barranija

Fid-9 ta' Ġunju 2022 saru l-elezzjonijiet għas-siġġu mhux permanenti fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti fejn Malta ġabet 185 minn 190 vot, li tfisser iżjed miż-żewġ terzi li l-pajjiż ried iġib sabiex ikollu dan is-siġġu prestiġjuż matul l-2023 u l-2024. Dan is-suċċess ġie wara sentejn ta' ħidma fejn Malta ppromwoviet il-kandidatura tagħha u spejgat il-prijoritajiet u t-temi li se jikkaratterizzaw il-ħidma ta' Malta fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti. Sabiex Malta tkun ippreparata biex taqdi l-funzjonijiet bħala membru tal-Kunsill tas-Sigurtà, inbeda proċess ta' reklutaġġ u taħriġ għal uffiċjali ġodda.

Fl-istess waqt komplejna ninvestu bis-sħiħ sabiex nagħtu assistenza umanitarja f'reġjuni milquta minn katastrofi jew kriżi. Permezz tal-fond għall-Assistenza għall-Iżvilupp, il-Gvern Malti ta donazzjoni ta' 20,000 doża ta' vaċċin kontra l-COVID-19 u 25,000 kit ta' testijiet rapidi lin-nazzjon ta' Antigwa u Barbuda ġewwa l-Karibew.

Din il-kondiviżjoni tal-vaċċini u testijiet rapidi saret ukoll bl-għajnuna tal-Ministeru għas-Saħħa ta' Malta u jsegwi l-isforzi li qed jagħmel pajjiżna sabiex tiġi provduta assistenza relatata mal-COVID-19 lil diversi pajjiżi.

Il-ħidma ta' Malta tal-għajnuna umanitarja kienet tinkludi wkoll l-assistenza kontinwa li Malta qed toffri fir-rigward tal-konsegwenzi umanitarji tal-gwerra fl-Ukrajna, u l-offerta ta' għajnuna finanzjarja lill-aġenziji tan-Nazzjonijiet Uniti li jaħdmu biex jindirizzaw l-isfidi li għaddejjin fil-Jemen.

L-offerta ta' Malta ta' assistenza umanitarja vis-à-vis il-gwerra fl-Ukrajna kienet tinkludi t-tqassim ta' oġġetti mediċi lill-awtoritajiet Ukreni, il-kopertura tal-ispejjeż tal-akkomodazzjoni ta' ċittadini Ukreni għal dawk li għandhom bżonn il-kwarantina mal-wasla tagħhom f'Malta, kif ukoll l-offerta ta' servizzi ta' onkoloġija b'xejn lil pazjenti bil-kanċer li qed jaħarbu mill-Ukrajna.





Matul l-2022, Malta lestiet ix-xogħlijiet ta' tisbiħ u rinovar fl-ambaxxata ta' Ankara (it-Turkija), il-konsolat Ġenerali ta' Istanbul (it-Turkija) u l-Konsolat Ġenerali ta' Casablanca (il-Marokk). B'hekk, il-bini tal-missjonijiet Maltin qegħdin joffru ambjent aktar sigur, modern u addattat għall-ħtiġijiet tal-lum.

## Kultura

Fil-kultura spikkat l-għajnuna li kompliet tingħata lill-artisti li ntlaqtu b'mod negattiv mill-imxija tal-Covid-19. Fil-Baġit issemmiet skema ta' garanzija għall-attivitajiet artistiċi indipendenti bl-iskop li tgħin lill-produtturi u l-promoturi jiġbru spejjeż li ma jkunux jistgħu jiġu rkuprati minħabba r-restrizzjonijiet tal-pandemija.

Dan il-fond twettaq u ġie msejjaħ l-Event Assurance Scheme. Minn dan il-fond ibbenefikaw 12-il applikant li minħabba restrizzjonijiet ulterjuri ma setgħux iwettqu l-proġetti tagħhom. Bejniethom ingħataw l-ammont ta' €193,834. Il-Kunsill Malti għall-Arti baqa' jirċievi l-applikazzjonijiet sa April 2022 iżda ma kien hemm l-ebda rimborż peress li fortunatament kien wasal iż-żmien li jiġu rilaxxati l-miżuri tal-Covid marbuta ma' dawn l-attivitajiet li bdew iseħħu hekk kif ippjanat.

Fl-istess qasam, issaħħet l-iskema ta' għajnuna li tingħata għal seats li ma setgħux jinbiegħu minħabba r-restrizzjonijiet tal-Covid. Din l-iskema kienet imsejħa Seat Utilisation Scheme u fetħet f'Diċembru tal-2021. Fl-ewwel kwart tal-2022 kien hemm tliet sejħiet, waħda kull xahar. Ġew żborżati €339,208 fl-ewwel kwart fuq it-tliet sejħiet u kien hemm total ta' 28 proġett li bbenefikaw. Fit-tieni kwart kien hemm sejħa waħda li tkopri proġetti li kienu ser jitwettqu sal-aħħar ta' Ġunju 2022. Mis-sejħa bbenefikaw 19-il proġett b'total ta' rimborż ta' fondi ta' €234,075.

Anke permezz ta' dawn l-iskemi, il-Gvern wera kemm ma nesa lil ħadd f'dawn il-mumenti diffiċli, mhux biss għal pajjiżna, imma għad-dinja kollha. Kull qasam ġie apprezzat u megħjun kif kien possibbli, biex ir-rota baqgħet iddur u kif nistgħu ninnutaw, ħriġna mill-pandemija tassew b'saħħitna bħala pajjiż.

## Għawdex

F'Għawdex miexi mal-pjan l-ikbar investiment sportiv li qatt sar f'Għawdex, il-Kumpless Sportiv u Ċentru Akkwatiku fir-Rabat. Ix-xogħlijiet fuq l-infrastruttura mexjin b'ritmu tajjeb u waslu fi stadju avvanzat. Iċ-ċentru ser jinkludi pixxina ta' daqs olimpiku b'korsiji ta' 25 u 50 metru.

Il-Kumpless Sportiv il-ġdid, li huwa ta' 5,190 metru kwadru, huwa mqassam fuq diversi livelli. Ser ikun joffri għadd kbir ta' faċilitajiet sportivi, fosthom ġinnastika, sala tal-basketball, sala multipurpose u diversi kmamar għal attivitajiet sportivi ta' ġewwa. Din il-faċilità se jkollha wkoll spazji ta' livell għoli fosthom kmamar bil-lockers, kmamar tal-ewwel għajnuna, showers u kmamar fejn jiltaqgħu t-timijiet.

Permezz ta' dan il-proġett, Għawdex se jkun jista' jattira kompetizzjonijiet sportivi ta' skala internazzjonali kif ukoll turiżmu sportiv. Dan hekk kif iservu wkoll ta' post ta' taħriġ għal atleti u sportivi Għawdxin biex ikomplu jtejbu l-prestazzjoni tagħhom.



Proġett ieħor li bħalissa jinsab għaddej b'rittmu qawwi huwa l-bini mill-ġdid ta' Imgarr Road, fin-Nadur u l-Junction li tgħaqqad it-toroq arterjali mit-tliet irħula, Għajnsielem, in-Nadur u l-Qala. Dan il-proġett jifforma parti minn proġett akbar fejn saru xogħlijiet estensivi ta' rikostruzzjoni tat-toroq f'partijiet minn Triq l-Imġarr, Triq il-Qala u Triq Sant'Antnin, b'investiment totali ta' 'l fuq minn 17-il miljun ewro. Dawn ix-xogħlijiet kienu jestendu ġewwa tliet irħula fil-Lvant ta' Għawdex fuq medda ta' tliet kilometri. Fihom inbidlu s-servizzi kollha tal-ilma, dwal u drenaġġ u nbnew meded twal ta' service culverts sabiex, f'każ ta' bżonn ta' installazzjonijiet ġodda tal-elettriku, ma jkunx hemm il-bżonn li jerġgħu jinqalgħu t-toroq. Inbniet ukoll sistema ġdida ta' stormwater culverts sabiex tilqa' għall-volum tal-ilma tax-xita li jinżel f'Għajnsielem mill-Qala u n-Nadur.

Il-junction ġdida li tgħaqqad dawn it-tliet toroq arterjali se tkun qed tassigura aktar sigurtà għas-sewwieqa billi telimina perikli żejda li kienu jeżistu f'din il-parti tan-network infrastrutturali.

**Għar-rendikont sħiħ tal-miżuri tal-Baġit u l-implimentazzjoni tagħhom, inkluż miżuri ta' Baġits preċedenti li twettqu matul din is-sena, nistednuk tara l-kapitli li jmiss.**





UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU (OPM)

| | **DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA** | **DIPARTIMENT / ENTITÀ** | **KWART 1** Jannar - Marzu 2022 | **KWART 2** April - Ġunju 2022 | **KWART 3** Lulju - Settembru 2022 | **KWART 4** Ottubru - Diċembru 2022 | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 73 (2022) | Dawk il-ħaddiema li huma impjegati mal-kuntratturi li jipprovdu xogħol lis-settur pubbliku, il-Gvern ser ikun qed iħallas doppju għas-sigħat ta' xogħol li jinħadmu l-Ħdud. | Dipartiment għar-Relazzjonijiet Industrijali u Impjieg (DIER) | Iċ-Ċirkolari mid-Dipartiment tal-Kuntratti li tistabbilixxi r-rati ta' ħaddiema ta' kuntratturi li jipprovdu xogħol lis-settur pubbliku, u li tistabbilixxi wkoll li s-sigħat li jinħadmu l-Ħadd jitħallsu doppju ġiet ippubblikata fit-23 ta' Diċembru 2021. | | | | Implimentata |
| 75 (2022) | Jibdew diskussjonijiet fuq livell ta' MCESD, sabiex is-sena d-dieħla, pajjiżna jkun f'pożizzjoni li jimplimenta d-direttiva tal-Unjoni Ewropea fuq il-parental leave u l-work-life balance. | Malta Council for Economic and Social Development (MCESD) | | Inbeda l-proċess biex jiġi ppreparat l-Impact Assessment Framework u d-drafting tal-liġi proposta li tittrasponi din id-Direttiva fil-liġi Maltija. | Ir-Regolamenti li jittrasponu d-Direttiva tal-Unjoni Ewropea fuq il-parental leave u l-work-life balance ġew ippubblikati fit-12 ta' Lulju 2022 u daħlu fis-seħħ fit-2 ta' Awwissu 2022 (Regolamenti tal-2022 dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata għal Ġenituri u għal Persuni li jindukraw). | | Implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 76 (2022) | Il-Paga Minima - Għandha tiżdied f'kuntest li n-negozji jżommu l-kompetittività u dan jista' jsir billi kif minn banda togħla l-paga minima, mill-banda l-oħra rridu naraw kif din tista' tiġi bbilanċjata bit-tnaqqis fit-taxxa tad-dħul tal-kumpaniji.<br><br>Tkompli l-ħidma mal-MCESD u l-istakeholders f'dawn l-oqsma biex tinstab pożizzjoni komuni għall-pajjiż li tkun ta' ġid għall-ħaddiema kif ukoll għan-negozji. | Low Wage Commission | Saret laqgħa fejn ġew mistiedna l-imsieħba soċjali u ġie diskuss il-ftehim dwar il-paga minima tal-2017 li jistipula li għandha titwaqqaf Low Wage Commission li tagħmel ir-rakkom-andazzjonijiet tagħha lill-Gvern dwar il-paga minima kull erba' snin. L-imsieħba soċjali esprimew il-bżonn ta' informazzjoni u data biex isir dan l-eżerċizzju b'mod effettiv. | Komplew isiru numru ta' laqgħat tekniċi ma' stakeholders, kif ukoll ma' numru ta' uffiċjali pubbliċi, fosthom mill-Ministeru għall-Politika Soċjali, kif ukoll mill-Ministeru għall-Finanzi fejn ġew diskussi statistiċi dwar minimum wage earners u benefiċċji soċjali li dawn huma intitolati għalihom. Dawn il-laqgħat huma intiżi sabiex jinkiseb iktar għarfien dwar fatturi li jista' jkollhom impatt fuq il-paga minima. | L-MCESD kompliet tiltaqa' ma' stakeholders u entitajiet li għandhom sehem fuq din il-materja, kif ukoll tieħu nota ta' diskussjonijiet u opinjonijiet ippubblikati dwar il-paga minima. | L-informazzjoni u riċerka li tkun saret matul din is-sena tintuża sabiex jitħejjew Termini ta' Referenza għall-istudju dwar reviżjoni tal-paga minima. L-istudju huwa mistenni li jkun finalizzat sa Settembru 2023. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 77 (2022) | Jitnieda portal online fejn ser jinkludi templates ta' kuntratti tax-xogħol. | Dipartiment għar-Relazzjonijiet Industrijali u Impjieg (DIER) | Bdew u tlestew id-diskussjonijiet interni biex jiġi stabbilit kif se jkun imqassam il-portal sabiex jintlaħqu l-esiġenzi tal-partijiet, prinċipalment ta' min iħaddem u l-impjegat skont il-kundizzjonijiet minimi settorjali tal-impieg. | Sar mapping mit-team tekniku tad-Dipartiment ta' dan il-portal ġdid u beda l-iżvilupp tal-portal. | Tkompla l-iżvilupp tal-portal mit-tim tekniku u jibda l-ittestjar tal-portal. | Ser isiru l-modifiki meħtieġa wara l-ittestjar li jkun sar u l-portal imur live. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 78 (2022) | Iż-żieda għall-għoli tal-ħajja għas-sena d-dieħla ser tkun ta' €1.75 fil-ġimgħa, liema żieda hija maħduma skont formula stabbilita bejn l-Imsieħba Soċjali kollha fi ħdan l-MCESD. Din iż-żieda tingħata lill-impjegati kollha, lill-pensjonanti kif ukoll lil dawk fuq il-benefiċċji soċjali. L-istipendji tal-istudenti ser ikunu qed jogħlew pro-rata. | Dipartiment għar-Relazzjonijiet Industrijali u Impjieg (DIER) | L-Avviż Legali li jdaħħal fis-seħħ il-kumpens tal-għoli tal-ħajja għas-sena 2022 ġie ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tas-26 ta' Novembru 2021. | | | | Implimentata |

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA (MFH)

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 11 (2022) | Żieda fil-mediċini u trattamenti b'xejn billi jiġi estiż il-formularju sabiex jinkludi: Mediċini tal-onkoloġija li jittrattaw diversi tipi ta' kanċer | Dipartiment għall-Politika tas-Saħħa (CMO) | Ġew identifikati numru ta' mediċini innovattivi għat-trattament tal-kanċer u li jistgħu jiġu inklużi fil-formularju tal-Gvern. Saret il-prijoritizzazzjoni tagħhom mal-konsulenti abbażi tal-bżonn ta' kull mediċina. Intgħażlu l-ewwel grupp ta' mediċini prijoritizzati u li jistgħu jiġu inklużi fil-formularju tal-Gvern u qed jsir il-Health Technology Assessment Report dwarhom sabiex ikun hemm l-indikazzjonijiet, l-evidenza u l-benefiċċju meta kkumparat ma' mediċini għall-istess indikazzjonijiet li diġà jinsabu fil-formularju tal-Gvern. | Ġew identifikati n-numru ta' pazjenti li jistgħu jibbenefikaw mill-mediċini indikati għat-trattament tal-kanċer. Saret diskussjoni fil-GFLAC dwar il-mediċini li ġew prijoritizzati u nkisbet l-approvazzjoni ta' dan il-kumitat. | Saret it-talba finanzjarja għax-xiri tal-grupp ta' mediċini magħżula. Saret id-diskussjoni fl-AHCB dwar dawn il-mediċini indikati u r-rapporti li saru dwarhom u nkisbet l-approvazzjoni. | Jitlesta l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għax-xiri ta' mediċini approvati, inkluż ir-rekwiżiti meħtieġa bħall-ispeċifikazzjonijiet, il-kwantitajiet ta' mediċina, dożi u protokolli. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 12 (2022) | Żieda fil-mediċini u trattamenti b'xejn billi jiġi estiż il-formularju sabiex jinkludi: Trattament tal-osteoporożi li minnu jibbenefikaw madwar 20,000 pazjent | Dipartiment għall-Politika tas-Saħħa (CMO) | Ġew identifikati numru ta' mediċini innovattivi għat-trattament tal-osteoporożi u li jistgħu jiġu inklużi fil-formularju tal-Gvern. Saret il-prijoritizzazzjoni tagħhom mal-konsulenti abbażi tal-bżonn ta' kull mediċina. Intgħażlu l-ewwel grupp ta' mediċini prijoritizzati u li jistgħu jiġu inklużi fil-formularju tal-Gvern u jsir il-Health Technology Assessment Report dwarhom sabiex ikun hemm l-indikazzjonjiet, l-evidenza u l-benefiċċju meta kkumparat ma' mediċini għall-istess indikazzjonijiet li diġà jinsabu fil-formularju tal-Gvern. | Bdiet l-evalwazzjoni tas-sejħa għall-offerti għax-xiri tal-ewwel grupp ta' mediċini għat-trattament tal-osteoporożi. | Tlestiet l-evalwazzjoni tas-sejħa għall-offerti għax-xiri tal-mediċini għat-trattament tal-osteoporożi, u tħabbar il-kuntrattur rebbieħ. | Jinxtraw l-ewwel grupp ta' mediċini għat-trattament tal-osteoporiżi. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 13 (2022) | Żieda fil-mediċini u trattamenti b'xejn billi jiġi estiż il-formularju sabiex jinkludi: Mediċini ġodda għat-trattament ta' mard taċ-ċirkolazzjoni li minnu jibbenefikaw madwar 7,000 pazjent | Dipartiment għall-Politika tas-Saħħa (CMO) | Tlesta l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti għax-xiri tal-mediċini tal-qalb u taċ-cirkolazzjoni, kif ukoll il-vetting mid-Dipartiment tal-Kuntratti. Ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti għax-xiri tal-mediċini tal-qalb u taċ-ċirkolazzjoni u bdiet l-evalwazzjoni tagħha. | Tlestiet l-evalwazzjoni tas-sejħa għall-offerti għax-xiri tal-mediċini tal-qalb u taċ-ċirkolazzjoni u tħabbar il-kuntrattur rebbieħ. Iż-żmien t'appell għadda u għaddej il-proċess biex jinxtraw il-mediċini tal-qalb u taċ-ċirkolazzjoni. | Tlestiet l-evalwazzjoni tas-sejħa għall-offerti għax-xiri tal-mediċini tal-qalb u taċ-ċirkolazzjoni. | Inxtraw il-mediċini tal-qalb u taċ-ċirkolazzjoni. | Implimentata |
| 14 (2022) | Żieda fil-mediċini u trattamenti b'xejn billi jiġi estiż il-formularju sabiex jinkludi: Mediċini psikjatriċi li ser jindirizzaw il-bżonnijiet ta' madwar 5,000 pazjent u jnaqqsu t-tul ta' żmien li persuna jkollha tqatta' l-isptar fuq kura psikjatrika | Dipartiment għall-Politika tas-Saħħa (CMO) | Il-mediċini tpoġġew fuq l-aġenda tal-Advisory Committee for Health Care Benefit (ACHCB) u saru kjarifiki sabiex titkompla d-diskussjoni tal-ACHCB dwar dawn il-mediċini psikjatriċi. Ġew diskussi u approvati l-ewwel grupp ta' mediċini psikjatriċi mill-ACHCB. | Tlesta l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għax-xiri tal-ewwel grupp ta' mediċini psikjatriċi. | Tlesta l-ivvettjar mid-Dipartiment tal-Kuntratti. | Tibda l-evalwazzjoni tas-sejħa għall-offerti għax-xiri tal-mediċini psikjatriċi. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 15 (2022) | Żieda fil-mediċini u trattamenti b'xejn billi jiġi estiż il-formularju sabiex jinkludi: Mediċini ġodda għat-trattament tal-Fibromajalġja li minnhom jibbenefikaw madwar 2,600 benefiċjarju | Dipartiment għall-Politika tas-Saħħa (CMO) | Ġew identifikati numru ta' mediċini innovattivi għat-trattament ta' Fibromajalġja u li jistgħu jiġu inklużi fil-formularju tal-Gvern. Saret il-prijoritizzazzjoni tagħhom mal-konsulenti abbażi tal-bżonn ta' kull mediċina. Intgħażlu l-ewwel grupp ta' mediċini prijoritizzati u li jistgħu jiġu inklużi fil-formularju tal-Gvern u jsir il-Health Technology Assessment Report dwarhom sabiex ikun hemm l-indikazzjonjiet, l-evidenza u l-benefiċċju meta kkumparat ma' mediċini għall-istess indikazzjonijiet li diġà jinsabu fil-formularju tal-Gvern. | Ġiet prijoritizzata mediċina waħda li hi l-Pregabalin. Sar eżerċizzju u nstab li kien hemm biżżejjed stock biex tkun tista' tingħata lill-pazjenti tal-fibromajalġja wkoll. Il-formularju ġie aġġornat u l-mediċina bdiet tingħata b'xejn. | | | Implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 16 (2022) | Żieda fil-mediċini u trattamenti b'xejn billi jiġi estiż il-formularju sabiex jinkludi: It-trattament tal-anafilassi li hija reazzjoni allerġika severa tant li potenzjalment tista' tkun ta' periklu għall-ħajja, li minnu ser jibbenefikaw madwar 1,400 pazjent. Dan it-trattament ser ikun ipprovdut fi 325 skola biex jiġi amministrat lill-istudenti f'każi t'emerġenza. | Dipartiment għall-Politika tas-Saħħa (CMO) | Ġew identifikati numru ta' mediċini innovattivi għat-trattament ta' mard tal-anafilassi u li jistgħu jiġu inklużi fil-formularju tal-Gvern. Saret il-prijoritizzazzjoni tagħhom mal-konsulenti abbażi tal-bżonn ta' kull mediċina. Intgħażlu l-ewwel grupp ta' mediċini prijoritizzati u li jistgħu jiġu inklużi fil-formularju tal-Gvern u sar il-Health Technology Assessment Report dwarhom sabiex ikun hemm l-indikazzjonijiet, l-evidenza u l-benefiċċju meta kkumparat ma' mediċini għall-istess indikazzjonijiet li diġà jinsabu fil-formularju tal-Gvern. | Ġew identifikati n-numru ta' pazjenti li jistgħu jibbenefikaw mill-mediċina indikata, kif ukoll il-prezz tal-mediċina u saret l-istima tal-impatt finanzjarju tagħha. Saret diskussjoni fil-GFLAC dwar il-mediċina indikata u l-valutazzjoni dwarha, u nkisbet l-approvazzjoni tal-kumitat. Saret ukoll it-talba finanzjarja għax-xiri tal-mediċina magħżula. Il-mediċina indikata tpoġġiet fuq l-aġenda tal-ACHCB sabiex issir id-diskussjoni meħtieġa. | Saret id-diskussjoni fl-ACHCB dwar il-mediċina indikata u r-rapport li sar dwarha, u nkisbet l-approvazzjoni tal-kumitat. Beda u tkompla l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għax-xiri tal-mediċina approvata, inkluż ir-rekwiżiti meħtieġa bħall-ispeċifikazzjonijiet, il-kwantitajiet ta' mediċina, dożi u protokolli. | Jitlesta l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għax-xiri tal-mediċina approvata, inkluż ir-rekwiżiti meħtieġa bħall-ispeċifikazzjonijiet, il-kwantitajiet ta' mediċina, dożi u protokolli. Jibda u jitkompla l-ivvettjar mid-Dipartiment tal-Kuntratti. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 17 (2022) | Żieda fil-mediċini u trattamenti b'xejn billi jiġi estiż il-formularju sabiex jinkludi: Trattamenti għall-pazjenti li jbatu minn mard infjammatorju | Dipartiment għall-Politika tas-Saħħa (CMO) | Sar eżercizzju biex jintgħażlu numru ta' mediċini innovattivi għat-trattament ta' mard infjammatorju u li jistgħu jiġu inklużi fil-formularju tal-Gvern. | Qed isir il-Health Technology Assessment Report dwar il-mediċini prijoritizzati sabiex ikun hemm l-indikazzjonijiet, l-evidenza u l-benefiċċju meta kkumparat ma' mediċini għall-istess indikazzjonijiet li diġà jinsabu fil-formularju tal-Gvern. Ġew identifikati n-numru ta' pazjenti li jistgħu jibbenefikaw mill-mediċini indikat u saret l-istima tal-impatt finanzjarju ta' kull mediċina. | Saret it-talba finanzjarja għax-xiri tal-grupp ta' mediċini magħżula. It-talba finanzjarja għax-xiri tal-grupp ta' mediċini magħżula ġiet segwita permezz ta' laqgħat interministerjali. Saret diskussjoni fil-GFLAC dwar il-mediċini li ġew prijoritizzati u nkisbet l-approvazzjoni ta' dan il-kumitat. | Issir id-diskussjoni fl-ACHCB dwar dawn il-mediċini indikati u r-rapporti li saru dwarhom u tinkiseb l-approvazzjoni. Jitlesta l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għax-xiri ta' mediċini approvati, inkluż ir-rekwiżiti meħtieġa bħall-ispeċifikazzjonijiet, il-kwantitajiet ta' mediċina, dożi u protokolli. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 18 (2022) | Żieda fil-mediċini u trattamenti b'xejn billi jiġi estiż il-formularju sabiex jinkludi: Mediċini ġodda għat-trattament tal-mard rari | Dipartiment għall-Politika tas-Saħħa (CMO) | Ġew identifikati numru ta' mediċini innovattivi għat-trattament ta' mard rari u li jistgħu jiġu inklużi fil-formularju tal-Gvern. Saret il-prijoritizzazzjoni tagħhom mal-konsulenti abbażi tal-bżonn ta' kull mediċina. Intgħażlu l-ewwel grupp ta' mediċini prijoritizzati u li jistgħu jiġu inklużi fil-formularju tal-Gvern u sar il-Health Technology Assessment Report dwarhom sabiex ikun hemm l-indikazzjonjiet, l-evidenza u l-benefiċċju meta kkumparat ma' mediċini għall-istess indikazzjonijiet li diġà jinsabu fil-formularju tal-Gvern. | Ġew identifikati n-numru ta' pazjenti li jistgħu jibbenefikaw mill-mediċini indikati, kif ukoll ġie identifikat il-prezz tal-mediċini u saret l-istima tal-impatt finanzjarju ta' kull mediċina. Saret diskussjoni fil-GFLAC dwar dawn il-mediċini u nkisbet l-approvazzjoni tal-kumitat. | Saret it-talba finanzjarja għax-xiri tal-grupp ta' mediċini magħżula. Il-grupp ta' mediċini indikati tpoġġew fuq l-aġenda tal-ACHCB sabiex issir id-diskussjoni meħtieġa. Saret id-diskussjoni fl-AHCB dwar dawn il-mediċini indikati u r-rapporti li saru dwarhom u nkisbet l-approvazzjoni. | Jitlesta l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għax-xiri ta' mediċini approvati, inkluż ir-rekwiżiti meħtieġa bħall-ispeċifikazzjonijiet, il-kwantitajiet ta' mediċina, dożi u protokolli. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 19 (2022) | Żieda fil-mediċini u trattamenti b'xejn billi jiġi estiż il-formularju sabiex jinkludi: Mediċini b'xejn għall-pazjenti tal-IVF | Embryo Protection Authority (EPA) | Ġew identifikati numru ta' mediċini innovattivi għat-trattament tal-IVF u li jistgħu jiġu inklużi fil-formularju tal-Gvern. Saret il-prijoritizzazzjoni tagħhom mal-konsulenti abbażi tal-bżonn ta' kull mediċina. Intgħażlu l-ewwel grupp ta' mediċini prijoritizzati u li jistgħu jiġu inklużi fil-formularju tal-Gvern u sar il-Health Technology Assessment Report dwarhom sabiex ikun hemm l-indikazzjonijiet, l-evidenza u l-benefiċċju meta kkumparat ma' mediċini għall-istess indikazzjonijiet li diġà jinsabu fil-formularju tal-Gvern. | Ġew identifikati n-numru ta' pazjenti li jistgħu jibbenefikaw mill-mediċini indikati, kif ukoll ġie identifikat il-prezz tal-mediċini u saret l-istima tal-impatt finanzjarju ta' kull mediċina. Saret diskussjoni fl-GFLAC dwar il-mediċini indikati u nkisbet l-approvazzjoni tal-kumitat. Saret ukoll it-talba finanzjarja għax-xiri tal-mediċini magħżula. Il-mediċini indikati tpoġġew fuq l-aġenda tal-ACHCB sabiex issir id-diskussjoni meħtieġa. | Saret id-diskussjoni fl-ACHCB dwar il-mediċini indikati u r-rapport li sar dwarhom, u nkisbet l-approvazzjoni tal-kumitat. Tkompla l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għax-xiri tal-mediċini approvati, inkluż ir-rekwiżiti meħtieġa bħall-ispeċifikazzjonijiet, il-kwantitajiet ta' mediċini, dożi u protokolli. | Jitlesta l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għax-xiri tal-mediċini approvati, inkluż ir-rekwiżiti meħtieġa bħall-ispeċifikazzjonijiet, il-kwantitajiet ta' mediċini, dożi u protokolli. Tkompla l-ivvettjar mid-Dipartiment tal-Kuntratti. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 42 (2022) | Skema għall-persuni b'diżabilità li jeħtieġu Occupational Therapy minn età tat-twelid sa ħames snin. Kull familja li taqa' f'din il-faxxa se tkun qed tirċievi numru ta' vawċers biex jintużaw f'servizz ta' occupational therapy fil-privat. B'dan il-mod ikun qed jintlaħaq l-għan ta' early intervention ma' tfal b'diżabilità. | Direttorat għall-Affarijiet tad-Diżabilità | Tnediet l-iskema għall-persuni b'diżabilità li jeħtieġu Occupational Therapy. Intlaħaq ftehim li l-eżekuzzjoni tal-iskema titmexxa mill-Ministeru għas-Saħħa għalhekk ser tkun qed issir talba uffiċjali għat-trasferiment tal-miżura. | Tħejja l-pjan ta' azzjoni relatat. | Ġie ffirmat il-kuntratt għas-servizzi tal-Occupational Therapy li jingħata minn terapisti fil-privat u ntbagħat lit-terapisti konċernati. Ġie evalwat l-ambjent fil-privat li fih se jingħataw is-servizzi mill-bord responsabbli għall-monitoraġġ tal-iskema. Bdew u tkomplew il-laqgħat bejn it-terapisti u l-Bord regolatorju biex jaċċertaw li l-livell tas-servizzi jkun ta' livell għoli. | Jibda u jitkompla jingħata s-servizz biex it-tfal fuq il-waiting list jieħdu s-servizz tal-Occupational Therapy. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 245 (2022) | Tkompli l-ħidma sabiex tingħata l-booster ta' dan il-vaċċin, skont il-parir tal-Awtoritajiet tas-Saħħa. | Central Procurement & Supplies Unit (CPSU) | Kompliet tingħata l-booster ta' dan il-vaċċin, skont il-parir tal-Awtoritajiet tas-Saħħa. | | | | Implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 246 (2022) | Il-proġett tal-bini l-ġdid tal-Outpatients se jibqa' prijorità. | Sptar Mater Dei (MDH) | Tkompla x-xogħol ta' konsulenza għat-tħejjija tad-disinn tal-inġinerija ċivili għar-rotot ta' servizzi u skjavar. Ingħata l-kuntratt għall-kostruzzjoni ta' parkeġġi temporanji. MDH qed jistenna l-approvazzjoni tas-Soprintendenza tal-Wirt Kulturali qabel jinbdew ix-xogħlijiet fuq il-post. Tkomplew ix-xogħlijiet fuq il-Gold Book, fuq it-tender tal-kuntratt ta' xogħlijiet għal servizzi ta' rerouting, kanali ta' servizz u mass excavations u fuq it-tender tal-kuntratt fuq id-disinn prinċipali, il-bini u l-operat (DBO). | Ix-xogħol fuq il-parkeġġ temporanju għadu wieqaf minħabba li nstabu fdalijiet arkeoloġiċi. Ix-xogħol ikun jista' jitkompla malli jkun hemm l-approvazzjoni tas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali (SPK). L-approvazzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar mistennija li tingħata hekk kif il-Closure Report ippreżentat mill-kumpanija tad-Disinn u l-Inġinerija QPML, jiġi vvettjat mill-SPK. It-tender għax-xogħol relatat mal-iskavar tas-sit u tħaffir ta' mini għar-rotot tas-Servizzi jinsab fit-tieni stadju tal-ivvettjar. | Ix-xogħol fuq il-parkeġġ temporanju għadu wieqaf minħabba li nstabu fdalijiet arkeoloġiċi. Ġew approvati l-permessi PA/08340/19 u PA/08339/19 mis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali. Ġiet stabbilita pożizzjoni mid-DoC u l-FMS għal Design-Build tender sabiex tiġi indirizzata l-problema tal-FIDIC Gold Book. Ingħata t-tender għax-xogħol relatat mal-iskavar tas-sit u tħaffir ta' mini għar-rotot tas-servizzi wara li tlesta mill-ivvettjar. | Jibda x-xogħol fuq il-parkeġġ temporanju. Jiġi stabbilit il-project plan għall-iskavar tas-sit mal-kuntrattur li ngħata t-tender. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 247 (2022) | Ix-xogħol f'diversi Ċentri tas-Saħħa ser jibqa' prijorità.<br><br>(a) Ir-Rabat<br>(b) Birkirkara | Dipartiment għall-Kura Primarja (PHC) | Beda x-xogħol fuq iż-żewg kmamar tar-Rabat u sar rinovar fuq il-ħitan u l-madum. Għadu għaddej l-abbozzar tas-sejħiet għall-offerti bħal rinovazzjoni, għamara u apparat mediku għaċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Birkirkara. | Intemm ix-xogħol fuq il-bdil ta' madum u kmamar tal-banju. Tlestew listi ta' x'apparat mediku u għamara hemm bżonn ġewwa ċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Birkirkara. Se jibdew laqgħat maniġerjali sabiex jinstabu soluzzjonijiet kif jingħalaq iċ-Ċentru mingħajr ma jiġu affettwati s-servizzi mediċi li jingħataw. | Beda x-xogħol ta' tibdil tal-pajpijiet tal-ilma, wieħed wieħed, sabiex ikun evitat li ċ-Ċentru tas-Saħħa tar-Rabat ikun magħluq.<br><br>Iċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Birkirkara ġie magħluq temporanjament, u tbattal mill-għamara u apparat mediku. Beda t-twaqqigħ tal-ħitan diviżorji u tkissir tal-madum. | Ser ikun qed jitkompla x-xogħol ta' manutenzjoni fuq il-pajpijiet tal-ilma mill-Water Services Corporation fiċ-Ċentru tas-Saħħa tar-Rabat.<br><br>Jitkompla l-abbozzar tas-sejħiet għall-offerti għal tisħiħ, manutenzjoni, għamara u apparat mediku. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 248 (2022) | Ser ninvestu fl-estensjoni tal-proġett tal-bini ta' bank tad-demm ġdid, flimkien ma' ċentru speċjalizzat għall-kollezzjoni tad-demm, ipproċessar u l-ħażna tat-tessuti u ċelloli staminali. | National Blood Transfusion Services (NBTS) | Tlestiet l-evalwazzjoni tat-tender tad-Design and Build tal-ewwel fażi tal-proġett u hu mistenni li jiġi ffirmat il-kuntratt tad-Design and Build sal-aħħar ta' Marzu 2021. Mistennija wkoll li titlesta l-evalwazzjoni tat-tender għar-reviżjoni tal-qafas legali li jista' jimpatta dan il-proġett kif mitlub mill-Kummissjoni Ewropea peress li din il-miżura ser tibbenefika mill-fondi tar-Reżiljenza u Rkupru tal-UE. | Ingħata l-kuntratt tad-Design and Build, bdew u komplew il-laqgħat mal-kuntrattur u l-Project Managers fuq ix-xogħol tad-disinn u l-bini tal-ewwel fażi tal-proġett. L-art ġiet mgħoddija b'mod uffiċjali lill-kuntrattur skont it-termini tal-kuntratt u l-kuntrattur issottometta l-garanziji u l-polza tal-assigurazzjoni neċessarji skont it-termini tal-kuntratt. Ġie sottomess ir-rapport tal-ewwel fażi tar-reviżjoni tal-qafas legali u l-abbozz tat-tieni fażi. | Komplew b'mod regolari l-laqgħat mal-kuntrattur u l-Project Managers fuq ix-xogħol tad-disinn u l-bini tal-ewwel fażi tal-proġett. Ġie sottomess it-tieni abbozz tal-aħħar fażi tar-reviżjoni tal-qafas legali u ġie ffinalizzat u ppubblikat fuq is-sit elettroniku r-rapport tar-reviżjoni tal-qafas legali. | Isir l-immobilizzar tal-inġenji mill-kuntrattur tal-bini tal-ewwel fażi għal fuq il-post u jibda x-xogħol ta' tħammil u bini tal-ewwel fażi. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 249 (2022) | Ser ninvestu fl-infrastruttura tad-Dipartiment tal-Inċidenti u l-Emerġenza. | Sptar Mater Dei (MDH) | Il-proċess ta' evalwazzjoni tas-sejħa għall-offerti beda u ġie konkluż illi l-ebda offerta ma laħqet il-miri tekniċi u/jew finanzjarji mitluba. Għaldaqstant, dan it-tender jinsab fil-fażi ta' oġġezzjoni. F'dan is-sens, il-bord għadu qiegħed jistenna data mill-PCRB għal smigħ pubbliku. | Il-Public Contracts Review Board sema' l-każ u ddeċieda li l-kumitat tal-għażla kien ħa d-deċiżjoni t-tajba meta kkanċella l-aħħar tender. Saru aġġustamenti fl-ispeċifikazzjonijiet tat-tender biex jinħareġ tender ġdid. | Saret diskussjoni interna biex jiġi ppreparat tender ġdid. | Jibda l-proċess biex jinħareġ it-tender mill-ġdid. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 250 (2022) | Ser ninvestu fl-infrastruttura tad-Dipartiment tal-Medical Imaging. | Sptar Mater Dei (MDH) | Tlesta d-draft tal-proġett u qed jiġi ffinalizzat l-abbozzar tas-sejħa tal-FMS sabiex jintbagħat kollox għand id-Dipartiment tal-Kuntratti. Wara li jsir dan, id-Dipartiment tal-Kuntratti jibda jivvettja s-sejħa għall-offerti għall-infrastruttura l-ġdida tad-Dipartiment tal-Medical Imaging. | It-tender għad-'design and build' tal-proġett għadu qed jiġi vvettjat mill-FMS. Qed tiġi riveduta wkoll l-ispiża kapitali ta' dan il-proġett, fid-dawl li l-Ministeru ntalab li jirrevedi t-talba finanzjarja tiegħu. | It-tender għad-'design and build' tal-proġett ġie vvettjat mis-Central Procurement and Supplies Unit. | Tiġi ppubblikata u tagħlaq is-sejħa. Tibda l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 251 (2022) | Ser ninvestu fl-infrastruttura tad-Dipartiment tat-tielet Cardiac Catherisation Suite. | Sptar Mater Dei (MDH) | Tlestew il-preparamenti u d-dokumenti kollha neċessarji biex jiġi kkumpilat it-tender uffiċjali mis-CPSU sabiex ikun ivvettjat it-tender tad-Design and Build mill-FMS ħalli wara jgħaddi għand id-Dipartiment tal-Kuntratti. Ħarġu r-riżultati GEO Tekniċi u qegħdin jiġu analizzati mill-FMS sabiex ikun jista' jiġi deċiż id-daqs finali tal-kamra tal-cathsuite. Qed jiġi vvettjat t-tender tad-Design and Build mis-CPSU kif ukoll l-ispeċifikazzjonijiet tal-apparat prinċipali tal-X-ray tal-Cathsuite l-ġdida qiegħed jiġi vvettjat mis-CPSU ta' Mater Dei Hospital. | It-tender dossier għall-parti Design and Build intbagħat għand id-Dipartiment tal-Kuntratti sabiex jiġi vvettjat. Sfortunatament, kif beda l-ivvettjar, dan twaqqaf peress li kien ippreżentat fuq il-"Fidic" template. Id-DOC qabbdet entità sabiex tinħareġ template ġdida li tkun aċċettabbli mid-DOC. It-tender għax-xiri tal-apparat prinċipali għat-tielet Cathsuite għadu qiegħed jiġi vvettjat mis-CPSU Mater Dei Hospital. Ix-xiri ta' dan l-apparat tat-tielet Cathsuite kien maqbul li jinxtara minn fondi kapitali bil-possibbiltà li wkoll jintużaw fondi mis-Swiss Cohesion Fund. | Id-Dipartiment tal-Kuntratti kkomunika l-pożizzjoni tiegħu fejn ġie maqbul li tintuża t-template tal-FIDIC għat-tender tad-Design and Build. It-tender għax-xiri tal-apparat prinċipali għat-tliet Cathsuite ġie vvettjat mis-CPSU Mater Dei Hospital. L-apparat kien maqbul li jinxtara mill-fond kapitali bil-possibbiltà li jiġi ffinanzjat ukoll mis-Swiss Cohesion Fund, però dawn tal-aħħar għadhom ma kkommettewx dawn il-fondi. | It-tender tad-"Design and Build" jiġi ffinalizzat mill-FMS, ivvettjat u ppubblikat DOC. It-tender għax-xiri tal-apparat prinċipali għat-tliet Cathsuite jgħaddi mingħand is-CPSU għal għand id-DOC fejn jiġi vvettjat u ppubblikat. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 252 (2022) | Sar investiment f'MR Linac - liema tagħmir ser ikun qed joffri kura avvanzata f'dan il-ġeneru ta' trattament kif ukoll kura fi żmien iqsar, għal ċerti tipi ta' kanċer. | Sptar Mater Dei (MDH) | Tkomplew il-laqgħat mal-partijiet interessati pertinenti dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-proġett. Saret rakkomandazzjoni li jinbena bunker ġdid biex fih jitqiegħed apparat mediku radjuattiv. Il-ħidma mill-konsulent tas-CPSU biex titlesta d-dokumentazzjoni neċessarja relatata mat-tender għall-proġett tal-MR Linac issa tinsab fl-aħħar stadji tagħha. Dawn id-dokumenti qed jiġu finalizzati flimkien mal-partijiet interessati sabiex jiġu vvettjati mid-Dipartiment tal-Kuntratti qabel il-pubblikazzjoni tat-tender. | Sar appell (prekuntrattwali) quddiem il-Public Contracts Review Board rigward it-tender. L-appell (prekuntrattwali) li sar quddiem il-PCRB intrebaħ mill-Ministeru u għalhekk il-proċess ħa jkompli għaddej. Il-PCRB iddetermina li d-data tal-għeluq tat-tender għandha tkun l-14 ta' Lulju 2022. | Għalqet is-sejħa għall-offerti għal MR Linac għall-kura tal-kanċer u bdiet l-evalwazzjoni tal-offerti. | Titlesta l-evalwazzjoni u jitħabbar l-offerent preferut. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 253 (2022) | F'Mater Dei, ser jinkrew faċilitajiet addizzjonali sabiex id-domanda dejjem tikber għal servizzi ta' kura akuta u elettiva jiġu indirizzati bl-iktar mod effiċjenti u effettiv. | Dipartiment għall-Kura Primarja | Ġiet ippubblikata l-proċedura nnegozjata għas-sejħa għall-offerti għall-kiri ta' faċilitajiet addizzjonali u ntgħażel l-offerent preferut. Għaddejjin diskussjonijiet bejn l-offerent preferut u d-dipartimenti tal-kuntratti dwar il-formuli tiegħu tat-taxxa u dokumenti finanzjarji.<br>Malli jiġi konkluż dan il-proċess, tkun tista' tibda l-kirja tal-faċilitajiet addizzjonali. | Ġie ffirmat il-kuntratt għall-kiri ta' faċilitajiet addizzjonali biex b'hekk jinkrew il-faċilitajiet addizzjonali sabiex id-domanda dejjem tikber għal servizzi ta' kura akuta u elettiva, kif ukoll jiġu indirizzati bl-iktar mod effiċjenti u effettiv. | Issoktaw in-negozjati mal-kuntrattur dwar il-faċilitajiet addizzjonali bl-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Kuntratti peress li din hija proċedura nnegozjata. Intlaħaq ftehim dwar l-użu esklussiv tas-swali u użu f'ħinijiet fissi tat-teatri mingħajr ma jkun hemm impatt fuq l-għan tal-kuntratt. Dawn it-termini kuntrattwali l-ġodda li fuqhom hemm ftehim għaddew mill-proċeduri formali skont ir-rekwiżiti tad-Dipartiment tal-Kuntratti sabiex jiġi ffirmat kuntratt li jirrifletti dan il-ftehim. Issuktaw id-diskussjonijiet interni dwar l-allokazzjoni tar-riżorsi umani biex titħaddem din il-faċilità u l-faċilità bdiet titħaddem. | Jinkrew u jibdew jitħaddmu l-faċilitajiet. | Implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 254 (2022) | Ikompli l-proġett tal-bini tal-Isptar il-ġdid tal-Kura Psikjatrika Akuta, viċin l-Isptar Mater Dei. | Beda x-xogħol fuq iż-żewg kmamar tar-Rabat u sar rinovar fuq il-ħitan u l-madum. Għadu għaddej l-abbozzar tas-sejħiet għall-offerti bħal rinovazzjoni, għamara u apparat mediku għaċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Birkirkara. | Intemm ix-xogħol fuq il-bdil ta' madum u kmamar tal-banju. | Il-pendenzi ġew irrettifikati, kif notifikat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Il-Kuntratt mar għand id-DOC għall-firma. | Ġie ffirmat il-kuntratt (CT2077/2021) mid-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Kuntratti. Bdew it-taħditiet bejn l-FMS u l-kuntrattur. | Jiġi diskuss il-pjan ta' azzjoni mal-partijiet interessati mill-kuntrattur. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 255 (2022) | Tlestew listi ta' x'apparat mediku u għamara hemm bżonn ġewwa ċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Birkirkara. Se jibdew laqgħat maniġerjali sabiex jinstabu soluzzjonijiet kif jingħalaq iċ-Ċentru mingħajr ma jiġu affettwati s-servizzi mediċi li jingħataw. | Mental Health Services (MHS) | Tlestew id-diskussjonijiet mal-istakeholders dwar l-implimentazzjoni tal-proġett. Ġie ppubblikat it-tender għall-proviżjoni ta' faċilità sabiex tintuża bħala Sptar Akut Psikjatriku Temporanju. | Bdiet l-evalwazzjoni tat-tender għall-proviżjoni ta' faċilità sabiex tintuża bħala Sptar Akut Psikjatriku Temporanju. | L-evalwazzjoni tat-tender intemmet u r-riżultati ġew ippubblikati fuq l-ePPS mid-Dipartiment tal-Kuntratti. Billi r-rakkomandazzjoni kienet biex it-tender tiġi kkanċellata; il-kuntratt mhux se jsir. | Issir diskussjoni interna fuq dan ir-riżultat biex jiġi identifikat pjan ġdid. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 256 (2022) | Żieda fil-kapaċità tas-servizzi offruti mill-Isptar Monte Karmeli li mistennija tissarraf f'għadd ta' inizjattivi li jwieżnu għejxien assistit fil-komunità. | Beda x-xogħol ta' tibdil tal-pajpijiet tal-ilma, wieħed wieħed, sabiex ikun evitat li ċ-Ċentru tas-Saħħa tar-Rabat ikun magħluq. | Tlestew id-diskussjonijiet mal-istakeholders dwar l-implimentazzjoni tal-proġett. | Ġie identifikat il-post biswit l-Isptar Monte Carmeli li se jservi bħala bażi prinċipali fejn jiġi kkordinat is-servizz kif ukoll ġew identifikati r-riżorsi umani fi ħdan is-servizzi tas-Saħħa Mentali. | Beda jingħata s-servizz ta' crisis resolution home treatment fid-dar tal-pazjent jew minn dan il-post skont il-bżonn ta' kura li jeħtieġ il-pazjent. | | Implimentata |
| 257 (2022) | Ser ikompli għaddej l-immodernizzar tas-swali tal-Isptar Monte Karmeli. | Mental Health Services (MHS) | Beda l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għal xogħlijiet bħal xogħlijiet ċivili, servizzi u finituri fuq FW7. Tkompla x-xogħol strutturali fuq Block No 1 u ġie magħżul l-operatur ekonomiku. | L-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għal xogħlijiet bħal xogħlijiet ċivili, servizzi u finituri fuq FW7 għadha ma ġietx konkluża minħabba r-rekwiżiti l-ġodda stabbiliti mill-klijent. Komplew ix-xogħlijiet strutturali fuq Block 1 u mistennija jitlestew fl-aħħar tas-sena 2022. | Tlesta l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għal xogħlijiet bħal dawk ċivili, servizzi u finituri. Beda u tlesta l-ivvettjar mid-Dipartiment tal-Kuntratti tas-sejħa għall-offerti. Tkompla x-xogħol strutturali fuq Block 1 u mistennija jitlesta sal-aħħar tas-sena 2022. | Tiġi ppubblikata u tagħlaq is-sejħa għall-offerti tax-xogħlijiet ċivili, servizzi u finituri. Tibda l-evalwazzjoni tas-sejħa għall-offerti li ġew sottomessi. Jitlesta x-xogħol strutturali fuq Block 1. | Fil-proċess tal-implimentazzjoni |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 258 (2022) | Ir-'Remote Patient Monitoring' - proġett pilota li kien introdott biex isir monitoraġġ regolari u kontinwu tal-livell taz-zokkor fit-tfal taħt is-16-il sena li jbatu mid-Dijabete Tip I - ser jibqa' jkun sostnut u gradwalment estiż għaż-żgħażagħ ta' bejn is-17 u l-21 sena li jbatu mill-istess kundizzjoni. | Ser ikun qed jitkompla x-xogħol ta' manutenzjoni fuq il-pajpijiet tal-ilma mill-Water Services Corporation fiċ-Ċentru tas-Saħħa tar-Rabat. | Bdew isiru l-preparamenti u ħidmiet neċessarji sabiex is-servizz ta' monitoraġġ kontinwu tal-livell taz-zokkor jibqa' jingħata lill-pazjenti eliġibbli sa 16-il sena kif ukoll jibda jiġi gradwalment estiż għaż-żgħażagħ ta' bejn is-17 u l-21 sena li jbatu mid-Dijabete Tip I. | Il-kuntratt tal-proġett pilota ġie estiż fl-1 t'April għal tliet xhur oħra sakemm jiġi ffirmat il-kuntratt finali, bl-etajiet bejn 0 u 21 sena. | | | Implimentata |
| 259 (2022) | Titjib fil-kwalità tal-ħajja ser jarawh ukoll dawk il-persuni adulti li twieldu b'nuqqas ta' smigħ u li ser jibqgħu jingħataw żewġ hearing aids, meta klinikament indikat. | Dipartiment għall-Politika tas-Saħħa (CMO) | Ġiet approvata mill-membri tal-ACHCB il-miżura sabiex persuni adulti li twieldu jew żviluppaw nuqqas ta' smigħ jingħataw żewġ hearing aids, meta klinikament indikat. | L-għoti ta' żewġ hearing aids, f'każijiet ta' nuqqas ta' smigħ sever sa profond, u meta klinikament indikat, waslu fid-dipartiment tal-awdjoloġija. Ingħata l-kuntratt tas-sejħa għall-offerti għall-għoti ta' żewġ hearing aids f'każijiet ta' nuqqas ta' smigħ moderat sa sever, u meta klinikament indikat. Is-sejħa għall-offerti għall-għoti ta' żewġ hearing aids f'każijiet ta' nuqqas ta' smigħ ħafif sa moderat, u meta klinikament indikat qiegħda tiġi evalwata għal darb'oħra. | Bdew jingħataw żewġ hearing aids, f'każijiet ta' nuqqas ta' smigħ sever sa profond, u meta klinikament indikat.Is-sejħa għall-offerti għall-għoti ta' żewġ hearing aids f'każijiet ta' nuqqas ta' smigħ moderat sa sever, u meta klinikament indikat, ingħatat u l-kuntratt ġie ffirmat.<br><br>Is-sejħa għall-offerti għall-għoti ta' żewġ hearing aids f'każijiet ta' nuqqas ta' smigħ ħafif sa moderat, u meta klinikament indikat, qed tiġi evalwata għal darb'oħra. | Ikomplu jingħataw żewġ hearing aids fejn klinikament indikat. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 260 (2022) | Titjib fil-kwalità tal-ħajja ser jarawh ukoll dawk il-persuni adulti li twieldu b'nuqqas ta' smigħ u li ser jibqgħu jingħataw żewġ hearing aids, meta klinikament indikat. | Dipartiment għall-Politika tas-Saħħa (CMO) | Tkomplew id-diskussjonijiet bejn il-Hospice u l-Gvern dwar materji iktar delikati li jinkludu oqsma bħal fondi, riżorsi umani, metodi ta' tmexxija, admission criteria, eċċ. Dawn l-oqsma qed jiġu diskussi paralleli ma' xulxin u skont il-bżonn. | Tkomplew id-diskussjonijiet bejn il-Gvern u l-Hospice rigward materji delikati u tkompliet il-kollaborazzjoni mal-Hospice Malta sabiex jibda jingħata servizz ta' kura paljattiva miċ-Ċentru San Mikiel lill-pazjenti li jkunu morda. Fit-28 ta' Ġunju 2022, saret laqgħa mal-Coordination and Implementation Division (OPM) fejn ġew mgħarrfa li d-diskussjonijiet mal-Ministeru għall-Finanzi rigward il-fondi meħtieġa għal dan il-proġett kienu jiffurmaw parti minn diskussjoni usa' li tkopri ħtiġijiet varji tal-Ministeru. | Tlestew id-diskussjonijiet mal-Ministeru għall-Finanzi u tkomplew id-diskussjonijiet fuq il-qasam ta' riżorsi umani u l-metodi ta' tmexxija taċ-ċentru. | Jiġu konklużi d-diskussjonijiet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI
U L-GVERN LOKALI (MHAL)

| | **DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA** | **DIPARTIMENT / ENTITÀ** | **KWART 1** Jannar - Marzu 2022 | **KWART 2** April - Ġunju 2022 | **KWART 3** Lulju - Settembru 2022 | **KWART 4** Ottubru - Diċembru 2022 | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 275 (2022) | Il-Kultura u l-Arti - Qegħdin nivvutaw miljun ewro sabiex tinħoloq skema ta' garanzija għall-attivitajiet artistiċi indipendenti bl-iskop li tgħin lill-produtturi u l-promoturi jiġbru spejjeż li ma jkunux jistgħu jiġu rkuprati minħabba r-restrizzjonijiet mhux mistennija li jistgħu jkunu neċessarji jekk jinbidlu ċ-ċirkostanzi. | Kunsill Malti għall-Arti | Sar ftehim sabiex il-fond jibda jiġi żborżat għall-proġetti li twettqu f'Diċembru 2021. Dan il-fond ġie msejjaħ l-Event Assurance Scheme. Ibbenefikaw 12-il applikant li minħabba restrizzjonijiet ulterjuri ma setgħux iwettqu l-proġetti tagħhom. Bejniethom ingħataw l-ammont ta' €193,834. | Il-Kunsill Malti għall-Arti baqa' jirċievi l-applikazzjonijiet sa April 2022 iżda ma kien hemm l-ebda rimborż peress li ġew rilaxxati l-miżuri tal-Covid marbuta ma' dawn l-attivitajiet. L-aħħar applikazzjonijiet li rċieva l-Kunsill ma kkwalifikawx għar-rimborż minħabba li l-attivitajiet seħħew kif pjanat.<br><br>Din l-iskema waqfet topera mill-1 ta' Lulju 2022 u kienet tkopri proġetti li saru sal-aħħar ta Ġunju 2022. | | | Implimentata |
| 276 (2022) | Il-Kultura u l-Arti - Ser inkomplu nsaħħu l-iskema ta' għajnuna li tingħata għal seats li ma jkunux jistgħu jinbiegħu f'każ ta' restrizzjonijiet ġodda fuq l-avvenimenti. Għal dan il-għan, qegħdin nivvutaw żewġ miljun ewro. | Kunsill Malti għall-Arti | Din l-iskema kienet imsejħa Seat Utilisation Scheme u fetħet f'Diċembru tal-2021. Fl-ewwel kwart tal-2022 kien hemm tliet sejħiet, waħda kull xahar. Ġew żborżati €339,208 fl-ewwel kwart fuq it-tliet sejħiet u kien hemm total ta' 28 proġett li bbenefikaw. | Fit-tieni kwart kien hemm sejħa waħda li tkopri proġetti li kienu ser jitwettqu sal-aħħar ta' Ġunju 2022. Mis-sejħa bbenefikaw 19-il proġett b'total ta' rimborż ta' fondi ta' €234,075. | | | Implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 277 (2022) | Il-Kultura u l-Arti - Ser noħolqu skema ta' għajnuna għal proġetti artistiċi indipendenti li ser titmexxa mill-Kunsill Malti għall-Arti. Għal dan il-għan qegħdin nivvutaw żewġ miljun ewro. | Kunsill Malti għall-Arti | Infetħet l-iskema Programme Support Scheme fit-12 ta' Jannar tal-2022 u għalqet fit-23 ta' Frar tal-2022 fejn fiha ġew sottomessi 33 applikazzjoni. | Ġew evalwati l-applikazzjonijiet u kien hemm 11-il benefiċjarju li bejniethom ibbenefikaw minn €333,333. Fid-19 ta' April infetħet it-tieni sejħa li għalqet fil-31 ta' Mejju 2022. Il-Kunsill Malti għall-Arti rċieva 30 applikazzjoni li qegħdin fi stadju ta' evalwazzjoni. | Ir-riżultati tal-applikazzjonijiet ħarġu fid-9 ta' Awwissu 2022.<br><br>Is-sejħa li jmiss fetħet fl-1 ta' Settembru. Il-Fond allokat għat-tieni sejħa hu ta' €333,333. | Ir-riżultati tat-tielet u l-aħħar sejħa li fetħet f'Settembru jitħabbru fl-14 ta' Diċembru 2022 u r-rimborż ta' €333,333 jibda jingħata. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 278 (2022) | Fil-qasam tax-Xandir ser jitkompla l-investiment mill-PBS għal TV House moderna li tkun tista' sservi aħjar l-istazzjonijiet tagħha. | Public Broadcasting Services Ltd (PBS) | Matul l-ewwel kwart tas-sena ntalbu l-fondi neċessarji għal dan il-proġett sabiex ikunu allokati fl-2023. | Matul it-tieni kwart tas-sena bdew id-diskussjonijiet mal-partijiet interessati neċessarji dwar ix-xogħlijiet provvisti għall-investiment ta' TV House moderna li tkun tista' sservi aħjar l-istazzjonijiet tagħha. | Matul it-tielet kwart tas-sena tkomplew id-diskussjonijiet mal-partijiet interessati neċessarji. | Matul ir-raba' kwart tas-sena mistennija jitkomplew id-diskussjonijiet mal-partijiet interessati neċessarji. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 279 (2022) | Fil-qasam tax-xandir ser ikun hemm investiment għal palk tat-televiżjoni. | Public Broadcasting Services Ltd (PBS) | Matul l-ewwel kwart tas-sena ntalbu l-fondi neċessarji għal dan il-proġett sabiex ikunu allokati fl-2023. | Matul it-tieni kwart tas-sena bdew id-diskussjonijiet mal-partijiet interessati neċessarji dwar ix-xogħlijiet provvisti għall-investiment għal palk tat-televiżjoni. | Matul it-tielet kwart tas-sena tkomplew id-diskussjonijiet mal-partijiet interessati neċessarji. | Matul ir-raba' kwart tas-sena mistennija jitkomplew id-diskussjonijiet mal-partijiet interessati neċessarji. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 280 (2022) | Fil-qasam tax-xandir ser ikun hemm l-iżvilupp ta' Malex House b'faċilitajiet ta' produzzjoni biex tilqa' fiha kamra tal-aħbarijiet ġdida flimkien ma' studios tal-aħbarijiet. | Public Broadcasting Services Ltd (PBS) | Matul l-ewwel kwart tas-sena ntalbu l-fondi neċessarji għal dan il-proġett sabiex ikunu allokati fl-2023. | Matul it-tieni kwart tas-sena bdew id-diskussjonijiet mal-istakeholders neċessarji dwar ix-xogħlijiet provvisti għall-iżvilupp ta' Malex House b'faċilitajiet ta' produzzjoni biex tilqa' fiha kamra tal-aħbarijiet ġdida flimkien ma' studios tal-aħbarijiet. | Matul it-tielet kwart tas-sena tkomplew id-diskussjonijiet mal-partijiet interessati neċessarji. | Matul ir-raba' kwart tas-sena mistennija jitkomplew id-diskussjonijiet mal-partijiet interessati neċessarji. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN
U EWROPEJ U L-KUMMERĊ (MFET)

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 310 (2022) | Minn Ġunju li ġej jiġu intensifikati t-tħejjijiet sabiex għal sentejn sħaħ, matul l-2023 u l-2024, Malta jkollha siġġu mhux permanenti fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti. | Diviżjoni għall-Affarijiet Globali, Affarijiet Ekonomiċi u Żvilupp Internazzjonali | Bdew l-ewwel sessjonijiet ta' taħriġ tal-uffiċjali tal-Ministeru sabiex ikunu ppreparati biex jagħmlu x-xogħol relatat mal-pożizzjoni ta' Malta fil-Kunsill tas-Sigurtà. | Komplew is-sessjonijiet ta' taħriġ tal-uffiċjali tal-Ministeru sabiex ikunu ppreparati biex jagħmlu x-xogħol relatat mal-pożizzjoni ta' Malta fil-Kunsill tas-Sigurtà. F'Mejju ħarġu sejħiet pubbliċi għall-postijiet ta' Senior Policy Advisers, Policy Advisers u Second Secretaries sabiex iservu fil-missjoni permanenti ta' Malta lejn in-Nazzjonijiet Uniti f'New York. | Intensifikaw is-sessjonijiet ta' taħriġ u preparamenti sabiex il-Ministeru jkun jista' jaħdem b'mod professjonali u effiċjenti waqt li Malta tkun fuq il-Kunsill tas-Sigurtà. Tlestew l-eżamijiet tas-Second Secretaries u għaddejjin preparamenti sabiex isiru l-interviews għas-Second Secretaries li mistennija jkunu lesti sal-aħħar ta' Settembru. Is-sejħa għal Senior Policy Officers u Policy Officers se toħroġ matul Awwissu. | Se jkunu finalizzati l-proċessi u l-proċeduri sabiex ir-riżorsi Maltin jintużaw bl-aħjar mod effiċjenti u effettiv waqt li Malta tkun fuq il-Kunsill tas-Sigurtà. Mistennija wkoll numru ta' konsultazzjonijiet ma' uffiċjali għolja ta' pajjiżi membri permanenti tal-Kunsill tas-Sigurtà. Se jintemm il-proċess ta' reklutaġġ tas-Second Secretaries, Senior Policy Officers u Policy Officers. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 311 (2022) | Investejna bis-sħiħ sabiex nagħtu assistenza umanitarja f'reġjuni milquta minn katastrofi jew kriżi. Għamilna dan kemm ma' pajjiżi ferm imbiegħda minna bħall-Indja u r-Repubblika Dominikana, kif ukoll ma' pajjiżi qrib tagħna bħal-Libja u t-Tuneżija. Dan l-impenn permezz tal-fond għall-Assistenza għall-Iżvilupp ser inkomplu nsostnuh anke matul is-snin li ġejjin. | Diviżjoni għall-Affarijiet Globali, Affarijiet Ekonomiċi u Żvilupp Internazzjonali | Malta tat donazzjoni ta' vaċċin kontra l-COVID-19 u kits ta' testijiet rapidi lil Antigwa u Barbuda.<br><br>Malta approvat għotja lill-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati sabiex tgħin fl-operat tagħha ġewwa l-Afrika ta' Fuq.<br><br>Malta tat assistenza umanitarja vis-à-vis il-gwerra fl-Ukrajna bit-tqassim ta' oġġetti mediċi, il-kopertura tal-ispejjeż tal-akkomodazzjoni lil Ukreni li kellhom bżonn il-kwarantina mal-wasla tagħhom f'Malta, kif ukoll l-offerta ta' servizzi ta' onkoloġija b'xejn lil pazjenti bil-kanċer li qed jaħarbu mill-Ukrajna.<br><br>Malta kkonfermat donazzjonijiet finanzjarji lill-Fond tan-Nazzjonijiet Uniti għat-Tfal u lill-organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura biex tgħin tindirizza l-ħtiġijiet fil-Jemen. | Wara diskussjonijiet mal-entitajiet konċernati, Malta bagħtet it-tieni konsenja ta' għajnuna umanitarja lill-awtoritajiet Ukreni. Malta pparteċipat f'numru ta' inizjattivi bl-għan li jiġu megħjuna ċittadini Ukreni li kellhom jaħarbu lejn pajjiżi ġirien.<br><br>Malta kompliet il-ħidma tagħha fil-qasam tal-kondiviżjoni tal-vaċċini tal-COVID-19 u saret għotja ta' vaċċin lill-pajjiżi l-aktar fil-bżonn. Malta tat ukoll għajnuna finanzjarja lill-aġenziji tan-Nazzjonijiet Uniti li jaħdmu fl-Afganistan u s-Sirja.<br><br>Tlestiet strateġija dwar kif il-fond għall-Assistenza għall-Iżvilupp se jiġi utilizzat matul din is-sena. | | | Implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 312 (2022) | Fl-2022 Malta ser tkompli tkun vuċi importanti favur il-multilateraliżmu. Stat sovran żgħir bħal tagħna jeħtieġ ikompli jisħaq li kunflitti internazzjonali ma jissolvewx bl-inizjattivi ta' pajjiż wieħed waħdu. Minflok nemmnu li wieħed għandu juża l-pjattaforma ta' organizzazzjonijiet internazzjonali sabiex naslu għal kompromessi favur il-paċi. | Diviżjoni għall-Affarijiet Globali, Affarijiet Ekonomiċi u Żvilupp Internazzjonali | Beda x-xogħol għall-konferenza relatata maż-żgħażagħ u d-diżinformazzjoni, li ser tgħaqqad ir-rwol ta' Malta bħala vuċi favur il-multilateraliżmu u l-paċi, u ssaħħaħ l-koperazzjoni ta' Malta mal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Koperazzjoni fl-Ewropa (OSKE). Bdew il-konsultazzjonijiet mar-Rappreżentanza Permanenti ta' Malta għall-OSKE kif ukoll ma' entitajiet oħra. Malta kompliet issaħħaħ il-vuċi tagħha favur il-paċi fl-Ukrajna meta ngħaqdet ma' 45 pajjiż parteċipanti tal-OSCE biex issir analiżi tal-ksur tad-drittijiet umani kawża tal-aggressjoni Russa. | Ir-Rappreżentant Permanenti ta' Malta għall-OSKE għamel intervent waqt Il-laqgħa tal-Grupp tal-Imsieħba tal-Mediterran għall-Koperazzjoni. | Ġie ppreparat intervent minn Malta għal-Laqgħa tal-Forum fuq il-Koperazzjoni fuq is-Sigurtà li ser jittratta r-Riżoluzzjoni 1325 tal-Kunsill tas-Sigurtà fuq ir-rwol tan-nisa fil-ħidma favur il-paċi u s-sigurtà. | Malta ser tipparteċipa fil-Konferenza tal-OSKE għall-Mediterran li ser issir fil-Ġordan fejn Malta ser tipparteċipa b'mod attiv permezz ta' interventi. Malta ser tkun qed tospita sensiela ta' simulation exercises organizzati mill-Uffiċċju tal-Kunsill tal-Ewropa ġewwa t-Tuneżija fuq il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bniedem, li ser ikunu indirizzati lill-uffiċjali mir-Reġjun tal-Lvant Nofsani u l-Afrika ta' Fuq. Malta ser tipparteċipa wkoll waqt il-Laqgħa Ministerjali tal-OSKE, li ser issir fil-Polonja fejn Malta ser tkompli tisħaq fuq il-valur importanti tal-multilateraliżmu biex ikun hemm il-paċi fir-reġjun. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U
D-DRITTIJIET TAT-TFAL (MSPC)

| | **DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA** | **DIPARTIMENT / ENTITÀ** | **KWART 1** Jannar - Marzu 2022 | **KWART 2** April - Ġunju 2022 | **KWART 3** Lulju - Settembru 2022 | **KWART 4** Ottubru - Diċembru 2022 | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 (2022) | Ser inżidu lill-pensjonanti kollha tas-sigurtà soċjali: tal-irtirar, tar-romol, tal-invalidità u dawk li jirċievu l-pensjoni mhux kontributorja tal-età. | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Bdew jinħarġu l-pagamenti dovuti bir-rata ġdida applikabbli lil dawk kollha eliġibbli wara li saru t-tibdiliet meħtieġa fis-sistema u l-ittestjar neċessarju. Dan ikompli jsir bħala parti mill-operat tad-Dipartiment. | | | | Implimentata |
| 2 (2022) | Żieda fl-Għajnuna tas-Supplimentari lill-pensjonanti, anzjani u anke persuni li jistgħu jkunu f'impjieg jekk ma jkollhomx tfal taħt is-16-il sena. | Diviżjoni għall-Għajnuna Finanzjarja u Osservanza / Direttorat għall-Għajnuna Finanzjarja u Investigazzjonijiet | Bdew isiru l-ħlasijiet dovuti skont il-mekkaniżmu aġġornat u r-rati massimi ġodda wara li saru t-tibdiliet meħtieġa fis-sistema u l-ittestjar meħtieġ. Dan ikompli jsir bħala parti mill-operat tad-Dipartiment. | | | | Implimentata |
| 3 (2022) | Żieda fl-Għajnuna tas-Supplimentari lil persuni miżżewġa jew koppji li d-dħul tagħhom fl-2022 ma jaqbiżx l-€14,318. Ser ikunu qed jirċievu żieda fil-benefiċċju li tvarja bejn €3.47 u €6.50 fil-ġimgħa skont id-dħul tagħhom. | Diviżjoni għall-Għajnuna Finanzjarja u Osservanza / Direttorat għall-Għajnuna Finanzjarja u Investigazzjonijiet | Bdew isiru l-ħlasijiet dovuti skont il-mekkaniżmu aġġornat u r-rati massimi ġodda wara li saru t-tibdiliet meħtieġa fis-sistema u l-ittestjar meħtieġ. Dan ikompli jsir bħala parti mill-operat tad-Dipartiment. | | | | Implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 4 (2022) | Żieda fl-Għajnuna tas-Supplimentari lil persuni waħidhom, inkluż romol, li d-dħul tagħhom fl-2022 ma jaqbiżx l-€10,221 ser jieħdu żieda ta' bejn €4.10 u €5.00 fil-ġimgħa. | Diviżjoni għall-Għajnuna Finanzjarja u Osservanza / Direttorat għall-Għajnuna Finanzjarja u Investigazzjonijiet | Bdew isiru l-ħlasijiet dovuti skont il-mekkaniżmu aġġornat u r-rati massimi ġodda wara li saru t-tibdiliet meħtieġa fis-sistema u l-ittestjar meħtieġ. Dan ikompli jsir bħala parti mill-operat tad-Dipartiment. | | | | Implimentata |
| 6 (2022) | Tiġi aġġustata b'mod gradwali r-rata tal-pensjoni tar-romol biex tkun l-istess bħal tal-konjuġi tagħhom meta jiġu nieqsa u sussegwentement jibqgħu jieħdu ż-żidiet kollha mogħtija mill-Gvern. | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Bdew jinħadmu l-każijiet u jinħarġu l-pagamenti aġġustati wara li saru t-tibdiliet meħtieġa fis-sistema u l-ittestjar meħtieġ. Dan ikompli jsir bħala parti mill-operat tad-Dipartiment. | | | | Implimentata |
| 7 (2022) | Jiżdied għal darb'oħra b'€200 l-ammont ta' pensjoni tas-servizz li jiġi injorat fl-assessjar tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali biex b'hekk is-somma eżentata s-sena d-dieħla ser titla' għal €3,066. | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Saru t-tibdiliet meħtieġa fis-sistema sabiex is-somma eżentata fir-rivalutazzjoni tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali matul is-sena 2022 tkun ta' €3,066 u wara sar l-ittestjar meħtieġ. Bdew jinħadmu r-rivalutazzjonijiet u bdew jinħarġu l-pagamenti. | | | | Implimentata |

| | **DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA** | **DIPARTIMENT / ENTITÀ** | **KWART 1** Jannar - Marzu 2022 | **KWART 2** April - Ġunju 2022 | **KWART 3** Lulju - Settembru 2022 | **KWART 4** Ottubru - Diċembru 2022 | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 8 (2022) | Dawk il-pensjonanti tas-servizz li għandhom aktar minn 72 sena jew li matul is-sena jagħlqu 72 sena ser igawdu minn aktar titjib fil-pensjoni tas-sigurtà soċjali tagħhom billi l-parti li jkunu kkommutaw biex jieħdu s-somma tkun injorata kollha. | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Saru t-tibdiliet meħtieġa fis-sistema sabiex mill-pensjoni tas-servizz ta' dawk li jilħqu l-età ta' 72 sena tkun injorata l-parti kkommutata fl-intier tagħha u wara sar l-ittestjar meħtieġ. Bdew jinħadmu r-rivalutazzjonijiet u bdew jinħarġu l-pagamenti. Dan ikompli jsir bħala parti mill-operat tad-Dipartiment. | | | | Implimentata |
| 9 (2022) | B'mod gradwali, il-bonus għall-għoli tal-ħajja ser jibda jitħallas sħiħ lill-pensjonanti kollha li rtiraw wara l-2008. | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Komplew ħerġin il-pagamenti tal-bonus għall-għoli tal-ħajja biż-żieda msemmija fil-baġit wara li saru t-tibdiliet meħtieġa fis-sistema, sar l-ittestjar meħtieġ u bdew jinħarġu fl-aħħar tas-sena 2021. | | | | Implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 10 (2022) | Żieda ta' €150 fil-bonus annwali għal persuni li laħqu l-età tal-irtirar iżda ma jikkwalifikawx għall-pensjoni għax ma kellhomx biżżejjed kontribuzzjonijiet. | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Wara li saru t-tibdiliet meħtieġa fis-sistema, sar l-ittestjar meħtieġ, u l-ewwel pagamenti nħarġu fi Frar 2022. Dan ikompli jsir bħala parti mill-operat tad-Dipartiment. | | | | Implimentata |
| 20 (2022) | Anzjani ta' 80 sena jew aktar li jirċievu l-Għajnuna Supplimentari ser jibdew ikunu eliġibbli awtomatikament għall-għajnuna medika bla ħlas, jew il-Karta r-Roża, kif inhi aktar magħrufa. Dan ser jibda jsir mingħajr il-ħtieġa li dawn l-anzjani joqogħdu għat-test tal-mezzi. | Diviżjoni għall-Għajnuna Finanzjarja u Osservanza / Direttorat għall-Għajnuna Finanzjarja u Investigazzjonijiet | Saru t-tibdiliet meħtieġa fis-sistema u wara li sar l-ittestjar meħtieġ, bdew jintbagħtu l-ittri skont il-mekkaniżmu aġġornat. Dan ikompli jsir bħala parti mill-operat tad-Dipartiment. | | | | Implimentata |
| 21 (2022) | Tiżdied l-għotja b'€50 għal Ċittadini Anzjani li għadhom jgħixu fil-komunità jew f'dar tal-anzjani privata għal dawk l-anzjani fl-età ta' 80 sena jew aktar, biex din tiżdied għal €400 fis-sena. | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Saru t-tibdiliet meħtieġa fis-sistema u l-ittestjar meħtieġ. L-ewwel pagamenti biż-żieda nħarġu fi Frar 2022. Dan ikompli jsir bħala parti mill-operat tad-Dipartiment. | | | | Implimentata |

| | **DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA** | **DIPARTIMENT / ENTITÀ** | **KWART 1** Jannar - Marzu 2022 | **KWART 2** April - Ġunju 2022 | **KWART 3** Lulju - Settembru 2022 | **KWART 4** Ottubru - Diċembru 2022 | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 22 (2022) | Żieda fil-Bonus ta' €100 għal twelid ta' tarbija jew adozzjoni biex b'hekk minn €300 ser jitla' għal €400. | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Saru t-tibdiliet meħtieġa fis-sistema u wara li sar l-ittestjar meħtieġ, u bdew ħerġin il-ħlasijiet dovuti bir-rata ġdida applikabbli. Dan ikompli jsir bħala parti mill-operat tad-Dipartiment. | | | | Implimentata |
| 23 (2022) | Żieda fl-Allowance għal Tfal b'Diżabilità b'€5. B'hekk l-allowance ser jogħla għal €1,560 fis-sena. | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Saru t-tibdiliet meħtieġa fis-sistema u wara li sar l-ittestjar meħtieġ u bdew jinħarġu l-ħlasijiet dovuti bir-rata ġdida applikabbli. Dan ikompli jsir bħala parti mill-operat tad-Dipartiment. | | | | Implimentata |
| 24 (2022) | Tiżdied l-Għotja għal Carer ta' persuna b'diżabilità severa b'€200; minn €300 għal €500. | Diviżjoni għall-Għajnuna Finanzjarja u Osservanza / Direttorat għall-Għajnuna Finanzjarja u Investigazzjonijiet | Saru t-tibdiliet meħtieġa fis-sistema u wara li sar l-ittestjar meħtieġ, fi Frar inħarġu l-pagamenti lill-persuni eliġibbli. | | | | Implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 25 (2022) | Jingħata kumpens sħiħ għall-għoli tal-ħajja għal persuni fuq l-Assistenzi Soċjali. | Diviżjoni għall-Għajnuna Finanzjarja u Osservanza / Direttorat għall-Għajnuna Finanzjarja u Investigazzjonijiet | Wara li saru t-tibdiliet meħtieġa fis-sistema u l-ittestjar meħtieġ, il-persuni li jibbenefikaw mill-Assistenza Soċjali bdew jirċievu ż-żieda sħiħa tal-għoli tal-ħajja fil-pagamenti li nħarġu f'Jannar tal-2022. Dan ikompli jsir bħala parti mill-operat tad-Dipartiment. | | | | Implimentata |
| 26 (2022) | Tiġi introdotta proċedura ġdida sabiex persuni li ma jkollhomx indirizz fiss u li jkunu qed jingħataw servizz professjonali mill-FSWS, jibdew jingħataw taħt skrutinju kontinwu l-Għajnuna Soċjali sabiex jiġu megħjuna aħjar fil-ħtiġijiet tagħhom sakemm jidħlu fid-dinja tax-xogħol u sabiex eventwalment ikollhom fejn jgħixu. | Diviżjoni għall-Għajnuna Finanzjarja u Osservanza / Direttorat għall-Għajnuna Finanzjarja u Investigazzjonijiet | Saru t-taħditiet neċessarji ma' servizz.gov u mal-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali u ġiet introdotta din il-proċedura. | | | | Implimentata |

| | **DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA** | **DIPARTIMENT / ENTITÀ** | **KWART 1** Jannar - Marzu 2022 | **KWART 2** April - Ġunju 2022 | **KWART 3** Lulju - Settembru 2022 | **KWART 4** Ottubru - Diċembru 2022 | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 29 (2022) | Jiġu indirizzati l-inġustizzji tal-imgħoddi taħt tliet skemi differenti: eks ħaddiema tax-xatt, tal-korpi, studenti ħaddiema u apprentisti li wara l-1979 daħlu mal-Gvern, għall-eks ħaddiema tal-Gas Board u għall-apprentisti tal-Malta Electricity Board li kienu ngħaqdu mal-Korporazzjoni Enemalta meta twaqqfet fl-1977. Il-werrieta ta' persuni eliġibbli taħt it-tliet skemi jibbenefikaw ukoll mill-għotjiet. | Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti | Ġew aġġornati l-avviżi biex jiġu ppubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern biex jiġu riċevuti applikazzjonijiet mingħand il-persuni eliġibbli. | Saret il-pubblikazzjoni tal-avviżi fil-Gazzetta tal-Gvern u bdew jintlaqgħu l-applikazzjonijiet mingħand persuni eliġibbli għall-għotjiet mogħtija taħt l-iskemi mħabbra. Bdew jiġu pproċessati l-applikazzjonijiet riċevuti. | Il-perjodu li fih setgħu jintbagħtu l-applikazzjonijiet għalaq fl-aħħar ta' Lulju. Huwa mistenni li matul Awwissu u Settembru jintemm il-proċess fejn jiġu verifikati l-applikazzjonijiet u d-dokumenti meħtieġa. | Matul dan il-perjodu jsiru l-pagamenti dovuti lill-applikanti eliġibbli taħt it-tliet skemi ta' għotjiet. | Implimentata |
| 30 (2022) | Issir ġustizzja ma' pensjonanti fi tqassim ta' wirt lill-ulied billi jitressqu emendi fil-liġi biex għal dawk li jkunu wirtu wara li bdew jirċievu l-pensjoni mhux kontributorja u jkunu ilhom jirċevuha minn tal-inqas ħames snin, il-limitu tal-kapital jitla' minn €23,300 għal €50,000 għall-miżżewġin u minn €14,000 għal €30,000 għall-persuni waħidhom. | Diviżjoni għall-Għajnuna Finanzjarja u Osservanza / Direttorat għall-Għajnuna Finanzjarja u Investigazzjonijiet | Wara li saru d-diskussjonijet mal-MITA, saru t-tibdiliet neċessarji fis-sistema u l-ittestjar meħtieġ. L-assessuri li jaħdmu l-każijiet kienu infurmati bl-emendi u bdiet titħaddem is-sistema skont il-mekkaniżmu aġġornat. | | | | Implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 31 (2022) | Donazzjonijiet sa total massimu ta' €20,000 li jsiru lill-ulied b'mod formali u legali u anke donazzjoni tal-arja tal-proprjetà tal-pensjonant, ser jibdew jiġu esklużi mill-kalkolu tal-kapital tal-pensjonant. | Diviżjoni għall-Għajnuna Finanzjarja u Osservanza / Direttorat għall-Għajnuna Finanzjarja u Investigazzjonijiet | Wara li saru d-diskussjonijiet mal-MITA, saru t-tibdiliet meħtieġa fis-sistema u l-ittestjar meħtieġ. L-assessuri li jaħdmu l-każijiet ġew infurmati bl-emendi u bdiet titħaddem is-sistema skont il-mekkaniżmu aġġornat. | | | | Implimentata |
| 32 (2022) | Jiġu kkunsidrati proposti sabiex l-effetti fuq il-pensjoni f'każi ta' separazzjoni tiġi indirizzata b'mod li biha ssir ġustizzja soċjali maż-żewġ konjugi. | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Bdew id-diskussjonijiet bejn il-Gvern u l-Pensions Strategy Group dwar l-għażliet li jeżistu. | Komplew id-diskussjonijiet f'livelli ogħla. | Bdew diskussjonijiet interni u mal-MITA fuq kif ser tiġi implimentata l-miżura u t-tibdil neċessarju fuq Social Assistance and Benefits Systems (SABS). | Huwa mistenni li f'dan il perjodu, isir it-tibdil fuq SABS mill-MITA u jsir l-ittestjar neċessarju sabiex b'hekk dan jinħareġ fuq live environment.<br><br>Jibdew jintlaqgħu t-talbiet, jiġu assessjati u jibdew jitħallsu. | Implimentata |
| 33 (2022) | Persuni li ħallsu mill-inqas għaxar snin bolol imma għadhom mhux intitolati għall-pensjoni għax ma ħallsux bolol minn Jannar 1979 'il quddiem, ser jibdew jikkwalifikaw għall-ekwivalenti tal-inqas rata tal-pensjoni taż-żewġ terzi ta' madwar €50 fil-ġimgħa. | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Saru t-tibdiliet meħtieġa fis-sistema u l-ittestjar meħtieġ. Bdew jinħadmu l-każijiet tal-persuni eliġibbli u bdew ħerġin il-pagamenti aġġustati. Dan ikompli jsir bħala parti mill-operat tad-Dipartiment. | | | | Implimentata |

| | **DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA** | **DIPARTIMENT / ENTITÀ** | **KWART 1** Jannar - Marzu 2022 | **KWART 2** April - Ġunju 2022 | **KWART 3** Lulju - Settembru 2022 | **KWART 4** Ottubru - Diċembru 2022 | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 34 (2022) | Tingħata wkoll l-opportunità lill-persuni li skont rekords uffiċjali kienu f'impjieg qabel it-twaqqif tal-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ fl-1990 iżda ma nstabx ħjiel li tħallsu bolol sakemm damu jaħdmu, biex ikunu jistgħu jħallsu sa mhux aktar minn ħames snin bolol nieqsa għal perjodi li skont ir-rekords uffiċjali juru li kienu jaħdmu. | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Bdew jintlaqgħu l-applikazzjonijiet mill-pubbliku wara li ttellgħet l-applikazzjoni fuq is-sit tad-Dipartiment. Bdew jinħadmu l-applikazzjonijiet riċevuti u jintbagħtu l-kontijiet lil persuni eliġibbli sabiex iħallsu l-arretrati tal-kontribuzzjonijiet. Dan ikompli jsir bħala parti mill-operat tad-Dipartiment. | | | | Implimentata |
| 35 (2022) | Persuni li jkunu laħqu l-età ta' 59 sena, li jkollhom xi kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali neqsin u li jkunu qed jirċievu l-Pensjoni tal-Invalidità, ser ikunu jistgħu jħallsu sa ħames snin ta' kontribuzzjonijiet b'lura wkoll. | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Bdew jintlaqgħu l-applikazzjonijiet mill-pubbliku wara li ttellgħet l-applikazzjoni uq is-sit tad-Dipartiment. Bdew jinħadmu l-applikazzjonijiet riċevuti u jintbagħtu l-kontijiet lill- persuni eliġibbli sabiex iħallsu l-arretrati tal-kontribuzzjonijiet. Dan ikompli jsir bħala parti mill-operat tad-Dipartiment. | | | | Implimentata |

| | **DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA** | **DIPARTIMENT / ENTITÀ** | **KWART 1** Jannar - Marzu 2022 | **KWART 2** April - Ġunju 2022 | **KWART 3** Lulju - Settembru 2022 | **KWART 4** Ottubru - Diċembru 2022 | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 36 (2022) | Miżura favur ħaddiema part-time b'aktar minn impjieg wieħed sabiex meta jaslu biex jirtiraw ngħinuhom ikollhom pensjoni aħjar, ser nagħtuhom l-opportunità li jibdew iħallsu l-bolla tas-sigurtà soċjali fuq aktar minn xogħol part-time wieħed sa massimu ta' 40 siegħa xogħol fil-ġimgħa | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali /MFE | Intlaħaq ftehim bejn l-Kummissarju tat-Taxxi Interni u d-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali dwar l-implimentazzjoni tal-miżura. Ġew abbozzati l-emendi neċessarji fil-liġi. Beda x-xogħol fuq il-proċess ta' kif il-kontribuzzjonijiet imħallsa taħt din il-miżura jibdew jiġu mniżżla fir-rekords tal-persuni li jkunu ħallsu t-tali kontribuzzjonijiet. Bdew id-diskussjonijiet mal-MITA fuq it-tibdil neċessarju fis-sistema. | L-emendi legali ġew approvati mill-Parlament, u tlesta x-xogħol fuq il-proċess ta' kif il-kontribuzzjonijiet imħallsa taħt din il-miżura jibdew jiġu mniżżla fir-rekords tal-persuni li jkunu ħallsu t-tali kontribuzzjonijiet. Komplew id-diskussjonijiet mal-MITA fuq it-tibdil neċessarju fis-sistema. | Id-diskussjonijiet mal-MITA ġew iffinalizzati u mistenni jibda x-xogħol neċessarju fuq SABS sabiex tali kontribuzzjonijiet jibdew jiġu mniżżla fir-rekords ta' min iħallas b'dan il-mod. | Iseħħ l-ittestjar neċessarju kemm mill-MITA u mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, u wara jinħareġ it-tibdil fuq il-live enviroment. | Implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 37 (2022) | Persuni taħt il-61 sena li jgħixu mal-ġenituri tagħhom u jirċievu l-Pensjoni għall-Invalidità jistgħu jibbenefikaw mill-Għajnuna Medika jekk jissodisfaw għadd ta' kundizzjonijiet li huma l-aktar relatati mad-dħul kapitali tagħhom u tal-ġenituri. Jekk persuna tikkwalifika, il-benefiċċju jitħallas lill-ġenituri u mhux lilu jew lilha. Din l-anomalija ser titneħħa sabiex f'każi bħal dawn, l-applikant jitqies separatament. Jittieħed biss inkonsiderazzjoni d-dħul u l-kapital tiegħu jew tagħha biss, u li l-ħlas tal-benefiċċju jsir direttament lill-applikant. | Diviżjoni għall-Għajnuna Finanzjarja u Osservanza / Direttorat għall-Għajnuna Finanzjarja u Investigazzjonijiet | Wara li saru t-tibdiliet meħtieġa fis-sistema u l-ittestjar meħtieġ, bdiet titħaddem il-miżura. | | | | Implimentata |
| 38 (2022) | Tneħħija tat-test tal-mezzi tad-dħul fl-assistenza għal diżabilità severa. | Diviżjoni għall-Għajnuna Finanzjarja u Osservanza / Direttorat għall-Għajnuna Finanzjarja u Investigazzjonijiet | Saru t-tibdiliet meħtieġa fl-applikazzjoni u fis-sistema u wara li sar l-ittestjar neċessarju, bdiet titħaddem il-miżura billi l-applikazzjonijiet li jibdew jiġu riċevuti jibdew jiġu evalwati bil-metodu l-ġdid. | | | | Implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 39 (2022) | Jitneħħew ir-restrizzjonijiet legali għal persuni li jġarrbu diżabilità kawża ta' korriment fuq il-post tax-xogħol u li jibqgħu jaħdmu biex kemm idumu jaħdmu u jieħdu l-Pensjoni għal Korriment fuq ix-Xogħol, dawn il-persuni ma jkollhomx tnaqqis minn benefiċċji futuri tal-mard, tal-qgħad jew ta' xi korriment fuq ix-xogħol, li jistgħu japplikaw għalihom. | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Saru t-tibdiliet meħtieġa fis-sistema, u wara li sar l-ittestjar neċessarju, bdew jinħadmu l-każijiet u jitħallsu l-persuni eliġibbli. | | | | Implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 71 (2022) | Żieda fl-Iskema tal-In-Work Benefit lill-ġenituri li jaħdmu u li għandhom tfal taħt it-23 sena.<br><br>· Għal koppji fejn it-tnejn jaħdmu, il-limitu tad-dħul ser jitla' minn €35,000 għal €50,000 fis-sena;<br><br>· Għal koppji fejn wieħed mill-ġenituri jaħdem, il-limitu tad-dħul ser jitla' minn €26,000 għal €35,000 fis-sena;<br><br>· Għal ġenituri waħidhom li jaħdmu – il-limitu tad-dħul ser jitla' minn €23,000 għal €35,000 fis-sena. | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Bdew id-diskussjonijiet mal-MITA u l-Kummissarju tat-Taxxi Interni sabiex il-ħlas jibda jsir b'mod awtomatiku lil dawk il-benefiċjarji ġodda li huma eliġibbli skont it-thresholds imħabbra fil-baġit. Intbagħtet ittra lill-benefiċjarji preżenti sabiex jibagħtu l-FS3 tas-sena 2021 biex jinħadmilhom il-benefiċċju fuq ir-rati l-ġodda.<br><br>Saru t-tibdiliet meħtieġa u l-ittestjar meħtieġ fuq is-sistema sabiex il-benefiċjarji preżenti jkunu jistgħu jieħdu l-pagament bir-rati l-ġodda. | Tkomplew id-diskussjonijiet mal-MITA u l-Kummissarju tat-Taxxi Interni sabiex il-ħlas jibda jsir b'mod awtomatiku lil dawk il-benefiċjarji ġodda li huma eliġibbli skont it-thresholds imħabbra fil-baġit.<br><br>Tlestew il-modifiki fis-sistema. Bdew jiġu pproċessati l-pagamenti u l-persuni eliġibbli bdew jirċievu l-benefiċċju bir-rati l-ġodda filwaqt li dawk mhux eliġibbli ġew notifikati bid-deċiżjoni. | Matul Lulju sar proċess ieħor fejn il-benefiċjarji tħallsu għall-perjodu April - Ġunju. Id-diskussjonijiet mal-MITA u CfR baqgħu għaddejjin sabiex ikompli jinbena dak meħtieġ għall-IT framework.<br><br>Huwa pjanat li jitwettaq l-ittestjar neċessarju fuq l-IT framework il-ġdida sabiex dawk il-benefiċjarji li jikkwalifikaw bit-thresholds il-ġodda jiġu magħżula permezz ta' dummy uploads. | Mistenni li jibdew jinħarġu l-pagamenti lill-benefiċjarji li jikkwalifikaw bejn il-massimu tat-threshold l-antik u l-massimu tat-threshold il-ġdid. | Implimentata |



# MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI (MAFA)

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 237 (2022) | Wara t-twaqqif ta' aġenzija responsabbli mill-ikel, ser inkunu qed niżviluppaw politika nazzjonali għal katina ta' ikel iktar b'saħħitha bl-għan li negħlbu l-isfidi u noħolqu opportunitajiet fid-diversi oqsma li jmissu mal-produzzjoni tal-ikel. | Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti | Beda x-xogħol ta' 'mapping' ta' politiki, programmi, u strateġiji marbuta mal-ikel, filwaqt li tkomplew il-preparamenti sabiex jiġu ingaġġati konsulenti sabiex jgħinu fit-tfassil tal-Politika. | Inħarġet sejħa għall-offerti għal xogħol ta' konsulenza fil-qasam ekonomiku u dak tal-intrapriża, u wara li għalqet saret l-evalwazzjoni, u ntgħażel l-offerent preferut. Saru laqgħat mal-konsulenti fuq ix-xogħol meħtieġ. | Bdew id-diskussjonijiet bejn l-isteering committee u l-konsulenti ingaġġati. Tlesta x-xogħol ta' mapping u beda x-xogħol fuq il-qafas strateġiku. | Mistennija li l-konsulenti jkomplu bir-riċerka tagħhom u l-konsultazzjonijiet neċessarji sabiex jiġi mfassal qafas għal pjan ta' azzjoni dwar il-produzzjoni organika. Jitkompla wkoll ix-xogħol fuq il-kumplament tal-Politika Nazzjonali. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 238 (2022) | Sabiex ninċentivaw aktar raba' jinħadem b'mod effettiv mill-bdiewa u nżidu l-produzzjoni organika f'pajjiżna, ser inkunu qed nagħtu inċentivi lis-sidien tal-artijiet sabiex jidħlu f'arranġament ma' bdiewa li jixtiequ jaħdmu l-art għall-produzzjoni organika. | Direttorat tal-Agrikoltura - Dipartiment għall-Affarijiet Rurali | Saru diskussjonijiet interni sabiex jiġu identifikati tipi ta' inċentivi li jistgħu jingħataw lis-sidien tal-artijiet u entitajiet relevanti, kriterji u metodi ta' verifikazzjoni.<br><br>Bdiet il-konsultazzjoni mal-entitajiet identifikati sabiex tiġi esplorata l-possibilità ta' inċentivi applikabbli. | Wara li ntemm il-proċess ta' konsultazzjoni ġie magħżul l-aħjar mekkaniżmu li bihom jistgħu jingħataw inċentivi lis-sidien tal-artijiet.<br><br>Inbeda l-abbozzar tal-iskema u linji gwida li permezz tagħha ser jingħataw l-inċentivi lis-sidien tal-artijiet ibbażata fuq il-kriterji maqbula. | Ġie finalizzat l-abbozz tal-iskema u ntalbet l-approvazzjoni tal-Istate Aid Monitoring Board sabiex tkun tista' tinħareġ l-iskema. | Mistenni jingħata t-taħriġ lill-uffiċjali konċernati fuq kif ħa titħaddem l-iskema u tiġi varata l-iskema. | Implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 239 (2022) | Wara li din is-sena wettaqna r-riforma fil-Pitkalija, ser inkunu qed ninvestu fil-faċilitajiet meħtieġa biex inkunu nistgħu nbigħu l-frott u l-ħaxix tal-bdiewa tagħna b'mod li jkun ippakkjat u ppreżentat aħjar, skont standards tas-suq u biex jintgħaraf minn prodotti oħrajn. | Malta Food Agency (MFA) | Ġie kummissjonat studju dwar makkinarju u faċilitajiet li hemm bżonn biex inkunu nistgħu noffru prodott ippakkjat u ppreżentat aħjar.<br><br>Intlaħaq ukoll ftehim mal-Koperattiva tal-Bdiewa sabiex jitnieda l-proċess ta' xiri. | Wara li ġie identifikat x'makkinarju hemm bżonn, ġiet ippubblikata sejħa għall-offerti sabiex jinxtara dan l-apparat. | Wara li għalqet is-sejħa għall-offerti għall-apparat meħtieġ, ġew evalwati l-offerti rċevuti u ġie ffirmat il-kuntratt mal-offerent magħżul. Saret l-ordni tal-makkinarju. | Mistenni jasal il-makkinarju, jiġi installat, isir l-ittestjar meħtieġ u jibda jintuża. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 240 (2022) | Ser nassistu lill-bdiewa biex itejbu l-kwalità tal-prodotti tagħhom u jiksbu ċertifikazzjoni. | Direttorat tal-Agrikoltura - Dipartiment għall-Affarijiet Rurali | Saru numru ta' laqgħat ta' konsultazzjoni u ġiet identifikata l-iskema ta' ċertifikazzjoni. | Ġew ingaġġati numru ta' esperti sabiex jistabbilixxu l-materjal ta' taħriġ u jkunu jistgħu joffru korsijiet lill-uffiċjali li ser ikunu qed jassistu lill-bdiewa. Beda jingħata t-taħriġ lill-uffiċjali magħżula fuq is-sistema ta' ċertifikazzjoni. | Ingħata t-taħriġ lill-ħaddiema fuq is-sistema ta' ċertifikazzjoni, kif ukoll lill-bdiewa, u ġie varat is-servizz. | | Implimentata |
| 241 (2022) | Sabiex niżguraw li ma jkunx hemm frodi fil-bejgħ tal-prodott agrikolu Malti, ser inkunu qed insaħħu l-kontroll fil-Malta Food Agency billi nistabbilixxu unit ta' infurzar. | Malta Food Agency (MFA) | Ġie ingaġġat Manager li sabiex jimexxi l-Unit ta' Infurzar.<br><br>Bdew jitfasslu l-Standard Operating Procedures (SOPs) ta' kif ser jsiru l-ispezzjonijiet. | Ġew ingaġġati żewġ spetturi mal-Aġenzija.<br><br>Ġew finalizzati l-SOPs u bdew isiru l-ispezzjonijiet | | | Implimentata |

| | **DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA** | **DIPARTIMENT / ENTITÀ** | **KWART 1** Jannar - Marzu 2022 | **KWART 2** April - Ġunju 2022 | **KWART 3** Lulju - Settembru 2022 | **KWART 4** Ottubru - Diċembru 2022 | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 242 (2022) | Ser inkunu qed inwettqu proġetti li jtejbu l-infrastruttura ta' pilastri li joffru s-servizzi tad-dawl u l-ilma ġewwa l-portijiet tas-sajjieda. | Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura | Ġew ippreparati d-dettalji tekniċi mill-perit li ġie mqabbad sabiex jiġu sottomessi lill-Awtorità tal-Ippjanar.<br><br>Ġiet sottomessa l-applikazzjoni għall-permess lill-Awtorità tal-Ippjanar għax-xogħlijiet meħtieġa.<br><br>Ġiet abbozzata sejħa għall-offert għax-xogħlijiet meħtieġa, liema xogħlijiet jinkludu trinek fiż-żoni rispettivi, mogħdija tas-servizzi u asfaltar. | Tkompla l-ipproċessar tal-applikazzjoni għall-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar għax-xogħlijiet meħtieġa.<br><br>Sar l-ivvettjar tas-sejħa għall-offerti mill-Awtorità kompetenti. | Jinħareġ il-permess mill-Awtorità kompetenti.<br><br>Ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet meħtieġa. | Mistenni li wara li tagħlaq is-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet meħtieġa, issir l-evalwazzjoni tal-offerti rċevuti u wara li joħroġ il-permess jibda x-xogħol neċessarju. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 244 (2022) | Sabiex nimmassimizzaw l-użu ta' art agrikola għall-produzzjoni tal-ikel filwaqt li nilħqu l-miri tal-istrateġija Farm to Fork, ser inkunu qed inniedu inizjattiva għal carbon farming. Permezz ta' din l-inizjattiva ser nagħtu għotja sa massimu ta' €8,000 biex ninċentivaw bdiewa li għandhom raba' agrikola li mhix tinħadem jew li bħalissa hija barra mill-produzzjoni jew taħt produzzjoni b'valur baxx sabiex jaqilbuha f'sistemi ta' Agroforestrija bbażata fuq siġar tal-frott. | Agriculture and Rural Payment Agency | Ġie mniedi proġett pilota u nbagħtu l-applikazzjonijiet lill-bdiewa kkonċernati. Ġie deċiż li l-għan tal-proġett pilota jitwessa' sabiex l-istudju jiġi mfassal b'mod sinerġetiku mal-proġett. | Ġew evalwati l-applikazzjonijiet rċevuti tal-proġett pilota u ġew iffirmati l-kuntratti neċessarji.<br><br>Bdew jitqassmu s-siġar lill-applikanti eliġibbli.<br><br>Bdew il-preparamenti neċessarji għat-tnedija tat-tieni fażi tal-proġett bil-għan li jiġu identifikati aktar bdiewa sabiex jipparteċipaw taħt din l-iskema. | Tnediet it-tieni fażi tal-proġett pilota, inħarġu s-sejħiet għall-applikazzjoni, saret l-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet irċevuti u bdew jitqassmu s-siġar lill-applikanti. | Mistenni jsir xogħol fuq it-tfassil tal-istudju xjentifiku abbażi tar-riżultat tal-proġett pilota. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 313 (2022) | Ħarsien u Drittijiet tal-Annimali - Titħejja strateġija nazzjonali għall-ħarsien u t-trattament xieraq tal-annimali. | Dipartiment tas-Saħħa u l-Ħarsien tal-Annimali | Inħatar 'task force' tekniku sabiex jgħin fis-sorveljanza tal-proġett.<br><br>Ġie ppreparat id-dokument għall-konsultazzjoni pubblika sabiex jinġabar feedback dwar x'għandhom ikunu l-għanijiet tal-Istrateġija Nazzjonali għat-Trattament Xieraq tal-Annimali.<br><br>Bdiet tinġabar l-informazzjoni meħtieġa dwar ir-reġistrazzjoni u l-liċenzjar ta' annimali, u rziezet u postijiet regolati oħra u dwar l-ispezzjonijiet li saru fl-aħħar tliet snin. | Ġiet imnedija l-konsultazzjoni pubblika.<br><br>Inġabret l-informazzjoni meħtieġa dwar ir-reġistrazzjoni u liċenzjar ta' annimali, irziezet u postijiet regolati oħra u dwar l-ispezzjonijiet li saru fl-aħħar tliet snin. | Wara li għalqet il-konsultazzjoni pubblika, ġew analizzati s-sottomissjonijiet irċevuti flimkien mal-informazzjoni miġbura. Ġie ppubblikat l-eżitu li ħareġ mill-konsultazzjoni pubblika. | Mistennija l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għat-tfassil tal-Istrateġija Nazzjonali għat-Trattament Xieraq tal-Annimali. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 314 (2022) | F'2022 se nibdew nesploraw il-possibilità li jinfetaħ rehoming centre modern għall-adozzjoni tal-annimali, inkluż annimali li jgħixu fit-toroq. | Dipartiment għas-Saħħa u l-Ħarsien tal-Annimali | Saru diskussjonijiet mal-Malta Strategic Partnership Projects Limited (MSPP) sabiex tiġi esplorata l-possibilità li jinfetaħ rehoming centre modern għall-adozzjoni tal-annimali. | Beda jsir studju mill-MSPP dwar il-fattibilità ta' dan ir-rehoming centre. | Ġie finalizzat u diskuss l-istudju dwar ir-rehoming centre. | Mistenni li jiġi analizzat l-istudju li sar mill-MSPP u tittieħed deċiżjoni dwar il-pass li jmiss mill-Ministeru. | Implimentata |

MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI
SOĊJALI U AFFORDABBLI (MSAA)

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 53 (2022) | Matul is-sena li ġejja mistenni jitla' għal madwar 680 in-numru ta' familji li ser jiġu allokati dar permezz tal-iskema Nikru Biex Nassistu. | Awtorità tad-Djar | Baqgħet miftuħa l-iskema Nikru Biex Nassistu u komplew jinkrew aktar residenzi. | Baqgħet miftuħa l-iskema Nikru Biex Nassistu u komplew jinkrew aktar residenzi. | Baqgħet miftuħa l-iskema Nikru Biex Nassistu u komplew jinkrew aktar residenzi. | Tibqa' miftuħa l-iskema Nikru Biex Nassistu u jinkrew aktar residenzi. | Implimentata |
| 54 (2022) | Jibda jopera l-ewwel programm ta' akkomodazzjoni interġenerazzjonali f'pajjiżna, li ser jakkomoda madwar 80 resident – anzjani u żgħażagħ – li wkoll qed isir f'binja li ngħatat ħajja mill-ġdid bħala parti minn dan il-programm. | Awtorità tad-Djar | Ġie ffirmat ftehim mal-għaqda volontarja magħżula fejn ġew identifikati r-residenzi allokati liż-żgħażagħ. Inkisbu l-istimi għax-xogħlijiet meħtieġa fir-residenzi allokati liż-żgħażagħ u ġie magħżul il-kuntrattur sabiex iforni l-għamara. | Bdiet titwaħħal l-għamara u sar ix-xogħol meħtieġ biex il-binja jkollha s-servizz tad-dawl. | Tlestew l-aħħar xogħlijiet u l-binja ngħatat lir-residenti. | | Implimentata |
| 55 (2022) | Introduzzjoni ta' Care Plan fuq l-applikanti u l-benefiċjarji kollha ta' akkomodazzjoni soċjali fuq numru ta' snin. | Awtorità tad-Djar | Saru d-diskussjonijiet rigward l-implimentazzjoni ta' din il-miżura. | Beda x-xogħol fuq il-care plan u tlesta l-ewwel abbozz. | Ġiet approvata l-careplan.<br><br>Ġew inġaġġati numru ta' social workers u ġew mogħtija t-taħriġ neċessarju. | Mistennija ssir kampanja ta' informazzjoni u jinbeda l-proġett pilota. Jiġi evalwat ir-riżultat miksub fil-proġett pilota u jitwettqu l-aġġustamenti meħtieġa. | Implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 56 (2022) | Ser tiġi estiża tal-iskema Equity Sharing Plus fejn ser tkun miftuħa għal persuni li għandhom minn 30 sena 'l fuq biex jiżdied l-aċċess tagħhom għas-suq tal-proprjetà u jsiru sidien ta' darhom. Fejn il-Gvern ser jidħol għal massimu ta' 50% tal-proprjetà flimkien max-xerrej. | Awtorità tad-Djar | Wara li saru l-emendi meħtieġa, ġiet imħabbra l-estensjoni tal-iskema u baqgħu jintlaqgħu l-applikazzjonijiet. | | | | Implimentata |
| 57 (2022) | Jibqgħu miftuħin skemi oħra li jgħinu liż-żgħażagħ isiru sidien ta' darhom: l-iskema tal-ħlas tal-10% depożitu li jsir fil-konvenju. | Awtorità tad-Djar | L-iskema li tnediet fl-2020 baqgħet miftuħa u komplew jintlaqgħu l-applikazzjonijiet. | | | | Implimentata |
| 58 (2022) | Jibqgħu miftuħin skemi oħra li jgħinu liż-żgħażagħ isiru sidien ta' darhom: l-iskema Home Assist biex persuni u koppji bi dħul baxx jirnexxilhom jieħdu self mill-bank. | Awtorità tad-Djar | L-iskema li tnediet fl-2018 baqgħet miftuħa u komplew jintlaqgħu l-applikazzjonijiet. | | | | Implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 60 (2022) | Il-Gvern daħal fi ftehim mal-Arċidjoċesi ta’ Malta sabiex flimkien ikunu l-fundaturi tal-Fondazzjoni tal-Akkomodazzjoni Affordabbli, liema fondazzjoni ser tkun qed tiddisinja programmi ta’ akkomodazzjoni affordabbli u tassigura provvista permanenti ta’ akkomodazzjoni adegwata li tilħaq kategoriji differenti ta’ dħul. L-aktar kategorija fil-mira ta’ din il-fondazzjoni tkun dik ta’ persuni li d-dħul tagħhom jaqbeż il-kriterji ta’ eliġibbiltà għall-akkomodazzjoni soċjali imma li fl-istess ħin mhuwiex b’saħħtu biżżejjed biex dawn il-persuni jkunu jistgħu jaċċessaw is-suq tal-proprjetà mingħajr għajnuna. Bi qbil mal-Arċidjoċesi ta’ Malta, il-Gvern ser ikun qed ipoġġi s-somma ta’ €300,000 fis-sena biex ikopri l-amministrazzjoni u l-operat ta’ din il-fondazzjoni. | Awtorità tad-Djar | Wara li saru d-diskussjonijiet mal-Ministeru tal-Finanzi, ġie ffirmat l-att pubbliku bejn il-Gvern ta’ Malta u r-rappreżentant tal-Arċidjoċesi ta’ Malta, sabiex b'hekk ġiet kostitwita l-Fondazzjoni għall-Akkomodazzjoni Affordabbli.<br><br>Ġie ffirmat ukoll memorandum of understanding li jikkommetti lill-Arċidjoċesi ta’ Malta li tgħaddi b’ċens temporanju ta’ 25 sena binja li se tkun l-ewwel proġett ta’ akkomodazzjoni affordabbli li se titwettaq, filwaqt lill-Gvern ikkommetta sapport finanzjarju. | Il-kunsill tal-amministraturi beda l-proċess sabiex il-Fondazzjoni tkun reġistrata mar-Reġistru tal-Persuni Legali, l-MBR u l-Kummissarju tat-Taxxa, filwaqt li beda l-proċess ta’ reklutaġġ tal-Kap Eżekuttiv tal-Fondazzjoni. | Ġew sottomessi d-dokumenti meħtieġa lir-Reġistru tal-Persuni Legali, l-MBR u l-Kummissarju tat-Taxxa u kompla l-proċess ta’ reklutaġġ. Beda u tlesta l-proċess man-nutar sabiex jiġi ffirmat iċ-ċens biex il-proprjetà tal-Arċidjoċesi ta' Malta f'Ħal Kirkop tgħaddi formalment lill-Fondazzjoni. Għaddew ukoll iċ-ċwievet tas-sede tal-Fondazzjoni lill-Amministraturi mill-Awtorità tad-Djar. | Mistennija jitlesta l-proċess ta' reklutaġġ u jibda l-proċess biex il-Fondazzjoni takkwista titoli fuq proprjetajiet u proġetti oħra li jistgħu jwasslu għall-allokazzjoni ta' units ta' akkomodazzjoni affordabbli lill-benefiċjarji prospettivi. Il-Kap Eżekuttiv tal-Fondazzjoni ser ikun qed jippreżenta pjan ta' ħidma għall-2023 lill-Kunsill tal-Amministraturi u jibda x-xogħol fuqu meta dan ikun approvat minnhom b'konsultazzjoni mal-Fundaturi. | Implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 61 (2022) | Titnaqqas ir-rata ta' taxxa bin-nofs fuq il-bejgħ jew ix-xiri tal-proprjetà sal-ewwel €200,000 li tkun ġiet mikrija għal mhux inqas minn għaxar snin lill-inkwilini li jkunu eliġibbli għall-Benefiċċju tal-Kera, b'rati affordabbli maħruġa mill-Awtorità tad-Djar. Jekk din tinbiegħ lill-inkwilin stess, ma titħallasx taxxa fuq il-bejgħ u x-xiri.<br><br>Għal dawk il-proprjetajiet li ilhom mikrija inqas minn għaxar snin iżda iktar minn tliet snin, b'rati affordabbli għall-użu ta' residenza primarja lill-inkwilini, it-taxxa fuq il-bejgħ u x-xiri ser titnaqqas bin-nofs. | Awtorità tad-Djar / MFE | Saru sensiela ta' laqgħat bejn il-Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli u l-Ministeru għall-Finanzi sabiex jiġu stabbiliti l-parametri u l-kriterji ta' eliġibilità. | Saru l-emendi neċessarji fil-liġi sabiex tiġi fis-seħħ il-miżura u tlestiet id-definizzjoni ta' kirja affordabbli.<br><br>Saru wkoll diskussjonijiet fi ħdan l-Awtorità tad-Djar u l-Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli sabiex jiġi stabbilit il-mekkaniżmu ta' kif se titwettaq il-miżura." | Tlestew id-diskussjonijiet dwar kif se titwettaq il-miżura.<br><br>Ġew imfassla l-kundizzjonijiet tal-iskema, tiġi integrata pjattaforma diġitali mas-sistema eżistenti, u jiġu reklutati l-ħaddiema sabiex jaħdmu fuq din il-miżura." | Mistenni li jitwettaq it-taħriġ meħtieġ lill-ħaddiema kif ukoll isiru sessjonijiet ta' informazzjoni mal-Kunsill Notarili.<br><br>Tiġi ppubblikata l-iskema li permezz tagħha se titwettaq il-miżura. | Implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 62 (2022) | B'rabta mal-kirjiet ikkontrollati, il-valur tal-proprjetà li fuqu hemm sussidju fuq xogħlijiet ta' adattament strutturali biex jiġi evitat periklu fi djar suġġetti għal l-kera ta' qabel l-1 ta' Ġunju 1995, ser jitla' għal €250,000. B'hekk ser ikun qed jingħata sussidju li jlaħħaq €25,000 u fl-istess waqt jintlaħqu aktar benefiċjarji. | Awtorità tad-Djar | Ġew abbozzati l-emendi fil-kundizzjonijiet tal-iskema u ddaħħlu fis-seħħ. | | | | Implimentata |
| 63 | L-Awtorità tad-Djar, permezz ta' back-to-back guarantee ta' €3 miljun mill-Fond Soċjali u tal-Iżvilupp Nazzjonali (NDSF), qed toffri alternattiva għall-polza tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja lil persuni li minħabba kundizzjonijiet mediċi li sofrew fil-passat, inkella diżabilità li jgħixu biha, ma kinux qed jingħataw u għaldaqstant ma setgħux isiru sidien ta' darhom. | Awtorità tad-Djar | L-iskema li tnediet fl-2021 baqgħet miftuħa u komplew jintlaqgħu l-applikazzjonijiet. | | | | Implimentata |

# MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA,
# IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET (MEFL)

| | **DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA** | **DIPARTIMENT / ENTITÀ** | **KWART 1** Jannar - Marzu 2022 | **KWART 2** April - Ġunju 2022 | **KWART 3** Lulju - Settembru 2022 | **KWART 4** Ottubru - Diċembru 2022 | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 103.1 (2022) | L-infrastruttura industrijali - Ħolqien ta' spazji industrijali ġodda mingħajr ma tintuża art ODZ. Il-Life Sciences Park, Kordin Business Incubation Centre (KBIC);,Ħal Far, Bulebel, il-Marsa, Kordin, San Ġwann u Ħal Luqa ser ikunu fost il-postijiet li ser jaraw parti minn dan l-investiment sostanzjali. | INDIS Malta Ltd | Life Sciences Park: Bħala parti mill-proċess tal-applikazzjoni tal-ippjanar mal-Awtorità tal-Ippjanar, l-INDIS kienet qed tindirizza l-kummenti u tifformola d-dokumenti neċessarji li ntalbu mill-ERA dwar l-EIA. | L-INDIS kompliet tindirizza l-kummenti u tifformola d-dokumenti neċessarji li ntalbu mill-ERA dwar l-EIA. | L-INDIS kompliet tindirizza l-kummenti u tifformola d-dokumenti neċessarji li ntalbu mill-ERA dwar l-EIA. | L-INDIS ser tkompli tindirizza l-kummenti u tifformola d-dokumenti neċessarji li ntalbu mill-ERA dwar l-EIA. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 103.2 (2022) | L-infrastruttura industrijali - Ħolqien ta' spazji industrijali ġodda mingħajr ma tintuża art ODZ. Il-Life Sciences Park, Kordin Business Incubation Centre (KBIC), Ħal Far, Bulebel, il-Marsa, Kordin, San Ġwann u Ħal Luqa ser ikunu fost il-postijiet li ser jaraw parti minn dan l-investiment sostanzjali.<br><br>Kordin Business Incubation Centre<br>Żona Industrijali Ħal Far<br>Żona Industrijali Bulebel<br>Żona Industrijali Marsa<br>Żona Industrijali Kordin<br>Żona Industrijali San Ġwann<br>Żona Industrijali Ħal Luqa | INDIS Malta Ltd | a) Saret laqgħa bejn INDIS u ME dwar l-ispejjeż finanzjarji. Tħejjiet proposta li tressqet għall-approvazzjoni tal-Bord tal-INDIS.<br><br>b) Beda x-xogħol proprju ta' ġbir ta' skart mis-sit li qed isir taħt il-gwida tat-Tenants Association.<br><br>ċ) Inħarġet l-awtorizzazzjoni ta' CRPD sabiex tkun ipproċessata l-applikazzjoni għall-ħruġ tal-permessi permezz ta' DNO.<br><br>d) Bdew il-preparamenti tekniċi sabiex tinħoloq lista ta' BOQs. | a) Saru numru ta' laqgħat bejn l-INDIS u l-Malta Enterprise, iżda nħasset il-ħtieġa ta' aktar diskussjoni fuq il-proposta finanzjarja.<br><br>b) Kompla x-xogħol ta' ġbir ta' skart li qed isir taħt il-gwida tat-Tenants Association.<br><br>ċ) Il-permess ġie approvat, u beda jiġi konkluż l-abbozz biex tinħareġ sejħa għall-offerti. | a) KBIC: Komplew id-diskussjonijiet bejn l-INDIS u l-Malta Enterprise dwar il-proposti finanzjarji u laqgħat oħra ma' partijiet interessati.<br><br>b) Tlesta l-ġbir ta' skart li sar taħt il-gwida tat-tenants association.<br><br>ċ) Intgħażel il-kuntrattur.<br><br>d) Inħareġ it-tender għar-rikostruzzjoni ta' numru ta' toroq madwar il-qasam, inkluż it-tqegħid mill-ġdid tas-servizzi li għaddejjin taħt l-art. | a) KBIC: Jitkomplew id-diskussjonijiet bejn l-INDIS u l-Malta Enterprise dwar il-proposti finanzjarji u laqgħat oħra ma' partijiet interessati.<br><br>b) Miżura kompluta.<br><br>ċ) Jibdew ix-xogħlijiet.<br><br>d) Jibdew ix-xogħlijiet.<br><br>e) Kompla għaddej ix-xogħol fuq it-toroq.<br><br>f) Miżura kompluta.<br><br>ġ) Miżura kompluta. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1<br>Jannar - Marzu 2022 | KWART 2<br>April - Ġunju 2022 | KWART 3<br>Lulju - Settembru 2022 | KWART 4<br>Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | e) Bdiet l-evalwazzjoni tal-offerti rċevuti għax-xogħlijiet kollha meħtieġa.<br><br>f) TM kompliet l-istudju dwar l-ammont ta' traffiku fiż-żona industrijali ta' San Ġwann.<br><br>ġ) Tlesta x-xogħol fuq il-bini tas-Sub Station u bdew ix-xogħlijiet fuq numru ta' toroq. | d) Tlesta l-ewwel abbozz tas-sejħa għall-offerti għar-rikostruzzjoni ta' numru ta' toroq madwar il-qasam, inkluż it-tqegħid mill-ġdid tas-servizzi li għaddejjin taħt l-art.<br><br>e) Tlestiet l-evalwazzjoni tal-offerti rċevuti u ntgħażel il-kuntrattur għax-xogħlijiet meħtieġa.<br><br>f) INDIS lestiet id-disinn għall-immaniġġjar tat-traffiku, liema disinn ġie approvat minn TM. Jirrizulta li ma kienx hemm bżonn xogħlijiet estensivi, u l-INDIS lestew ix-xogħol fix-xahar ta' Ġunju.<br><br>ġ) Tkomplew ix-xogħlijiet. | e) Bdew ix-xogħlijiet fuq it-toroq.<br><br>f) Miżura kompluta.<br><br>ġ) Jitlestew ix-xogħlijiet. | | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | **DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA** | **DIPARTIMENT / ENTITÀ** | **KWART 1** Jannar - Marzu 2022 | **KWART 2** April - Ġunju 2022 | **KWART 3** Lulju - Settembru 2022 | **KWART 4** Ottubru - Diċembru 2022 | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 104 (2022) | Għajnuna lill-kumpaniji tal-manutenzjoni tal-ajruplani fi bżonnijiet infrastrutturali tagħhom. | INDIS Malta Ltd | Tqiegħed l-asfalt fuq biċċa sostanzjali tat-taxi way LIMA. | Bdew ix-xogħlijiet fuq l-installazzjoni tal-edge lights. Waqt ix-xogħlijiet instabu oqbra storiċi, fejn dawn bdew jiġu ddokumentati bħala rekwiżit mill-SCH. Ladarba jitlesta x-xogħol ta' dokumentazzjoni tal-oqbra, jitkompla x-xogħol meħtieġ. | Id-dokumentazzjoni tal-oqbra mill-SCH tlestiet, fejn setgħu jkomplu x-xogħlijiet meħtieġa mill-INDIS. Fl-istess kwart ġew konklużi x-xogħlijiet. | | Implimentata |
| 105 (2022) | Għajnuna lill-kumpaniji tal-manutenzjoni tal-ajruplani f'parkeġġ fiż-żona ta' Park 4 tal-ajruport f'Ħal Farruġ. | INDIS Malta Ltd | Bdew it-taħditiet ma' Transport Malta u l-Awtorità tal-Ippjanar bħala parti mill-proċess tal-applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar. | Komplew it-taħditiet ma' Transport Malta u l-Awtorità tal-Ippjanar biex tiġi kkunsidrata l-applikazzjoni għal multi-storey carpark fiż-żona magħrufa bħala Park 4. | Ġie identifikat u beda jitħaddem sit alternattiv, li qed jindirizza d-domanda għal parkeġġ fiż-żona ta' Park 4 ġewwa l-ajruport f'Ħal Farruġ. Għaldaqstant il-miżura ġiet implimentata. | | Implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 123 (2022) | Flimkien mal-istituzzjonijiet edukattivi Maltin, jitħejja taħriġ għal studenti terzjarji għal ċertifikazzjonijiet rikonoxxuti mill-industrija f'teknoloġija emerġenti. | Tech.MT | Ġiet konkluża l-valutazzjoni interna dwar il-ħtiġijiet u l-prijoritajiet meħtieġa mill-istituzzjonijiet edukattivi, fejn ġie identifikat it-taħriġ li ser jiġi provdut f'teknoloġiji emerġenti.<br><br>Inħarġet is-sejħa ta' interess fost il-partijiet interessati fl-industrija, sabiex jiġi diskuss it-taħriġ u ċ-ċertifikazzjonijiet li ġew identifikati. | Bdew id-diskussjonijiet ma' dawk li ssottomettew l-interess kif ukoll entitajiet oħra fis-suq tat-teknoloġija. Beda jiġi fformulat ir-rapport mill-feedback li nġabar. Tech.mt qed testendi l-proċess ta' konsultazzjoni, anke bl-għajnuna mill-korpi kostitwiti, biex possibbilment ikun hemm firxa usa' ta' kumpaniji li jieħdu interess. | Wara li jiġi konkluż il-proċess ta' konsultazzjoni, ġie abbozzat rapport bil-miżuri rakkomandati sabiex jinħoloq il-qafas ta' kif se jiġi offrut taħriġ lil studenti terzjarji li jwassal għal ċertifikazzjonijiet ġodda jew addizzjonali f'teknoloġija emerġenti. | Abbażi tar-rapport, jibdew il-preparamenti u l-azzjonijiet meħtieġa ma' partijiet interessati sabiex jitwettqu l-miżuri deskritti fir-rapport. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 124 (2022) | Hemm ħafna opportunitajiet għaż-żgħażagħ tagħna f'niċeċ ekonomiċi ġodda bħall-iżvilupp tal-logħob diġitali, videogames u esports u hawnhekk ser isir investiment fl-edukazzjoni, promozzjoni u inċentivi u ftuħ ta' inkubatur biex nattiraw din l-industrija. | Gaming Malta Foundation | Tlestiet it-tieni fażi tal-programm Train-the-Trainer u skattat it-tielet fażi tal-programm ta' taħriġ li qed isir online.<br><br>Gaming Malta kompliet titlaqqa' mal-kumpaniji li ser jibdew joperaw mill-inkubatur (Basecamp). | Il-parteċipanti tal-Università ta' Malta u l-MCAST temmew l-ewwel, it-tieni u t-tielet stadju tal-'Unity Centre of Excellence Programme' li beda f'Novembru.<br><br>Intlaħaq ftehim ma' sitt kumpaniji biex dawn jokkupaw sitta mill-għaxar postijiet disponibbli fl-inkubatur. | L-operaturi bdew jokkupaw l-inkubatur, waqt li l-Gaming Malta Foundation ipparteċipat fl-akbar fiera globali tal-video games f'Cologne. | Qed tiġi ppreparata konferenza tal-esports għal waqt l-avveniment Sigma 2022. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 321 (2022) | Irridu nkomplu ninvestu fi proġetti li jagħtu lill-poplu arja iktar nadifa, għalhekk issa ser ikunu ppubblikati s-sejħiet għall-offerti b'rabta mal-proġett shore-to-ship fil-Port Ħieles. | Malta Freeport Corporation | Għalqet is-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet għall-proviżjoni u installazzjoni tal-High-Voltage Shore Connection (HVSC).<br><br>Ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti għas-servizzi ta' superviżjoni u ċertifikazzjoni tax-xogħlijiet neċessarji għall-proviżjoni u installazzjoni tal-High-Voltage Shore Connection (HVSC). | Tlestiet l-evalwazzjoni tat-tender għax-xogħlijiet għall-proviżjoni u installazzjoni tal-High-Voltage Shore Connection (HVSC), fejn ir-riżultat finali ġie ppubblikat.<br><br>Tlestiet l-evalwazzjoni tat-tender għas-servizzi ta' superviżjoni u ċertifikazzjoni tax-xogħlijiet neċessarji għall-proviżjoni u installazzjoni tal-High-Voltage Shore Connection (HVSC). Ir-riżultat finali ntbagħat għall-approvazzjoni, biex eventwalment jiġi ppubblikat. | Ġie ffirmat il-kuntratt għax-xogħlijiet għall-proviżjoni u installazzjoni tal-High-Voltage Shore Connection (HVSC), kif ukoll il-kuntratt għas-servizzi ta' superviżjoni u ċertifikazzjoni tax-xogħlijiet neċessarji għal proviżjoni u installazzjoni tal-High-Voltage Shore Connection (HVSC).<br><br>Inbdiet il-mobilizzazzjoni fuq is-sit, u bdew ix-xogħlijiet għall-proviżjoni u installazzjoni tal-High-Voltage Shore Connection (HVSC). | Jitkomplew ix-xogħlijiet għall-proviżjoni u installazzjoni tal-High-Voltage Shore Connection (HVSC). | Fil-proċess li tiġi implimentata |

MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI, IL-VOLONTARJAT,
U D-DRITTIJIET TAL-KONSUMATUR (MIVC)

| | **DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA** | **DIPARTIMENT / ENTITÀ** | **KWART 1** Jannar - Marzu 2022 | **KWART 2** April - Ġunju 2022 | **KWART 3** Lulju - Settembru 2022 | **KWART 4** Ottubru - Diċembru 2022 | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 45 (2022) | Jiġi introdott ukoll servizz ta' Community Hub ukoll fin-naħa tat-Tramuntana ta' Malta fejn persuni b'diżabilità jistgħu jirċievu taħriġ speċjalizzat fuq aspetti diversi li għandhom x'jaqsmu mal-għejxien indipendenti. | Aġenzija Sapport | Ġie identifikat fond f'Tal-Virtù fir-Rabat sabiex iservi bħala Community Hub.<br><br>Saru l-applikazzjonijiet mal-Awtorità tal-Ippjanar għall-permessi għall-bidliet strutturali meħtieġa biex il-post ikun aktar aċċessibbli u beda l-abbozzar tal-Bills of Quantities (BoQs) għax-xogħlijiet li jridu jsiru wara li jinħareġ il-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar.<br><br>Ġew ippubblikati tliet sejħiet għall-offerti: (1) alterazzjonijiet strutturali u xogħlijiet ta' ristrutturar, (2) provvista u installazzjoni ta' għamara, (3) xogħol fuq kmamar tal-banju. | Ingħataw l-approvazzjonijiet meħtieġa għall-kuntratt tal-kirja tal-binja.<br>Tkompla l-ipproċessar tal-applikazzjoni għall-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar għall-bidliet strutturali meħtieġa biex il-post ikun aktar aċċessibbli.<br>Kompla l-abbozzar tal-Bills of Quantities (BoQs) għax-xogħlijiet li jridu jsiru wara li jinħareġ il-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar.<br>Wara li għalqu s-sejħiet għall-offerti li nħarġu fl-ewwel kwart tas-sena, saret l-evalwazzjoni tal-offerti rċevuti u ntgħażlu l-offerenti preferuti.<br>Ġew installati l-kameras tas-sigurtà u l-arja kundizzjonata.<br>Skattaw id-diskussjonijiet dwar l-għamara li ser tkun installata fil-binja.<br>Beda l-proċess ta' ingaġġ ta' uffiċjal li ser jaħdem fil-Community Hub. | Ġie ffirmat il-kuntratt tal-kirja tal-binja.<br>Tkompla l-ipproċessar tal-applikazzjoni għall-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar għall-bidliet strutturali meħtieġa biex il-post ikun aktar aċċessibbli.<br>Kompla l-abbozzar tal-Bills of Quantities (BoQs) għax-xogħlijiet li jridu jsiru wara li jinħareġ il-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar.<br>Ġew riżolti xi kwistjonijiet marbutin mat-tqassim tal-kamra tal-banju.<br>Bdew jitlestew ix-xogħlijiet relatati ma' M&Es, tikħil u tqegħid tal-kamra tal-banju u wara jsiru l-finituri.<br>Beda l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għal platform lift. | Mistennija jitlestew il-finituri, jitwaħħlu l-aperturi u ssir l-installazzjoni tal-għamara u t-tagħmir kollu.<br><br>Jiġi finalizzat l-abbozz tas-sejħa għall-offerti għall-platform lift u jintbagħat lis-Sectoral Procurement Directorate (SPD) għall-approvazzjonijiet meħtieġa qabel ikun ippubblikat.<br><br>Joħroġ il-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar għall-bidliet strutturali meħtieġa biex il-post ikun aktar aċċessibbli. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 46 (2022) | Estensjoni tas-servizzi ta' psikologi għal persuni b'diżabilità u l-familjari tagħhom sabiex tkompli tiġi ffaċilitata l-għajnuna f'waqtha u fl-inqas dewmien possibbli. | Aġenzija Sapport | Saru diskussjonijiet u ġew identifikati l-ispeċifikazzjonijijiet u l-eliġibilità tas-servizz li ser ikun provdut. Inħarġu sejħiet għall-kwotazzjonijiet (RfQs) għat-terapisti li jipprovdu servizz ta' psikoloġija u assistenza emozzjonali lil persuni b'diżabilità u l-familjari tagħhom. Bdiet tiġi preparata lista ta' persuni li jistgħu jibbenfikaw minn dan is-servizz. | Tlestiet l-evalwazzjoni fuq iż-żewġ sejħiet għall-kwotazzjonijiet u ġew iffirmati l-kuntratti mal-psikologi u psikoterapisti magħżula. Bdew jiġu kkuntattjati l-klijenti riferuti sabiex jingħataw appuntament u jibdew is-sessjonijiet. | | | Implimentata |
| 47 (2022) | Tinxtara vettura "drive from wheelchair" sabiex persuni b'diżabilità jkollhom aċċess għal tagħlim tas-sewqan u għalhekk ikompli jitjieb il-livell ta' indipendenza tagħhom. | Aġenzija Sapport | Saru diskussjonijiet biex jiġu stabbiliti l-ispeċifikazzjonijiet neċessarji għax-xiri tal-vettura 'drive from wheelchair.'<br><br>Bdiet riċerka fis-suq għall-kumpaniji li jipprovdu dawn it-tip ta' vetturi. | Ġew abbozzati l-ispeċifikazzjonijiet tal-vettura.<br><br>Saret konsultazzjoni mat-terapisti tas-Sonia Tanti Independent Living Centre (STILC) li diġà qegħdin joffru dawn it-tip ta' lezzjonijiet.<br><br>Beda l-proċess biex tingħata l-approvazzjoni għax-xiri tal-vettura minħabba n-natura speċifika tal-vettura. | Ingħatat l-approvazzjoni għax-xiri u saret l-ordni biex tinxtara l-vettura 'drive from wheelchair.' Hekk kif tasal il-vettura, ikun jista' jiġi provdut taħriġ dwar l-użu tal-vettura sabiex it-tim ikun infurmat u jkun jista' jingħata s-servizz ta' livell għoli u professjonali lill-klijenti. | Tkompli l-istennija ghall-wasla tal-vettura 'drive from wheelchair.' | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 48 (2022) | Jingħata taħriġ speċjalizzat lil numru ta' għalliema tas-sewqan sabiex ikunu jistgħu jipprovdu dan it-taħriġ lil persuni b'diżabilità. | Aġenzija Sapport | Ġew identifikati entitajijiet barra minn Malta li jispeċjalizzaw fil-qasam ta' taħriġ tas-sewqan għall-persuni b'diżabilità u saru diskussjonijijiet magħhom. Inħarġet sejħa għall-kwotazzjonijijiet u ġiet identifikata entità Ingliża sabiex tipprovdi dan 1it-taħriġ. | Ġie ffirmat il-kuntratt mal-entità li ser tipprovdi t-taħriġ. Ġew identifikati l-professjonisti li ser jattendu l-kors (żewġ driving instructors, ħames Occupational Therapists li jagħmlu assessjar tas-sewqan fis-Sonia Tanti Independent Living Centre (STILC) u Service Manager). Saru l-arranġamenti loġistiċi u l-parteċipanti attendew it-taħriġ f'Birmingham. | | | Implimentata |
| 49 (2022) | Jitkompla l-proġett INK sabiex jibqa' jingħata taħriġ u opportunitajiet ta' esperjenza ta' xogħol bi ħlas għal persuni b'diżabilità. | Aġenzija Sapport | Saru l-proċessi amministrattivi meħtieġa skont kif jitolbu l-Fondi Ewropej sabiex jingħalaq il-proġett INK. | Għalaq uffiċjalment il-proġett INK li kien iffinanzjat mill-Fondi Ewropej. | Tnedew diskussjonijiet dwar kif ser jitħaddem is-servizz minn issa 'l quddiem. Bdew jintlaqgħu klijenti ġodda għall-assistenza sabiex dawn isibu impjieg. L-assessjar u l-għażla ta' klijenti ġodda jitkompla bħala parti mill-operat tal-Aġenzija. | | Implimentata |

# MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI (MTIP)

| | **DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA** | **DIPARTIMENT / ENTITÀ** | **KWART 1** Jannar - Marzu 2022 | **KWART 2** April - Ġunju 2022 | **KWART 3** Lulju - Settembru 2022 | **KWART 4** Ottubru - Diċembru 2022 | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 106 (2022) | Infrastruttura tat-toroq - Jitkompla x-xogħol fuq il-mini ta' Ħal Kirkop. Dan il-proġett qed jiġi kkumplimentat bit-tisbiħ tal-madwar, permezz ta' tħawwil ta' siġar maturi u pjanti oħra. | Infrastructure Malta | Tkompla l-iskavar tal-blat biex jifforma s-sottopassaġġ. Dan l-iskavar jinsab qrib il-katakombi ta' Ħal Resqun u ttieħdu miżuri speċjali li jinkludi struttura tal-konkos rinforzat biex jipproteġi l-katakombi. Kompla jinbena s-sottopassaġġ billi tqiegħdu ħitan tal-konkos prifabbrikati. | Kompla jinbena s-sottopassaġġ billi tqiegħdu ħitan tal-konkos prifabbrikati. Inbnew l-arkati biex isostnu l-pont u nbniet triq li toħroġ mill-MIA li tikkonsisti f'sottopassaġġ. Beda jinbena parti mis-saqaf tas-sottopassaġġ, kif ukoll sar xogħol ta' asfalt fuq is-sottopassaġġ. | | | Implimentata |
| 107 (2022) | Infrastruttura tat-toroq - Jitkompla x-xogħol fuq l-Airport Intersection Project (KTAIP). Dan il-proġett qed jiġi kkumplimentat bit-tisbiħ tal-madwar, permezz ta' tħawwil ta' siġar maturi u pjanti oħra.<br><br>(Proġetti infrastrutturali ġodda - Luqa Junction Project.) | Infrastructure Malta | Inbniet devjazzjoni temporanja għas-sistema tal-Water Services Corporation minħabba fdalijiet arkeoloġiċi li kellhom jiġu preservati biex jitkompla x-xogħol ta' tqattigħ kif ukoll tkompla bini ta' servizzi ġodda u rilokazzjoni ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni u elettriku. | Is-sistema tal-Water Services Corporation inbnitilha devjazzjoni permanenti, kif ukoll tkompla l-bini ta' servizzi ġodda u rilokazzjoni ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni u elettriku. | Tqiegħed il-pont tal-azzar. Sar xogħol estensiv ta' welding u jibda jinħadem il-predalle tal-konkos li ser jitqiegħed fuq il-flyovers. Tkompla t-tqattigħ tas-sottopassaġġ. | Jibdew jitqiegħdu l-predalle tal-konkos, waterproofing u asfalt fuq iż-żewġ flyovers. Jitkompla t-tqattigħ tal-blat tas-sottopassaġġi. Jiffurmaw iktar toroq biswit u jitlestew is-servizzi kollha. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 108 (2022) | Infrastruttura tat-toroq - Jitkompla x-xogħol fuq il-Bypass tal-Imrieħel. Dan il-proġett qed jiġi kkumplimentat bit-tisbiħ tal-madwar, permezz ta' tħawwil ta' siġar maturi u pjanti oħra.<br><br>Sottopassaġġ | Infrastructure Malta | Tlesta x-xogħol ta' tħaffir tas-sottopassaġġ u beda l-bini tal-ħitan u mina ta' dan l-istess sottopassaġġ. | Tkompla x-xogħol fuq il-mina li bdiet tissaqqaf, kif ukoll tkompla l-bini tal-ħitan li jiffurmaw dan is-sottopassaġġ. | Tlestiet l-istruttura tas-saqaf u il-ħitan tas-sottopassaġġ. Infetħet it-tieni karreġġjata mill-Imrieħel Bypass lejn Central Link u nfetħet il-karreġġjata tas-sottopassaġġ minn Central Link lejn Mrieħel Bypass. Beda x-xogħol ta' servizzi u bini ta' roundabout fuq is-sottopassaġġ. | Mistenni li jitlesta x-xogħol kollu fuq is-servizzi ta' taħt u fuq l-art u titlesta l-bini tar-roundabout. Il-proġett ikun komplut bl-asfalt, linji u tabelli. | Implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 113.1 (2022) | Ser ikun qed isir investiment biex titjieb l-infrastruttura bħal tal-Port il-Kbir, biex b'hekk tkun użata kull rokna tal-port u jkunu jistgħu jsorġu vapuri, kemm tal-merkanzija kif ukoll dawk tat-turisti. Dan kollu ser ikun qed isir fl-isfond tal-pjan tar riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir li ġie varat matul din is-sena. | Infrastructure Malta | Wara li beda l-proċess ta' sejħa għall-offerti għall-għotja għax-xogħol fuq moll ġdid ta' Ras Ħanżir, il-proċess kellu jieqaf minħabba proċeduri legali.<br><br>Bdiet l-ewwel fażi tat-tħammil tal-Port tal-materjal mhux kontaminat.<br><br>Intemmet l-evalwazzjoni tas-sejħa għall-offerti ta' Pinto 4/5 u Lascaris iżda ma setax jiġi assenjat ix-xogħol minħabba raġunijiet ta' appell u qorti. | Tlestiet l-ewwel fażi tat-tħammil ta' materjal mhux kontaminat. Bdew il-proċeduri ta' permessi mill-ERA fir-rigward tat-tħammil ta' materjal kontaminat u l-esportazzjoni tiegħu barra minn Malta.<br><br>Inqatgħet is-sentenza mill-Qorti dwar l-għotja tas-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet fuq il-moll ġdid ta' Ras Ħanżir.<br><br>Intemmu l-proċeduri ta' appell fir-rigward tas-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet ta' Pinto 4/5 u Lascaris. | Saru diskussjonijiet interni dwar kif ser ikompli x-xogħol fuq dan il-proġett. | L-entità tkompli għaddejja b'diskussjonijiet interni dwar kif ser ikompli x-xogħol fuq dan il-proġett. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 113.2 (2022) | Boiler Wharf - Tiswija u Riġenerazzjoni tal-moll. | Infrastructure Malta | Tkompla x-xogħol fuq l-applikazzjoni tal-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar (PA) għax-xogħlijiet li jridu jsiru. Saru wkoll investigazzjonijiet relatati mal-kundizzjoni tal-moll. | Tkompla x-xogħol fuq l-applikazzjoni tal-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar (PA) għax-xogħlijiet li jridu jsiru. Saru wkoll investigazzjonijiet fuq is-sit relatati mal-ġeoloġija u l-kundizzjoni tal-blat fil-madwar tal-moll. | Tkompla x-xogħol fuq l-applikazzjoni tal-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar (PA) għax-xogħlijiet li jridu jsiru. | Jitkompla x-xogħol fuq l-applikazzjoni tal-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar (PA) għax-xogħlijiet li jridu jsiru. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 195 (2022) | Irridu nkomplu ninvestu fi proġetti li jagħtu lill-poplu arja iktar nadifa, għalhekk jissokta l-proġett tax-shore-to-ship fil-Port il-Kbir:<br><br>(1) Port il-Kbir | Infrastructure Malta | Tkompla x-xogħol ta' installazzjoni ta' apparat tal-elettriku u mekkaniċi u xogħol ta' finituri fil-Frequency Control Stations fil-Marsa u l-Isla. Tkompla xogħol infrastrutturali fit-toroq u fuq il-mollijiet. Sar xogħol fuq id-disinn tal-proġett biex ikun hemm shore supply fin-Nofsinhar tal-port u Lascaris. | Tkompla x-xogħol ta' installazzjoni ta' apparat u cables tal-elettriku u mekkaniċi u xogħol ta' finituri fil-Frequency Control Stations fil-Marsa u l-Isla. Tlesta x-xogħol infrastrutturali tat-toroq u l-mollijiet. Tkompla x-xogħol fuq id-disinn tal-proġett kif ukoll beda x-xogħol fuq is-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet. | Tkompla x-xogħol ta' installazzjoni ta' apparat u cables tal-elettriku u mekkaniċi u xogħol ta' finituri fil-binjiet. Ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti tax-xogħlijiet tal-parti ta' Kordin. | Ikompli x-xogħol ta' installazzjoni ta' apparat u cables tal-elettriku u mekkaniċi u xogħol ta' finituri fil-binjiet. Tiġi evalwata s-sejħa għall-offerti tax-xogħlijiet tal-parti ta' Kordin. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | **DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA** | **DIPARTIMENT / ENTITÀ** | **KWART 1** Jannar - Marzu 2022 | **KWART 2** April - Ġunju 2022 | **KWART 3** Lulju - Settembru 2022 | **KWART 4** Ottubru - Diċembru 2022 | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 202 (2022) | Mill-ewwel ta' Ottubru 2022, jibda jiġi provdut s-servizz tat-Trasport Pubbliku b'xejn lil kull Malti u Għawdxi u nies residenti f'Malta u Għawdex. | Transport Malta | Ġew finalizzati u maqbula t-termini ta' kif din il-miżura se tkun qiegħda tiġi operata u applikata. Bdiet tiġi żviluppata s-sistema elettronika li ser tkun qed tiġi użata sabiex titħaddem din il-miżura. | Tlestiet ir-reviżjoni ta' SL 499.56 sabiex din tirrifletti l-introduzzjoni ta' dan is-servizz. Tlesta l-abbozz tal-ftehim bejn Transport Malta u l-Malta Public Transport dwar l-iżvilupp tas-sistema li se tkun qiegħda tħaddem dan is-servizz. | Saret validazzjoni tas-sistema li se tkun qiegħda tħaddem din il-miżura. Huwa mistenni li sal-aħħar ta' Awwissu 2022 ikun hemm "soft launch" tas-sistema fejn persuni li diġà qegħdin jibbenefikaw mit-trasport pubbliku b'xejn jinqalbu fuq is-sistema l-ġdida. Dan ikun ifisser li fil-każ ta' dawn il-persuni, mhux ser ikollhom il-bżonn li jitfgħu l-flus fil-kard tagħhom sabiex jivvjaġġaw. | Mill-1 ta' Ottubru 2022, is-servizz tat-Trasport Pubbliku jibda jiġi provdut b'xejn. | Implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 203 (2022) | Tkompli l-konsultazzjoni fuq l-istudji ta' kumpanija internazzjonali dwar it-trasport tal-massa. | Transport Malta | Lejn l-aħħar ta' Jannar tlesta l-proċess ta' konsultazzjoni pubblika li kien inbeda bil-varar tal-istudji dwar il-proġett. Lejn l-aħħar ta' Frar ġew analizzati r-riżultati ta' dan il-proċess. | Il-Gvern kellu laqgħat mal-konsulenti ARUP dwar ir-reviżjoni tal-istudji u studju aktar dettaljat mill-aspett finanzjarju u ekonomiku. | Il-Gvern kellu laqgħat mal-konsulenti ARUP dwar ir-reviżjoni tal-istudji u studju aktar dettaljat mill-aspett finanzjarju u ekonomiku. | Huwa mistenni li l-aġġornament tal-istudju jitlesta matul l-2023, u kemm-il darba jiġi ffirmat il-kuntratt ta' konsulenza. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 204 (2022) | Wara s-suċċess li nkiseb permezz tal-fast ferry bejn Malta u Għawdex, tkompli l-ħidma biex jiżdied in-numru ta' mollijiet biex b'hekk ikunu jistgħu jinħolqu rotot alternattivi u b'hekk titnaqqas id-dipendenza fuq il-vetturi privati. Għalhekk ser jitlesta l-bini tal-moll f'Tas-Sliema. | Infrastructure Malta | Tkompla x-xogħol infrastrutturali fuq is-sit. | Kompla għaddej ix-xogħol infrastrutturali. | Tkompla għaddej ix-xogħol infrastrutturali fuq is-sit. | Jibdew ix-xogħlijiet relatati mas-sovrastruttura u installazzjoni tal-passarelli mekkanizzati u fenders. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 205 (2022) | Wara s-suċċess li nkiseb permezz tal-fast ferry bejn Malta u Għawdex, se jiżdied in-numru ta' mollijiet biex b'hekk ikunu jistgħu jinħolqu rotot alternattivi u b'hekk titnaqqas id-dipendenza fuq il-vetturi privati. Għalhekk ser jitlesta il-bini tal-moll f'Bormla. | Infrastructure Malta | Tkompla x-xogħol amministrattiv biex jingħalaq il-kuntratt tal-infrastruttura u tkompliet tiġi installata s-sovrastruttura. Bdiet l-installazzjoni tal-passarelli u fenders. | Tkompliet l-installazzjoni relatata max-xogħlijiet tas-sovrastruttura, passarelli u fenders. | Tkompla x-xogħol relatat mal-kostruzzjoni u installazzjoni tas-sovrastruttura, passarelli mekkanizzati u fenders. | Ikompli għaddej x-xogħol relatat mal-kostruzzjoni u installazzjoni tas-sovrastruttura, passarelli mekkanizzati u fenders. Jitlesta l-proġett. | Implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 206 (2022) | Wara s-suċċess li nkiseb permezz tal-fast ferry bejn Malta u Għawdex, ħa jiżdied in-numru ta' mollijiet biex b'hekk ikunu jistgħu jinħolqu rotot alternattivi u b'hekk titnaqqas id-dipendenza fuq il-vetturi privati. Għalhekk ser jitlesta l-bini mill-ġdid tal-mollijiet u xatt ġdid bejn il-Birgu u l-Kalkara. | Infrastructure Malta | Tkompla x-xogħol ta' strutturi prifabbrikati li ħa jiffurmaw ix-xifer il-ġdid tal-moll fl-impjant tal-kuntrattur u fl-istess waqt tkompla wkoll ix-xogħol ta' formazzjoni tax-xifer il-ġdid anki fuq is-sit bl-użu ta' dawn l-istess strutturi prifabbrikati. Tkompla xogħol ta' kostruzzjoni fuq il-latrina pubblika l-ġdida u anki x-xogħol relatat mat-turġien li jinsabu fuq is-sit flimkien max-xogħol relatat mal-installazzjoni tas-servizzi. Inbeda wkoll xogħol relatat mal-formazzjoni tal-bankini u żoni pedonali tal-moll. | Tkompla x-xogħol ta' strutturi prifabbrikati li ħa jiffurmaw ix-xifer il-ġdid tal-moll hekk kif kien għaddej matul l-ewwel kwart ta' din is-sena. Tkompla wkoll x-xogħol ta' kostruzzjoni fuq latrina pubblika ġdida u anki xogħol relatat mat-turġien li jinsabu fuq is-sit flimkien max-xogħol relatat mal-installazzjoni tas-servizzi u formazzjoni tal-bankini. | Tlesta x-xogħol ta' strutturi prifabbrikati li se jiffurmaw ix-xifer il-ġdid tal-moll. Tkompla x-xogħol ta' kostruzzjoni fuq il-latrina pubblika ġdida u anki xogħol relatat mat-turġien li jinsab fuq is-sit flimkien max-xogħol relatat mal-installazzjoni tas-servizzi u formazzjoni tal-bankini. Inbeda x-xogħol relatat mal-formazzjoni tat-triq u mar-riġenerazzjoni ta' moll żgħir li jifforma parti mis-sit. | Jitkompla x-xogħol ta' kostruzzjoni fuq il-latrina pubblika ġdida u mar-riġenerazzjoni ta' moll żgħir li jifforma parti mis-sit. Jitlesta xogħol relatat mat-turġien li jinsab fuq is-sit flimkien max-xogħol relatat mal-installazzjoni tas-servizzi.<br><br>Jitkompla x-xogħol relatat mal-formazzjoni tal-bankini u tat-triq. Jinbeda x-xogħol relatat mal-installazjoni tal-aċċessorji tal-moll u l-għamara tat-triq. | Implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1<br>Jannar - Marzu 2022 | KWART 2<br>April - Ġunju 2022 | KWART 3<br>Lulju - Settembru 2022 | KWART 4<br>Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 207 (2022) | Wara s-suċċess li nkiseb permezz tal-fast ferry bejn Malta u Għawdex, ħa jiżdied in-numru ta' mollijiet biex b'hekk ikunu jistgħu jinħolqu rotot alternattivi u b'hekk titnaqqas id-dipendenza fuq il-vetturi privati. Għalhekk ser jitlesta il-bini mill-ġdid tal-breakwater ta' Buġibba. | Infrastructure Malta | Tkompla x-xogħol relatat mal-applikazzjoni tal-permess mal-Awtorità tal-Ippjanar għax-xogħlijiet li ser ikun hemm bżonn isiru. Ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet. | Tkompla x-xogħol relatat mal-applikazzjoni tal-permess mal-Awtorità tal-Ippjanar. Saret l-evalwazzjoni tas-sejħa għall-offerti. | Tkompla x-xogħol relatat mal-applikazzjoni tal-permess mal-Awtorità tal-Ippjanar. Ġie ffirmat il-kuntratt relatat max-xogħlijiet. | Jitlesta x-xogħol relatat mal-applikazzjoni tal-permess mal-Awtorità tal-Ippjanar u jinħareġ il-permess. Jingħata bidu għal preparamenti ta' dokumenti inizjali qabel jibdew ix-xogħlijiet infrastrutturali fuq is-sit. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 208 (2022) | L-għotja finanzjarja biex ninċentivaw ix-xiri ta' vetturi ġodda li jaħdmu bl-elettriku jew inkella Plug-In Hybrids ser tiżdied bi €3,000. Minn €8,000 għal xiri ta' karozzi elettriċi jew plug-in hybrids din sa titla' għal €11,000, u titla' sa €12,000 f'każ li se tiġi użata l-iskema tal-iskrappjar tal-vetturi wkoll. | Transport Malta | Ġiet imnedija skema f'Marzu. Fl-istess perjodu ġew ippubblikati d-dettalji u l-applikazzjonijiet marbuta ma' din l-iskema fuq is-sit elettroniku ta' Transport Malta u bdew jintlaqgħu l-applikazzjonijiet. | | | | Implimentata |

| | **DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA** | **DIPARTIMENT / ENTITÀ** | **KWART 1** Jannar - Marzu 2022 | **KWART 2** April - Ġunju 2022 | **KWART 3** Lulju - Settembru 2022 | **KWART 4** Ottubru - Diċembru 2022 | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 209 (2022) | L-għotja finanzjarja tal-iskema ta' skrappjar ta' vetturi li jħammġu se tiżdied b'€1,000 biex issa din se titla' għal €2,000. | Transport Malta | L-iskema ġiet imnedija f'Marzu. Fl-istess perjodu ġew ippubblikati d-dettalji u l-applikazzjonijiet marbuta ma' din l-iskema fuq is-sit elettroniku ta' Transport Malta u bdew jintlaqgħu l-applikazzjonijiet. | | | | Implimentata |
| 210 (2022) | Estiżi l-miżuri marbutin ma' xiri ta' vetturi elettriċi li jinkludu ħelsien mit-taxxa ta' reġistrazzjoni u eżenzjoni mill-ħlas tal-liċenzja annwali tat-triq għal perjodu ta' ħames snin mid-data tal-ewwel reġistrazzjoni, għal vetturi elettriċi u vetturi elettriċi plug-in. | Transport Malta | Ġew estiżiil-miżuri rigward il-vetturi elettriċi u plug-in. | | | | Implimentata |
| 211 (2022) | Mill-ewwel tas-sena tal-2023, il-capping tal-vetturi plug-in hybrids ser titla' minn 30 kilometru awtonomija fuq il-batterija għal 50 kilometru. | Transport Malta | | | Fil-preżent vetturi li għandhom awtonomija ta' 30km ma jħallsux taxxa ta' reġistrazzjoni. Ser issir emenda fil-liġi sabiex din tiżdied għal 50km. | Ser ikun qed jiġi ffinalizzat l-abbozzar tal-emenda fil-liġi li tgħolli l-awtonomija. | Fil-proċess li tiġi implementata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 214 (2022) | Se tiġi estiża l-iskema li tinċentiva x-xiri ta' muturi, scooters, pedelecs u roti assistiti b'mutur tal-elettriku. | Transport Malta | Ġiet imnedija skema f'Marzu. Fl-istess perjodu ġew ippubblikati d-dettalji u l-applikazzjonijiet marbuta ma' din l-iskema fuq is-sit elettroniku ta' Transport Malta u bdew jintlaqgħu l-applikazzjonijiet. | | | | Implimentata |
| 215 (2022) | Tiġi estiża l-għotja għal min jaqleb il-vettura tiegħu biex taħdem bil-gass minflok bil-petrol. | Transport Malta | L-għotja kienet imħabbra uffiċjalment f'Marzu u minn dik id-data bdew jintlaqgħu l-applikazzjonijiet. | | | | Implimentata |
| 216 (2022) | Tiġġedded l-iskema għall-vetturi aċċessibbli b'siġġu tar-roti li jintużaw għall-ġarr ta' passiġġieri bil-kiri jew b'kumpens. | Transport Malta | L-għotja kienet imħabbra uffiċjalment f'Marzu u minn dik id-data bdew jintlaqgħu l-applikazzjonijiet. | | | | Implimentata |
| 217 (2022) | Titnieda skema ġdida fejn vetturi bħal minibuses, coaches u trakkijiet li fuqhom jiġu installati l-pannelli fotovoltajiċi, jingħataw għotja sa massimu ta' €900. | Transport Malta | L-għotja kienet imħabbra uffiċjalment f'Marzu u minn dik id-data bdew jintlaqgħu l-applikazzjonijiet. | | | | Implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 218 (2022) | Tiġi mnedija skema biex inħajru operaturi ta' minibuses u coaches kif ukoll trakkijiet biex inaqqsu l-emissjoni tad-duħħan mill-vetturi tagħhom permezz ta' installazzjoni ta' filtri tal-partikuli tad-diżil (DPF) u ta' sistemi ta' tnaqqis katalitiku selettiv (SCR). | Transport Malta | Ġiet imnedija skema f'Marzu. Fl-istess perjodu ġew ippubblikati d-dettalji u l-applikazzjonijiet marbuta ma' din l-iskema fuq is-sit elettroniku ta' Transport Malta u bdew jintlaqgħu l-applikazzjonijiet. | | | | Implimentata |
| 221 (2022) | Investiment fis-sistema tar- reġistrazzjoni tal-vetturi fejn ta' kull sena jiġu rreġistrati medja ta' 800 vettura fix-xahar. | Transport Malta | Matul dan il-kwart saret riċerka fis-suq lokali dwar x'software u proċessi hemm bżonn għal din is-sistema ta' reġistrazzjoni tal-vetturi. | Bdiet analiżi preliminarja ta' dak li nstab mir-riċerka li saret fis-suq lokali. Ħarġet l-approvazzjoni sabiex jiġi ingaġġat konsulent li ser ikun qed jikteb sejħa għall-offerti għal din is-sistema ġdida msejħa 'VERA 2.' | Komplew il-preparamenti sabiex ikun preparat it-tender għall-VERA 2. | Jiġi finalizzat it-tender għall-VERA 2. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 222 (2022) | Se tkun qed tinbidel is-sistema tal-Vessel Tracking System għal waħda aktar moderna, li se tkun qed taqdi l-ħtiġijiet kemm ta' Transport Malta, responsabbli mis-sigurtà fil-portijiet, kif ukoll tal-Armata. | Transport Malta | Bdiet tiġi abbozzata sejħa għall-offerti għal din is-sistema tal-Vessel Tracking System aktar moderna. | Saret komunikazzjoni kontinwa mal-Ministeru għall-Finanzi dwar il-pubblikazzjoni ta' din is-sejħa għall-offerti. Ġew ikkonfermati l-fondi meħtieġa biex din is-sejħa tkun tista' tiġi ppubblikata. | It-tender ġie ffinalizzat u approvat mill-entitajiet involuti. Saru l-preparamenti biex dan jiġi ppubblikat mid-Dipartiment tal-Kuntratti. | Matul dan il-perjodu ser jingħalaq iż-żmienli fih jintlaqgħu l-offerti minn dawk interessati u jibda l-proċess biex tintgħażel l-aħjar offerta. Meta ssir l-għażla jiġi ffirmat il-kuntratt u l-kuntrattur jibda ix-xogħol. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 223 (2022) | Ser inkunu qed nagħmlu investiment diġitali, biex jimmodernizza r-reġistru tal-vapuri, biex b'hekk Malta tkompli ssaħħaħ postha fil-qasam marittimu. | Transport Malta | Ġew ippubblikati u saret l-evalwazzjoni ta' sejħa għall-offerti għal Project Managment and Superviżjoni kif ukoll għall-proviżjoni ta' servizz ta' għajnuna lill-Awtorità fit-tħarriġ tal-ħaddiema fuq sistemi ġodda.<br><br>Ġiet ippubblikata sejħa għall-offerti għal scanning ta' dokumenti li jinsabu fir-Reġistru Marittimu.<br><br>Bdew ix-xogħlijiet fuq żewġ sejħiet għall-offerti għall-iżvilupp ta' Data and Document Management System kif ukoll għall-iżvilupp ta' Vessel Management System. | Ġie ffirmat il-kuntratt għall-proviżjoni ta' servizz li ser jgħin lill-Awtorità biex tinforma u tħarreġ lill-ħaddiema tagħha biex ikunu preparati għas-sistemi ġodda li ġejjin. Il-kuntratt għal Project Management u Superviżjoni tlesta u qiegħed fil-proċess li jiġi ffirmat.<br><br>Is-sejħa għall-offerti għal scanning ta' dokumenti li jinsabu fir-Reġistru Marittimu għalaq u ġie evalwat.<br><br>Ġiet abbozzata s-sejħa għall-offerti għal Data and Document Management System u qed tiġi vvettjata. Beda l-abbozz tas-sejħa għall-offerti għall-iżvilupp ta' Vessel Management System. | Is-sejħa għall-offerti għal scanning ta' dokumenti li jinsabu fir-Reġistru Marittimu għalaq, ġie evalwat u l-kuntratt ser jiġi ffirmat.<br><br>Is-sejħa għall-offerti għal Data and Document Management System ġiet ippubblikata.<br><br>Beda l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għall-iżvilupp ta' Vessel Management System fil-waqt li tiġi maħruġa Konsultazzjoni Preliminarja mas-suq. Intbagħat għall-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Kuntratti l-proċess magħżul għax-xiri. | Jibda l-iscanning tad-dokumenti li jinsabu fir-Reġistru Marittimu. Is-sejħa għall-offerti għal Data and Document Management System tiġi ppubblikata u evalwata. L-ewwel fazi tas-sejħa għall-iżvilupp ta' Vessel Management System tiġi ppubblikata. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX (MGOZ)

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 109 (2022) | Ser jitkomplew ix-xogħlijiet fuq numru ta' toroq arterjali u residenzjali f'Għawdex.<br><br>(a) Parti minn Triq it-Tabib A. Tabone, limiti x-Xewkija (magħrufa bħala Sannat Road, Victoria)<br>(b) It-Triq li mir-Rabat Għawdex twasslek għal Marsalforn<br>(ċ) Triq Ta' Wara s-Sur, Rabat Għawdex<br>(d) Triq il-Qlugħ, ix-Xewkija<br>(e) Parti minn Triq il-Għajn, il-Fontana<br>(f) Triq l-Imġarr, in-Nadur | Diviżjoni tal-Istrateġija u s-Sapport | Tkomplew ix-xogħlijiet infrastrutturali fi Triq l-Imġarr, in-Nadur, Triq ir-Ramla, in-Nadur, Triq il-Qlugħ, ix-Xewkija u Triq Marsalforn, ix-Xagħra. | Tkomplew ix-xogħlijiet infrastrutturali fi Triq l-Imġarr, in-Nadur, Triq ir-Ramla, in-Nadur, Triq il-Qlugħ, ix-Xewkija u Triq Marsalforn, ix-Xagħra. | Tkomplew ix-xogħlijiet infrastrutturali fi Triq L-Imġarr, in-Nadur, Triq ir-Ramla, in-Nadur u Triq Marsalforn, ix-Xagħra. | Mistenni jitlestew ix-xogħlijiet infrastrutturali fi Triq l-Imġarr, in-Nadur, Triq ir-Ramla, in-Nadur u Triq Marsalforn ix-Xagħra.<br><br>Jibdew ix-xogħlijiet infrastrutturali fi Triq ta' Wara s-Sur fir-Rabat, Għawdex. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 110 (2022) | Ser jibda ir-restawr tal-fdalijiet tal-akwadotti li jinsabu fil-konfini tar-Rabat, Għawdex. | Direttorat għall-Wirt Kulturali | Wara li nħarġet sejħa għall-offerti fl-2021, ġie magħżul l-offerent preferut għall-installazzjoni ta' scaffolding, li għandu jservi ta' rfid tal-istruttura eżistenti tal-akwadotti.<br><br>Tnieda l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti għar-restawr tal-akwadotti. | Ġie ffirmat il-kuntratt ta' xogħlijiet mal-offerent rebbieħ u bdiet l-installazzjoni tal-iscaffolding.<br><br>Tkompla l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti għar-restawr tal-akwadotti. | Bdiet l-installazzjoni tal-iscaffolding.<br><br>Tlesta l-proċess tal-abbozzar u l-ivvettjar tas- sejħa għall-offerti għar-restawr tal-Akwadotti. | Mistenni li jiġi installat l-iscaffolding u b'hekk l-istruttura eżistenti tal-akwadotti tkun mirfuda.<br><br>Tiġi ppubblikata s-sejħa għall-offerti għar-restawr tal-Akwadotti. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 111 (2022) | B'kollaborazzjoni sħiħa mal-Kunsill Lokali, ser issir ir-riġenerazzjoni tal-pjazza ewlenija tal-Munxar. | Direttorat Eko Għawdex. | Tkomplew ix-xogħlijiet infrastrutturali għat-tisbiħ tal-pjazza prinċipali fil-Munxar. Ġew imgħoddija s-servizzi tal-ilma u d-drenaġġ u beda t-tqegħid tal-pavimentar. | Tkomplew ix-xogħlijiet infrastrutturali għat-tisbiħ tal-pjazza prinċipali fil-Munxar. Tlesta t-tqegħid tal-pavimentar, saret l-installazzjoni tad-dwal u tlestew żewġ funtani. Tkompla x-xogħol fuq is-sistemi tad-dwal kif ukoll tas-sistemi tal-irrigazzjoni | Tlestew ix-xogħlijiet fil-pjazza ewlenija tal-Munxar. | | Implimentata |
| 112 (2022) | B'kollaborazzjoni sħiħa mal-Kunsill Lokali, ser issir ir-riġenerazzjoni tal-pjazza ewlenija Ta' Sannat. | Direttorat Eko Għawdex. | Wara li nħarġet sejħa għall-offerti fl-2021, ġie konkluż il-proċess ta' xiri pubbliku għar-riġenerazzjoni ta' Pjazza Santa Margerita f'Ta' Sannat mill-Kunsill Lokali tas-Sannat billi ntgħażel l-offerent preferut u ġie ffirmat il-kuntratt.<br><br>Bdew ix-xogħlijiet ta' skavar u l-bini ta' service culverts. | Tkomplew ix-xogħlijiet ta' skavar u l-bini ta' service culverts. | Tkomplew ix-xogħlijet tal-iskavar tal-pjazza u l-bini ta' service culverts. | Mistenni li jitlesta l-iskavar tal-pjazza u l-bini ta' service culverts u jitnedew ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni biex jissaħħaħ l-aspett ambjentali filwaqt li tingħata attenzjoni għat-traffiku li jgħaddi ta' kuljum minn dan il-lokal. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 131 (2022) | Biex inkomplu ntejbu l-konnettività bejn il-gżejjer Maltin u Għawdxin, ser jiġu mmodernizzati l-faċilitajiet tal-heliport fix-Xewkija. | Direttorat għat-Turiżmu u Żvilupp Ekonomiku | Sar studju rigward l-Avifauna minħabba l-parametri ambjentali tal-proġett.<br><br>Tlesta studju soċjo-ekonomiku li kien tnieda fl-2021.<br><br>Tfasslu l-pjanti tal-faċilitajiet u tar-Runway u tlesta t-3D Rendering wara li saru l-konsultazzjoniet neċessarji mar-regolatur tal-Avjazzjoni.<br><br>Ġew imħejjija Project Description Statement u Project Brief. | Ġie ppreżentat il-Project Brief lill-Awtorità Reġjonali għall-Iżvilupp ta' Għawdex u twettqet konsultazzjoni pubblika. | Ġie konkluż il-proċess ta' regional impact assessment mill-Awtorità Reġjonali għall-Iżvilupp ta' Għawdex u l-Awtorità rrakkomandat li jsir il-proġett tal-ajruport reġjonali fix-Xewkiija.<br><br>Bdiet it-tħejjija ta' applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar biex minn sit mitluq fejn kien hemm il-Ħeliport isir ajruport reġjonali. | Mistennija li tkun sottomessa l-applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 186 (2022) | Għaddejja preżentament l-implimentazzjoni ta' proġett ta' restawr jew bini mill-ġdid ta' ħitan tas-sejjieħ madwar Għawdex kollu b'fondi Ewropej li jlaħħqu 'l fuq minn għaxar miljun ewro, sabiex f'numru ta' lokalitajiet Għawdxin jitranġaw 'il fuq minn 30 kilometru ta' ħitan tas-sejjieħ li maż-żmien iġġarrfu u li fil-preżent jinsabu fi stat dilapidat. | Direttorat Eko Għawdex | Tkompla r-restawr tal-ħitan tas-sejjieħ f'diversi lokalitajiet f'Għawdex fosthom tul il-Wied tar-Ramla, limiti tax-Xagħra. Tlesta l-bini tal-ħitan tas-sejjieħ fi Triq il-Bwier f'Għajnsielem u fi Triq tal-Kanal, ix-Xewkija. | Tlestew ix-xogħlijiet tul il-Wied tar-Ramla, limiti tax-Xagħra kif ukoll fuq il-ħitan tas-sejjieħ ġewwa San Lawrenz u fit-Triq San Anard, it-triq prinċipali lejn ix-Xagħra mir-Rabat.<br><br>Bdew ix-xogħlijiet fit-triq tax-Xħajma, limiti x-Xewkija, fi Triq Grunju u tal-Wilġa fil-lokalità tal-Qala. | Tlestew ix-xogħlijiet fuq il-ħitan fit-Triq tax-Xħajma, limiti ix-Xewkija, fi Triq Grunju u tal-Wilġa fil-Qala.<br><br>Bdew ix-xogħlijiet fuq il-ħitan tas-sejjieħ f'Wied Sara fil-limiti tar-Rabat, Għawdex, u l-Għasri, kif ukoll fi Triq Dun Pawl Micallef u Triq Petri fir-Rabat, Għawdex | Mistenni li jitlestew ix-xogħlijiet fuq ir-restawr jew il-bini mill-ġdid ta' ħitan tas-sejjieħ madwar Għawdex u b'hekk il-proġett, b'kofinanzjament minn fondi tal-Unjoni Ewropea, ikun twettaq. | Implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 243 (2022) | Intejbu l-faċilitajiet tal-Landing Sites ġewwa Għawdex. | Diviżjoni għall-Istrateġija u s-Sapport | Tnieda l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti għall-ġestjoni tal-proġett. | Tkompla l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti għall-ġestjoni tal-proġett. | Tkompla l-proċess tal-abbozzar ta' sejħa għall-offerti għall-ġestjoni u titjib tal-landing sites ġewwa Għawdex. | Mistenni li wara li jitlesta l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti, isir l-ivvettjar tal-abbozz ta' sejħa għall-offerti għal-ġestjoni u titjib tal-landing sites u tiġi ppubblikata din l-istess sejħa sabiex l-offerenti prospettivi jkunu jistgħu jissottomettu offerta tagħhom. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 269 (2022) | Qed jitkompla b'pass imdaqqas ix-xogħol fuq iċ-Ċentru Akkwatiku u Sportiv. Permezz ta' dan l-investiment, Għawdex u l-Għawdxin ser ikunu qed igawdu minn pixxina ta' livell olimpiku kif ukoll padiljun sportiv ġdid fil-qalba tar-Rabat, Għawdex. Dan huwa l-ikbar investiment għall-qasam sportiv li qatt sar għal Għawdex. | Direttorat Servizzi għal Għawdex | Tkomplew ix-xogħlijiet mekkaniċi, elettriċi u l-finituri, kemm fis-sit taċ-Ċentru Akkwatiku, kif ukoll fil-Padiljun Sportiv.<br><br>Wara li nħarġet sejħa għall-offerti fl-2021 għad-disinn, manifattura, u l-installazzjoni ta' adjustable pool floor fiċ-Ċentru Akkwatiku, saret l-evalwazzjoni tal-offerti rċevuti u ntgħażel l-offerent preferut. Ġie abbozzat il-kuntratt ta' xogħol.<br><br>Wara l-pubblikazzjoni tas-sejħa għall-offerti għad-disinn, manifattura u l-installazzjoni tat- Trapezoidal Insulated Panel System fiċ-Ċentru Akkwatiku, saret l-evalwazzjoni tal-offerti rċevuti u ntgħażel l-offerent preferut. | Tkomplew ix-xogħlijiet mekkaniċi, elettriċi u l-finituri, kemm fis-sit taċ-Ċentru Akkwatiku, kif ukoll fil-Padiljun Sportiv.<br><br>Wara li ġie ffirmat il-kuntratt ta' xogħol mal-offerent preferut, saret il-mobilizzazzjoni tal-kuntrattur fuq il-post tax-xogħol biex isir id-disinn, manifattura, u l-installazzjoni ta' adjustable pool floor fiċ-Ċentru Akkwatiku.<br><br>Ġie ffirmat il-kuntratt ta' xogħol mal-offerent preferut u l-kuntrattur nieda l-proċess biex isir id-disinn, manifattura u l-installazzjoni tat-Trapezoidal Insulated Panel System fiċ-Ċentru Akkwatiku.<br><br>Tnieda proċess ta' xiri pubbliku miftuħ biex issir l-installazzjoni ta' Building Envelope. | Tkomplew ix-xogħlijiet mekkaniċi, elettriċi u l-finituri, kemm fis-sit taċ-Ċentru Akkwatiku kif ukoll fil-Padiljun Sportiv.<br><br>Tkompla l-proċess tal-abbozzar ta' sejħa għall-offerti biex isir l-installazzjoni ta' Building Envelope. | Mistenni li jitkomplew ix-xogħlijiet mekkaniċi, elettriċi u l-finituri, kemm fis-sit taċ-Ċentru Akkwatiku kif ukoll fil-Padiljun Sportiv.<br><br>Wara li jitlesta l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti u jsir l-ivvettjar meħtieġ, tiġi ppubblikata din l-istess sejħa. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ,
IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA (MHSR)

| | **DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA** | **DIPARTIMENT / ENTITÀ** | **KWART 1** Jannar - Marzu 2022 | **KWART 2** April - Ġunju 2022 | **KWART 3** Lulju - Settembru 2022 | **KWART 4** Ottubru - Diċembru 2022 | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 121 (2022) | Ser isir xogħol mit-Taqsima tar-Riċerki, biex jitkompla l-proġett pilota biex ir-riċerki jintbagħtu lill-klijenti bil-firma diġitali kollha online. | Aġenzija Identity Malta | Id-dipartiment tar-riċerki fi ħdan l-Aġenzija kompla bl-ittestjar fuq is-sistema l-ġdida. Ingħalqet il-parti tal-ivvettjar li kienet kruċjali ħafna biex tkun tista' titkompla l-fażi li jmiss, li hija l-firma diġitali fuq ir-riċerka. Dan il-proċess qed isir biex ir-riċerka tkun mibgħuta lill-klijient bħala kopja diġitali. | Id-dipartiment qed janalizza tibdil meħtieġ biex il-firma diġitali tkun konformi ma' dak stipulat mil-liġi dwar ir-riċerki. Laqgħat bejn il-kuntrattur privat flimkien mal-persuni legali tad-dipartiment huma essenzjali biex dan il-proġett jiġi implimentat bl-aktar mod prattiku u faċli. Il-proġett jista' jiġi implimentat jekk il-banek u l-kunsill notarili jaqblu dwar din il-bidla. | Ġaladarba s-sistema tkun kompluta min-naħa tal-kuntrattur privat, jibda l-ewwel proċess tal-ittestjar fuq il-firma diġitali. Il-persuni legali tad-dipartiment jiġu mgħallma kif din il-bidla diġitali se tibda topera. Jitkompla l-ittestjar fuq il-firma diġitali sakemm ikun aċċertat li kull riċerka li qed toħroġ, ikunu ffirmati ċ-ċertifikati tar-riċerka kollha. Qed isiru diskussjonijiet u ħa jkomplu jsiru diskussjonijiet kemm mal-kunsill notarili kif ukoll mal-banek ewlenin ta' Malta biex jiġi evalwat l-aħjar mod kif nistgħu nibdew dan il-proċess. | Jiġi finalizzat l-ittestjar u jibdew jinħarġu l-ewwel riċerki tat-testmenti b'mod diġitali bħala kopja diġitali lil ammont żgħir ta' nutara dejjem jekk ikun ħemm qbil mal-banek u l-kunsill notarili. F'każ li ma jkunx hemm qbil, il-proġett ikollu jieqaf sakemm jintlaħaq. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 122 (2022) | Identity Malta ser tkompli tipprovdi u ssaħħaħ is-servizz tal e-ID bil-għan li tippromwovi aktar l-istrateġija għat-trasformazzjoni diġitali filwaqt li tnaqqas l-użu tal-karta. | L-Aġenzija Identity Malta - Taqsima tal-Karta tal-Identità | Saru diskussjonijiet mal-MITA fejn ġie deċiż li jsiru xi bidliet fuq il-portal tal-eID sabiex l-attivazzjoni tat-2FA mill-utenti tal-eID ikun faċilitat. L-SMS se tiġi offruta bħala l-għażla ewlenija, filwaqt li l-email u l-authenticator app se jibqgħu xorta jiġu offruti. L-utenti tal-eID se jiġu infurmati bl-infurzar tat-2FA bħala mezz ieħor sabiex tissaħħaħ is-sigurtà meta huma stess jawtentikaw u jagħmlu użu mis-servizzi diġitali offruti mill-Gvern. | Tkomplew diskussjonijiet mal-MITA u ġie ffirmat ftehim kuntrattwali bejn l-Aġenzija Identity Malta u l-MITA. Ittieħdet deċiżjoni u ntlaħaq qbil bejn il-MITA u l-Aġenzija Identity Malta li l-ewwel għażla għat-2FA għandha tkun b'email tal-klijent u mhux bl-SMS sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż tal-SMS, li ġew ikkalkulati u li huma konsiderevoli. Għadhom għaddejjin diskussjonijiet mal-MITA biex tinstab soluzzjoni aktar sempliċi għall-utent. Diġà ġew issuġġeriti xi soluzzjonijiet li għadhom qed jiġu evalwati miż-żewġ entitajiet. | Intlaħaq ftehim mal-MITA u l-Aġenzija Identità Malta (IMA) sabiex l-indirizz elettroniku jintuża bħala l-mod ta' kif issir il-verifika addizzjonali (2FA). Saru t-tibdiliet neċessarji fis-sistema f'Lulju li għadda li jilħqu l-aħħar rekwiżiti tal-IMA sabiex il-proċess isir bl-iktar mod faċli u bl-inqas spejjeż possibbli. Min-naħa tal-IMA qegħdin nippreparaw pjan biex inkunu nistgħu noffru l-assistenza neċessarja lill-utent meta jiġi biex jattiva it-2FA. Il-pjan preżenti huwa li sal-aħħar ta' Settembru, l-ewwel grupp ta' utenti, li se jiġu maqsuma skont il-gruppi maqbula. | Kif diġà ġie rrappurtat fi K3, l-implimentazzjoni tat-2FA se tkun waħda gradwali skont il-gruppi hekk kif indikat hawn taħt:<br><br>1. 14 sa 16<br>2. 17 sa 19<br>3. 20 sa 40<br>4. 41 sa 50<br>5. 51 sa 59<br>6. 60+<br><br>Sal-aħħar tas-sena għandu jiġi infurzat it-2FA b'mod obbligatorju fuq l-ewwel żewġ gruppi. Fix-xhur ta' wara titkompla l-implimentazzjoni gradwali mal-bqija tal-gruppi. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | **DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA** | **DIPARTIMENT / ENTITÀ** | **KWART 1** Jannar - Marzu 2022 | **KWART 2** April - Ġunju 2022 | **KWART 3** Lulju - Settembru 2022 | **KWART 4** Ottubru - Diċembru 2022 | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 285.1 (2022) | Korpi Dixxiplinati<br>- Tkompli tiġi implimentata l-istrateġija tat-trasformazzjoni li biha qed isir investiment fl-infrastruttura, f'apparat speċjalizzat, vetturi ġodda u taħriġ tar-riżorsi umani.<br><br>(A) Titjib fl-infrastruttura u l-ambjent tax-xogħol fejn ser jigi rinovat spazju li qabel kien jintuża għas-cybercrime u li issa ser jiġi addattat għal Central Intelligence Analysis Unit | Korp tal-Pulizija | Il-post inkwistjoni kellu jsirlu xogħol ta' tneħħija ta' ħitan u installazzjonijiet ta' servizzi antiki sabiex jinbidel fi spazju miftuħ li jkun jista' jakkomoda iktar analisti u apparat li jintuża minnhom. | Saru l-pjanti neċessarji u disinni ta' kif ser jitqassam dan il-post, inkluż kif ser jingħaddu servizzi ġodda bżonjużi biex titħaddem din l-unità. Bdew jinħarġu wkoll sejħiet biex jinxtara l-materjal sabiex jibdew ix-xogħlijiet ta' tqegħid ta' madum, kisi u tibjid. | Jibdew jinħarġu sejħiet ta' xogħlijiet ta' servizz tad-dawl, l-ilma u servizzi oħrajn relatati biex din is-sala tkun tista' sservi bħala uffiċini. | Ikompli x-xogħol meħtieġ u jitkompla l-ivvalutar tas-sejħiet maħruġa. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 285.2 (2022) | Korpi Dixxiplinati<br>- Tkompli tiġi implimentata l-istrateġija tat-trasformazzjoni li biha qed isir investiment fl-infrastruttura, f'apparat speċjalizzat, vetturi ġodda u taħriġ tar-riżorsi umani.<br><br>(B) Tisħiħ tas-Sigurtà tal- pajjiż: Xirja ta' iktar vetturi relatati ma' Border Management tal-pajjiż.<br>- 4 (4x4) pickup trucks | Korp tal-Pulizija | Ġew ordnati l-pick up trucks. | Waslu l-pick up trucks. | | | Implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 285.3 (2022) | Korpi Dixxiplinati - Tkompli tiġi implimentata l-istrateġija tat-trasformazzjoni li biha qed isir investiment fl-infrastruttura, f'apparat speċjalizzat, vetturi ġodda u taħriġ tar-riżorsi umani.<br><br>(C) Il-Korp tal-Pulizija jkompli jinvesti f'mobile remote and ticketing system devices, sabiex ikunu aktar effiċjenti u akkontabbli (Apparat Speċjalizzat). | Korp tal-Pulizija | Wara li ġew provduti b'apparat speċjalizzat u taħriġ, madwar sitt sezzjonijiet tal-korp tal Pulizija, fosthom is-sezzjoni tat-Traffiku, qed jagħmlu użu minn sistema ġdida sabiex ikunu jistgħu jinħarġu kontravenzjonijiet. Din is-sistema qed toffri lill-pubbliku ġenerali servizzi bħal ħlas ta' pagamenti online, notifiki istantanji u integrazzjoni mal-eServizzi tal-gvern. | Aktar sezzjonijiet tal-korp tal-Pulizija, fosthom id-distrett kollu ta' Għawdex u xi distretti oħrajn ġewwa Malta, qed jagħmlu użu mis-sistema l-ġdida wara li ġew provduti b'apparat speċjalizzat u taħriġ. | Aktar sezzjonijiet tal-korp tal Pulizija, fosthom id-distretti ta' San Ġiljan, Birkirkara, il-Mosta u San Pawl bdew jagħmlu użu mis-sistema l-ġdida wara li ġew provduti b'apparat speċjalizzat u taħriġ. Sal-aħħar tat-tielet kwart mistennija jkunu qed jagħmlu użu mis-sistema wkoll id-distretti tal-Ħamrun, Raħal Ġdid u Bormla. | Tkun kompluta l-qalba mis-sistema l-antika għas-sistema l-ġdida. | Implimentata |
| 285.4 (2022) | Korpi Dixxiplinati - Tkompli tiġi implimentata l-istrateġija tat-trasformazzjoni li biha qed isir investiment fl-infrastruttura, f'apparat speċjalizzat, vetturi ġodda u taħriġ tar-riżorsi umani.<br><br>(D) Ikompli l-iżvilupp ta' tagħlim għall-membri tal-korp li jaħdmu fil-pożizzjoni ta' kuntistabbli u surġent (Taħriġ). | Korp tal-Pulizija | Fl-24 ta' Jannar beda l-kors In Service għall-kuntistabbli u surġenti. Dan il-kors ikun twil ġimagħtejn u l-korsijiet jibqgħu jiġu ripetuti matul is-sena. | | | | Implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 286 (2022) | Matul is-sena d-dieħla ser jiġi estiż is-servizz tal-Community Policing f'Ħaż-Żabbar. | Korp tal-Pulizija | Il-ħsieb hu li s-servizz ta' Community Policing li jservi Ħaż-Żabbar ikollu l-bażi fl-għassa tax-Xgħajra. Għal dan il-għan, ser jibdew jitwettqu xogħlijiet f'din l-għassa biex tibda tospita t-tim tal-community policing. | Sakemm jitlestew ix-xogħlijiet neċessarji fl-uffiċċju intenzjonat għall-bażi tal-Community Police, ittieħdet id-deċiżjoni illi s-servizz jopera mill-għassa ta' Ħaż-Żabbar. | Il-Korp tal-Pulizija ħareġ sejħa interna bl-applikazzjonijiet biex Pulizija interessati jingħaqdu mat-tim tal-Pulizija tal-Komunità. | Isiru l-interviews fejn jiġu magħżula xi uffiċjali. Huwa mistenni li jitlesta r-reklutaġġ u jintgħażlu kadetti mill-Akkademja wkoll. It-tim tal-Community Policing jibda jopera fil-lokalità. | Implimentata |
| 287 (2022) | Matul is-sena d-dieħla ser jiġi estiż is-servizz tal-Community Policing fix-Xgħajra. | Korp tal-Pulizija | Il-ħsieb hu li s-servizz ta' Community Policing li jservi x-Xagħjra ikun ibbażat fl-għassa tax-Xgħajra. Għal dan il-għan, ser jibdew jitwettqu xogħlijiet f'din l-għassa biex tibda tospita t-tim tal-community policing. | Sakemm jitlestew ix-xogħlijiet neċessarji fl-uffiċċju intenzjonat għall-bażi tal-Community Police, ittieħdet id-deċiżjoni illi s-servizz jopera mill-għassa ta' Ħaż-Żabbar. | Il-Korp tal-Pulizija ħareġ sejħa interna bl-applikazzjonijiet biex Pulizija interessati jingħaqdu mat-tim tal-Pulizija tal-Komunità. | Isiru l-interviews fejn jiġu magħżula xi uffiċjali. Huwa mistenni li jitlesta r-reklutaġġ u jintgħażlu kadetti mill-Akkademja wkoll. It-tim tal-Community Policing jibda jopera fil-lokalità. | Implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 288 (2022) | Matul is-sena d-dieħla ser jiġi estiż is-servizz tal-Community Policing f'San Ġwann. | Korp tal-Pulizija | Ġie deċiż li l-użu tal-Għassa ta' San Ġwann jinqaleb għall-Uffiċċju tal-Pulizija tal-Komunità. | Sakemm jitlestew ix-xogħlijiet ġewwa l-istess għassa, il-Pulizija tal-Komunità ser topera minn ġewwa uffiċċju temporanju tal-Kunsill Lokali ta' San Ġwann. | Il-Korp tal-Pulizija ħareġ sejħa interna bl-applikazzjonijiet biex Pulizija interessati jingħaqdu mat-tim tal-Pulizija tal-Komunità. | Isiru l-interviews fejn jiġu magħżula xi uffiċjali. Huwa mistenni li jitlesta r-reklutaġġ u jintgħażlu kadetti mill-Akkademja wkoll. It-tim tal-Community Policing jibda jopera fil-lokalità. | Implimentata |
| 289 (2022) | Matul is-sena d-dieħla ser jiġi estiż is-servizz tal-Community Policing f'Ħaż-Żebbuġ. | Korp tal-Pulizija | Bi ftehim bejn il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ u l-Korp, ser jinbena uffiċċju mill-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbug ġewwa l-uffiċini ġodda tal-Kunsill Lokali. | Sakemm jitlesta l-proġett ġie deċiż li jinkera uffiċċju sabiex it-tim tal-komunità jibda jopera minn hemm. | Il-Korp tal-Pulizija ħareġ sejħa interna bl-applikazzjonijiet biex Pulizija interessati jingħaqdu mat-tim tal-Pulizija tal-Komunità. | Isiru l-interviews fejn jiġu magħżula xi uffiċjali. Huwa mistenni li jitlesta r-reklutaġġ u jintgħażlu kadetti mill-Akkademja wkoll. It-tim tal-Community Policing jibda jopera fil-lokalità. | Implimentata |
| 290 (2022) | Matul is-sena d-dieħla ser jiġi estiż is-servizz tal-Community Policing fil-Gżira. | Korp tal-Pulizija | Ġiet deċiża li parti mill-Għassa tal-Imsida sservi bħala Uffiċċju għall-Pulizija tal-Komunità. Se jsiru pjanijiet biex isir rinovar fis-sular partikolari. | Sakemm jitlestew il-pjanijiet u rinovar ta' din l-istess għassa, it-tim tal-Pulizija tal-Komunità ser jaħdem minn ġewwa l-Għassa tal-Gżira u ġie offrut ukoll uffiċċju temporanju ġewwa l-Kunsill Lokali tal-Gżira sakemm titlesta l-Għassa. | Il-Korp tal-Pulizija ħareġ sejħa interna bl-applikazzjonijiet biex Pulizija interessati jingħaqdu mat-tim tal-Pulizija tal-Komunità. | Isiru l-interviews fejn jiġu magħżula xi uffiċjali. Huwa mistenni li jitlesta r-reklutaġġ u jintgħażlu kadetti mill-Akkademja wkoll. It-tim tal-Community Policing jibda jopera fil-lokalità. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 291 (2022) | Matul is-sena d-dieħla ser jiġi estiż is-servizz tal-Community Policing fl-Imsida. | Korp tal-Pulizija | Ġiet deċiża li parti mill-Għassa tal-Imsida sservi bħala Uffiċċju għall-Pulizija tal-Komunità. Se jsiru pjanijiet biex isir rinovar fis-sular partikolari. | Sakemm jitlestew il-pjanijiet u rinovar ta' din l-istess għassa, it-tiem tal-Pulizija tal-Komunità ser jaħdem minn ġewwa l-Għassa tal-Gżira u ġie offrut ukoll uffiċċju temporanju ġewwa l-Kunsill Lokali tal-Gżira sakemm titlesta l-Għassa. | Il-Korp tal-Pulizija ħareġ sejħa interna bl-applikazzjonijiet biex Pulizija interessati jingħaqdu mat-tim tal-Pulizija tal-Komunità. | Isiru l-interviews fejn jiġu magħżula xi uffiċjali. Huwa mistenni li jitlesta r-reklutaġġ u jintgħażlu kadetti mill-Akkademja wkoll. It-tim tal-Community Policing jibda jopera fil-lokalità. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 292 (2022) | Matul is-sena d-dieħla ser jiġi estiż is-servizz tal-Community Policing f'Tal-Pietà. | Korp tal-Pulizija | Il-Pulizija tal-Komunità f'Tal-Pietà ħa tkun qed topera mill-Uffiċċju tal-Komunità ta' Santa Venera. | Is-servizz beda jopera mill-Uffiċċju tal-Komunità ta' Santa Venera. | | | Implimentata |
| 293 (2022) | Matul is-sena d-dieħla ser jiġi estiż is-servizz tal-Community Policing f'Wied il-Għajn. | Korp tal-Pulizija | Ġie deċiż li t-tim jopera mill-għassa l-ġdida li qed tinbena ġewwa Wied il-Għajn. | Sakemm jitlesta l-proġett tal-għassa l-ġdida, il-Kunsill qed joffri uffiċċju ġewwa l-Kunsill Lokali. | Il-Korp tal-Pulizija ħareġ sejħa interna bl-applikazzjonijiet biex Pulizija interessati jingħaqdu mat-tim tal-Pulizija tal-Komunità. | Isiru l-interviews fejn jiġu magħżula xi uffiċjali. Huwa mistenni li jitlesta r-reklutaġġ u jintgħażlu kadetti mill-Akkademja wkoll. It-tim tal-Community Policing jibda jopera fil-lokalità. | Implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 294 (2022) | Matul is-sena d-dieħla ser jiġi estiż is-servizz tal-Community Policing fil-Mosta. | Korp tal-Pulizija | Ġie deċiż li parti mill-Għassa tal-Mosta sservi bħala Uffiċċju għall-Pulizija tal-Komunità. Se jsiru pjanijiet biex isir rinovar fil-kmamar partikolari. | Sakemm jitlestew il-pjanijiet u rinovar ta' din l-istess għassa, it-tim tal-Pulizija tal-Komunità ser jaħdem minn ġewwa l-Għassa tal-Imġarr temporanjament sakemm titlesta l-Għassa tal-Mosta. | Il-Korp tal-Pulizija ħareġ sejħa interna bl-applikazzjonijiet biex Pulizija interessati jingħaqdu mat-tim tal-Pulizija tal-Komunità. | Isiru l-interviews fejn jiġu magħżula xi uffiċjali. Huwa mistenni li jitlesta r-reklutaġġ u jintgħażlu kadetti mill-Akkademja wkoll. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 295 (2022) | Matul is-sena d-dieħla ser jiġi estiż is-servizz tal-Community Policing fl-Imġarr. | Korp tal-Pulizija | Ġie deċiż li parti mill-Għassa tal-Mosta sservi bħala Uffiċċju għall-Pulizija tal-Komunità. Se jsiru pjanijiet biex isir rinovar fil-kmamar partikolari. | Sakemm jitlestew il-pjanijiet u rinovar ta' din l-istess għassa, it-tim tal-Pulizija tal-Komunità ser jaħdem minn ġewwa l-Għassa tal-Imġarr temporanjament sakemm titlesta l-Għassa tal-Mosta. | Il-Korp tal-Pulizija ħareġ sejħa interna bl-applikazzjonijiet biex Pulizija interessati jingħaqdu mat-tim tal-Pulizija tal-Komunità. | Isiru l-interviews fejn jiġu magħżula xi uffiċjali. Huwa mistenni li jitlesta r-reklutaġġ u jintgħażlu kadetti mill-Akkademja wkoll. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 296 (2022) | Matul is-sena d-dieħla ser jiġi estiż is-servizz tal-Community Policing fiż-Żurrieq. | Korp tal-Pulizija | Ġie deċiż li l-uffiċċju tal-komunità jsir ġewwa l-Bus Terminus fejn żewġ kmamar ser jingħaddu mil-Lands Dept għal għand il-Korp. | Sakemm jitlesta l-proġett, it-tim ser jopera mill-Għassa tal-Qrendi. | Il-Korp tal-Pulizija ħareġ sejħa interna bl-applikazzjonijiet biex Pulizija interessati jingħaqdu mat-tim tal-Pulizija tal-Komunità. | Isiru l-interviews fejn jiġu magħżula xi uffiċjali. Huwa mistenni li jitlesta r-reklutaġġ u jintgħażlu kadetti mill-Akkademja wkoll. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 297 (2022) | Matul is-sena d-dieħla ser jiġi estiż is-servizz tal-Community Policing f'Ħal Safi. | Korp tal-Pulizija | Ġie deċiż li l-uffiċċju tal-komunità jopera mill-Għassa ta' Ħal Safi, fejn ser isir xogħol ta' rinovazzjoni. | Sakemm jitlesta x-xoghol, il-Kunsill ta' Ħal Safi offra uffiċċju ġewwa l-Kunsill Lokali fejni t-tim ser jaħdem b'mod temporanju sakemm jitlesta x-xogħol ta' rinovar fuq l-Għassa ta' Ħal Safi. | Il-Korp tal-Pulizija ħareġ sejħa interna bl-applikazzjonijiet biex Pulizija interessati jingħaqdu mat-tim tal-Pulizija tal-Komunità. | Isiru l-interviews fejn jiġu magħżula xi uffiċjali. Huwa mistenni li jitlesta r-reklutaġġ u jintgħażlu kadetti mill-Akkademja wkoll. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 298 (2022) | Matul is-sena d-dieħla ser jiġi estiż is-servizz tal-Community Policing f'Ħal Kirkop. | Korp tal-Pulizija | Ġie deċiż li l-uffiċċju tal-komunità jopera mill-Għassa ta' Ħal Safi, fejn ser isir xogħol ta' rinovazzjoni. | Sakemm jitlesta x-xogħol, il-Kunsill ta' Ħal Safi offra uffiċċju ġewwa l-Kunsill Lokali fejn it-tim ser jaħdem b'mod temporanju sakemm jitlesta x-xogħol ta' rinovar fuq l-Għassa ta' Ħal Safi. | Il-Korp tal-Pulizija ħareġ sejħa interna bl-applikazzjonijiet biex Pulizija interessati jingħaqdu mat-tim tal-Pulizija tal-Komunità. | Isiru l-interviews fejn jiġu magħżula xi uffiċjali. Huwa mistenni li jitlesta r-reklutaġġ u jintgħażlu kadetti mill-Akkademja wkoll. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 299 (2022) | B'investiment ta' madwar €50 miljun, għaddej ix-xogħol fuq il-lanċa l-ġdida li qed tinħadem biex tiżdied mal-iskwadra Marittima tal-Forzi Armati. Din il-lanċa ser tkun l-akbar tax-xorta tagħha f'pajjiżna u ser tissaħħaħ is-sorveljanza fl-ibħra Maltin u l-ħarsien tal-fruntieri. | Forzi Armati ta' Malta | Bdew u tkomplew xogħlijiet relatati mal-installazzjoni u twaħħil ta' sistemi ta' komunikazzjoni, awtomazzjoni u navigazzjoni. Inbdew ukoll l-ewwel provi ta' navigazzjoni fuq il-baħar. | Beda u ntemm it-taħriġ tal-ekwipaġġ fuq il-lanċa ġewwa l-Italja. Tkomplew ukoll provi ta' sistemi ta' telekomunikazzjoni u apparat ta' navigazzjoni. | Bdew il-provi uffiċjali tal-FAM u saret il-konsenja tal-lanċa. | | Implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 300 (2022) | Il-Protezzjoni Ċivili ser tkompli tinvesti fit-tibdil tal-vetturi fejn ser ikomplu jiġu mixtrija trakkijiet ġodda.<br><br>Nota: Din il-miżura hija kontinwazzjoni ta' BM335/2021<br>(a) Heavy Rescue Vehicle<br>(b) Breathing apparatus Unit<br>(ċ) Żewġ Forest Fire Fighting Vehicles<br>(d) Road Rescue Vehicles<br>(e) Lightning Medium Truck<br>(f) Incident Command Vehicle<br>(g) Hazmat Fast Response Unit | Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili (CPD) | (a) Heavy Rescue Vehicle<br>Stennija biex tasal il-Heavy Rescue Vehicle<br><br>(b) Breathing apparatus Unit<br>Stennija biex tasal il-Breathing Apparatus Unit<br><br>(ċ) Żewġ Forest Fire Fighting Vehicles<br>Stennija biex jaslu l-vetturi<br><br>(d) Road Rescue Vehicles<br>F'Jannar waslu 2 Road Rescue Vehicles<br><br>(e) Lightning Medium Truck<br>Stennija biex jasal il-Lighting Medium Truck<br><br>(f) Incident Command Vehicle<br>Stennija biex tasal l-Incident Command Vehicle<br><br>(ġ) Hazmat Fast Response Unit<br>Stennijja għall-wasla tal-vettura | (a) Heavy Rescue Vehicle<br>Il-Heavy Rescue Vehicle waslet f'April.<br><br>(b) Breathing apparatus Unit<br>Wasal il-Breathing Apparatus Unit f'Ġunju.<br><br>(ċ) Żewġ Forest Fire Fighting Vehicles<br>Iż-żewġ Forest fighting Vehicles waslu f'April ukoll.<br><br>d) Road Rescue Vehicles-Dawn waslu f'Jannar u Marzu (tnejn u tnejn).<br><br>(e) Lightning Medium Truck<br>Wasal it-truck f'Ġunju.<br><br>(f) Incident Command Vehicle<br>Din il-vettura ser tasal f'Settembru minflok f'Lulju minħabba li hemm nuqqas ta' partijiet elettroniċi biex tiġi finalizzata l-vettura. Ir-rapport dwar din l-istennija jinsab f'idejn id-DPĊ.<br><br>(ġ) Hazmat Fast Response Unit<br>Din il-vettura waslet f'April wkoll. | f) Incident Command Unit - Ġejna infurmati li l-vettura ser tasal f'Settembru minflok Lulju minħabba li hemm nuqqas ta' komponenti elettroniċi biex tiġi finalizzata l-vettura. Ir-rapport dwar din l-istennija jinsab f'idejn id-DPC. | | Implimentata |

| | **DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA** | **DIPARTIMENT / ENTITÀ** | **KWART 1** Jannar - Marzu 2022 | **KWART 2** April - Ġunju 2022 | **KWART 3** Lulju - Settembru 2022 | **KWART 4** Ottubru - Diċembru 2022 | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 301 (2022) | Il-Protezzjoni Ċivili ser tkompli tinvesti fit-tibdil tal-vetturi fejn ser ikomplu jiġu mixtrija vannijiet apposta li jservu tajjeb għat-toroq dojoq ta' pajjiżna.<br><br>Nota: Dawn il-vannijiet ser ikunu mgħammrin apposta sabiex ikunu jistgħu jiġu aċċessati mkejjen dojoq speċjalment fejn ikun hemm grass fires.<br>(a) għaxar vannijiet għall-grass fires. | Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili (CPD) | Saret laqgħa mal-MFE rigward il-finanzjarjament ta' dawn l-għaxar vetturi u bdiet ir-riċerka fuq dawn il-vetturi. | Tkompliet ir-riċerka fuq dawn il-vetturi biex jinstabu fornituri ħalli jkunu jistgħu jsiru. Tlestiet il-lista ta' fornituri magħżula u qed jitħejja r-rapport. | Ser jiġi diskuss il-business case mal-Ministeru kif ukoll mal-finanzi biex il-vetturi msemmija jkunu jistgħu jinxtraw permezz ta' proċedura negozjata. | Jekk approvat, isir is-safar neċessarju biex jiġu negozjati l-aħjar pakkett ta' vetturi. Jekk ir-rapport tan-negozjar ikun aċċettat minn kulħadd, dan iwassal għal kuntratti mal-fornituri ta' dawn il-vetturi. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 302 (2022) | Il-Protezzjoni Ċivili ser tkompli tinvesti f'inġenji li bihom il-ħaddiema jilħqu aħjar il-bini għoli.<br><br>Nota: Din il-miżura hija kontinwazzjoni ta' BM335/2021<br><br>(a) Jasal is-70mtr Aerial Ladder Platform. | Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili (CPD) | Wasal is-70mtr Aerial Ladder Platform u daħal fis-servizz tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili. | | | | Implimentata |

| | **DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA** | **DIPARTIMENT / ENTITÀ** | **KWART 1** Jannar - Marzu 2022 | **KWART 2** April - Ġunju 2022 | **KWART 3** Lulju - Settembru 2022 | **KWART 4** Ottubru - Diċembru 2022 | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 303 (2022) | Il-Protezzjoni Ċivili ser tkompli tinvesti f'teknoloġiji moderni.<br><br>(a) Mobiles għall-uffiċjali li fihom ikun hemm is-sistema tal-EDMS.<br>(b) Vetturi mgħammra bil-kameras. | Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili (CPD) | (a) Bdew diskussjonijiet biex jinxtraw mobiles speċjali li jservu bħala tablets u radji sabiex ikunu jistgħu jitqabbdu mas-sistema tal-EDMS.<br>(b) Saret l-applikazzjoni mal-EU biex ningħataw fondi sabiex inkunu nistgħu nixtru l-apparat neċessarju biex jitwaħħlu kameras li jittrażmettu live mill-fire engines. | (a) Inxtara mobile speċjali li jservi bħala tablet u radju sabiex ikun jista' jitqabbad mas-sistema tal-EDMS bħala prova. | Qed jitfassal rapport biex jinxtraw; a) tablets apposta li jistgħu jintużaw biex tiġi installata s-sistema tal-edms. b) Jinħareġ tender biex tiġi installata is-sistema fuq ħames vetturi. | Jinxtraw it-tablets u jinħareġ it-tender. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 304 (2022) | Il-Protezzjoni Ċivili ser tkompli tinvesti fi lbies protettiv għall-uffiċjali tagħha.<br><br>Nota: Tinxtara fire kit ħafifa għal xogħol ta' salvataġġ u light fires sabiex dejjem inħarsu s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema. | Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili (CPD) | Il-proċess ta' riċerka għall-aqwa fornituri f'dan ir-rigward seħħ bejn Jannar u Frar tal-2022 filwaqt li f'Marzu saru pjanijiet ħalli jibda jinkiteb business case biex isir ix-xiri ta' lightweight fire kits mingħand dawk l-aġenti li laħqu l-ispeċifikazzjonijiet mitluba. | Beda jitħejja tender ibbażat fuq ir-riċerki misjuba. | Intalbet l-approvazzjoni għax-xiri tal-fire kit. | Mal-approvazzjoni tax-xiri, jibda n-negozjar mal-manifattur. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | **DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA** | **DIPARTIMENT / ENTITÀ** | **KWART 1** Jannar - Marzu 2022 | **KWART 2** April - Ġunju 2022 | **KWART 3** Lulju - Settembru 2022 | **KWART 4** Ottubru - Diċembru 2022 | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 305 (2022) | Ser jibda jinbena l-ewwel ċentru rijabilitattiv tax-xorta tiegħu fil-konfini tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin għal madwar 140 persuna. | Correctional Services Agency (CSA) | Beda u tkompla l-iskavar fis-sit fejn ser jinbena ċ-ċentru rijabilitattiv. | Tlesta l-iskavar u bdew l-istudji fuq il-pjanti tal-infrastruttura. Beda x-xogħol fl-ewwel parti tal-control room (support services tal-binja taċ-ċentru rijabilitattiv). | Qed isiru laqgħat ma' Infrastructure Malta biex jintgħażel il-kuntrattur tal-istruttura tal-binja prinċipali, filwaqt li l-kuntrattur tal-ewwel parti tal-Control Room ġie magħżul u ser jibda x-xogħol. | Ser jibda x-xogħol fuq l-istruttura tal-binja l-ġdida, filwaqt li l-istruttura tal-Control Room għandha tkun iffinalizzata. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 306 (2022) | L-Aġenzija għas-Sapport tal-Vittmi ser tkompli tiġi msaħħa u ser tkompli ttejjeb is-servizzi tagħha fl-oqsma tad-drittijiet lill-vittmi, billi tibqa' tkun aċċessibbli bl-iżjed mod effiċjenti, filwaqt li żżid ukoll il-ħaddiema u professjonisti li jservu fiha. | MHSE | Sar l-ingaġġ ta' professjonisti waqt li ġie ffirmat ftehim ta' koperazzjoni bejn il-Victim Support Agency (VSA) u FSWS (Għawdex), u ċ-ċentru reġjonali beda jopera s-servizz minn Għawdex. | Ġew ingaġġati tliet professjonisti ġodda fil-qasam legali u psiko-soċjali. | | | Implimentata |
| 307.1 (2022) | Bdejna u ser inkomplu nsaħħu r-riżorsi umani tal-Pulizija tal-Immigrazzjoni u tal-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali.<br><br>Malta Police Force | Malta Police Force | Ġie ffinalizzat it-tfassil ta' kors għar-rekluti l-ġodda. | Beda l-kors tar-rekluti l-ġodda. | Ħarġet sejħa interna biex uffiċjali tal-Pulizija japplikaw mat-Taqsima tal-Immigrazzjoni.<br><br>Ġew magħżula l-uffiċjali u ngħataw it-taħriġ meħtieġ tax-xogħol tat-Taqsima tal-Immigrazzjoni. | Tissaħħaħ it-Taqsima tal-Immigrazzjoni bl-inklużjoni tal-uffiċjali l-ġodda f'din it-taqsima. | Implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 307.2 (2022) | Bdejna u ser inkomplu nsaħħu r-riżorsi umani tal-Pulizija tal-Immigrazzjoni u tal-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali.<br><br>Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali | Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali | Ġie ingaġġat caseworker ieħor biex it-total ta' caseworkers ingaġġati bejn Novembru 2021 u Jannar 2022 tela' għal sitta. | | | | Implimentata |
| 308 (2022) | Fil-proċess li tiġi implimentata | Correctional Services Agency (CSA) | Beda u tkompla l-iskavar fis-sit fejn ser jinbena ċ-ċentru rijabilitattiv. | Tlesta l-iskavar u bdew l-studji fuq il-pjanti tal-infrastruttura. Beda x-xogħol fl-ewwel parti tal-control room (support services tal-binja taċ-ċentru rijabilitattiv). | Qed isiru laqgħat ma' Infrastructure Malta biex jintgħażel il-kuntrattur tal-istruttura tal-binja prinċipali, filwaqt li l-kuntrattur tal-ewwel parti tal-Control Room ġie magħżul u ser jibda x-xogħol. | Ser jibda x-xogħol fuq l-istruttura tal-binja l-ġdida, filwaqt li l-istruttura tal-Control Room għandha tkun iffinalizzata. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | **DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA** | **DIPARTIMENT / ENTITÀ** | **KWART 1** Jannar - Marzu 2022 | **KWART 2** April - Ġunju 2022 | **KWART 3** Lulju - Settembru 2022 | **KWART 4** Ottubru - Diċembru 2022 | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 309 (2022) | Tiġi rriġenerata ż-żona taċ-ċentru tal-immigranti tal-Marsa u nagħmlu mezz li l-faċilitajiet u l-ispazju f'din iż-żona jibdew jintużaw mill-għaqdiet, mit-tfal u miż-żgħażagħ. | Agency for the Welfare of Asylum Seekers (AWAS) | F'dawn it-tliet xhur, saru ħafna laqgħat għall-ftehim kollettiv dwar kif ħa jitqassam iċ-ċentru u jiġi identifikat spazju għall-komunità. Dik li kienet magħrufa bħala Room 10 ġiet magħluqa għall-aċċess taċ-ċentru filwaqt li t-tieqa li tagħti min-naħa tal-grawnd tal-futbol infetħet apertura għall-aċċess tal- komunità. | Dik li kienet magħrufa bħala Hall 54 , ġiet imnaddfa u żbarazzata mill-fdalijiet tal-ħruq li kien sar f'Jannar tas-sena 2020. Ingħata concrete laying biex jinħoloq spazju miftuħ adegwat. Tlestiet iż-żona ta' rikreazzjoni għat-tfal kif ukoll sar ksib biex tiġi rriġenerata din iż-żona. Din ir-riġenerazzjoni inkludiet tisbiħ billi nxtraw planters u pjanti addattati għall-klima tas-sajf. | L-ispazju kreattiv ġie żbarazzat minn xi kabini li kienu jintużaw bħala kabini ta' iżolament. | Ser ikompli t-tisbiħ sabiex iż-żona tibda taqdi l-iskop tal-funzjonijiet tagħha. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 315 (2022) | Fil-qasam tal-ugwaljanza ser inkomplu l-ħidma biex pajjiżna jibqa' fost l-aktar inklussivi fl-Ewropa, fejn se naraw inizjattivi bħal marka tal-ugwaljanza li tiċċertifika kumpaniji lokali. | Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE) | L-NCPE kompliet bil-proċessi ta' ċertifikazzjoni u riċertifkazzjoni tal-Marka tal-Ugwaljanza kif deskritti fil-miżura. | L-NCPE kompliet bil-proċessi ta' ċertifikazzjoni u riċertifkazzjoni tal-Marka tal-Ugwaljanza kif deskritti fil-miżura. | | | Implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 316 (2022) | Fil-qasam tal-ugwaljanza ser inkomplu l-ħidma biex pajjiżna jibqa' fost l-aktar inklussivi fl-Ewropa, fejn se ssir ħidma fuq il-proġett 'Empowerment for Diversity.' | Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE) | Il-kampanja fuq Facebook tal-proġett 'Empowerment for Diversity' ġiet fi tmiemha f'Marzu 2022 wara li din laħqet in-numru ta' udjenza miftiehem.<br><br>Ir-riċerka kwalitattiva ta' dan il-proġett tkompliet. Saru 46 intervista u ġie ppreżentat l-ewwel abbozz tal-analiżi.<br><br>L-attivitajiet kollha tal-proġett qed ikunu evalwati minn evalwatur estern. | Wara li l-NCPE rrevediet l-analiżi, il-konklużjoni u r-rakkomandazz-jonijiet tar-riċerka, saret laqgħa mar-riċerkaturi biex jiġu diskussi l-passi li jmiss. Ġie maqbul li jsiru xi reviżjonijiet tal-analiżi kif ukoll isiru xi intervisti addizzjonali biex tissaħħaħ ir-riċerka. | F'nofs Lulju saret laqgħa mar-riċerkaturi fejn ġejna infurmati li saru tmien intervisti oħra mal-parteċipanti. Ġie maqbul li l-istudju rrevedut se jintbagħat lill-NCPE fil-bidu ta' Awwissu bil-għan li din r-riċerka tkun konkluża f'Settembru.<br><br>F'Lulju ġie organizzat l-ewwel workshop f'Malta. Il-kumplament tal-workshops l-oħra għandhom jitlestew sal-aħħar ta' Settembru.<br><br>F'Settembru l-NCPE ser ġadet sehem fi Pride Week.<br><br>L-evalwazzjoni esterna tal-attivitajiet hija kontinwa sal-aħħar tal-proġett E4D. | Ser ikun ippubblikat rapport dwar il-workshops kif ukoll ir-rapport tar-riċerka.<br><br>Il-konferenza finali tal-proġett E4D ser tkun organizzata f'Novembru. Matulha ser jiġu ppreżentati r-riżultati milħuqa fostom ir-riċerka, il-kampanja ta' għarfien, it-taħrig intern, il-workshops u l-evalwazzjoni esterna tal-proġett.<br><br>Isir ir-rapport tal-verifika finanzjarja tal-proġett E4D. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | **DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA** | **DIPARTIMENT / ENTITÀ** | **KWART 1** Jannar - Marzu 2022 | **KWART 2** April - Ġunju 2022 | **KWART 3** Lulju - Settembru 2022 | **KWART 4** Ottubru - Diċembru 2022 | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 317 (2022) | Fil-qasam tal-ugwaljanza ser inkomplu l-ħidma biex pajjiżna jibqa' fost l-aktar inklussivi fl-Ewropa, fejn ser nespandu l-programm 'Nappartjeni.' | Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem | It-taħriġ tal-ewwel stadju tal-programm baqa' għaddej bl-istess mod, waqt li t-tieni stadju qed isir mill-MCAST u l-Università ta' Malta.<br><br>It-taħriġ fil-litterizmu Malti u l-Ingliż għall-immigranti biex jgħinhom jaċċessaw il-programm 'Nappartjeni' beda jingħata mil-Lifelong Learning.<br><br>L-aħħar konferenza tas-sensiela ta' 12-il Migrant Integration Information Session saret fil-25 ta' Frar. | Tkompla t-taħriġ fil-litterizmu Malti u l-Ingliż għall-immigranti kif ukoll iż-żewġ stadji tal-programm 'Nappartjeni,' li huwa kofinanzjat minn fondi Ewropej taħt il-proġett Tagħlim - Skambju - Integrazzjoni (LEI).<br><br>Saret iċ-ċerimonja tal-gradwazzjoni tal-ewwel stadju tal-programm 'Nappartjeni' mill-MCAST fis-26 ta' April.<br><br>Saret il-konferenza ta' TTT fuq l-aħħar tema ta' detenzjoni. | | | Implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 318 (2022) | Fil-qasam tal-ugwaljanza ser inkomplu l-ħidma biex pajjiżna jibqa' fost l-aktar inklussivi fl-Ewropa, fejn ser inkunu qed nimplimentaw strateġija kontra razziżmu flimkien mal-imsieħba soċjali u l-midja. | Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem | Wara l-ewwel laqgħa tal-Kumitat Interministerjali Kontra r-Razziżmu, saru laqgħat bilaterali ma' diversi ministeri u beda l-abbozzar tal-pjanijiet ta' azzjoni interministerjali dwar l-anti-razziżmu. It-tieni laqgħa seħħet fit-2 ta' Frar.<br><br>Ġie ffirmat il-grant agreement tal-proġett 'END-RACISM-MT', kofinanzjat minn fondi Ewropej (CERV).<br><br>Il-proċess tar-reklutaġġ għal Project Coordinator u Project Officer ikun jista' jinbeda meta jinħatar Kabinett ġdid. | It-tielet laqgħa tal-Kumitat Interministerjali Kontra r-Razziżmu kellha tiġi posposta peress li kien hemm nominazzjonijiet pendenti.<br><br>L-UM kellha testendi s-sejħa biex tirrekluta RSO II, għalhekk ir-riċerka għadha ma bdietx. Għaddejjin diskussjonijiet mal-IPS biex jinkludu taħriġ fuq l-Anti-Razziżmu fil-Prospett 2023.<br><br>Is-sejħiet għal Project Coordinator u Project Officer taħt END-RACISM-MT inħarġu nhar is-17 ta' Ġunju. | It-tielet laqgħa tal-Kumitat Interministerjali Kontra r-Razziżmu saret f'Awwissu wara li ġew finalizzati n-nominazzjonijiet kollha.<br><br>Kopin bdew il-ħidma tagħhom fuq l-Anti-Racism Platform wara li t-tmexxija tagħha għaddiet f'idejhom taħt il-proġett.<br><br>L-UM qed tikkonkludi l-proċess tar-reklutaġġ għas-sejħa ta' RSO II. Għaldaqstant, ir-riċerka mistennija li tibda fil-kwart li jmiss.<br><br>Beda l-proċess tal-għażla għas-sejħiet ta' Project Coordinator u Project Officer taħt END-RACISM-MT. | Se jitkompla x-xogħol fuq l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Kontra r-Razziżmu.<br><br>Wara r-reklutaġġ ta' Project Coordinator u Project Officer ta' END-RACISM-MT, se jibda ix-xogħol fuq dan il-proġett. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

MINISTERU GĦAT-TURIŻMU (MFT)

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 132 (2022) | L-Aġenzija għar-Riġenerazzjoni taż-Żoni Turistiċi, ser tkun qed taħdem fuq numru ta' proġetti fosthom il-Pjan Ħolistiku ta' Riġenerazzjoni għaż-Żona tat-Tramuntana ta' Malta li tinkludi San Pawl il-Baħar, Buġibba, il-Qawra u x-Xemxija. Proġett bħal dan jixraqlu studju u konsultazzjonijiet. Għaldaqstant ġie nnominat kumitat b'esperjenzi wiesgħa u b'involviment tal-lokal biex jiġu determinati l-istudji li huma meħtieġa qabel jiġu elenkati l-proposti b'rabta mal-pjan ta' riġenerazzjoni għal Buġibba. | Tourism Zones Regeneration Agency | Komplew il-konsultazzjonijiet ma' diversi partijiet interessati dwar it-tfassil tal-pjan ta' riġenerazzjoni. Ġew diskussi t-Termini ta' Referenza sabiex minnhom jiġi deċiż liema studji huma neċessarji għall-proġett u jsiru konsultazzjonijiet dwarhom mat-technical working group u partijiet interessati oħra. | Komplew il-konsultazzjonijiet ma' diversi partijiet interessati dwar it-tfassil tal-pjan ta' riġenerazzjoni u beda l-abbozzar ta' termini ta' referenza tal-konsulenti li ser jiġu ingaġġati biex iwettqu l-istudji meħtieġa skont kif determinat mill-laqgħat tal-partijiet interessati. | Ġew konklużi l-konsultazzjonijiet ma' diversi partijiet interessati dwar it-tfassil tal-pjan ta' riġenerazzjoni. Tlesta l-abbozzar ta' termini ta' referenza tal-konsulenti li ser jiġu ingaġġati biex iwettqu l-istudji meħtieġa skont kif determinat mill-laqgħat tal-partijiet interessati. Beda l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti sabiex jiġu ingaġġati l-konsulenti li ser iwettqu l-istudji meħtieġa skont kif determinati mit-termini ta' referenza. | Mistenniija titlesta l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti sabiex jiġu ingaġġati l-konsulenti li se jwettqu l-istudji meħtieġa u ssir il-pubblikazzjoni ta' din l-istess sejħa. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 133 (2022) | Tkompli l-ħidma fuq il-masterplan tal-Malta Film Studios, fejn se jibda x-xogħol fuq il-bini tal-ewwel soundstage f'pajjiżna. L-għan ewlieni huwa li noħolqu karrieri b'industrija sostenibbli. | Malta Film Commission | Kompla l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għax-xiri u l-installazzjoni tal-kumpressuri. Kompla x-xogħol marbut mal-finituri tal-uffiċini ġodda u bdew jintużaw filwaqt li kompla l-proċess tal-applikazzjoni għall-iżvilupp tas-soundstages. | Kompla l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għax-xiri u l-installazzjoni tal-kumpressuri ġodda u l-proċess tal-applikazzjoni għall-iżvilupp tas-soundstages. L-uffiċini l-ġodda tlestew. | Tlesta l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għall-provvista ta' kumpressuri ġodda u beda l-ivvettjar meħtieġ mid-Dipartiment tal-Kuntratti. Kompla l-proċess sabiex jinkisbu l-permessi meħtieġa għall-iżvilupp tas-soundstage, sejħa għall-offerti għall-bini tas-soundstage u beda l-ivvettjar meħtieġ mid-Dipartiment tal-Kuntratti. | Mistennija jitlesta l-ivvettjar meħtieġ mid-Dipartiment tal-Kuntratti tas-sejħa għall-offerti għall-provvista ta' kumpressuri ġodda u ssir l-pubblikazzjoni ta' din l-istess sejħa. Ikompli l-proċess sabiex jinkisbu l-permessi meħtieġa għall-iżvilupp tas-soundstage.<br><br>Jitlesta l-ivvettjar meħtieġ mid-Dipartiment tal-Kuntratti tal-abbozz tas-sejħa għall-offerti għall-bini tas-soundstage u tiġi ppubblikata s-sejħa għall-offerti. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 134 (2022) | Organizzat għall-ewwel darba l-Malta Film Awards. Se nkunu qed nippremjaw it-talent u l-kisbiet ta' dawk kollha li huma parti mill-industrija tal-films u t-televiżjoni f'Malta. | Malta Film Commission | Tlestew il-preparamenti meħtieġa u ttellgħet l-ewwel edizzjoni tal-Malta Film Awards 2022. | | | | Implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 265 (2022) | Ser jitkompla x-xogħol fuq il-pitch tal-waterpolo f'Marsaxlokk. | Awtorità' Maltija għat-Turiżmu (MTA) | Kompla l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għall-bini tal-waterpolo pitch. | Kompla l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għall-bini tal-waterpolo pitch. | Kompla l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għall-bini tal-waterpolo pitch. | Mistennija jkompli l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għall-bini tal-waterpolo pitch. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 281 (2022) | Ninvestu fit-Turiżmu - Rotot ġodda tibqa' l-aktar parti importanti biex jerġa' jirpilja t-turiżmu. Fl-aħħar xhur komplew għaddejjin negozjati biex il- linji tal-ajru jerġgħu jkunu mħajra jiftħu u jżidu r-rotot tagħhom. | L-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) | Komplew il-laqgħat ma' numru ta' linji tal-ajru biex jiġu stabbiliti rotot oħra sabiex ikunu jistgħu jibdew joperaw fis-sajf. | Komplew numru ta' laqgħat ma' linji tal-ajru dwar rotot u skedi għax-xitwa 2022/2023. Bdew rotot ġodda għall-istaġun tas-sajf minn u lejn Malta għal destinazzjonijiet u minn linji tal-ajru differenti. | | | Implimentata |



# MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INTRAPRIŻA (MEEE)

| | **DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA** | **DIPARTIMENT / ENTITÀ** | **KWART 1** Jannar - Marzu 2022 | **KWART 2** April - Ġunju 2022 | **KWART 3** Lulju - Settembru 2022 | **KWART 4** Ottubru - Diċembru 2022 | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 97 (2022) | Estiża l-inċentiva tas-sussidju fuq il-kera fuq numru akbar ta' negozji eleġibbli. Dan ser iwassal sabiex minn issa nibdew intaffu din l-ispiża li qed jaffaċċjaw numru ta' importaturi u negozji f'pajjiżna minħabba ż-żieda internazzjonali fil-prezzijiet tat-trasport. | Malta Enterprise | Ġiet aġġornata sal-aħħar ta' dis-sena 2022 l-iskema tas-sussidju tal-kera ta' faċilitajiet industrijali fuq numru akbar ta' negozji eliġibbli, bl-approvazzjoni tal-Bord tal-Malta Enterprise u tal-Istate Aid Monitoring Board (SAMB). L-iskema, li issa hi indirizzata għal negozji ta' manifattura, servizzi ta' inġinerija u oħrajn li jirrekjedu spazji għal ħażna temporanja, toffri għajnuna sa massimu ta' €75,000 fuq tliet snin konsekuttivi u tkopri sa nofs l-ispiża tal-kirja f'kull każ. | | | | Implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 99 (2022) | Introduzzjoni ta' skema li biha persentaġġ tal-profitti li jinżammu fin-negozju jiġu investiti fi proġetti eleġibbli fl-istess negozju u/jew isir investiment f'negozju ieħor, se jirċievu benefiċċju ta' taxxa sakemm l-investiment isir fi żmien sentejn mill-1 ta' Jannar 2022. Din l-assistenza se tkun qed tara li timxi skont parametri ta' assistenza għan-negozji. | Malta Enterprise | Saru diskussjonijiet ma' entitajiet mhux governattivi u tan-negozju dwar kif tista' titħaddem din l-iskema. Bdew jiġu abbozzati l-proċeduri potenzjali tal-iskema kif ukoll avviż legali dwarha, sabiex eventwalment jiġu preżentati għall-approvazzjoni tal-Bord tal-Malta Enterprise. | Issuktaw id-diskussjonijiet mad-Dipartiment tat-Taxxa. | Issuktaw id-diskussjonijiet mad-Dipartiment tat-Taxxa u mal-Ministeru għall-Finanzi. | Jiġu abbozzati l-proċeduri għal din l-iskema ta' benefiċċju ta' taxxa lin-negozji, kif ukoll isir abbozz ta' Avviż Legali, għall-kunsiderazzjoni tal-bord tal-Malta Enterprise u tal-Istate Aid Monitoring Board (SAMB). | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 100 (2022) | Introduzzjoni ta' inċentivi fiskali biex inkomplu nappoġġjaw aktar investimenti innovattivi, ekoloġiċi u diġitali min-negozji kif ukoll investimenti fil-qasam soċjali. | Malta Enterprise | Din il-miżura ġiet imnedija fi Frar 2022 bil-pubblikazzjoni ta' avviż legali permezz tal-iskema Smart and Sustainable Investment Grant, li toffri assistenza finanzjarja u fiskali lil negozji għal investimenti sostenibbli dwar diversi aspetti bħall-użu aħjar ta' riżorsi, l-użu aħjar tal-ilma, u biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju. | | | | Implimentata |

| | **DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA** | **DIPARTIMENT / ENTITÀ** | **KWART 1** Jannar - Marzu 2022 | **KWART 2** April - Ġunju 2022 | **KWART 3** Lulju - Settembru 2022 | **KWART 4** Ottubru - Diċembru 2022 | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 101 (2022) | Permezz ta' skemi bħal Change to Grow u Smart & Sustainable Investment, issa qed nagħtu wkoll għajnuna finanzjarja biex nixprunaw it-trasformazzjoni lejn operat iktar sostenibbli u diġitali. Dan filwaqt li l-intrapriżi li esperjenzaw telf qawwi qed nassistuhom bl-iskema ReStart.<br><br>Bi skemi differenti qed ngħinu lin-negozji jkomplu jiddiversifikaw, u nkomplu nagħtu għajnuna għall-istart-ups. | Malta Enterprise | Din il-miżura ġiet imnedija fi Frar 2022 bil-pubblikazzjoni ta' avviż legali permezz tal-iskema Smart and Sustainable Investment Grant, li toffri assistenza finanzjarja u fiskali lil negozji għal investimenti sostenibbli dwar diversi aspetti bħall-użu aħjar ta' riżorsi, l-użu aħjar tal-ilma, u biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju. Din l-iskema Smart and Sustainable Investment Grant issa ġiet estiża sa Novembru 2023. L-iskema Change to Grow, li tippromwovi proċessi ta' tibdil għal tkabbir ta' negozji b'operat u sostenibilità aħjar, permezz ta' ristrutturar u użu ta' teknoloġija ġdida addattata, qed tkompli tkun miftuħa sa Ottubru 2022. | | | | Implimentata |

| | **DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA** | **DIPARTIMENT / ENTITÀ** | **KWART 1** Jannar - Marzu 2022 | **KWART 2** April - Ġunju 2022 | **KWART 3** Lulju - Settembru 2022 | **KWART 4** Ottubru - Diċembru 2022 | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 125 (2022) | B'kollaborazzjoni mal-Malta Enterprise u l-Università ta' Malta, ser jitnieda Seed Fund bil-għan li nħeġġu riċerkaturi u imprendituri b'ideat innovattivi u sostenibbli sabiex jiksbu l-appoġġ finanzjarju biex jiżviluppaw dawn l-ideat. | Malta Enterprise | Din il-miżura ġiet imnedija bħala parti mill-iskema Business Start (BSTART), wara li nkisbet l-approvazzjoni dwarha mill-Istate Aid Monitoring Board (SAMB). Din l-iskema, li hi miftuħa sal-aħħar tas-sena 2023, toffri inċentiv fil-forma ta' għotja sa massimu ta' €200,000 għal start-up ta' negozju ġdid. | | | | Implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 126 (2022) | Permezz tal-proposta għal mekkaniżmu ta' Start-Up Residence Permit, Malta tista' tattira iktar start-ups u intraprendituri. Apparti l-iskemi li diġà toffri l-Malta Enterprise, tinħass il-ħtieġa li jitwaqqaf punt ta' referenza li jkun jista' jifhem aħjar il-ħtiġiet ta' dawn l-intraprendituri, u tiġi offruta l-Istart-up Visa.<br><br>Il-Malta Enterprise se tkun qed taħdem mal-Malta Residency Agency biex jitwaqqaf il-programm neċessarju għal dawk li ġejjin minn barra l-Unjoni Ewropea, u li qed ifittxu bażi li toffrilhom pakkett tajjeb ta' għotjiet, benefiċċji u opportunitajiet. Persuni li jikkwalifikaw għas-sett ta' kundizzjonijiet/kriterji, ikunu jistgħu japplikaw għal dan il-permess u jirrilokaw f'pajjiżna biex jagħtu kontribut fl-ekonomija Maltija. | Malta Enterprise | Saru diskussjonijiet minn Malta Enterprise mar-Residency Malta Agency sabiex jitwaqqaf il-programm neċessarju għal dawk li ġejjin minn barra l-Unjoni Ewropea u li qed ifittxu l-bażi li toffrilhom pakkett tajjeb ta' għotjiet, benefiċċji u opportunitajiet. | Id-dettalji tal-mekkaniżmu għall-Istart-Up Residence Permit ġew diskussi bejn il-Ministeri konċernati rispettivi u ġie abbozzat avviż legali li jittratta dan il-mekkaniżmu għall-Istart-Up Residence Permit billi jitwaqqaf programm għal dawk li ġejjin minn barra l-Unjoni Ewropea u li qed ifittxu bażi li toffrilhom pakkett tajjeb. Dan l-avviż legali issa jinsab fl-istadju li jkun approvat. | Inkisbet l-approvazzjoni dwar l-Avviż Legali li jittratta l-mekkaniżmu pjanat għall-programm tal-Istart-Up Residence Permit. | Jiġi ppubblikat l-Avviż Legali li permezz tiegħu jitwaqqaf il-programm tal-Istart-Up Residence Permit bil-għan li jkunu attirati aktar start-ups u intraprendituri minn barra l-Unjoni Ewropea, u li jifhem aħjar il-ħtiġiet ta' dawn l-intraprendituri u joffrilhom pakkett tajjeb ta' għotjiet, benefiċċji u opportunitajiet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 128 (2022) | Il-Malta Enterprise ser tkun qed twaqqaf il-Blue Med Hub b'diversi esperti f'dan il-qasam biex jattira start-ups u intrapriżi żgħar u medji, lokali u barranin. Il-Hub ser ikun qed jikkollabora ma' entitajiet mill-Afrika u Lvant Nofsani biex jiftaħ l-opportunitajiet ta' investiment f'dan is-settur. | Malta Enterprise | Saru diskussjonijiet ma' diversi partijiet interessati esterni dwar il-kunċett tat-tħaddim tal-hekk imsejħa 'blue economy,' jiġifieri l-ħolqien ta' ġid u impjiegi min-negozji ta' servizzi ta' natura marittima. | Mill-eżitu tal-laqgħat mal-istakeholders, Malta Enterprise identifikat l-għanijiet tal-Blue Med Hub, sabiex b'kollaborazzjoni ma' entitajiet barranin, Malta topera bħala ċentru ta' servizzi kummerċjali fis-settur marittimu għar-reġjun tal-mediterran, u bdiet tfassal pjan ta' azzjoni bi skedi għall-implimentazzjoni dwar ir-rekwiżiti għal dan il-Blue Med Hub. | Isir it-tfassil ta' pjan ta' azzjoni bl-aspetti ta' riżorsi umani u finanzjar neċessarji għal din l-istruttura kif ukoll bi skedi għall-implimentazzjoni dwar ir-rekwiżiti għal Blue Med Hub. Dan il-pjan jieħu kunsiderazzjoni d-diversi inizjattivi relatati mal-blue economy li diġà ġew varati riċentament, fosthom il-proġett tas-Siċċa, sabiex joffri sinerġija però distinzjoni. | Jiġu approvati r-rekwiżiti ta' riżorsi umani u finanzjar neċessarji, kif ukoll l-iskedi tal-implimentazzjoni għall-istruttura ta' Blue Med Hub biex jattira startups u intrapriżi żgħar u medji, lokali u barranin. Jibda x-xogħol tal-akkwist ta' dawn ir-riżorsi u tal-implimentazzjoni tal-istruttura tal-Hub. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 130 (2022) | Għax nemmnu fil-kontribut li l-intrapriżi soċjali jipprovdu lill-ekonomija Maltija, ninsabu fl-aħħar stadju sabiex nieħdu leġiżlazzjoni li ser tkun qed issaħħaħ lil dan is-settur li jaħdem tant favur it-titjib fil-kwalità tal-ħajja, l-inklużjoni soċjali, is- sostenibilità u l-protezzjoni tal-ambjent. | Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti | Wara li l-liġi relatata proposta għaddiet mill-istadju tal-kumitat parlamentari għall-leġiżlazzjoni, tlesta l-aħħar qari tagħha fil-parlament u ġiet approvata u ppubblikata bħala s-Social Enterprise Act (Att 9 tal-2022, magħruf ukoll bħala Kapitlu 630 tal-Liġi ta' Malta). | | | | Implimentata |

| | **DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA** | **DIPARTIMENT / ENTITÀ** | **KWART 1** Jannar - Marzu 2022 | **KWART 2** April - Ġunju 2022 | **KWART 3** Lulju - Settembru 2022 | **KWART 4** Ottubru - Diċembru 2022 | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 148 (2022) | Afforestazzjoni tal-Park tal-Inwadar li jestendi min-naħa tax-Xgħajra saż-Żonqor u bbażat fuq Management Plan għall-Park tal-Inwadar sas-sena 2027.<br><br>Kommessi li nattwaw il-proposta preżentata minn numru ta' periti sabiex nirrijabilitaw meded ta' art f'dan il-park filwaqt li jsir it-tħawwil ta' eluf ta' għexieren ta' siġar ġodda addattati għat-tipoloġija tal-inħawi. L-għan ta' dan il-proġett huwa li mhux biss tingħata dehra estetika differenti fid-dehra ta' Malta kif tidher fuq il-mappa imma ser iwassal ukoll biex nagħmlu dan il-Park Nazzjonali, park b'masġar li jkun akbar minn dak tal-Buskett u li jkun jista' jitgawda minn kulħadd u jservi wkoll bħala attrazzjoni turistika.<br><br>Dan il-proġett ser jinħadem fuq medda ta' ħames snin b'investiment ta' €20 miljun li jaċċerta wkoll is-sostenibilità tiegħu b'mod partikolari fl-immaniġġjar tal-ilma u anke l-ħarsien tal-bijodiversità tal-Inwadar. | Parks Malta | Sar l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti għall-iżvilupp ta' BBQ area f'dan il-park tal-Inwadar. Saru wkoll xogħlijiet ta' tfassil ta' Management Plan, identifikazzjoni tas-sidien tal-artijiet biswit dan il-park, u preparazzjonijiet sabiex jitneħħa l-materjal ta' kostruzzjoni miż-żona ta' Barkat u minn żoni oħra fl-istess park. | Ġie mħejji Pjan ta' Ġestjoni fejn ġew issuġġeriti l-ispeċi endemiċi u indiġeni li possibbilment għandhom jitħawlu f'dan il-Park tal-Inwadar. Kull talba ta' tħawwil ta' siġar u arbuxelli u l-metodu tax-xogħol involut ser jiġu indirizzati għall-approvazzjoni tar-Regolatur tal-Ambjent, jiġifieri l-Awtorità għar-Riżorsi u l-Ambjent (ERA). Inħarġet is-sejħa għall-iżvilupp ta' BBQ area f'dan il-park, saret l-evalwazzjoni tal-offerti miksuba u ġie magħżul il-kuntrattur biex iwettaq dan ix-xogħol. Bdiet l-analiżi għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-Management Plan, u tkompliet l-identifikazzjoni tas-sidien tal-artijiet li jinsabu biswit il-park. Bdew xogħlijiet, li jinkludu tneħħija ta' materjal ta' kostruzzjoni u rikostruzzjoni ta' ħitan tas-sejjieħ, fl-inħawi ta' Barkat u f'żoni oħra fil-park li huma artijiet tal-Gvern li mhumiex imqabbla. | Beda x-xogħol tal-iżvilupp tal-BBQ area fil-park. Tkompliet u tlestiet l-analiżi u l-identifikazzjoni tas-sidien tal-għelieqi li jinsabu biswit il-park u li huma abbandunati. Tlestew ix-xogħlijiet ta' tneħħija ta' materjal ta' kostruzzjoni, u tar-rikostruzzjoni ta' ħitan tas-sejjieħ ġewwa ta' Barkat u f'żoni oħra li ġew identifikati li huma artijiet tal-Gvern mhux imqabbla. Beda x-xogħol preparatorju sabiex jitħawlu s-siġar fl-istess żoni. | Jitlesta x-xogħol tal-iżvilupp tal-BBQ area fil-park. Jibdew jitħawlu s-sigar ġewwa ta' Barkat u f'żoni oħra li ġew identifikati li huma artijiet tal-Gvern mhux imqabbla. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 149 (2022) | Biex nassiguraw progress kostanti skont kif tipprovdi l-Low Carbon Development Strategy, se nwaqqfu Bord ta' Monitoraġġ li ser jissorvelja l-implimentazzjoni tal-istrateġija u jirrapporta dwar l-andament b'mod regolari. | Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti | Ġie abbozzat dokument b'termini ta' referenza (ToRs) għal diskussjonijiet mal-ministeri konċernati, rigward is-sorveljanza tal-implimentazzjoni tal-Low Carbon Development Strategy (LCDS) u r-rappurtaġġ dwar l-andament tagħha. Dawn it-ToRs jittrattaw ukoll l-aħjar mezzi proposti sabiex il-Kumitat ta' Monitoraġġ għal-LCDS ikollu l-awtorità neċessarja li tippermettilu jissorvelja l-implimentazzjoni tal-istrateġija bl-iktar mod effettiv. | Peress li l-Low Carbon Development Strategy (LCDS) qed tibni u taġġorna fuq in-National Energy and Climate Plan preżenti (NECP 2019), u peress li diġà hemm kumitat formulat minn l-istess oqsma ta' politika, saru diskussjonijiet u qbil maċ-Chairperson ta' dan il-kumitat eżistenti fejn ser jiġu aġġornati t-termini ta' linji gwida ta' dan l-kumitat ħalli jibda jservi wkoll bħala l-Kumitat ta' Monitoraġġ għal-LCDS. | Sar l-abbozzar tal-aġġornament tat-termini ta' linji gwida tal-kumitat tan-NERP sabiex jibda jservi wkoll bħala l-Bord ta' Monitoraġġ għal-LCDS. Ġie ppreparat memorandum għall-approvazzjoni neċessarja sabiex jitwaqqaf uffiċjalment dan il-Bord ta' Monitoraġġ għal-LCDS. | Tinkiseb l-approvazzjoni sabiex il-kumitat tan-NERP jibda jservi wkoll bħala l-Bord ta' Monitoraġġ għal-LCDS, u dan il-Bord jibda jiffunzjona. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | **DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA** | **DIPARTIMENT / ENTITÀ** | **KWART 1** Jannar - Marzu 2022 | **KWART 2** April - Ġunju 2022 | **KWART 3** Lulju - Settembru 2022 | **KWART 4** Ottubru - Diċembru 2022 | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 150 (2022) | Spazji ħodor f'żoni urbani, ġonna u parks f'Ħaż-Żabbar. Ser inkunu qed nagħmlu wkoll provvediment sabiex ladarba jitlesta, dan il-proġett jibqa' jinżamm fi stat tajjeb ta' manutenzjoni. | Greenserv Wasteserv Malta Ltd (WSM) | Saru l-preparamenti u nbdew ix-xogħlijiet infrastrutturali fis-sit tal-Pjazza tas-Santwarju f'Ħaż-Żabbar, fejn qed jinħoloq spazju miftuħ u mħaddar b'parkeġġ organizzat u b'installazzjoni ta' green wall u water feature. | Tkomplew ix-xogħlijiet infrastrutturali fis-sit tal-Pjazza tas-Santwarju. Bdew xogħlijiet oħra fis-siti rispettivi ta' Triq Biċċieni u ż-żona ta' Santa Duminka, fejn fiż-żewġ każi qed jissaqqfu spazji ta' parkeġġ u fuqhom qed isiru roof gardens. | Komplew ix-xogħlijiet infrastrutturali fis-sit tal-Pjazza tas-Santwarju għal spazju miftuħ u mħaddar b'parkeġġ organizzat u b'installazzjoni ta' green wall u water feature, kif ukoll fi Triq Santa Duminka u Triq Biċċieni fejn f'dawn iż-żewġ każi qed jissaqqfu spazji ta' parkeġġ u jsiru roof gardens fuqhom. | Jitlestew ix-xogħlijiet infrastrutturali u ta' tħaddir f'dawn it-tliet siti f'Ħaż-Żabbar u ssir il-konsenja lill-entità li ser tkun responsabbli mill-manutenzjoni tagħhom fl-operat. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 151 (2022) | Spazji ħodor f'żoni urbani, ġonna u parks - f'Ħal Qormi. Ser inkunu qed nagħmlu wkoll provvediment sabiex ladarba jitlesta, dan il-proġett jibqa' jinżamm fi stat tajjeb ta' manutenzjoni. | Greenserv Wasteserv Malta Ltd (WSM) | Saru l-preparazzjonijiet meħtieġa, kemm amministrattivi kif ukoll fiżiċi fis-sit stess, relatati mal-installazzjoni ta' struttura tas-saqaf għal roof garden fl-inħawi tal-wied li jgħaddi minn Ħal Qormi. Ittieħdet kunsiderazzjoni ta' talbiet li saru mir-residenti fiż-żona dwar il-proġett, u dawn ġew akkomodati fid-disinn tal-proġett. | Inbeda x-xogħol relatat mal-manifattura u l-installazzjoni tal-istruttura tas-saqaf għal roof garden fl-inħawi tal-wied ta' Ħal Qormi. Wara diskussjonijiet mal-Water Services Corporation dwar il-preżenza ta' main tal-ilma fejn trid tiġi installata l-parti ta' taħt l-art tal-istruttura, inbeda x-xogħol biex jiċċaqlaq dan il-main. Sadanittant, saru wkoll diskussjonijiet preliminari mal-Kunsill Lokali u Ambjent Malta dwar il-manutenzjoni tal-proġett fl-operat tiegħu meta jitlesta. | Tlestew ix-xogħlijiet għat-trasferiment tal-main tal-ilma u l-arbli tad-dawl ġew rilokati. Ikompli x-xogħol relatat mal-manifattura u l-installazzjoni tal-istruttura tas-saqaf għal roof garden. | Jitlestew ix-xogħlijiet infrastrutturali u ta' tħaddir fis-sit tal-wied li jgħaddi minn ġo Ħal-Qormi, u ssir il-konsenja lill-entità li ser tkun responsabbli mill-manutenzjoni fl-operat. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 152 (2022) | Spazji ħodor f'żoni urbani, ġonna u parks - fil-Ħamrun. Ser inkunu qed nagħmlu wkoll provvediment sabiex ladarba jitlesta, dan il-proġett jibqa' jinżamm fi stat tajjeb ta' manutenzjoni. | Greenserv Wasteserv Malta Ltd (WSM) | Saru l-preparazzjonijiet meħtieġa, kemm amministrattivi kif ukoll fiżiċi fis-sit stess, relatati mal-installazzjoni ta' struttura tas-saqaf għal roof garden fl-inħawi tal-wied li jgħaddi minn Ħal Qormi. Ittieħdet kunsiderazzjoni ta' talbiet li saru mir-residenti fiż-żona dwar il-proġett, u dawn ġew akkomodati fid-disinn tal-proġett. | Inbeda x-xogħol relatat mal-manifattura u l-installazzjoni tal-istruttura tas-saqaf għal roof garden fl-inħawi tal-wied ta' Ħal Qormi. Wara diskussjonijiet mal-Water Services Corporation dwar il-preżenza ta' main tal-ilma fejn trid tiġi installata l-parti ta' taħt l-art tal-istruttura, inbeda x-xogħol biex jiċċaqlaq dan il-main. Sadanittant, saru wkoll diskussjonijiet preliminari mal-Kunsill Lokali u Ambjent Malta dwar il-manutenzjoni tal-proġett fl-operat tiegħu meta jitlesta. | Tlestew ix-xogħlijiet għat-trasferiment tal-main tal-ilma u l-arbli tad-dawl ġew rilokati. Ikompli x-xogħol relatat mal-manifattura u l-installazzjoni tal-istruttura tas-saqaf għal roof garden. | Jitlestew ix-xogħlijiet infrastrutturali u ta' tħaddir fis-sit tal-wied li jgħaddi minn ġo Ħal-Qormi, u ssir il-konsenja lill-entità li ser tkun responsabbli mill-manutenzjoni fl-operat. | Implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 153 (2022) | Spazji ħodor f'żoni urbani, ġonna u parks - fil-Mosta. Ser inkunu qed nagħmlu wkoll provvediment sabiex ladarba jitlesta, dan il-proġett jibqa' jinżamm fi stat tajjeb ta' manutenzjoni. | Greenserv Wasteserv Malta Ltd (WSM) | Saru xogħlijiet għal ħolqien ta' ġnien ġdid, fis-sit magħruf bħala l-Għalqa ta' Ċikku Fenech, bejn Triq il-Mitħna u Triq Venezja, li jinkludu indukrar ta' siġar taż-żebbuġ u ċ-ċipress diġà preżenti, sistema ta' irrigazzjoni, passaġġi, kanopew, bandli, fitness equipment u għamara ta' barra. Ġie mħabbar li l-ġnien se jkun iddedikat għall-memorja ta' Dr Victor Calvagna. | Tkomplew u avvanzaw ix-xogħlijiet infrastrutturali u ta' tisbiħ fis-sit tal-ġnien. Beda jsir l-isnag listing, jiġifieri l-proċess aħħari li jiġu ċċekkjati u identifikati l-bqija tal-ftit xogħlijiet li għad fadal, jew difetti żgħar tax-xogħlijiet li saru. Saru diskussjonijietmal-Kunsill Lokali u Ambjent Malta dwar l-manutenzjoni tal-proġett fl-operat tiegħu meta jitlesta. | Tlesta x-xogħol infrastrutturali u ta' tisbiħ tal-ġnien, fuq il-medda kbira ta' 4,000 metru kwadru tiegħu, u saret l-inawgurazzjoni tiegħu. Ġie allokat spazju fil-ġnien bħala community gardening area u beda jsir taħwil u tkabbir ta' ħxejjex, frott jew fjuri minn residenti stess. | | Implimentata |
| 154 (2022) | Se naraw li l-Ġnien ta' Sant'Anton, fi żmien qasir, jiġi msebbaħ kif jixraqlu. | Ambjent Malta | Sar studju ta' surveying u mapping tal-ħitan fil-Ġnien ta' Sant'Anton ġewwa Ħ'Attard biex b'hekk ġew identifikati liema sezzjonijiet tal-ħitan għandhom bżonn jiġu restawrati jew rikostruwiti. | Ġiet abbozzata u vvettjata sejħa għall-offerti sabiex jitqabbad kuntrattur ħalli jwettaq ix-xogħlijiet meħtieġa ta' restawr u tiswija ta' ħitan tal-Ġnien ta' Sant'Anton, bi preparazzjoni għall-pubblikazzjoni ta' din is-sejħa. | Ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti għar-restawr u t-tiswija tal-ħitan tal-ġnien. Issir l-evalwazzjoni tal-offerti miksuba u jintgħażel il-kuntrattur għal dax-xogħol. Sadanittant jiġi rivedut l-istudju tas-surveying u mapping tal-passaġġi tal-ġnien sabiex ikomplu jiġu identifikati liema sezzjonijiet għandhom bżonn jiġu restawrati jew mibnija mill-ġdid. | Jibda x-xogħol ta' restawr u tiswija ta' ħitan tal-ġnien. Sadanittant, isir l-abbozzar u l-ivvettjar ta' sejħa għall-offerti għar-restawr u bini mill-ġdid ta' passaġġi fil-ġnien. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 155 (2022) | Ser inkomplu għaddejjin bi proġetti tal-ġonna vertikali (green walls).<br><br>Ġnien vertikali fl-Iskola Saint Thomas Moore, il-Ħamrun | Ambjent Malta | Dan il-proġett ta' ġnien vertikali fl-Iskola St Thomas More fil-Ħamrun twettaq u tlesta fi Frar 2022, skont l-ispeċifikazzjonijiet li ġew preparati, bl-installazzjoni tal-istruttura tal-ħajt fornuta b'sistema tal-irrigazzjoni u b'560 pjanta mħawlin fiha. | | | | Implimentata |
| 156 (2022) | Ser inkomplu għaddejjin bi proġetti tal-ġonna fuq soqfa (green roofs) bħal dak li qed isir fuq il-Liċeo San Ġorġ Preca.<br><br>Green roof fuq il-faċilitajiet sanitarji tas-Salini | Ambjent Malta | Saru surveying u analiżi teknika dwar l-istat tas-soqfa tal-faċilitajiet sanitarji tas-Salini u dwar is-saħħa tagħhom biex jifilħu l-piż ta' struttura ta' green roof, u ġew preparati d-disinji għal din l-istruttura. | Tlestew l-ispeċifikazzjonijiet, ġiet abbozzata u vvettjata u tinsab fl-istadju li tkun ippubblikata sejħa għall-offerti għall-manifattura, provvista u installazzjoni ta' green roof fuq il-faċilitajiet sanitarji tas-Salini. | Ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti għal green roof fuq il-faċilitajiet sanitarji tas-Salini, saret l-evalwazzjoni tal-offerti miksuba u ntgħażel il-kuntrattur għal dan ix-xogħol. | Jitwettqu x-xogħlijiet ta' manifattura u installazzjoni ta' green roof fuq il-faċilitajiet sanitarji tas-Salini. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 157 (2022) | Ser inkomplu għaddejjin bil-proġett ta' tisbiħ tal-Ġnien Romeo Romano. | Greenserv Wasteserv Malta Ltd (WSM) | Bdew ix-xogħlijiet li jinkludu tindif, żbir ta' siġar, is-sistema ta' irrigazzjoni u xogħol relatat mal-irranġar tal-passaġġi, fejn tlesta l-passaġġ li jwassal għaż-żona fejn se jsir il-bandli. | Tkomplew ix-xogħlijiet relatati mas-servizzi ta' dawl u ilma, passaġġi, play area u restawr fil-ġnien. Qed isiru diskussjonijiet ma' Ambjent Malta dwar l-manutenzjoni tal-proġett fl-operat tiegħu meta jitlesta. | Ikomplu x-xogħlijiet relatati mas-servizzi, passaġġi, play area, multi-purpose area, community gardening area u xogħol ta' restawr fil-ġnien. | Jitlestew ix-xogħlijiet infrastrutturali u ta' tħaddir fil-ġnien u ssir il-konsenja lill-entità li ser tieħu r-responsabilità tal-manutenzjoni tal-operat tal-ġnien. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 158 (2022) | Ser inkomplu għaddejjin bil-proġett ta' tisbiħ tal-Ġnien Spencer. | Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) | Permezz ta' proċess ta' sejħa għall-offerti, ġie magħżul il-kuntrattur biex jagħmel ix-xogħol ta' kostruzzjoni ta' ġibjun fi Ġnien Spencer. Saret laqgħa bejn l-Awtorità għar-Riżorsi u l-Ambjent (ERA), il-Perit u l-Kuntrattur biex jitlestew il-preparamenti neċessarji sabiex ikun jista' jibda dan il-proġett tal-ġnien, filwaqt li l-Awtorità infurmat lill-entitajiet relevanti (PA, OHSA u SCH) li ser jibda x-xogħol fil-ġnien. Ġiet abbozzata s-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet infrastrutturali prinċipali għal dan il-proġett. | Sar xogħol ta' tindif tal-post kif ukoll żbir u traspjantar ta' xi siġar. Beda x-xogħol ta' kostruzzjoni tal-ġibjun wara li, minħabba li nstabu xi servizzi matul it-tħaffir fil-post fejn kien intenzjonat li jsir, kellu jerġa' jsir survey tas-sit mill-ġdid biex jiġi deċiż post u konfigurazzjoni ġodda għall-ġibjun. Bl-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Kuntratti, ġiet ippubblikata s-sejħa għax-xogħlijiet infrastrutturali prinċipali biex jiġi riġenerat dan il-ġnien. Ġiet organizzata viżita fil-ġnien għall-kuntratturi interessati f'din is-sejħa, sabiex dawn setgħu jaraw mill-viċin is-sitwazzjoni għax-xogħol u ċċaraw l-ideat tagħhom dwar x'qed jiġi mitlub u x'inhu mistenni minn din is-sejħa. | Ġiet approvata applikazzjoni għal Development Notification ġdida mill-Awtorità tal-Ippjanar. Tkompla x-xogħol ta' kostruzzjoni tal-ġibjun wara li s-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali tat l-approvazzjoni tagħha biex jitkompla x-xogħol ta' eskavazzjonijiet relatati mal-ġibjun. Għalqet is-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet infrastrutturali prinċipali biex jiġi rriġenerat dan il-ġnien. Issir l-evalwazzjoni tal-offerti miksuba u tiġi sottomessa r-rakkomandazzjoni għall-għoti tal-kuntratt għall-approvazzjoni tad-Dipartment tal-Kuntratt. | Titlesta l-kostruzzjoni tal-ġibjun u jibda x-xogħol infrastrutturali prinċipali fil-ġnien, liema xogħol għandu jiġi monitorjat minħabba possibbiltà ta' fdalijiet storiċi. Jerġa' jsir aktar xogħol ta' tneħħija ta' siġar u arbuxelli aljeni mill-ġnien, u jibda t-tħawwil ta' siġar u arbuxelli ġodda. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | **DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA** | **DIPARTIMENT / ENTITÀ** | **KWART 1** Jannar - Marzu 2022 | **KWART 2** April - Ġunju 2022 | **KWART 3** Lulju - Settembru 2022 | **KWART 4** Ottubru - Diċembru 2022 | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 159 (2022) | Ser inkomplu għaddejjin bil-proġett ta' tisbiħ tal-Ġnien Belveder. | Ambjent Malta | Saru xogħlijiet relatati mal-passaġġi, pavimentar, inġinerija ċivili, strutturali inkluż dwar il-ġiebja, restawr tal-funtana, servizzi ta' dawl u ilma, landscaping u soft areas (inkluż tneħħija ta' ħaxix ħażin u tħawwil ta' madwar 750 siġar u arbuxelli, kif ukoll fjuri), installazzjoni tar-railing, għamara tal-ġonna (inkluż bankijiet u bramel tal-iskart) u sistema tas-CCTVs. | Tlesta x-xogħol kollu u l-ġnien, li jinsab biswit Triq Diċembru 13, ġie inawgurat f'Marzu 2022. | | | Implimentata |
| 161 (2022) | Tkompli l-ħidma dwar il-proġett tat-tisqif tat-Triq Reġjonali f'Santa Venera li għaliha hemm bżonn investiment ta' għexieren ta' miljuni ta' ewro. Diġà saru numru ta' studji, fosthom dawk ġeotekniċi u qed ikun esplorat kif dan il-proġett jista' jsir potenzjalment f'public-private partnership. | Greenserv Wasteserv Malta Ltd (WSM) | Inbeda proċess ta' akkwist u verifikazzjoni tal-art fejn se jsir dan il-proġett. Sar ukoll l-abbozzar tal-Pre-Information Notice (PIN) u abbozzar ta' dokumenti ta' sejħa għall-offerti għal xogħlijiet ta' konsulenza relatati ma' dan il-proġett. | L-Awtorità tal-Artijiet indikat li hemm xi żoni, fejn kien indikat li għandu jsir xogħol relatat ma' dan il-proġett, li mhumiex proprjetà tal-Gvern. Għaldaqstant qed tittieħed deċiżjoni dwar soluzzjoni għal din il-problema sabiex il-proġett ikun jista' jissokta. | Kompliet tiġi indirizzata s-sitwazzjoni tal-proprjetà ta' xi artijiet li mhumiex tal-Gvern f'żoni fejn hu intenzjonat li jsir dal-proġett. | Ikomplu l-preparamenti għal dan il-proġett, inkluż dwar il-mod kif jista' jiġi kuntrattat, u l-istudji u dokumentazzjonijiet relatati. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 162 (2022) | Ser ikompli bl-istudji tiegħu biex jesplora l-pedonizzazzjoni permanenti f'forma ta' ġnien matul it-Triq Sant'Anna fil-Furjana. | Greenserv Wasteserv Malta Ltd (WSM) | Saru preparamenti għall-istudji preliminari meħtieġa, li jinkludu Transport Impact Assessment (TIA), survey arkeoloġiku, studju struttrali, u stima tal-ispiża. Ġie preparat disinn preliminari għal dan il-proġett sabiex tkun tista' ssir l-applikazzjoni għall-Outline Development Permit mal-Awtorità tal-Ippjanar. Saru testijiet bil-Ground Penetration Radar sabiex jiġi determinat hemmx mirduma strutturi storiċi fiż-żona tas-sit, u tħejja r-rapport dwar dawn it-testijiet mid-Dipartiment tal-GeoScience tal-Università ta' Malta. | Inġiebet informazzjoni addizzjonali dwar l-istudji tal-Ground Penetration Radar. Tlestew termini ta' referenza (ToRs) biex tiġi preparata sejħa għall-offerti għal Traffic Impact Assessment. Issoktaw l-istudji arkeoloġiċi mill-Università ta' Malta. Skont diskussjonijiet mas-Superintendence of Cultural Heritage (SCH), iridu jittieħdu deċiżjonijiet li jistgħu jaffettwaw id-disinn finali għall-proġett. Saret ukoll stima preliminari tal-proġett però din tiddependi fuq kemm il-feedback tal-SCH se jaffettwa d-disinn. | Komplew id-diskussjonijiet mas-Superintendence of Cultural Heritage (SCH) li għandhom iwasslu għal deċiżjonijiet li jistgħu jaffettwaw id-disinn u l-ispiża tal-proġett. | Skont id-deċiżjonijiet li jittieħdu bi qbil mas-Superintendence of Cultural Heritage (SCH), jiġi modifikat id-disinn preliminari għal dan il-proġett għal fini tal-applikazzjoni għall-Outline Development Permit mal-Awtorità tal-Ippjanar. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 163 (2022) | Ser nibdew ir-restawr tal-ġonna f'diversi lokalitajiet.<br><br>(a) Ġnien L-indipendenza (Birzebbuġa) (b) Serenity Garden (Santa Luċija) (ċ) Ġnien Ħal Farruġ (Ħal Luqa) (d) Ġnien id-Dakra (San Ġwann) (e) Picnic Area Majjistral Park | Parks Malta | (a) Ġnien l-Indipendenza (Birżebbuġa): Sar l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti għal xogħlijiet relatati ma' manutenzjoni u passaġġi f'dal-ġnien.<br>(b) Serenity Garden (Santa Luċija): Sar l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti għal xogħlijiet ġodda f'dal-ġnien.<br>(ċ) Ġnien Ħal Farruġ (Ħal Luqa): Sar xogħol ta' żbir ta' siġar u nbeda xogħol ta' manutenzjoni f'dal-ġnien. Sar ukoll abbozzar ta' sejħa għall-offerti għal xogħlijiet ġodda ta' żvilupp fil-ġnien.<br>(d) Ġnien id-Dakra (San Ġwann): Ġiet ippubblikata sejħa għall-offerti għal xogħlijiet ġodda ta' żvilupp f'dal-ġnien.<br>(e) Picnic Area Majjistral Park: Ġiet ippubblikata sejħa għall-offerti għal xiri u installar ta' materjali għal picnic area f'dal-park. | (a) Ġnien l-Indipendenza (Birżebbuġa): Sar l-ivvettjar tad-dokument tas-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet f'dal-ġnien, qabel ma s-sejħa tiġi ppubblikata.<br>(b) Serenity Garden (Santa Luċija): Qed isir l-ivvettjar tad-dokument tas-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet f'dal-ġnien, qabel ma s-sejħa tiġi ppubblikata.<br>(ċ) Ġnien Ħal Farruġ (Ħal Luqa): Qed isir l-ivvettjar tad-dokument tas-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet f'dal-ġnien, qabel ma s-sejħa tiġi ppubblikata.<br>(d) Ġnien id-Dakra (San Ġwann): Inkisbu l-offerti, saret l-evalwazzjoni tagħhom u ġie magħżul il-kuntrattur għax-xogħlijiet fil-ġnien.<br>(e) Picnic Area Majjistral Park: Inkisbu l-offerti, saret l-evalwazzjoni tagħhom u ġie magħżul il-kuntrattur għax-xogħlijiet relatati mal-ħolqien ta' picnic area fil-park. | (a) Ġnien l-Indipendenza (Birżebbuġa): Saret l-applikazzjoni għall-permess mal-Awtorità tal-Ippjanar, u ġew sottomessi dokumenti mitluba mill-Awtorità tal-Ippjanar wara talba ta' kjarifika. Il-ħruġ tas-sejħa għax-xogħlijiet jistenna l-eżitu tal-ksib tal-permess.<br>(b) Serenity Garden (Santa Luċija): Tiġi ppubblikata s-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet, jinkisbu l-offerti u tibda l-evalwazzjoni tagħhom.<br>(ċ) Ġnien Ħal Farruġ (Ħal Luqa): Ikompli l-ivvettjar tad-dokument tas-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet f'dal-ġnien, qabel ma s-sejħa tiġip publikata.<br>(d) Ġnien id-Dakra (San Ġwann): L-ebda offerta miksuba ma kienet eleġibbli u għaldaqstant jinbeda l-proċess għall-ħruġ tas-sejħa mill-ġdid.<br>(e) Picnic Area Majjistral Park: Jibda x-xogħol preparatorju fis-sit fejn ser issir il-picnic area. | (a) Ġnien l-Indipendenza (Birżebbuġa): Jinkiseb il-permess għall-proġett mill-Awtorità tal-Ippjanar. Tiġi ppubblikata s-sejħa għax-xogħlijiet, jinkisbu l-offerti u tibda l-evalwazzjoni tagħhom.<br>(b) Serenity Garden (Santa Luċija): Titlesta l-evalwazzjoni tal-offerti miksuba u jintgħażel il-kuntrattur għax-xogħlijiet.<br>(ċ) Ġnien Ħal Farruġ (Ħal Luqa): Tiġi ppubblikata s-sejħa għax-xogħlijiet, jinkisbu l-offerti u tibda l-evalwazzjoni tagħhom.<br>(d) Ġnien id-Dakra (San Ġwann): Tiġi ppubblikata s-sejħa għax-xogħlijiet, jinkisbu l-offerti u tibda l-evalwazzjoni tagħhom.<br>(e) Picnic Area Majjistral Park: Jitwettaq ix-xogħol kollu ta' xiri u installar ta' materjali għall-picnic area f'dal-park, inkluż il-bankijiet, jitħawlu s-siġar u jitlesta l-proġett. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 165 (2022) | Tkompli l-ħidma fuq spazji akbar bħall-Park tal-Familja f'Bengħajsa. | Parks Malta | Inbdew preparamenti meħtieġa għal-livellar tal-art u sar bini ta' ħitan tas-sejjieħ. Ġew abbozzati sejħiet għall-offerti biex jinxtraw is-siġar u l-materjal neċessarju għall-irrigazzjoni għal dan il-park. | Tlestew il-preparamenti meħtieġa għal-livellar tal-art u tlesta l-bini tal-ħitan tas-sejjieħ. Ġew ippubblikati s-sejħiet, inkisbu l-offerti u saret l-evalwazzjoni tagħhom u ntgħażlu l-kuntratturi rigward xiri ta' siġar u materjal għall-irrigazzjoni relatat ma' dan il-proġett. | Isir il-livellar tal-art u xogħol ieħor preparatorju sabiex jitħawlu s-siġar. | Tiġi installata s-sistema tal-irrigazzjoni u jitħawlu s-siġar. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 166 (2022) | Tkompli l-ħidma fuq spazji akbar bħar-riġenerazzjoni tal-Park tal-Familja f'Wied il-Għajn. | Parks Malta | Inbeda xogħol ta' tiswija tas-soft flooring li jinsab fl-ispazji tal-logħob kollha tat-tfal ġewwa dan il-park. Ġiet abbozzata sejħa għall-offerti sabiex jiġi provdut u installat apparat sportiv, u jsir żvilupp ta' picnic area ġdida. | Tlesta x-xogħol ta' tiswija tas-soft flooring li jinsab fl-ispazji tal-logħob kollha tat-tfal ġewwa dan il-park. Ġiet ivvettjata s-sejħa għall-offerti sabiex jiġi provdut u installat apparat sportiv, u jsir żvilupp ta' picnic area ġdida, qabel ma s-sejħa tiġi ppubblikata. | Ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti sabiex jiġi provdut u installat apparat sportiv, u jsir żvilupp ta' picnic area ġdida f'dan il-park. | Jinkisbu l-offerti mill-proċess tas-sejħa, issir l-evalwazzjoni tagħhom, u jintgħażel il-kuntrattur sabiex jiġi provdut u installat apparat sportiv, u jsir żvilupp ta' picnic area ġdida f'dan il-park. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | **DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA** | **DIPARTIMENT / ENTITÀ** | **KWART 1** Jannar - Marzu 2022 | **KWART 2** April - Ġunju 2022 | **KWART 3** Lulju - Settembru 2022 | **KWART 4** Ottubru - Diċembru 2022 | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 167 (2022) | Tkompli l-ħidma fuq spazji akbar bħal Ġnien Kottoner. | Parks Malta | Tfassal pjan għar-riġenerazzjoni ta' Ġnien Kottoner f'Bormla, filwaqt li nbeda wkoll l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti għal xiri u installazzjoni ta' gradi tal-ħadid u ċnut sabiex il-ġnien ikun aktar sigur għall-pubbliku. | Tlesta t-tfassil tas-sejħa għall-offerti sabiex jintxraw u jiġu installati l-gradi tal-ħadid u ċ-ċnut għal dan il-ġnien, u qed isir l-ivvettjar tagħha qabel ma tiġi ppubblikata. | Tlesta l-ivvettjar tad-dokumenti tas-sejħa sabiex jintxraw u jiġu installati l-gradi tal-ħadid u ċ-ċnut għal dan il-ġnien, u tinħareġ is-sejħa. | Jinkisbu l-offerti mill-ħruġ tas-sejħa sabiex jintxraw u jiġu installati l-gradi tal-ħadid u ċ-ċnut għal dan il-ġnien, u tibda l-evalwazzjoni tagħhom. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 168 (2022) | Tkompli l-ħidma fuq spazji akbar bħall-Park ta' San Klement f'Ħaż-Żabbar. | Parks Malta | Sar xogħol ta' tindif fiż-żona l-ġdida li żdiedet mal-konfini tal-Park San Klement, kif ukoll l-installar ta' ċnut. Sar l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti għar-riġenerazzjoni ta' dal-park, li tinkludi l-installazzjoni ta' apparat sportiv u bini ta' ġibjuni għall-konservazzjoni tal-ilma. | Inbeda xogħol ta' tisbiħ fil-park, li jinkludi tranġar u tibjid ta' ħitan. Beda l-ivvettjar tas-sejħa għall-offerti relatata mar-riġenerazzjoni tal-park, qabel ma tiġi ppubblikata. | Tlesta l-ivvettjar tad-dokumenti tas-sejħa relatati mar-riġenerazzjoni ta' dan il-park, u tinħareġ is-sejħa. | Jinkisbu l-offerti mill-ħruġ tas-sejħa relatata mar-riġenerazzjoni ta' dan il-park, u tibda l-evalwazzjoni tagħhom. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 169 (2022) | Tkompli r-rijabilitazzjoni tal-widien, biex jiġu mneħħija speċi invażivi, jiġu rrestawrati l-ħitan u jitħawlu s-siġar indiġeni.<br><br>(a) Wied Liemu<br>(b) Wied Għajn Rihana<br>(ċ) Wied Qannotta | Parks Malta | (a) Wied Liemu: Saru l-preparamenti meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jsiru xogħlijiet ta' tindif u restawr f'dan il-wied.<br>(b) Wied Għajn Rihana: Sar l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti għar-rijabilitazzjoni ta' dan il-wied, li tinkludi t-tħawwil ta' siġar u t-tneħħija ta' speċi invażivi, flimkien ma' tindif u konservazzjoni tal-wied.<br>(ċ) Wied Qannotta: Beda l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti għat-tindif u konservazzjoni ta' dan il-wied. | (a) Wied Liemu: Inbeda x-xogħol ta' tindif u restawr f'dan il-wied.<br>(b) Wied Għajn Rihana: Ġiet ippubblikata s-sejħa, inkisbu l-offerti, saret l-evalwazzjoni, u ntgħażel il-kuntrattur għax-xogħol ta' rijabilitazzjoni ta' dan il-wied, li jinkludu t-tħawwil ta' siġar u t-tneħħija ta' speċi invażivi flimkien ma' tindif u konservazzjoni.<br>(ċ) Wied Qannotta: Tkompla l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għat-tindif u konservazzjoni ta' dan il-wied. | (a) Wied Liemu: Tkompla x-xogħol ta' tindif u restawr ta' dan il-wied.<br>(b) Wied Għajn Rihana: Inbeda x-xogħol ta' rijabilitazzjoni ta' dan il-wied, li jinkludu t-tħawwil ta' siġar u t-tneħħija ta' speċi invażivi flimkien ma' tindif u konservazzjoni.<br>(ċ) Wied Qannotta: Jitkompla l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għat-tindif u konservazzjoni ta' dan il-wied. | (a) Wied Liemu: Jitlesta x-xogħol ta' tindif u restawr ta' dan il-wied.<br>(b) Wied Għajn Rihana: Jitkompla x-xogħol ta' rijabilitazzjoni ta' dan il-wied, li jinkludu t-tħawwil ta' siġar u t-tneħħija ta' speċi invażivi flimkien ma' tindif u konservazzjoni.<br>(ċ) Wied Qannotta: Jitlesta l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għat-tindif u konservazzjoni ta' dan il-wied, u tinkiseb l-approvazzjoni għall-ħruġ tagħha. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 170 (2022) | Jitnieda l-proġett pilota biex joħloq ġonna komunitarji f'lokalitajiet differenti, bil-għan li r-residenti jkunu jistgħu jkabbru ħxejjex, frott u fjuri. | Direttorat tal-Iżvilupp Sostenibbli | Wara li kienet ġiet identifikata żona sabiex jitwettaq fiha proġett pilota fejn jintuża l-kunċett ta' ġonna komunitarji, din iż-żona ma ġietx aċċettata mill-Awtorità tal-Artijiet u għaldaqstant bdew diskussjonijiet sabiex tiġi identifikata żona oħra għal dan il-proġett pilota. | Ġiet identifikata żona oħra potenzjali għall-proġett pilota għall-użu tal-kunċett ta' ġonna komunitarji u ġiet sottomessa applikazzjoni dwarha lill-Awtorità tal-Artijiet. | Ġie allokat spazju bħala community gardening area fi Ġnien Calvagna fil-Mosta, u beda jsir taħwil u tkabbir ta' ħxejjex, frott jew fjuri hemm minn residenti stess. | Jiġi allokat spazju bħala community gardening area fi Ġnien Romeo Romano f'Santa Venera, u jibda jsir taħwil u tkabbir ta' ħxejjex, frott jew fjuri hemm minn residenti stess. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | **DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA** | **DIPARTIMENT / ENTITÀ** | **KWART 1** Jannar - Marzu 2022 | **KWART 2** April - Ġunju 2022 | **KWART 3** Lulju - Settembru 2022 | **KWART 4** Ottubru - Diċembru 2022 | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 175 (2022) | Ser jitnieda proġett sabiex ngħinu lill-kumpaniji Maltin jevalwaw l-impatt ambjentali jew soċjali ta' dawn il-proġetti. Din l-informazzjoni ser tkun aċċessibbli b'mod pubbliku sabiex investituri privati jkunu jistgħu jinvestu direttament f'ishma jew bonds ta' dawn il-kumpaniji li jilħqu il-kriterji ambjentali, soċjali u ta' corporate governance.<br><br>Apparti milli jinċentiva l-investiment privat f'dawn l-intrapriżi Maltin, dan il-proġett ser iħeġġeġ aktar kumpaniji Maltin jintegraw il-kriterji ta' ESG bħala parti mill-investimenti tagħhom. Proċess indispensabbli sabiex pajjiżna jilħaq l-ambizzjoni ta' ekonomija ħielsa mill-karbonju sal-2050. | Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti | Din l-inizjattiva twettqet f'Diċembru 2021 bit-tnedija tal-ESG (Environmental, Social and Governance) Portal għall-kumpaniji li l-ishma tagħhom huma kwotati fil-Borża ta' Malta. | | | | Implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 176 (2022) | Investiment għall-intrapriżi sostenibbli - Ser jinbeda l-proċess biex entitajiet pubbliċi u privati jkunu jistgħu jinvestu fi proġetti ħodor u ambjentali bil-għan li jinħoloq surplus fil-krediti tal-karbonju li jistgħu mbagħad b'mod voluntarju jinxtraw minn entitajiet pubbliċi jew privati oħrajn bil-għan li jilħqu l-miri tal-karbonju tagħhom. | Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti | Saru diskussjonijiet ma' stakeholders konċernati dwar investimenti fi proġetti ħodor u ambjentali li jinħolqu surplus fil-krediti tal-karbonju. | Inbeda proċess ta' studju u evalwazzjoni sabiex jiġi identifikat kif l-aħjar għandha tiġi implimentata din il-miżura. | Bdew id-diskussjonijiet mal-awtoritajiet kompetenti sabiex jiġi identifikat l-aħjar mod ta' verifika neċessarja għaċ-ċertifikazzjoni tal-krediti tal-Karbonju għal entitajiet pubbliċi u privati. Fl-istess waqt, tiġi identifikata l-entità pubblika meqjusa bħala l-iktar idonja biex timplimenta l-proġetti ħodor u ambjentali relatati ma' dal-kunċett. Jinbeda stħarriġ ta' sistemi simili li jeżistu f'pajjiżi oħra. | Jitkomplew id-diskussjonijiet mal-awtoritajiet kompetenti u jiġi finalizzat l-istħarriġ ta' sistemi simili li jeżistu f'pajjiżi oħra. Isir l-abbozzar tal-istruttura meħtieġa sabiex tiġi maħluqa din l-inizjattiva, u l-qafas identifikat għal din l-istruttura jiġi mressaq għall-approvazzjoni. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 177 (2022) | Bi sħubija bejn l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi u Ambjent Malta, jitkompla t-twettiq tal-Management Plans tas-Siti Natura 2000 fejn ser ikomplu l-interventi ta' konservazzjoni tal-abitat naturali, li jinkludi tħawwil ta' siġar u arbuxelli indiġeni.<br><br>Fl-Aħrax tal-Mellieħa | Ambjent Malta | Ġiet preparata u sottomessa applikazzjoni minn Ambjent Malta lill-Awtorità għar-Riżorsi u l-Ambjent (ERA) għal Nature Permit neċessarju għat-tħawwil ta' siġar ġewwa s-sit identifikat għall-konservazzjoni u restawr tal-abitat naturali fl-inħawi tal-Aħrax tal-Mellieħa. L-applikazzjoni ġiet evalwata mill-ERA u l-permess inħareġ. | Bdew isiru l-preparamenti neċessarji, ġewwa s-sit tal-Aħrax tal-Mellieħa, għat-tħawwil ta' siġar inkluż tneħħija ta' speċi aljeni u invażivi, tneħħija ta' skart, u formazzjoni ta' konok. | Tlestew il-preparamenti neċessarji ġewwa s-sit għat-tħawwil ta' siġar inkluż tneħħija ta' speċi aljeni u invażivi, tneħħija ta' skart, u formazzjoni ta' konok. | Isir it-tħawwil tas-siġar ġewwa s-sit identifikat għal konservazzjoni u restawr tal-abitat naturali fl-inħawi tal-Aħrax tal-Mellieħa. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | **DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA** | **DIPARTIMENT / ENTITÀ** | **KWART 1** Jannar - Marzu 2022 | **KWART 2** April - Ġunju 2022 | **KWART 3** Lulju - Settembru 2022 | **KWART 4** Ottubru - Diċembru 2022 | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 178 (2022) | Bi sħubija bejn l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi u Ambjent Malta, jitkompla t-twettiq tal-Management Plans tas-Siti Natura 2000 fejn ser ikomplu l-interventi ta' konservazzjoni tal-abitat naturali, li jinkludi l-bini ta' ħitan tas-sejjieħ.<br><br>Fl-Aħrax tal-Mellieħa | Ambjent Malta | Ġiet preparata u sottomessa, minn Ambjent Malta lill-Awtorità tal-Ippjanar, applikazzjoni ta' DNO għall-bini ta' ħitan tas-sejjieħ madwar il-campsite fl-inħawi tal-Aħrax tal-Mellieħa. | Inħareġ il-permess tad-DNO mill-Awtorità tal-Ippjanar għall-bini ta' ħitan tas-sejjieħ madwar il-campsite fl-inħawi tal-Aħrax tal-Mellieħa, u nbeda dan ix-xogħol. | Tkompla x-xogħol ta' bini ta' ħitan tas-sejjieħ madwar il-campsite ġewwa l-Aħrax tal-Mellieħa. | Jitlesta x-xogħol ta' bini ta' ħitan tas-sejjieħ madwar il-campsite ġewwa l-Aħrax tal-Mellieħa. | Implimentata |
| 179 (2022) | Bi sħubija bejn l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi u Ambjent Malta, jitkompla t-twettiq tal-Management Plans tas-Siti Natura 2000 fejn ser ikomplu l-interventi ta' konservazzjoni tal-abitat naturali, li jinkludi r-restawr ta' bjar u ġwiebi eżistenti.<br><br>Fl-Aħrax tal-Mellieħa | Ambjent Malta | Inħarġet sejħa għal kwotazzjonijiet, li tittratta xogħlijiet ta' tindif u restawr ta' bir imdaqqas ġewwa l-Aħrax tal-Mellieħa biex l-ilma tiegħu jkun jista' jintuża għall-irrigazzjoni ta' siġar u arbuxelli mħawla fl-inħawi minn Ambjent Malta, u nkisbu offerti mill-kuntratturi prospettivi. | Saret l-evalwazzjoni tal-offerti miksuba u ntgħażel il-kuntrattur mill-proċess tas-sejħa permezz ta' kwotazzjonijiet. Sar xogħol minn Ambjent Malta rigward it-tbattil tal-bir mill-ilma u materjal ieħor fih, sar it-tindif u r-restawr tal-bir, u reġa' mtela bl-ilma u nġieb f'kundizzjoni funzjonabbli. | | | Implimentata |

| | **DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA** | **DIPARTIMENT / ENTITÀ** | **KWART 1** Jannar - Marzu 2022 | **KWART 2** April - Ġunju 2022 | **KWART 3** Lulju - Settembru 2022 | **KWART 4** Ottubru - Diċembru 2022 | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 180 (2022) | Bi sħubija bejn l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi u Ambjent Malta, jitkompla t-twettiq tal-Management Plans tas-Siti Natura 2000 fejn ser ikomplu l-interventi ta' konservazzjoni tal-abitat naturali, li jinkludi l-installazzjoni ta' sistemi ta' irrigazzjoni.<br><br>F'Kemmuna | Ambjent Malta | Ġiet preparata u sottomessa applikazzjoni minn Ambjent Malta lill-Awtorità għar-Riżorsi u l-Ambjent (ERA) għal Nature Permit neċessarju għal tħawwil ta' siġar u installazzjoni ta' sistemi ta' irrigazzjoni għalihom f'siti identifikati għal restawr f'Kemmuna. | L-ERA evalwat u tat il-permess tagħha rigward l-applikazzjoni għat-tħawwil tas-siġar u l-installazzjoni tas-sistema tal-irrigazzjoni għal dawn is-siġar f Kemmuna. Ambjent Malta wettqet xogħol ta' tneħħija ta' speċi invażivi ta' pjanti u bdiet il-preparamenti meħtieġa għat-tħawwil ta' siġar u arbuxelli indiġeni u l-installazzjoni tas-sistema tal-irrigazzjoni. | Tlestew il-preparamenti neċessarji ġewwa Kemmuna, inkluż tneħħija ta' pjanti aljeni u invażivi, għat-tħawwil ta' siġar u l-installazzjoni ta' sistemi ta' irrigazzjoni. | Isir it-tħawwil ta' siġar u arbuxelli u l-installazzjoni ta' sistemi ta' irrigazzjoni għalihom ġewwa Kemmuna. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 181 (2022) | Bi sħubija bejn l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi u Ambjent Malta, jitkompla t-twettiq tal-Management Plans tas-Siti Natura 2000 fejn ser ikomplu l-interventi ta' konservazzjoni tal-abitat naturali, li jinkludi l-implimentazzjoni ta' sistemi ta' sorveljanza u tat-tifi tan-nar.<br><br>Fil-Buskett | Ambjent Malta | Tfassal dokument mudell għal Risk Assessment li se jsir għaż-żona tal-Buskett. F'dan id-dokument mudell ġew elenkati l-kriterji ta' kif jiġi evalwat ir-riskju ta' nar u wkoll speċifikament kif jista' jiġi evitat nar fiż-żona tal-Buskett. Inħoloq kumitat tekniku bejn Ambjent Malta, id-Dipartmiment tal-Protezzjoni Ċivili (CPD) u l-Awtorità għar-Riżorsi u l-Ambjent (ERA) għat-tħejjija ta' pjanijiet ta' azzjoni għall-prevenzjoni u l-immaniġġjar ta' nirien ġewwa l-Buskett. Saru wkoll surveys relatati mar-Risk Assessment. | Saru laqgħat ġewwa l-Buskett mal-kumitat tekniku, fejn ġew identifikati x-xogħlijiet meħtieġa fuq il-ġibjuni eżistenti sabiex dawn ikunu kompatibbli mat-tagħmir tas-CPD. Tlestew il-pjanijiet ta' azzjoni għall-prevenzjoni u l-immaniġġjar ta' nirien ġewwa l-Buskett. Hemm possibilità li x-xiri relatat mal-azzjonijiet għall-prevenzjoni u l-immaniġġjar tan-nirien jitwettaq direttament mis-CPD. | Bdiet l-implimentazzjoni ġewwa l-Buskett ta' miżuri ta' prevenzjoni kontra n-nirien li ġew identifikati mill-pjanijiet ta' azzjoni maħruġa mill-kumitat tekniku, u beda wkoll l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti għall-apparat neċessarju ta' sorveljanza u ta' tifi tan-nar. | Titlesta l-implimentazzjoni fis-sit tal-Buskett ta' miżuri ta' prevenzjoni kontra n-nirien li ġew identifikati mill-pjanijiet ta' azzjoni maħruġa mill-kumitat tekniku. Isir l-ivvettjar u tiġi ppubblikata s-sejħa għall-offerti għall-apparat neċessarju għat-tifi tan-nar ġewwa l-Buskett. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 182 (2022) | Ikomplu l-interventi ta' restawr u konservazzjoni fuq xogħol li diġà beda f'Kemmuna.<br><br>Jitkompla x-xogħol tar-restawr ambjentali tal-bur salmastru ta' Santa Marija billi jitħaffru għadajjar għall-għasafar li jpassu u jitneħħew speċi invażivi. | Ambjent Malta | Ittieħdu kampjuni tal-ilma u tal-ħamrija u sar monitoraġġ tas-sit fl-inħawi tal-bajja ta' Santa Marija fejn twettqu xogħlijiet fl-2021 biex jiġi kwantifikat it-titjib ambjentali li rriżulta. Ġiet żviluppata land use u mappa topografika għall-pjan propost dwar kif għandu jkun restawrat is-sit, inkluż id-dimensjoni tal-għadajjar proposti ġodda, u ntbagħtet lill-Awtorità għar-Riżorsi u l-Ambjent (ERA) għall-kunsiderazzjoni tagħha. Ġiet ippubblikata sejħa għall-offerti għall-użu ta' barkun sabiex jiġu trasportati inġenji tax-xogħol lejn Kemmuna. | Tkompla l-monitoraġġ tas-sit fl-inħawi tal-bajja ta' Santa Marija f'Kemmuna fejn twettqu x-xogħlijiet fl-2021. Bi qbil mal-ERA, qed titlesta l-aħħar verzjoni tal-land use u mappa topografika għall-pjan finali dwar kif għandu jkun restawrat is-sit, inkluż id-dimensjoni tal-għadajjar proposti ġodda. Inkisbu l-offerti, saret l-evalwazzjoni tagħhom, u ntgħażel il-kuntrattur mis-sejħa għall-użu ta' barkun għat-trasportar tal-inġenji tax-xogħol lejn Kemmuna, sabiex eventwalment jinbeda x-xogħol ġdid tat-tħaffir tal-għadajjar kif ukoll it-tneħħija ta' speċi invażivi. | Tlesta l-monitoraġġ tas-sit f'Santa Marija fejn twettqu x-xogħlijiet fl-2021 biex jiġi kwantifikat it-titjib ambjentali li rriżulta, u jibdew ix-xogħlijiet ta' tħaffir ta' għaddajjar u tneħħija ta' speċi invażivi. | Jitlestew ix-xogħlijiet ta' tħaffir ta' għaddajjar u tneħħija ta' speċi invażivi. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 183 (2022) | Ikomplu l-interventi ta' restawr u konservazzjoni fuq xogħol li diġà beda fil-Magħluq ta' Wied il-Għajn.<br><br>Issir estensjoni tal-abitat 1410 Mediterranean salt meadows. | Ambjent Malta | Skont id-direzzjoni miksuba mill-Awtorità għar-Riżorsi u l-Ambjent (ERA), ġie stabbilit li għandu jsir tħammil (dredging) fit-tieni basin tal-Magħluq ta' Wied il-Għajn, liema xogħol se jitwettaq mill-entità non-governattiva Nature Trust Malta, u li l-materjal ta' tħammil li se jittella' għandu jintrefa' b'mod temporanju fiż-żona li se tintuża għall-estensjoni tal-abitat. Għaldaqstant, il-proċess tal-estensjoni jipproċedi wara li jitlesta t-tħammil. | Inħareġ in-Nature Permit mill-ERA għax-xogħol ta' tħammil fit-tieni basin fiż-żona tal-Magħluq ta' Wied il-Għajn, li jippermetti li jista' jinbeda dan ix-xogħol. | Sar tħammil fiż-żona fil-Magħluq ta' Wied il-Għajn fejn se jsir l-estensjoni tal-abitat 1410 Mediterranean salt meadows. | Jitlesta t-tħammil taż-żona fil-Magħluq ta' Wied il-Għajn fejn se jsir l-estensjoni tal-abitat 1410 Mediterranean salt meadows. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 184 (2022) | Ikomplu l-interventi ta' restawr u konservazzjoni fuq xogħol li diġà beda fiż-żona tal-Victoria Lines. | Ambjent Malta | Inbeda xogħol ta' tindif u tneħħija ta' speċi aljeni u invażivi, u wkoll żbir ta' siġar u arbuxelli li qegħdin fiż-żona tal-Victoria Lines. | Tkompla x-xogħol ta' tindif u tneħħija ta' speċi aljeni u invażivi, u wkoll iż-żbir ta' siġar u arbuxelli li qegħdin fiż-żona tal-Victoria Lines. | Twettaq aktar xogħol ta' tindif u tneħħija ta' speċi aljeni u invażivi, kif ukoll żbir ta' siġar u arbuxelli fejn hemm bżonn. | Jitwettaq aktar xogħol ta' tindif u tneħħija ta' speċi aljeni u invażivi, kif ukoll żbir ta' siġar u arbuxelli fejn hemm bżonn. | Implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 185 (2022) | Ikomplu l-interventi ta' restawr u konservazzjoni fuq xogħol li diġà beda fl-Għadira s-Safra.<br><br>Kostruzzjoni ta' osservatorju tal-għasafar u tliet għadajjar ta' ilma salmastru fl-Għadira s-Safra. | Ambjent Malta | Inbeda l-proċess ta' evalwazzjoni mill-Awtorità tal-Ippjanar (PA) tal-applikazzjoni għall-permess għall-kostruzzjoni tal-osservatorju tal-għasafar u għall-iżvilupp ta' tliet għadajjar ta' ilma salmastru fis-sit tal-Għadira s-Safra, skont il-pjanti u d-disinn sottomessi lill-PA. | Issokta l-proċess ta' evalwazzjoni mill-Awtorità tal-Ippjanar (PA) tal-applikazzjoni għall-permess għall-kostruzzjoni tal-osservatorju tal-għasafar u għall-iżvilupp ta' tliet għadajjar ta' ilma salmastru fis-sit tal-Għadira s-Safra, wara li Transport Malta talbet għal iktar informazzjoni dwar is-swept pass access, jiġifieri spazju għall-moviment ta' vetturi li jidħlu fis-sit. | Inħareġ il-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar (PA) għall-kostruzzjoni tal-osservatorju tal-għasafar u għall-iżvilupp ta' tliet għadajjar ta' ilma salmastru fis-sit tal-Għadira s-Safra. Sar l-abbozzar u l-ivvettjar ta' sejħa għall-offerti għall-ikkuntrattar ta' dawn ix-xogħlijiet. | Tiġi ppubblikata s-sejħa għall-offerti għall-kostruzzjoni tal-osservatorju tal-għasafar u għall-iżvilupp ta' tliet għadajjar ta' ilma salmastru fis-sit tal-Għadira s-Safra. Jinkisbu l-offerti, issir l-evalwazzjoni tagħhom u jintgħażel il-kuntrattur għal dawn ix-xogħlijiet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 187 (2022) | It-tħaddir tal-pajjiż jorbot mal-prinċipji tas-sostenibilità u l-bidliet li rridu nagħmlu biex l-impatt tagħna fuq l-ambjent jiġi mminimizzat u eventwalment pajjiżna jiġi newtrali mill-karbonju. | Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti | Twettaq proċess ta' sejħa għall-offerti li permezz tagħha tqabbdu konsulenti sabiex jagħmlu studju dwar "promoting greener jobs and skills," li l-għan tiegħu hu li jiġi żviluppat pjan ta' azzjoni b'miri speċifiċi u datati, inkluż lista ta' inċentivi u miżuri li jwasslu għal żieda ta' impjiegi ħodor fis-setturi kollha li jistgħu jiġu impattati mill-evoluzzjoni l-ħadra. | Twettqet l-ewwel parti tal-istudju, li kienet tittratta analiżi kwalitattiva dettaljata tal-ekonomija lokali relatata mat-tendenza ta' ħolqien u sosteniment ta' impjiegi ħodor fis-setturi ekonomiċi kollha. Il-konsulenti ġabru informazzjoni relevanti mingħand l-operaturi privati u dawk parastatali, sabiex tkun definita s-sitwazzjoni preżenti, inkluż rigward in-nuqqasijiet u l-isfidi li qed jiġu ffaċċjati dwar is-suq għal servizzi u prodotti ambjentali. B'hekk qed jiġi stabbilit ukoll x'hemm bżonn isir fil-qasam edukattiv sabiex pajjiżna jkun preparat bl-aħjar mod possibbli biex ilaħħaq mal-evoluzzjoni ħadra li qed isseħħ. | Intbagħtu r-rakkomandazzjonijiet tal-istudju u l-miżuri identifikati fil-pjan ta' azzjoni li jittrattaw direttament il-qasam tad-dinja tax-xogħol lill-Ministeru għall-Finanzi u Impjiegi (MFE) sabiex jiġu kkunsidrati t-twettiq tagħhom fuq tul ta' żmien. | Il-Ministeru għall-Finanzi u Impjiegi (MFE) jibda l-kunsiderazzjonijiet tiegħu għat-twettiq, fuq tul ta' żmien, tar-rakkomandazzjonijiet tal-istudju u l-miżuri identifikati fil-pjan ta' azzjoni li jittrattaw direttament il-qasam tad-dinja tax-xogħol. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | **DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA** | **DIPARTIMENT / ENTITÀ** | **KWART 1** Jannar - Marzu 2022 | **KWART 2** April - Ġunju 2022 | **KWART 3** Lulju - Settembru 2022 | **KWART 4** Ottubru - Diċembru 2022 | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 188 (2022) | Inkomplu ngħinu b'aktar skemi għall-investimenti f'pannelli fotovoltajiċi flimkien ma' batteriji għall-ħażna tal-enerġija. | Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (REWS) | Tlestew l-applikazzjonijiet il-ġodda flimkien mal-linji gwida għall-estensjoni tal-iskema eżistenti relevanti għas-sena 2022. Ġie preparat ukoll l-avviż legali u nħareġ government notice li abbażi tagħhom tnediet l-estensjoni tal-iskema għal din is-sena. | | | | Implimentata |
| 189 (2022) | Inkomplu ngħinu permezz ta' għotja fuq restawr ta' bjar domestiċi. | Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (REWS) | Ġew preparati l-applikazzjonijiet il-ġodda flimkien mal-linji gwida għall-iskema relevanti għas-sena 2022. Tlesta wkoll avviż legali u nħareġ government notice li permezz tagħhom tnediet l-estensjoni tal-iskema ta' għajnuna finanzjarja għal restawr ta' bjar domestiċi għas-sena preżenti 2022. | | | | Implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 190 (2022) | Inkomplu ngħinu permezz ta' għotja fuq ix-xiri ta' solar water heaters u heat pump water heaters. | Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (REWS) | Ġew preparati l-applikazzjonijiet il-ġodda flimkien mal-linji gwida għall-iskema relevanti għas-sena 2022. Tlesta wkoll avviż legali u nħareġ government notice li permezz tagħhom tnediet l-estensjoni tal-iskema ta' għajnuna finanzjarja għal xiri ta' solar water heaters u heat pump water heaters għas-sena preżenti 2022. | | | | Implimentata |
| 192 (2022) | Tiġi estiża l-iskema ta' tibdil u xiri ta' reverse osmosis. | Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (REWS) | Ġew preparati l-applikazzjonijiet il-ġodda flimkien mal-linji gwida, u tlesta wkoll avviż legali għall-estensjoni tal-iskema ta' għajnuna finanzjarja għal tibdil u xiri ta' sistemi ta' reverse osmosis tal-ilma għas-sena preżenti 2022. | Inħareġ government notice li permezz tiegħu tnediet l-estensjoni tal-iskema ta' għajnuna finanzjarja għal tibdil u xiri ta' sistemi ta' reverse osmosis tal-ilma għas-sena preżenti 2022. | | | Implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 193 (2022) | Inkomplu noffru house visits b'xejn biex familji l-aktar vulnerabbli jiġu ggwidati kif jużaw id-dawl u t-tibdil fil-home appliances tagħhom għal dawk aktar effiċjenti. Dan huwa abbinat ma' kampanja informattiva dwar teknoloġiji effiċjenti għall-użu fid-djar, b'aktar informazzjoni ta' x'qed joffri dan il- Gvern. | Aġenzija dwar l-Enerġija u l-Ilma (EWA) | Bħala parti mill-operat tal-entità konċernata, kompliet tingħata informazzjoni u gwida, u komplew isiru żjarat, kif ukoll tqassim u installazzjoni ta' home appliances, fid-djar ta' nies vulnerabbli. | | | | Implimentata |
| 194 (2022) | Skemi għall-għaqdiet volontarji u sportivi biex jinvestu f'enerġija effiċjenti. | Aġenzija dwar l-Enerġija u l-Ilma (EWA) | Bdiet tiġi mħejjija skema għall-benefiċċju ta' għaqdiet volontarji u sportivi sabiex dawn jitħajru jinvestu aktar f'enerġija effiċjenti. | Il-proċeduri tal-skema l-ġdida, li permezz tagħha jibbenifikaw għaqdiet volontarji u sportivi sabiex jinvestu f'enerġija effiċjenti, ġew finalizzati u l-iskema tnediet uffiċjalment fis-27 ta April 2022. Inkisbu applikazzjonijiet mill-għaqdiet interessati u bdiet l-evalwazzjoni tagħhom. | Ġiet finalizzata l-evalwazzjoni tas-sottomissjonijiet mill-għaqdiet interessati u jiġu ffirmati l-kuntratti magħhom sabiex dawn jinvestu aktar f'enerġija effiċjenti. B'hekk din il-miżura tkun implimentata. | | Implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 196 (2022) | Wara s-suċċess tal-proġett pilota ta' batteriji għall-ħażna tal-enerġija rinovabbli fiċ-Ċentru edukattiv l-Għajn, l-Aġenzija għall-Enerġija u l-ilma ser tniedi żewġ proġetti oħra f'binjiet pubbliċi sabiex tiġi esebita l-applikazzjoni ta' din it-teknoloġija f'Malta. | Aġenzija dwar l-Enerġija u l-Ilma (EWA)" | Permezz ta' djalogu mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, ġew identifikati l-Kunsilli Lokali li ser ikunu qed jibbenifikaw minn dan il-proġett ta' batteriji għall-ħażna tal- enerġija rinovabbli, u nbdiet il-preparazzjoni tas-sejħa għall-offerti għax-xiri u l-installar tal-apparat għall-implimentazzjoni tal-proġett. | Tlesta x-xogħol ta' disinn tekniku għall-installazzjoni tal-apparat ta' batteriji għall-ħażna tal-enerġija rinovabbli fil-binjiet tal-Kunsilli Lokali identifikati, speċifikament dawk ta' Raħal Ġdid u tal-Mellieħa, filwaqt li tlesta wkoll l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għax-xiri u l-installar tal-apparat. | Il-Kunsilli Lokali konċernati rispettivi ppubblikaw is-sejħiet għall-provediment u installazzjoni ta' batteriji għall-ħażna tal-enerġija rinovabbli, u tibda l-evalwazzjoni tal-offerti li jkunu ġew sottomessi. | Tiġi konkluża l-evalwazzjoni tas-sejħiet rispettivi, u jiġu ffirmati l-kuntratti mal-Kunsilli Lokali konċernati u jiġu mgħoddija lilhom il-fondi neċessarji. B'hekk din il-miżura tkun implimentata. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 197 (2022) | Nemmnu li l-Gvern għandu jkun ta' eżempju għall-qalba lejn l-enerġija rinovabbli. Għalhekk ser nallokaw fondi biex fejn huwa teknikament possibbli, il-binjiet tal-Gvern jiġu mgħammra b'sistemi ta' pannelli solari, biex b'hekk parti sostanzjali tal-konsum tal-Gvern tkun ipprovduta minn sorsi rinovabbli. | Aġenzija dwar l-Enerġija u l-Ilma (EWA) | Ġiet imnedija l-inizjattiva mill-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma (EWA), u bdew jintlaqgħu l-espressjonijiet ta' interess minn Ministeri u Dipartimenti tal-Gvern sabiex jinstallaw pannelli fotovoltajiċi (PVs) fuq binjiet tal-Gvern. | Saret l-evalwazzjoni tal-espressjonijiet ta' interess miksuba minn Ministeri u Dipartimenti tal-Gvern u nħarġu 'Ittri ta' Intenzjoni' għal sitt binjiet pubbliċi differenti sabiex jiġu installati pannelli fotovoltajiċi (PVs) fuqhom. Dawn il-binjiet huma: waħda tal-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża (MEEE), tnejn tal-Foundation for Social Welfare Services (FSWS), u tlieta tad-Dipartiment tat-Taxxi. Ġew allokati l-fondi rikjesti lill-ministeri u dipartimenti konċernati sabiex iwettqu dawn l-installazzjonijiet. Din l-inizjattiva issa ser tkompli bħala parti mill-operat tal-Aġenzija (EWA). | | | Implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 198 (2022) | Issir l-installazzjoni ta' dawl ġdid u effiċjenti fit-toroq tal-Belt Valletta, inkluż fuq binjiet ta' interess u faċċati ta' knejjes. | Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti | Inħarġet sejħa għax-xiri ta' provvisti, inkluż cables u bozoz skont id-disinn approvat għall-proġett tal-installazzjoni ta' dwal ġodda fit-toroq tal-Belt Valletta, inkluż fuq binjiet ta' interess u faċċati ta' knejjes, inkisbu l-offerti u saret l-evalwazzjoni tagħhom. | Ġie ffirmat il-kuntratt mal-kuntrattur magħżul mill-proċess tas-sejħa għall-offerti u beda l-perjodu ta' stennija għall-ksib tal-materjal ordnat. Dawn ix-xogħlijiet mistennija jibdew wara li jitlestew dawk tar-Ringroad tal-Belt Valletta (ara BM199(2022)). | Saru l-preparamenti u jinkisbu l-permessi għax-xogħlijiet, filwaqt li ħarġet sejħa għall-offerti ġdida, għal feature lighting fuq binjiet ta' interess u faċċati ta' knejjes fi Triq ir-Repubblika. | Isiru l-preparamenti għax-xogħlijiet relatati mal-installazzjoni ta' dwal ġodda fit-toroq tal-Belt Valletta fuq u mal-faċċati ta' binjiet ta' interess, inkluż billi ssir l-ordni għal u jinġieb il-materjal neċessarju biex isir dan il-proġett, liema xogħlijiet huma mistennija li jibdew wara li jitlestew dawk tar-Ringroad u żoni pedonali tal-istess Belt Valletta (ara BM199(2022)) u jitlestew għal nofs is-sena d-dieħla. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 199 (2022) | Issir ħidma fuq id-disinn u installazzjoni ġdida ta' dwal mad-dawra tal-Belt u żoni pedonali. | Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti | Inħarġet sejħa għax-xiri ta' provvisti, inkluż cables u bozoz skont id-disinn approvat għall-proġett tal-installazzjoni ta' dwal ġodda għad-dawra tal-Belt Valletta u żoni pedonali, inkisbu l-offerti u saret l-evalwazzjoni tagħhom. | Ġie ffirmat il-kuntratt mal-kuntrattur magħżul mill-proċess tas-sejħa għall-offerti u beda l-perjodu ta' stennija għall-ksib tal-materjal ordnat, filwaqt li saru l-preparamenti biex jinkisbu l-permessi meħtieġa għax-xogħlijiet. | Inkisbu l-permessi għax-xogħlijiet, filwaqt li beda jinġieb il-materjal neċessarju. | Jibdew ix-xogħlijiet relatati mal-installazzjoni ta' dwal ġodda għad-dawra ta' madwar il-Belt Valletta u żoni pedonali, l-ewwel permezz ta' tħaffir tat-trinek. Imbagħad ix-xogħol jipproċedi billi jitpoġġa l-cable tal-elettriku u jibdew jiġu installati l-arbli. Dan il-proġett hu programmat li jitlesta fl-ewwel kwart tas-sena d-dieħla. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 200 (2022) | Biex insaħħu l-kunċett ta' żvilupp sostenibbli fil-komunitajiet tagħna, ser inkunu qed nallokaw fondi biex Kunsilli Lokali jwettqu proġetti f'dan il-qasam. Dan ser isir permezz ta' 'Designing Sustainable Localities Competition' fejn ser ikunu jistgħu jitressqu proposti b'għanijiet tanġibbli li jilħqu l-miri tal-iżvilupp sostenibbli fuq livell lokali u jindirizzaw it-tibdil fil-klima. Sabiex nirrikonoxxu l-ħidma ta' min qed ikun katalist fit-tibdil tal- klima, l-iżvilupp tal-ekonomija l-ħadra u ċirkolari u l-prosperità, se nvaraw is-Sustainable Development Awards. | Sustainable Development Directorate | Saru diskussjonijiet mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar ir-rekwiżiti tal-kunċett ta' żvilupp sostenibbli fil-komunitajiet u bdew jiġu mħejjija l-linji gwida għal proġetti f'dar-rigward. | Ġew imfassla t-termini ta' referenza (ToRs) u linji gwida dwar żvilupp sostenibbli fil-komunitajiet, u bdew isiru l-arranġamenti meħtieġa sabiex tiġi ppubblikata sejħa għal proġetti f'dar-rigward. | Ġiet imnedija l-iskema mal-Kunsilli Lokali dwar proġetti ta' żvilupp sostenibbli fil-komunitajiet u bdew jintlaqgħu l-applikazzjonijiet mingħandhom f'dan ir-rigward. | Jiġu evalwati l-applikazzjonijiet mill-Kunsilli Lokali u jintgħażlu l-proġetti li jkunu ser jitwettqu. Jinbeda x-xogħol tal-proġetti magħżula. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 201 (2022) | Jitqassmu starter-kit bi prodotti sostenibbli għat-trabi lill-ġenituri li jkollhom wild ġdid. | Sustainable Development Directorate | Sar it-tqassim tal-istarter kit bi prodotti sostenibbli għat-trabi lill-ġenituri li jkollhom wild ġdid. Din il-miżura se tkompli bħala parti mill-operat tad-dipartiment konċernat. | | | | Implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 212 (2022) | Ir-rata speċjali applikabbli għal djar residenzjali biex individwi li għandhom vettura li taħdem bl-elettriku u matul il-lejl ikunu jridu jiċċarġjaw il-batterija wkoll, ser tibqa' fis-seħħ. | Enemalta | Inkisbu applikazzjonijiet u sar l-ivverifikar u l-ipproċessar tagħhom, u kompliet tiġi applikata r-rata speċjali għal djar residenzjali fejn persuni li għandhom vettura taħdem bl-elettriku jiċċarġjaw il-batterija tagħha billejl. Dan il-proċess qed ikompli għaddej bħala parti mill-operat tal-Enemalta. | | | | Implimentata |
| 219 (2022) | Tiġi mnedija skema maħsuba biex tassisti intrapriżi jibdlu vetturi li jaħdmu bil-fjuwil għal vetturi li jaħdmu b'mod elettriku u soluzzjonijiet oħra. L-iskema ser tkun qed tkopri parti mid-differenza fl-ispiża ta' bejn vetturi li jaħdmu bil-fjuwil u vetturi li jaħdmu b'mod elettriku.<br><br>L-intrapriżi ser ikunu qed jibbenifikaw minn din l-iskema meta jibdlu vetturi eżistenti għal vetturi elettriċi ġodda. | Malta Enterprise | Saru diskussjonijiet preliminari ma' stakeholders konċernati dwar l-implimentazzjoni ta' skema maħsuba biex tassisti intrapriżi jibdlu vetturi li jaħdmu bil-fjuwil għal vetturi li jaħdmu b'mod elettriku u soluzzjonijiet oħra, liema skema intenzjonata li tkun tista' tikkumplimenta skemi oħra simili offruti minn Transport Malta. | Saru diskussjonijiet ukoll mal-Malta Development Bank sabiex b'kollaborazzjoni tiġi żviluppata skema li tipprovdi assistenza ta' finanzjarjament u sussidju tal-imgħax. Qed tiġi organizzata laqgħa mal-importaturi tal-vetturi u partijiet interessati oħrajn sabiex jiġu infurmati b'dan l-inċentiv tal-iskema kif intenzjonata u, skont l-eżitu ta' din il-konsultazzjoni, imbagħad jiġu mfassla l-linji gwida għaliha. | Saret laqgħa ta' konsultazzjoni mal-Foundation for Transport, u ssir ukoll il-laqgħa organizzata mal-importaturi tal-vetturi u partijiet interessati oħra sabiex dawn jipprovdu r-rakkomandazzjonijiet tagħhom għall-implimentazzjoni ta' din il miżura. Jibda t-tfassil tal-iskema u l-linji gwida għaliha, b'kunsiderazzjoni wkoll tal-inċentivi simili li diġà jeżistu relatati ma' bdil ta' vetturi li jaħdmu bil-fjuwil għall-elettriku, sabiex din l-iskema toffri sinerġija però distinzjoni mill-inċentivi eżistenti. | Isir it-tfassil tal-iskema u l-linji gwida għaliha, dawn jiġu approvati mill-Bord tal-Malta Enterprise, u mbagħad jinbeda l-proċess ta' notifika għall-approvazzjoni tal-Istate Aid Monitoring Board (SAMB). | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 220 (2022) | Fit-tliet snin li ġejjin ser inkunu qed ninstallaw madwar 1,200 charging point fil-pajjiż kollu. Qed nagħmlu dan għaliex huwa kruċjali li nkomplu naħdmu biex nilħqu l-miri tagħna ta' dikarbonizzazzjoni. | Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti | Beda l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti għal provvisti u xogħlijiet ta' trinek u xogħlijiet ċivili oħra sabiex isiru l-installazzjonijiet ta' madwar 1,200 charging point madwar il-gżejjer Maltin. | Tkompla l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti għal provvisti u xogħlijiet ta' trinek u xogħlijiet ċivili oħra sabiex isiru l-installazzjonijiet ta' madwar 1,200 charging point madwar il-gżejjer Maltin. | Saret revalwazzjoni ta' dan il-proġett u beda l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti ġdida għal servizzi tekniċi bħal perit, inġinier, quantity surveyor, health and safety officer, project management, kif ukoll għal servizzi ta' konsulenza biex jiġi żviluppat master plan għall-infratruttura ta' charging pillars fil-lokalitajiet. Ġew sottomessi stimi sabiex jiġu allokati l-finanzi neċessarji fil-Baġit tas-sena d-dieħla għall-implimentazzjoni tax-xogħlijiet meħtieġa. | Jitlesta l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għas-servizzi tekniċi u master plan, u d-dokumenti relatati jintbagħtu lid-Dipartiment tal-Kuntratti għall-ivvettjar. Il-pubblikazzjoni tas-sejħa tiddependi mill-konferma tal-għoti tal-fondi mill-Ministeru għall-Finanzi. Sadanittant, jitkompla l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti oħra, sabiex isiru x-xogħlijiet ta' installazzjoni ta' 1200 charging points fuq 600 charging pillars madwar Malta u Għawdex, filwaqt li tibda ssir l-identifikazzjoni tas-siti fejn dawn iċ-charging plllars ser jigu installati. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 224 (2022) | Fil-qasam tal-immaniġġjar tal-iskart, ser inkomplu bil-ħidma tagħna fuq il-kullana ta' proġetti multimiljunarji li flimkien jagħmlu l-EcoHive, li huwa l-akbar investiment li qatt sar fl-immaniġġjar tal-iskart ġewwa pajjiżna. Dan permezz tal-impjant tal-Waste to Energy li għal din is-sena qed inżidu wkoll allokazzjoni kapitali oħra biex insaħħu u ntejbu l-infrastruttura li għandha l-kumpanija; dan kollu bħala parti minn proċess ta' ppjanar serju u fit-tul. | Wasteserv Malta Ltd (WSM) | Il-Bord tal-Awtorità tal-Ippjanar (PA) iddeċieda favur l-applikazzjoni Outline għal dan il-proġett propost ta' bini ta' impjant għal Waste to Energy. Wara li ħadd mill-kandidati ma ppreżenta offerta mill-proċess tas-sejħa għall-Best and Final Offer [BaFO], reġa' nħareġ Prior Information Notice (PIN) ġdid filwaqt li ġiet abbozzata sejħa għall-offerti ġdida għall-bini u l-operat tal-Waste-to-Energy Facility. Sadanittant inħarġet sejħa għall-offerti oħra separata, speċifikament għall-iskavar tas-sit u xogħlijiet anċillari, li minnha nkisbu l-offerti, bdew jiġu evalwati, u ntalbu kjarifiki minn xi wħud mill-offerenti dwar l-offerti rispettivi tagħhom. | Ġew ippubblikati l-Pre-Qualification Questionnaire (PQQ) u s-sejħa għall-offerti ġdida għall-bini u l-operat tal-Waste-to-Energy Facility. Għalaq il-perjodu għall-ksib ta' offerti mis-sejħa tal-Pre-Qualification Questionnaire (PQQ), u nbdiet l-evalwazzjoni tal-offerti miksuba. Sadanittant tlestiet l-evalwazzjoni tas-sejħa għall-offerti għall-iskavar tas-sit u xogħlijiet anċillari, u ntgħażel il-kuntrattur għal dan ix-xogħol, li mmobilizza u beda x-xogħol fuq il-ħitan tas-sejjieħ. | Il-kuntrattur tal-iskavar tas-sit kompla x-xogħlijiet ta' tindif u skavar tal-elementi arkeoloġiċi li ġew skoperti taħt il-ħitan tas-sejjieħ. Saret l-evalwazzjoni tal-offerti tal-PQQ miksuba wara li jintalbu xi kjarifiki mill-offerenti, ir-rapport tal-evalwazzjoni ġie ppreżentat lid-Dipartiment tal-Kuntratti u lill-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti [GCC], u tħabbru l-kandidati shortlisted. Dawn il-kandidati mbagħad jiġu mistiedna biex jippreparaw is-soluzzjoni inizjali tagħhom u jingħataw tliet xhur u nofs żmien biex jissottomettuhom. | Ikomplu x-xogħlijiet tal-iskavar tas-sit. Jintlaqgħu s-soluzzjonijiet inizjali, mill-kandidati li ġew magħżula għall-bini u l-operat tal-faċilità, u tibda l-evalwazzjoni tagħhom. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 225 (2022) | Bi sħubija mal-Kunsilli Lokali, ser nibdew nintroduċu smart bins b'aċċess ikkontrollat u b'sorveljanza kontinwa sabiex entitajiet kummerċjali jkunu jistgħu jisseparaw l-iskart f'kull ħin tal-ġurnata. | Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti | Inbeda l-proċess għall-installazzjoni ta' Smart Waste Depots fix-Xlendi u fix-Xagħra f'Għawdex, skont l-ewwel fażi tal-proġett. Sadanittant saret analiżi ta' aktar lokalijiet possibbli fejn jistgħu jsiru żewġ Smart Waste Depots oħra bħala t-tieni fażi tal-proġett u saru diskussjonijiet mal-Kunsilli Lokali konċernati sabiex ikun magħruf l-interess min-naħa tagħhom. Inbeda wkoll l-abbozzar tat-termini ta' referenza għal ħruġ ta' sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet f'siti addizzjonali għal Smart Waste Depots. | Inħarġu l-permessi kollha neċessarji sabiex isiru l-installazzjonijiet tal-Ismart Waste Depots f'Għawdex tal-ewwel fażi tal-proġett. Però, minħabba nuqqas fil-preżent ta' materjal meħtieġ, il-Kunsilli Lokali konċernati talbu li l-proġett ikompli ladarba jasal il-materjal. Sadanittant tkompliet id-diskussjoni dwar l-għażla ta' siti ġodda għat-tieni fażi tal-proġett. | B'diskussjonijiet mal-Kunsilli Lokali konċernati, jiġu identifikati siti ġodda sabiex jiġu installati żewġ smart waste depots oħra bħala t-tieni fażi tal-proġett. | Jigi ffirmat il-Memorandum of Understanding bejn il Ministeru (MEEE) u l-Kunsilli Lokali rispettivi, kif ukoll jiġi ffirmat il-kuntratt bejn dawn il-Kunsilli Lokali u l-kuntrattur, għat-tieni fażi tal-proġett tal-Ismart Waste Depots. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 226 (2022) | Ser tiġi introdotta l-faċilità ta' 'Reuse Centres' fiċ-ċentri tal-iskart goff li ser tippermetti l-użu mill-ġdid ta' oġġetti bħal ġugarelli, ċeramika, kotba u għamara. | Wasteserv Malta Ltd (WSM) | Ġew identifikati ċ-Ċentri tal-Iskart Goff f'Ħal Far, l-Imrieħel u Ħal Luqa f'Malta u fix-Xewkija f'Għawdex bħala l-erba' siti għal 'Reuse Centres', u saru preparamenti ġenerali għall-introduzzjoni ta' dawn il-faċilitajiet, li kienu jinkludu xogħlijiet ta' strutturi, xkaffar u tabelli, kif ukoll issettjar ta' proċeduri u għoti ta' taħriġ. | Tkompliet l-installazzjoni tal-istrutturi fl-erba' faċilitajiet indikati, kif ukoll il-preparazzjoni tal-proċeduri operattivi, taħriġ tal-ħaddiema u xogħlijiet amministrattivi oħra, u nfetaħ l-ewwel 'Reuse Centre' f'Ħal Far. | Tkompliet l-installazzjoni tal-istrutturi fiċ-Ċentri tal-Iskart Goff fl-Imrieħel u f'Ħal Luqa f'Malta u fix-Xewkija f'Għawdex, kif ukoll it- taħriġ tal-ħaddiema u xogħlijiet amministrattivi oħra. | Jinfetħu aktar "Reuse Centres" fl-Imrieħel u Ħal Luqa f'Malta u fix-Xewkija f'Għawdex. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 227 (2022) | Possibbiltà li f'pajjiżna jitwaqqaf 'Repair Centre': Dan huwa post fejn ċertu tagħmir ikun jista' jissewwa u jerġa' jintuża minflok jintbagħat għar-riċiklaġġ. Fuq dan iċ-ċentru se jsir studju tal-fattibilità. Minbarra li jipprovdi għat-tiswijiet, ċentru bħal dan jista' joffri wkoll l-opportunità għat-tpartit ta' oġġetti użati u anke għat-trasformazzjoni ta' oġġetti għal użu alternattiv, kif magħruf aħjar bħala repurposing/ refashioning. | Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti | Saret riċerka dwar iċ-ċentri u l-mudelli ta' Repair u Reuse li jeżistu fi ħdan l-Unjoni Ewropea. Fuq skala lokali, saru diskussjonijiet mal-WasteServ dwar ir-reuse facilities li qed jinħolqu f'ċertu Ċentri tal-Iskart Goff (ara BM226(2022)) u kif dawn il-faċilitajiet għandhom ikunu abbinati mal-kunċett tar-Repair Centre. Permezz ta' proċess ta' sejħa għal kwotazzjonijiet, intgħażel konsulent sabiex jgħin fil-preparazzjoni ta' Termini ta' Referenza (ToRs) għal studju ta' fattibilità dwar l-istabbiliment ta' Repair Centre. | L-abbozzar ta' Termini ta' Referenza (ToRs) għall-fattibilità qed jiġi finalizzat, bi preparazzjoni għall-pubblikazzjoni ta' sejħa għall-offerti għall-istudju ta' fattibilità dwar l-istabbiliment ta' Repair Centre. | Ġiet ippubblikata s-sejħa għall-istudju ta' fattibilità dwar l-istabbiliment ta' Repair Centre, u jinkisbu l-offerti. | Titlesta l-evalwazzjoni tal-offerti miksuba mill-proċess tas-sejħa u jiġu magħżula l-konsulenti għall-istudju ta' fattibilità dwar l-istabbiliment ta' Repair Centre. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | **KWART 1** Jannar - Marzu 2022 | **KWART 2** April - Ġunju 2022 | **KWART 3** Lulju - Settembru 2022 | **KWART 4** Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 228 (2022) | Filwaqt li bħalissa għaddejjin studji sabiex tiġi identifikata l-aktar rotta adegwata għat-tieni cable interconnector ma' Sqallija. Matul l-2022, dawn l-istudji ser jintensifikaw għal diversi surveys dettaljati bħalma huma dawk marittimi, ġeofiżiċi, ġeotekniċi, u ambjentali. | InterConnect Malta (ICM) | Beda studju preliminari sabiex jidentifika l-aħjar kuritur għar-rotta fejn għandu jgħaddi dan il-cable interconnector. Dan l-istudju, li jikkonsisti fi stħarriġ ġeofiżiku u ġeotekniku dettaljat, jinkludi kemm il-parti tal-baħar kif ukoll is-sezzjonijiet tal-art f'Malta u fi Sqallija. Beda wkoll il-proċess sabiex jiġi ingaġġat kuntrattur għall-istħarriġ dwar ir-rotta fil-baħar (PMRS). | Tlesta l-istudju preliminarju biex tiġi identifikata l-aħjar rotta. Inħarġet is-sejħa għall-ingaġġar tal-kuntrattur għall-istħarriġ dwar ir-rotta marittima (PMRS), inkisbu l-offerti, ġew evalwati u ntgħażlet il-kumpanija biex tagħmel dan l-Istħarriġ. Inħarġet sejħa għall-offerti oħra, din għad-disinn u l-istudji "FEED" għall-cable tal-elettriku, inkisbu l-offerti u qed jiġu evalwati. Inbdew il-proċeduri tal-permessi mal-Awtoritajiet Maltin u ħarġu rekwiżiti li għandhom jintlaħqu waqt l-EIA, filwaqt li bdew ukoll diskussjonijiet mal-Awtoritajiet Taljani u Sqallin. Għaldaqstant inħarget sejħa għall-offerti oħra, din sabiex isir l-Environmental Impact Assessment (EIA) tal-Italja. | Beda l-istħarriġ ġeofiżiku, ġeotekniku u ambjentali tar-rotta marittima bejn Malta u l-Italja (PMRS). Ġiet finalizzata l-evalwazzjoni tas-sejħa tal-EIA tal-Italja u jibdew dawn l-studji mill-kuntrattur magħżul, u tiġi ffinalizzata wkoll l-evalwazzjoni tas-sejħa għall-offerti għad-disinn tal-cables, ir-rotta marittima ottimali u r-rotot terrestri (""FEED"") u bdew isiru l-istudji neċessarji. Għalqet is-sejħa sabiex jiġi ingaġġat kuntrattur biex jagħmel l-EIA ta' Malta u ssir l-evalwazzjoni tal-offerti miksuba. | Jitlesta l-istħarriġ tar-rotta marittima ta' fejn il-cable sottomarin jitla' l-art f'Malta u fl-Italja, u jibdew jitfasslu r-rapporti tal-"Post Survey Assessments" mill-kuntrattur tal-PMRS. Jibdew jiġu preparti l-istudji tal-EIA tal-Italja. Jitlestew l-ewwel rapporti tad-disinn tal-cables, ir-rotta marittima ottimali u r-rotot terrestri mill-kuntrattur tal-FEED kif ukoll studji tekniċi dettaljati fuq aspetti elettriċi. Tiġi finalizzata l-evalwazzjoni tas-sejħa għall-offert ghall-EIA ta' Malta u jinbdew l-istudji neċessarji mill-kuntrattur. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 229 (2022) | Bl-avvanzi fit-teknoloġija, l-iżvilupp tal-idroġenu jista' jkun wieħed minn diversi sorsi ta' enerġija nadifa. Wara li assigurajna d-deroga, matul l-2022 ser ikunu qed isiru studji dwar il-fattibilità teknika u finanzjarja ta' trażmissjoni tal-idroġenu b'użu tal-pipeline. | InterConnect Malta (ICM) | Tlesta r-rapport tal-'Gap Analysis' li jindirizza l-istudji li jridu jiġu riveduti fid-disinn tal-pipeline (FEED) biex jippermetti t-trażmissjoni tal-idroġenu. Tlestiet ir-riċerka tas-suq sabiex jiġu identifikati sorsi ta' idroġenu aħdar ġewwa Sqallija u investimenti fi proġetti prospettivi li jistgħu jiġġeneraw dan it-tip ta' gass. Bdiet tiġi analizzata l-ispiża tal-pipeline li jkun jista' jittrażmetti l-idroġenu. | Bdiet ir-reviżjoni fid-disinn tal-pipeline (FEED), skont il-"GAP Analysis" li twettaq, biex jippermetti t-trażmissjoni tal-idroġenu. Tlestiet l-analiżi tal-ispiża riveduta skont id-disinn rivedut tal-pipeline li jkun jista' jittrażmetti l-idroġenu. Bdew jinħadmu l-istima tal-prezz tal-produzzjoni tal-idroġenu aħdar ġewwa Sqallija u l-ammont ottimizzat ta' idroġenu li jista' jiġi trażmess mill-pipeline. | Saret reviżjoni tal-istudji finanzjarji għal "hydrogen ready pipeline," kif ukoll "Scoping Reports" tal-permessi eżistenti ta' Malta u l-Italja, biex fil-futur il-pipeline jkun jista' jopera bl-idroġenu. Jitlestew ir-rapporti tekniċi b'alternattivi ta' kif jista' jiġi ġġenerat l-idroġenu aħdar u l-istimi għal investment u l-operat tagħhom, u tkompli r-reviżjoni fid-disinn tal-pipeline ("FEED") biex jippermetti t-trażmissjoni tal-idroġenu. | Jitlestew ir-rapporti bir-reviżjoni fid-disinn tal-pipeline ("FEED") biex jippermetti t-trażmissjoni tal-idroġenu. Jitfasslu l-Iscoping Reports tal-permessi eżistenti ta' Malta u l-Italja biex fil-futur il-pipeline jkun jista' jopera bl-idroġenu. Jitlestew l-istudji finanzjarji preliminari u tibda fażi ta' konsultazzjoni mar-Regolaturi Maltin u Taljani. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 230 (2022) | Biex intejbu l-kwalità tas-servizz, ser naċċelleraw pjan qawwi ta' investiment fin-network tad-distribuzzjoni tal-Enemalta. Se ninvestu fil-livelli varji ta' vultaġġ u se nkomplu nżidu l-automation fin-network. | Enemalta | Tkomplew ix-xogħlijiet ta' inġinerija ċivili relatati mal-estensjoni taċ-ċentru ta' distribuzzjoni elettrika f'Wied il-Għajn. Saru l-preparamenti preliminari meħtieġa għall-installazzjoni ta' transformer fiċ-ċentru ta' distribuzzjoni fl-Imrieħel, filwaqt li kien qed jiġi manifatturat dan l-apparat barra minn Malta. Saru xogħlijiet fiċ-ċentru ta' distribuzzjoni f'Ħal Tarxien bi tħejjija għall-installazzjoni ta' transformers ġodda. | Beda jintrama l-apparat elettriku ġewwa ċ-ċentru ta' distribuzzjoni f'Wied il-Għajn filwaqt li tkomplew ix-xogħlijiet ta' inġinerija ċivili. Saru testijiet tekniċi fiċ-ċentru ta' distribuzzjoni fl-Imrieħel bi tħejjija għall-installazzjoni tal-apparat, filwaqt li l-apparat ġie mmanifatturat u bdew isirulu l-factory tests qabel ma jintbagħat lejn Malta. Inġiebu t-transformers il-ġodda u twettqu x-xogħlijiet fiċ-ċentru ta' distribuzzjoni f'Ħal Tarxien, bi bdil ta' tliet transformers ta' 30MVA il-wieħed. Saret il-kummissjoni tal-apparat il-ġdid, li nxtegħel kollu u ġie kkonfermat li qed jaħdem tajjeb, u sar operattiv. | Saru x-xogħlijiet neċessarji ta' inġinerija ċivili u jintrema l-apparat fiċ-ċentru ta' distribuzzjoni elettrika f'Wied il-Għajn. Jinġieb u jintrema l-apparat ukoll fiċ-ċentru ta' distribuzzjoni elettrika fl-Imrieħel. Jibda l-ittestjar tal-apparat fil-post, fiż-żewġ ċentri ta' distribuzzjoni rispettivi. | Jitlestew l-ittestjar u l-kummissjoni tal-apparati ġodda fiċ-ċentri ta' distribuzzjoni rispettivi f'Wied il-Għajn u fl-Imrieħel, fejn dawn jinxtegħlu, jiġi konfermat li jaħdmu tajjeb, u jsiru operattivi. B'hekk dawn il-proġetti jkunu finalizzati u din il-miżura tkun ġiet implimentata. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 231 (2022) | Is-sistema ta' kontijiet tad-dawl u l-ilma - Tiġi mħabbra sistema ġdida li hija ġusta għal kulħadd mingħajr ma timpatta b'mod negattiv lill-ebda klijent. Għal dan il-għan ser inbiddlu wkoll il-liġi biex inkunu nistgħu ndaħħlu din is-sistema l-ġdida. | Automated Revenues Management Services (ARMS) | Saru diskussjonijiet mal-istakeholders involuti u bdiet tiġi disinjata sistema ġdida li hi ġusta għal kulħadd mingħajr ma timpatta b'mod negattiv lill-ebda klijent. | Ġie żviluppat is-software għas-sistema, li tkopri kemm dawl kif ukoll ilma, wara li l-bżonnijiet għal dan is-software kienu ġew diskussi u maqbula mal-fornitur. Inbeda l-user acceptance testing tas-software u qed jiġu rranġati aspetti identifikati minn dan l-ittestjar permezz ta' proċess li jieħu kunsiderazzjoni tad-diversi iterazzjonijiet varji possibbli. Ġie abbozzat Avviż Legali sabiex tiġi emendata l-liġi, liema abbozz ġie referut lir-Regulator for Energy and Water Services (REWS) għall-approvazzjoni u qed jigi rivedut sabiex ikopri u jigi ċċarat kull punt relatat ma' konsum u ħlasijiet dovuti. Bdiet tiġi mfassla wkoll kampanja edukattiva ta' informazzjoni lill-pubbliku dwar is-sistema ta' kontijiet. | Kompla l-user acceptance testing tas-software u ġew irranġati aspetti identifikati minn dan l-ittestjar permezz ta' proċess li jieħu kunsiderazzjoni tad-diversi iterazzjonijiet varji possibbli. Ġie abbozzat Avviż Legali sabiex tiġi emendata l-liġi, liema abbozz ġie referut lir-Regulator for Energy and Water Services (REWS) għall-approvazzjoni u qed jigi rivedut sabiex ikopri u jigi ċċarat kull punt relatat ma' konsum u ħlasijiet dovuti. Bdiet tiġi mfassla wkoll kampanja edukattiva ta' informazzjoni lill-pubbliku dwar is-sistema ta' kontijiet. | Jitlesta l-ittestjar tas-software filwaqt li jiġi ppubblikat l-Avviż Legali sabiex tiġi emendata l-liġi. Jitlesta t-tfassil tal-kampanja edukattiva ta' informazzjoni lill-pubbliku dwar is-sistema ta' kontijiet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 232 (2022) | Ser tibda topera l-ewwel reverse osmosis iddisinjata mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, ġewwa Ħondoq ir-Rummien f'Għawdex, b'investiment ta' madwar €11-il miljun. | Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC) | F'Novembru 2021 bdiet topera r-reverse osmosis iddisinjata mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC) ġewwa Ħondoq ir-Rummien f'Għawdex. Dan l-impjant, li għandu kapaċità li jipproduċi 9,000 metru kubu ta' ilma tajjeb għax-xorb kuljum u li hu mgħammar b'pompi energy efficient, hu l-ewwel reverse osmosis tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma f'Għawdex. | | | | Implimentata |
| 233 (2022) | Ser inkomplu bil-proġett biex nestendu n-network tan-New Water.<br><br>(a) Għawdex<br>(b) Tramuntana ta' Malta<br>(ċ) Nofsinhar ta' Malta | Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC) | Komplew ix-xogħlijiet ta' installazjonijiet ġodda sabiex jiġu estiżi n-networks tal-provvista tal-ilma riċiklat mid-drenaġġ għal użu agrikolu, hekk imsejjaħ "new water," f'diversi żoni f'Malta u f'Għawdex li jinkludu: ix-Xagħjra, Ħaż-Żabbar, iż-Żejtun, il-Kalkara, Wied il-Għajn, Marsaxlokk, l-Imġarr, il-Manikata, il-Mellieħa, Kerċem, ix-Xewkija, ix-Xagħra u Għajnsielem. | Komplew ix-xogħlijiet ta' installazjonijiet ġodda sabiex jiġu estiżi n-networks tal-provvista tal-ilma f'diversi żoni f'Malta u f'Għawdex. | Tkomplew ix-xogħlijiet tal-estensjoni tan-New Water network f'Għawdex u fit-Tramuntanta ta' Malta, filwaqt li ngħalqet l-estensjoni tan-New Water network fin-Nofsinhar ta' Malta. | Titlesta l-estensjoni tan-New Water network f'Għawdex filwaqt li jkomplu x-xogħlijiet tal-estensjoni tan-New Water network fit-Tramuntanta ta' Malta bl-intenzjoni li jkunu lesti sa Marzu 2023. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 234 (2022) | Ser inkomplu bit-tisħiħ fis-sistema tad-drenaġġ fit-Tramuntana ta' Malta.<br><br>(a) Jinbeda pjan li għandu jwassal, fuq medda ta' snin, biex isir overhaul tas-sistema għat-tisfija tad-drenaġġ (b) Tisħiħ tas-sistema tad-dreaġġ fit-Tramuntana ta' Malta | Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC) | Sar ivvettjar intern mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma dwar speċifikazzjonijiet imħejjija sabiex isir studju dwar kif għandha tissaħħaħ l-infrastruttura tat-trattament tad-drenaġġ. Ġew abbozzati sejħiet għall-offerti rispettivi għat-tisħiħ tal-main fit-Telgħa tax-Xemxija u għat-tisħiħ tal-main fi Triq San Pawl f'San Pawl il-Baħar. | Saru diskussjonijiet interni kif ukoll ma' esperti fil-qasam, sabiex tittieħed deċiżjoni infurmata dwar l-aħjar pjan ta' konsultazzjoni għal dan il-proġett. Il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma qed taħseb biex tqabbad servizz ta' konsulenza fast-track dwar it-tisħiħ tal-Malta North Plant, u qed jiġi mħejji Memorandum of Understanding f'dan ir-rigward. Is-sejħa għall-offerti għat-tisħiħ tal-main fit-Telgħa tax- Xemxija ser terġa' tiġi ppubblikata wara li l-ewwel waħda ġiet ikkanċellata. Is-sejħa għall-offerti għat-tisħiħ tal-main prinċipali fi Triq San Pawl qed tiġi vvettjata mid-Dipartiment tal-Kuntratti. | Intlaħaq ftehim ma' konsulent sabiex jissoktaw l-istudji meħtieġa għat-tisħiħ tal-infrastruttura għat-tisfija tad-drenaġġ. Għalqet is-sejħa għall-offerti għat-tisħiħ tal-main prinċipali fi Triq San Pawl u tibda l-evalwazzjoni tal-offerti miksuba. | Jitwettaq l-istudju għat-tisħiħ fl-infrastruttura tat-trattament tad-drenaġġ. Tiġi ppubblikata s-sejħa għall-offerti għat-tisħiħ tal-main fit-Telgħa tax-Xemxija, issir l-evalwazzjoni u jintgħażel l-offerent preferut. Titlesta l-evalwazzjoni u jintgħażel l-offerent preferut għat-tisħiħ tal-main prinċipali fi Triq San Pawl. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 235 (2022) | Ser inkomplu bit-tisħiħ fis-sistema tad-drenaġġ fin-Nofsinhar ta' Malta. | Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC) | Sar l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti sabiex tiġi installata sistema biex tgħin issolvi l-problema tal-ilmijiet u drenaġġ fit-Triq is-Sajjieda, il-Marsa. | Id-dokument tas-sejħa għall-offerti beda jiġi vvettjat internament fil-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma qabel ma s-sejħa tiġi ppubblikata. | Tlesta l-ivvettjar intern fil-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, u d-dokument tas-sejħa ntbagħat lid-Dipartiment tal-Kuntratti għal aktar ivvettjar qabel ma tiġi ppubblikata s-sejħa. Il-pjan u d-disinn ta' dan il-proġett huma kkumplikati, anke għall-fatt li s-sistema biex tindirizza l-problema tal-ilmijiet u drenaġġ fi Triq is-Sajjieda fil-Marsa hi intenzjonata li tgħaddi minn Triq Diċembru Tlettax li hi arterja prinċipali tat-traffiku. | Jitlesta l-ivvettjar tad-dokument tas-sejħa għall-offerti mid-Dipartiment tal-Kuntratti u tiġi ppubblikata is-sejħa. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 236 (2022) | It-tisħiħ tal-impjant għat-tisfija ta' drenaġġ f'Sant'Antnin waslu fl-aħħar stadji, u bdew isiru testijiet bi preparazzjoni għall-ikkummissjonat tiegħu. | Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC)" | It-tisħiħ tal-impjant għat-tisfija tad-drenaġġ f'Sant'Antnin bit-testijiet u l-kummissjoni tiegħu, tlestew lejn l-aħħar tal-2021. | | | | Implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 319 (2022) | Permezz tal-miżura tal-COVID Wage Supplement, issalvagwardjajna mal-100,000 impjieg u iktar minn 16,000 kumpanija u negozju u self-employed. Ser naraw li anke fil-fażi ta' rkupru ma nħallux lin-negozji waħedhom u b'hekk ser noħolqu sett ta' inċentivi ġodda. | Malta Enterprise | Kompla jinħareġ il-COVID wage supplement sal-aħħar ta' Mejju 2022, bl-istess kriterji u l-ammonti, skont l-impatt fuq id-dħul tan-negozju rispettiv, li kienu stabbiliti għas-sena ta' qabel. | | | | Implimentata |

# MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL (MFE)

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 5 (2022) | Aġġustament għat-tneħħija mit-taxxa fuq il- pensjonijiet billi jogħla l-massimu ta' dħul minn pensjonijiet għal €14,318. Kif ukoll, koppji b'pensjoni u għandhom b'komputazzjoni ta' miżżewġin ser ikomplu jgawdu minn €3,600, dħul ieħor li jkun eżentat minn ħlas ta' taxxa. | Office of the Commissioner for Revenue (CfR) | Ġew abbozzati l-emendi meħtieġa għall-Avviz Legali 42 tal-2017; Regoli dwar Rimborż tat-Taxxa (Pensjonanti) u ġie ppubblikat Avviż Legali 27 tal-2022 relatat mar-regoli tal-2017 dwar rimborż tat-taxxa (pensjonanti) fit-3 ta' Frar 2017. | | | | Implimentata |
| 41 (2022) | Isiru emendi għal żewġ kategoriji tal-iskema tal-eżenzjonijiet jew traħħis relatati ma' vetturi għal persuni b'diżabilità sabiex iktar persuni bi bżonnijiet speċjali jkunu eliġibbli għal din l-iskema. | Direttorat 'Performance and Evaluation' | L-emendi daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2022. Għall-ewwel darba, il-linji gwida tal-iskema tal-eżenzjonijiet jew traħħis relatati ma' vetturi għal persuni b'diżabilità ġew ippubblikati fuq is-sit elettroniku tal-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol. Kien hemm interess mill-pubbliku, speċjalment fir-rigward tal-eżenzjoni l-ġdida mil-Liċenzja Annwali taċ-Ċirkolazzjoni fuq vetturi b'trażmissjoni Manwali, fit-tielet kategorija (vettura proprjetà ta' ġenituri (carers) tal-persuna b'diżabilità, jew membri tal-familja tal-ewwel grad ta' parentela, jew il-konjuġi ta' din il-persuna b'diżabilità). | | | | Implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 59 (2022) | Tiġi esplorata l-possibilità biex jiġi maħluq fond b'rati vantaġġjuzi u termini ta' pagament iżjed ħfief għal dawk il-koppji bi dħul baxx. | Dipartiment għall-Politika Ekonomika | Kien hemm diskussjonijiet preliminari bejn l-Ministeru għall-Finanzi u Xogħol u l-Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali. Dan kien segwit minn eżerċizzju intern intenzjonat sabiex il-proposta ppreparata mill-konsulent tal-Ministeru tkun assessjata fuq numru ta' dimensjonijiet fosthom is-sostenibbiltà tal-fond, impatt fuq finanzi pubbliċi u l-implikazzjoni mil-lenti ta' adegwatezza. Aktar tard tul l-ewwel kwart, id-Dipartiment għall-Politika Ekonomika ppreżenta s-sejbiet tiegħu fir-rigward tal-proposta li kienu segwiti permezz ta' laqgħat tekniċi mal-konsulent tal-Ministeru bl-għan li jkunu ċċarati numru ta' punti tekniċi pertinenti. | Saru numru ta' taħditiet mal-konsulent tal-Ministeru. Bħala follow-up, id-Dipartiment prepara stimi ġodda skont parametri li ġew maqbula mal-konsulent. Preżentament qed nistennew ir-reazzjoni tal-konsulent. | Saru numru ta' laqgħat fi ħdan il-Ministeru kif ukoll mal-Ministeri għall-Akkomodazzjoni Soċjali sabiex ikun finalizzat id-disinn u l-ippjanar tal-miżura. | Il-miżura titħabbar u tiġi implimentata. | Implimentata |

| | **DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA** | **DIPARTIMENT / ENTITÀ** | **KWART 1** Jannar - Marzu 2022 | **KWART 2** April - Ġunju 2022 | **KWART 3** Lulju - Settembru 2022 | **KWART 4** Ottubru - Diċembru 2022 | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 64 (2022) | Ċensiment tal-Ħiliet tal-Ħaddiema. Dan iċ-ċensiment ser ikun l-ewwel wieħed tax-xorta tiegħu mhux biss f'pajjiżna iżda anke fl-Ewropa b'investiment totali ta' €2 miljun. Biex dan iċ-ċensiment jibqa' aġġornat fil-futur, ser naraw li dan il-proċess ikun wieħed diġitali. | National Statistics Office (NSO) | Ġiet diskussa l-lista finali ta' mistoqsijiet ma' uffiċjali mill-Ministeru għall-Finanzi kif ukoll il-metodoloġija li biha l-pajjiż jista' jkollu statistiċi dettaljati fuq il-ħiliet mill-aktar fis possibbli. Tnieda l-proġett pilota biex tiġi assigurata l-kwalità tal-mistoqsijiet li ser jintużaw f'dan l-istħarriġ. Saru xi tibdiliet fil-kwestjonarju abbażi tal-proġett pilota. | L-NSO għalaq il-kwestjonarju u beda x-xogħol inizjali marbut mal-mod ta' kif ser tinġabar id-data, inkluż is-sistema tal-IT. Tkompla x-xogħol f'dak li għandu x'jaqsam mal-kampanja tal-marketing, kif ukoll id-disinjar tal-branding u tas-sit elettroniku. Beda wkoll xogħol marbut mar-reklutaġġ ta' madwar 350 intervistatur li se jkunu qed jaħdmu mal-NSO sabiex jassistu lill-pubbliku jirrispondi l-kwestjonarju permezz tat-telefown. | Sar l-istħarriġ kemm online, kif ukoll permezz ta' telefonati mill-intervistaturi. Is-supervisors ivverifikaw il-kwalità tal-informazzjoni miġbura. | L-istħarriġ mistenni li jkompli u immedjatament wara tibda l-analiżi. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 65 (2022) | Nibdew nagħmlu awditjar diġitalizzat tal-postijiet tax-xogħol wara t-tlestija taċ-Ċensiment tal-Ħiliet tal-Ħaddiema. | Jobsplus | L-NSO bdiet ix-xogħol tagħha relatat mal-verifika tal-ħiliet tal-impjegati, bi preparazzjoni għall-awditjar tad-diġitalizzazzjoni. | L-NSO kompliet ix-xogħol tagħha relatat mal-verifika tal-ħiliet tal-impjegati, bi preparazzjoni għall-awditjar tad-diġitalizzazzjoni. | L-NSO kompliet ix-xogħol tagħha relatat mal-verifika tal-ħiliet tal-impjegati, bi preparazzjoni għall-awditjar tad-diġitalizzazzjoni. | Jiġu ppubblikati r-riżultati tal-NSO, u jitfasslu l-linji gwidi neċessarji sabiex jinbeda d-digital audit. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 66 (2022) | Jitnieda fond ta' taħriġ ta' €2 miljun, biex l-industrija tkun tista' tħarreġ lill-ħaddiema bi programmi magħmula minnha. Ser isiru laqgħat mal-imsieħba soċjali biex inħaddmu din il-miżura flimkien u niżguraw li tkun ta' suċċess. | Jobsplus | Jobsplus nediet konsultazzjoni regolari ma' għaqdiet ta' min iħaddem biex tidentifika l-bżonnijiet tagħhom. | Jobsplus kompliet bil-konsultazzjoni regolari ma' għaqdiet ta' min iħaddem biex tidentifika l-bżonnijiet tagħhom. | Jobsplus analizzat is-suġġerimenti li rċeviet, sabiex tkun tista' tibda tindirizzahom. | Jobsplus ser tniedi numru ta' korsijiet u inizjattivi wara li saret l-analiżi tas-suġġerimenti u kummenti mingħand min iħaddem. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 67 (2022) | Tingħata €150 f'in-work benefit fis-sena għal dawk il-ħaddiema li għandhom paga bażika li ma taqbiżx l-€20,000, li jaħdmu ħinijiet atipiċi, jiġifieri filgħaxijiet, fi tmiem il-ġimgħa u bix-xift, mal-privat f'dawn is-setturi li ġejjin: akkomodazzjoni u servizzi tal-ikel, servizzi amministrattivi u ta' sapport, manifattura, trasport u ħażna u bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut. Il-ħaddiema jridu jkunu tal-inqas ħadmu sitt xhur matul sena kalendarja f'dawn is-setturi. | Office of the Commissioner for Revenue (CfR) | Ġew identifikati l-kriterji tal-eliġibbiltà għal din il-miżura u ġew identifikati dawk li jħaddmu li joperaw fis-setturi msemmija. | Is-sidien ta' negozji li joperaw f'dawn is-setturi ġew mitluba li jikkonfermaw liema mill-ħaddiema tagħhom jaħdmu ħinijiet atipiċi biex b'hekk titlesta l-lista tal-persuni eliġibbli. | Ingħatat l-informazzjoni lill- Jobsplus dwar il-persuni li ma jeċċedux il-paga bażika ta' €20,000 fis-sena biex b'hekk il-Jobsplus tkun tista' taħdem fuq il-lista finali ta' persuni eliġibbli. Tnieda process ta' outreach ma' dawn il-persuni li huma potenzjalment eliġibbli filwaqt li tkompla l-outreach mas-sidien ta' negozji li joperaw f'dawn is-setturi sabiex ikomplu jikkonfermaw liema mill-ħaddiema tagħhom jaħdmu ħinijiet atipiċi. | Fl-aħħar kwart il-Jobsplus tkun qed tlesti l-lista finali, u tibda l-proċess biex jintbagħtu iċ-ċekkijiet ta' €150 f'in-work benefit (ħinijiet atipiċi) lil dawk il-persuni li jkunu ssodisfaw il-kriterji kollha tal-eliġibilità b'mod sħiħ. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | **DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA** | **DIPARTIMENT / ENTITÀ** | **KWART 1** Jannar - Marzu 2022 | **KWART 2** April - Ġunju 2022 | **KWART 3** Lulju - Settembru 2022 | **KWART 4** Ottubru - Diċembru 2022 | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 68 (2022) | Titnaqqas r-rata tat-taxxa lil dawk il-ħaddiema li l-paga bażika tagħhom ma taqbiżx l-€20,000 fis-sena u li ma għandhomx pożizzjoni maniġerjali, ser jibdew jiġu intaxxati bil-15% fuq l-ewwel €10,000 dħul mill-overtime. | Office of the Commissioner for Revenue (CfR) | Ġie ppubblikat l-Avviż Legali 68 tal-2022 u b'hekk mill-1 ta' Jannar dawn il-ħaddiema bdew jibbenefikaw minn din il-miżura. | | | | Implimentata |
| 69 (2022) | Sabiex ninkoraġixxu l-pensjonanti jibqgħu attivi u jkomplu jaħdmu wara li jilħqu l-età tal-irtirar, f'temp ta' ħames - snin bis-sena d-dieħla tkun l-ewwel waħda, id-dħul mill-pensjoni mhux ser jibqa' jiġi kkalkulat bħala dħul għal fini tat-taxxa. | Office of the Commissioner for Revenue (CfR) | Fil-bidu tas-sena, tlesta il qafas tal-abbozz u saru d-diskussjonijiet interni meħtieġa. F'Marzu ġie ppubblikat l Avviż Legali (LN 98/2022). | | | | Implimentata |
| 70 (2022) | Titnaqqas t-taxxa fuq id-dħul għall-part-timers minn 15% għal 10%. | Office of the Commissioner for Revenue (CfR) | Ġew imfassla l-emendi meħtieġa fl-Att dwar it-Taxxa fuq id-Dħul sabiex jidħlu fl-istadju ta' kumitat tal-Att dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-Baġit. Wara, saru wkoll emendi fir-Regoli dwar il-Part Time u l-FSS sabiex titnaqqas ir-rata tat-taxxa minn 15% għal 10%. Dawn ġew approvati fi Frar 2022. | Ġie ffinalizzat ix-xogħol fis-sistema tal-informatika u t-tibdil fil-formolarju relatat ma' din il-miżura Dawn għandhom jiġu riflessi fis-sistemi tal-informatika tal-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi sa mill-bidu tas-sena d-dieħla, 2023. Lejn l-aħħar ta' din is-sena ser isiru notifiki u reklamar fuq din il-miżura. | Din il-miżura ġiet implimentata bl-emendi fir-Regoli dwar il-Part-tme u l-FSS (S.L. 123.39 u 372.14). Att 7 tas-sena 2022 ippubblikat fit-8 ta' Frar | | Implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 72 (2022) | Żieda fit-Tax Refund - Iċ-ċekk issa ser ikun qed jitla' għal bejn €60 u €140 bl-ogħla rifużjoni tingħata lil dawk bl-aktar dħul baxx. | Office of the Commissioner for Revenue (CfR) | Mat-tħabbir tal-miżura 72, l-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi għamel il-kuntatti meħtieġa mal-MITA, Teżor, Stamperija tal-Gvern u Servizz.gov sabiex tinġabar u jiġi kkordinat dan il-proġett. Minbarra hekk, l-aġenti tas-Servizz.gov ġew imħarrġa kif se jservu ċ-ċittadin f'dan ir-rigward. Minn Jannar sa Marzu 2022 inġabret id-data fejn din ġiet ukoll ivverifikata u l-informazzjoni ntbgħatet lit-Teżor. Fl-ewwel ta' Marzu 2022 ħarġu 243,330 ċekk u għaldaqstant din il-miżura ġiet. | | | | Implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 79 (2022) | Mekkaniżmu għall-għoli tal-ħajja għal familji vulnerabbli - Flimkien mal-partijiet interessati f'dan il-qasam biex nibdew niddiskutu mekkaniżmu ġdid li jaħdem indipendentament mill-COLA f'ċirkostanzi fejn l-inflazzjoni titla' 'l fuq sew. | MFE | | Saret sinteżi tal-konsultazzjoni formali mal-imsieħba soċjali, inkluż il-proposta li saret minnhom. Bdiet l-evalwazzjoni teknika tal-proposti. | Kontinwazzjoni tal-evalwazzjoni tal-mekkaniżmu propost mill-imsieħba soċjali. Evalwazzjoni ta' kundizzjonijiet alternattivi għall-applikazzjoni tal-mekkaniżmu propost. Dan ix-xogħol tekniku preliminarju ġie pprezentat f'laqgħa mal-Ministru. Fil-laqgħa saru xi suġġerimenti oħra għall-evalwazzjoni, inkluż analiżi kontrafattwali tal-proposti, inkluż l-impatt tagħhom fuq il-Gvern u l-impatt fuq diversi gruppi soċjali. | Wara konsultazzjoni mal-partijiet soċjali, huwa mistenni li l-mekkaniżmu jkun imniedi matul l-aħħar kwart tas-sena wara li d-dettalji jiġu mħabbra fid-diskors tal-Baġit għas-sena 2023. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 98 (2022) | Ninċentivaw lill-intrapriżi jinvestu. Sabiex ngħinu lil dawk il-gruppi ta' kumpaniji jirkupraw, qegħdin nintroduċu skema temporanja. Skema li tippermettilhom jieħdu l-benefiċċju minn capital allowances fuq l-investimenti li saru f'dawn l-intrapriżi milquta mill-pandemija u jużawhom favur it-taxxa fuq dħul minn kumpaniji li baqgħu sostenibbli. Dan ifisser li l-benefiċċju tal-capital allowances ser ikun qed jiġi avvanzat. B'hekk jitnaqqsu l-kontijiet tat-taxxa kurrenti bl-effett li nħallu aktar flus li jerġgħu jiġu investiti mill-ġdid fl-ekonomija.<br><br>Għalhekk, gruppi ta' kumpaniji li kellhom capital allowances mhux assorbiti jew mhux użati fis-sena 2020 u 2021 minħabba telf imġarrab fil-pandemija jkunu jistgħu japplikaw għal dan il-benefiċċju ta' tnaqqis fit-taxxa kontra kwalunkwe dħul taxxabbli minn kumpaniji oħra, li jifformaw parti mill-istess grupp, għas-sena 2021 (Sena ta' Assessjar 2022). | Office of the Commissioner for Revenue (CfR) | Saret ħidma intensiva biex tingħata ħajja lil din il-miżura permezz ta' diskussjonijiet fuq l-implimentazzjoni tagħha. Dawn id-diskussjonijet kienu jirrigwardjaw kemm il-parametri ta' din il-miżura kif ukoll it-tibdil fil-liġi meħtieġ. Il-qafas tal-avviż legali ġie ppreparat kif ukoll sar it-tibdil meħtieġ fil-formola tat-taxxa tal-kumpaniji għas-sena ta' stima 2022, permezz ta' anness ġdid li tippermetti ċ-ċessjoni u t-talba għal dan it- tnaqqis permess bejn gruppi ta' kumpaniji hekk imsejħa. | Komplew id-diskussjonijiet minħabba li kienu qed jiġu kkunsidrati tibdiliet fil-parametri tal-miżura li kienu jirrigwardjaw kemm l-iskop ta' gruppi ta' kumpaniji li jistgħu jibbenefikaw minn dan it-tnaqqis permess, kif ukoll l-ammont tal-benefiċċju li kien ħa jingħata għal kull grupp ta' kumpaniji. Meta dan kien stabbilit, ġie finalizzat l-avviż legali u għadda għall-pubblikazzjoni. Sadanittant, il-formola tat-taxxa tal-kumpaniji ġiet maħruġa għall-użu u ġiet ippreparata nota ta' gwida fuq din il-miżura ta' kif u meta għandha tintuża. | Fil-15 ta' Lulju 2022 ġie ppubblikat l-Avviż Legali 205 tal-2022 - Regoli dwar Tnaqqis għal Grupp (Taxxa fuq id-Dħul). | | Implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 102 (2022) | Riforma fis-sistema ta' maħfra ta' mgħax u penalitajiet - B'effett mill-1 ta' Ġunju 2022, ir-rata ta' mgħax fuq bilanċi tat-taxxa tad-dħul u tal-VAT ser tkun ta' 7.2% fis-sena. | Office of the Commissioner for Revenue (CfR) | Daħlet fis-seħħ il-miżura sabiex togħla r-rata ta' mgħax bil-pubblikazzjoni tal-Avviż Legali 99 tal-2022 - Regoli tal-2022 dwar Aġġustament tal-Imgħax u Taxxa Addizzjonali li ġiet ippubblikata f'Marzu tal-2022. Wara dan sar l-ittestjar meħtieġ fuq is-sistemi tat-taxxa iżda kien hemm tibdil fl-aħħar ħin fejn ġie deċiż li l-miżura għandha tidħol fis-seħħ mill-1 ta' Settembru 2022. Minħabba dan ser joħorġu Avviżi Legali ġodda. | Tkompla l-ittestjar tas-sistema. | Wara li ġie kkomunikat it-tibdil mixtieq, ġew abbozzati żewġ avviżi legali ġodda. Twettaq ukoll it-tibdil meħtieġ fis-sistemi tal-IT. B'hekk, il-miżura issa ġiet implimentata bis-sħiħ. | | Implimentata |
| 114 (2022) | Fl-aħħar xhur pajjiżna beda jilleġiżla fuq kunċett ġdid biex jikseb il-potenzjal sħiħ tal-ibħra tiegħu. Bl-introduzzjoni taż-Żona Ekonomika Esklussiva ser nibdew nesploraw opportunitajiet fuq il-baħar bħall-enerġija rinovabbli fost oħrajn. | Continental Shelf Department | Tħejja l-abbozz għall-konsultazzjoni preliminari tas-suq u saru konsultazzjonijiet ma' diversi entitajiet tal-Gvern qabel ma jiġi ppubblikat. | Id-dokument għall-konsultazzjoni preliminari tas-suq ġie ppubblikat fil-bidu ta' Mejju. Il-perjodu ta' pubblikazzjoni huwa sal-aħħar ta' Settembru. | Pubblikazzjoni ta' kjarifiki li qed jintalbu minn investituri interessati waqt li qegħdin iħejju l-proposti tagħhom. Sottomissjoni ta' proposti minn investituri interessati sal-aħħar ta' Settembru. It-twaqqif ta' bord ta' evalwazzjoni biex jaġġudika l-proposti li ser jiġu rċevuti. | Issir evalwazzjoni mill-bord ta' evalwazzjoni tal-proposti rċevuti minn investituri u l-bord jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu lill-Ministeru sabiex jiġi stabbilit għal liema attivitajiet fiż-Żona Ekonomika Esklussiva ser toħroġ sejħa għall-offerti. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 115 (2022) | It-twettiq ta' inizjattivi fundamentali msemmija fil-pjan strateġiku għas-settur tas-servizzi finanzjarji ta' Malta - Is-simplifikazzjoni tal-Proċessi Regolatorji u l-Arkitettura Istituzzjonali. | | | | | Wara konsultazzjoni wiesgħa mal-industrija, ser jiġi ffinalizzat il-Pjan Strateġiku għas-settur tas-servizzi finanzjarji ta' Malta. Dan il-pjan se jixpruna numru ta' inizjattivi fosthom is-simplifik-azzjoni tal-Proċessi Regolatorji u l-Arkitettura Istituzzjonali, il-binja fil-fond tal-Infrastruttura Nazzjonali għal Ħlas ta' Pagamenti, il-Konsolidazzjoni tal-Immaniġġjar tal-Identità, it-twaqqif ta' kumitat li Jirriforma l-Liġi għas-Servizzi Finanzjarji, l-Immodernizzar tal-Istruttura tat-Taxxi f'Malta, u l-Inkoraġġiment tat-Talenti fis-Servizzi Finanzjarji. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 116 (2022) | Fl-aħħar xhur pajjiżna beda jilleġiżla fuq kunċett ġdid biex jikseb il-potenzjal sħiħ tal-ibħra tiegħu. Bl-introduzzjoni taż-Żona Ekonomika Esklussiva ser nibdew nesploraw opportunitajiet fuq il-baħar bħall-enerġija rinovabbli fost oħrajn. | Continental Shelf Department | Tħejja l-abbozz għall-konsultazzjoni preliminari tas-suq u saru konsultazzjonijiet ma' diversi entitajiet tal-Gvern qabel ma jiġi ppubblikat. | Id-dokument għall-konsultazzjoni preliminari tas-suq ġie ppubblikat fil-bidu ta' Mejju. Il-perjodu ta' pubblikazzjoni huwa sal-aħħar ta' Settembru. | Pubblikazzjoni ta' kjarifiki li qed jintalbu minn investituri interessati waqt li qegħdin iħejju l-proposti tagħhom. Sottomissjoni ta' proposti minn investituri interessati sal-aħħar ta' Settembru. It-twaqqif ta' bord ta' evalwazzjoni biex jaġġudika l-proposti li ser jiġu rċevuti. | Issir evalwazzjoni mill-bord ta' evalwazzjoni tal-proposti rċevuti minn investituri u l-bord jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu lill-Ministeru sabiex jiġi stabbilit għal liema attivitajiet fiż-Żona Ekonomika Esklussiva ser toħroġ sejħa għall-offerti. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | **DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA** | **DIPARTIMENT / ENTITÀ** | **KWART 1** Jannar - Marzu 2022 | **KWART 2** April - Ġunju 2022 | **KWART 3** Lulju - Settembru 2022 | **KWART 4** Ottubru - Diċembru 2022 | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 117 (2022) | It-twettiq ta' inizjattivi fundamentali msemmija fil-pjan strateġiku għas-settur tas-servizzi finanzjarji ta' Malta - Il-Konsolidazzjoni tal-Immaniġġjar tal-Identità. | | | | | Wara konsultazzjoni wiesgħa mal-industrija, qed jiġi ffinalizzat il-Pjan Strateġiku għas-settur tas-servizzi finanzjarji ta' Malta. Dan il-pjan se jixpruna numru ta' inizjattivi fosthom is-simplifikazzjoni tal-Proċessi Regolatorji u l-Arkitettura Istituzzjonali, il-binja fil-fond tal-Infras-truttura Nazzjonali għal Ħlas ta' Pagamenti, il-Konsolidazzjoni tal-Immaniġġjar tal-Identità, it-twaqqif ta' kumitat li Jirriforma l-Liġi għas-Servizzi Finanzjarji, l-Immodernizzar tal-Istruttura tat-Taxxi f'Malta, u l-Inkoraġġiment tat-Talenti fis-Servizzi Finanzjarji. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 118 (2022) | It-twettiq ta' inizjattivi fundamentali msemmija fil-pjan strateġiku għas-settur tas-servizzi finanzjarji ta' Malta - It-twaqqif ta' kumitat li Jirriforma l-Liġi għas-Servizzi Finanzjarji. | | | | | Wara konsultazzjoni wiesgħa mal-industrija, ser jiġi ffinalizzat il-Pjan Strateġiku għas-settur tas-servizzi finanzjarji ta' Malta. Dan il-pjan se jixpruna numru ta' inizjattivi fosthom is-simplifikazzjoni tal-Proċessi Regolatorji u l-Arkitettura Istituzzjonali, il-binja fil-fond tal-Infrastruttura Nazzjonali għal Ħlas ta' Pagamenti, il-Konsolidazzjoni tal-Immaniġġjar tal-Identità, it-twaqqif ta' kumitat li Jirriforma l-Liġi għas-Servizzi Finanzjarji, l-Immodernizzar tal-Istruttura tat-Taxxi f'Malta, u l-Inkoraġġiment tat-Talenti fis-Servizzi Finanzjarji. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 119 (2022) | It-twettiq ta' inizjattivi fundamentali msemmija fil-pjan strateġiku għas-settur tas-servizzi finanzjarji ta' Malta - L-Immodernizzar tal-Istruttura tat-Taxxi f'Malta. | | | | | Wara konsultazzjoni wiesgħa mal-industrija, ser jiġi ffinalizzat il-Pjan Strateġiku għas-settur tas-servizzi finanzjarji ta' Malta. Dan il-pjan se jixpruna numru ta' inizjattivi fosthom is-simplifik-azzjoni tal-Proċessi Regolatorji u l-Arkitettura Istituzzjonali, il-binja fil-fond tal-Infrastruttura Nazzjonali għal Ħlas ta' Pagamenti, il-Konsolidazzjoni tal-Immaniġġjar tal-Identità, it-twaqqif ta' kumitat li Jirriforma l-Liġi għas-Servizzi Finanzjarji, l-Immodernizzar tal-Istruttura tat-Taxxi f'Malta, u l-Inkoraġġiment tat-Talenti fis-Servizzi Finanzjarji. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | **DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA** | **DIPARTIMENT / ENTITÀ** | **KWART 1** Jannar - Marzu 2022 | **KWART 2** April - Ġunju 2022 | **KWART 3** Lulju - Settembru 2022 | **KWART 4** Ottubru - Diċembru 2022 | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 120 (2022) | It-twettiq ta' inizjattivi fundamentali msemmija fil-pjan strateġiku għas-settur tas-servizzi finanzjarji ta' Malta - L-Inkoraġġiment tat-Talenti fis-Servizzi Finanzjarji. | | | | | Wara konsultazzjoni wiesgħa mal-industrija, ser jiġi ffinalizzat il-Pjan Strateġiku għas-settur tas-servizzi finanzjarji ta' Malta. Dan il-pjan se jixpruna numru ta' inizjattivi fosthom is-simplifikazzjoni tal-Proċessi Regolatorji u l-Arkitettura Istituzzjonali, il-binja fil-fond tal-Infrastruttura Nazzjonali għal Ħlas ta' Pagamenti, il-Konsolidazzjoni tal-Immaniġġjar tal-Identità, it-twaqqif ta' kumitat li Jirriforma l-Liġi għas-Servizzi Finanzjarji, l-Immodernizzar tal-Istruttura tat-Taxxi f'Malta, u l-Inkoraġġiment tat-Talenti fis-Servizzi Finanzjarji. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 127 (2022) | Sabiex inkomplu ninċentivaw l-investiment mis-settur privat fi proġetti ħodor li jixpurnaw ekonomija aktar sostenibbli, ser inkunu qegħdin nestendu l-eliġibbiltà tal-SME Tailored Facility maħruġa mill-Bank Malti għall-Iżvilupp sabiex din tibda tinkludi wkoll self għal proġetti sostenibbli u ambjentali mis-settur privat innifsu.<br><br>Permezz ta' din il-miżura, dawn in-negozji ser ikunu jistgħu jibbenifikaw minn self b'rati attraenti sa massimu ta' €5 miljun. B'din il-miżura ser ikun qed jiġi aġevolat b'mod tanġibbli l-investiment dirett mis-settur privat fi proġetti li jixprunaw tkabbir ekonomiku sostenibbli u fuq kollox il-ħolqien ta' Green jobs għall-ħaddiema Għawdxin u Maltin. | Bank Malti għall-Iżvilupp | L-iskema tinsab fis-seħħ u d-dettalji, it-termini u l-kundizzjonijiet jinsabu fuq is-sit elettroniku tal-Bank Malti għall-Iżvilupp. | | | | Implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 129 (2022) | Konċessjoni għat-trasferiment ta' negozji tal-familja - Estiża l-konċessjoni fuq it-tnaqqis fit-taxxa tal-boll minn 5% għal 1.5% meta negozji tal-familja jiġu trasferiti intervivos lill-ulied u ġenerazzjonijiet iżgħar. | Capital Transfer Duty | Ġie ppubblikat l-Avviż Legali 460 tal-2021 li jestendi l-eżenzjonijiet (Att dwar it-taxxa fuq dokumenti u trasferimenti). | | | | Implimentata |
| 135.1 (2022) | Għal proprjetajiet li ilhom mibnija għal aktar minn għoxrin sena u huma vakanti għal aktar minn seba' snin, għal proprjetajiet li huma f'UCA u għal dawk il-proprjetajiet ġodda li jinbnew bi stil u arkitettura tipika u tradizzjonali Maltija, ser inkunu qed inneħħu t-taxxa tal-Capital Gains u t-taxxa tal-boll b'mod komplut fuq l-ewwel €750,000 tal-prezz tal-proprjetà. Irridu naraw proprjetajiet bil-gallariji u faċċati sbieħ u b'wirt Malti, il-bieb tipiku Malti u rridu naraw riġenerazzjoni ta' dawk il-proprjetajiet antiki u mitluqa. Din il-miżura tgħodd ukoll għal min bħalissa għandu l-konvenju u għadu ma għalaqx il-kuntratt.<br><br>135.1 Dan il-komponent jirrigwardja d-dazju. | Office of the Commissioner for Revenue (CfR) | Ġie ppubblikat l-Avviż Legali 461 tal-2021 dwar Ħelsien mit-Taxxa fuq id-Dħul u mit-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti fuq ċerti trasferimenti ta' proprjetà f'Novembru 2021. | Ġie ppubblikat l-Avviż Legali 122 tal-2022 li jemenda l-ordni dwar eżenzjoni mit-taxxa għal finijet tal-artikolu 23 f'April 2022. | | | Implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 135.2 (2022) | Għal proprjetajiet li ilhom mibnija għal aktar minn għoxrin sena u huma vakanti għal aktar minn seba' snin, għal proprjetajiet li huma f'UCA u għal dawk il-proprjetajiet ġodda li jinbnew bi stil u arkitettura tipika u tradizzjonali Maltija, ser inkunu qed inneħħu t-taxxa tal-Capital Gains u t-taxxa tal-boll b'mod komplut fuq l-ewwel €750,000 tal-prezz tal-proprjetà. Irridu naraw proprjetajiet bil-gallariji u faċċati sbieħ u b'wirt Malti, il-bieb tipiku Malti u rridu naraw riġenerazzjoni ta' dawk il-proprjetajiet antiki u mitluqa. Din il-miżura tgħodd ukoll għal min bħalissa għandu l-konvenju u għadu ma għalaqx il-kuntratt.<br><br>135.2 Dan il-komponent jirrigwardja l-CAP 123. | Office of the Commissioner for Revenue (CfR) | L-Avviż Legali Nru 461/2021- regoli tal-2021 dwar ħelsien mit-taxxa fuq id-Dħul u mit-taxxa fuq dokumenti u trasferimenti fuq ċerti trasferimenti ta' proprjetà li ġie ppubblikat fis-26 ta' Novembru 2021 u l-Avviż Legali Nru 11/2022, regoli tal-2022 li jemendaw ir-regoli dwar ħelsien mit-taxxa fuq id-dħul u mit-taxxa fuq dokumenti u fuq ċerti trasferimenti ta' proprjetà. Liġi Sussidjarja 364.19. | | | | Implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 136 (2022) | Ħelsien tat-taxxa fuq bejgħ u xiri ta' proprjetà vakanti jew f'UCA jew bi stil tradizzjonali - First time-buyers ta' proprjetajiet li ilhom mibnija għal aktar minn għoxrin sena u huma vakanti għal aktar minn seba' snin, għal proprjetajiet li huma f'UCA u għal dawk il-proprjetajiet ġodda li jinbnew bi stil u arkitettura tipika u tradizzjonali Maltija ser jirċievu għotja ta' €15,000. | Office of the Commissioner for Revenue (CfR) | Ġie ppubblikat l-Avviż Legali Nru 461 tal-2021 dwar ħelsien mit-taxxa fuq id-dħul u mit-taxxa fuq dokumenti u fuq ċerti trasferimenti ta' proprjetà. | Ġie ppubblikat l-Avviż Legali 122 tal-2022 li jemenda l-ordni dwar eżenzjoni mit-taxxa għal finijet tal-artikolu f'April 2022. | | | Implimentata |
| 137 (2022) | First-time buyers ta' proprjetajiet li ilhom mibnija għal aktar minn għoxrin sena u huma vakanti għal aktar minn seba' snin, għal proprjetajiet li huma f'UCA u għal dawk il-proprjetajiet ġodda li jinbnew bi stil u arkitettura tipika u tradizzjonali Maltija ġewwa Għawdex ser jirċievu għotja bil-valur doppju, jiġifieri €30,000. Din il-miżura hija importanti biex inħeġġu iżjed żgħażagħ u koppji Għawdxin jibnu l-futur tagħhom f'Għawdex. | Budget Affairs Division | Ġiet imnedija l-Għotja għall-First Time Buyers, permezz tal-Avviż tal-Gvern Numru 1605, ippubblikat fuq il-Gazzetta tal-Gvern numru 20,748. | | | | Implimentata |

| | **DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA** | **DIPARTIMENT / ENTITÀ** | **KWART 1** Jannar - Marzu 2022 | **KWART 2** April - Ġunju 2022 | **KWART 3** Lulju - Settembru 2022 | **KWART 4** Ottubru - Diċembru 2022 | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 138 (2022) | Għal dawk li ser jixtru jew li diġà għandhom proprjetajiet li ilhom mibnija għal aktar minn għoxrin sena u huma vakanti għal aktar minn seba' snin, għal proprjetajiet li huma f'UCA u għal dawk il-proprjetajiet ġodda li jinbnew bi stil u arkitettura tipika u tradizzjonali Maltija ser tingħata wkoll għotja fuq il-valur tal-VAT imħallas sa massimu ta' €54,000 għal fuq l-ewwel €300,000 fi spejjeż ta' restawr u rfinar għax nifhmu li r-riġenerazzjoni ta' dawn it-tip ta' proprjetajiet tiswa iżjed mill-medja u l-Gvern kommess li jgħin. Din tgħodd ukoll għal min diġà xtara proprjetà u għaddej bir-restawr. | Budget Affairs Division | Ġiet imnedija l-Għotja fuq Restawr, u Rfinar ta' Proprjetajiet Privati Residenzjali, permezz tal-Avviż tal-Gvern Numru 1604, ippubblikat fuq il-Gazzetta tal-Gvern numru 20,748. | | | | Implimentata |
| 139 (2022) | Estensjoni għal sena oħra tal-iskema ta' tnaqqis fit-taxxa tal-boll għall-first-time buyers. | Capital Transfer Duty | Ġie ppubblikat l-Avviż Legali 460 tal-2021 li jestendi l-Eżenzjonijiet (Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti). | | | | Implimentata |

| | **DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA** | **DIPARTIMENT / ENTITÀ** | **KWART 1** Jannar - Marzu 2022 | **KWART 2** April - Ġunju 2022 | **KWART 3** Lulju - Settembru 2022 | **KWART 4** Ottubru - Diċembru 2022 | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 140 (2022) | Estensjoni għal sena oħra l-iskema ta' tnaqqis fit-taxxa tal-boll għas-second time buyers. | "Office of the Commissioner for Revenue (CfR) " | Ġie ppubblikat l-Avviż Legali 460 tal-2021 li jestendi l-Eżenzjonijiet (Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti). | | | | Implimentata |
| 141 (2022) | Estensjoni għal sena oħra l-iskemi ta' tnaqqis fit-taxxa tal-boll għal xiri ta' proprjetà f'Għawdex. | Capital Transfer Duty | Ġie ppubblikat l-Avviż Legali 460 tal-2021 li jestendi l-Eżenzjonijiet (Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti). | | | | Implimentata |
| 142 (2022) | Jintemmu l-miżuri li kienu eżistenti sabiex jittaffa l-impatt tal-pandemija fuq dan is-settur u ser jintemmu hekk kif kien stipulat, jiġifieri f'Ġunju tal-2022. | Office of the Commissioner for Revenue (CfR) | Baqgħu fis-seħħ il-miżuri msemmija fl-Avviż Legali 240 tal-2020, liema miżuri ġew estiżi permezz tal-Avviż Legali 130 tal-2021, u l-Avviż Legali 324 tal-2021. | Baqgħu fis-seħħ il-miżuri msemmija fl-Avviż Legali 240 tal-2020, liema miżuri ġew estiżi permezz tal-Avviż Legali 130 tal-2021, u l-Avviż Legali 324 tal-2021. | | | Implimentata |
| 213 (2022) | Se tiġi estiża l-iskema fejn qed tingħata għotja ekwivalenti għal rifużjoni sħiħa tal-VAT fuq roti u roti elettroniċi, ser terġa' tiġi estiża. | Budget Affairs Division | L-iskema tal-Għotja ta' Darba fuq Xiri ta' Rota u Rota Pedelec' ġiet imġedda bis-saħħa tan-notifika tal-Gvern Nru 1602, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru 12,987 tal-10 ta' Diċembru 2021. | | | | Implimentata |

| | **DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA** | **DIPARTIMENT / ENTITÀ** | **KWART 1** Jannar - Marzu 2022 | **KWART 2** April - Ġunju 2022 | **KWART 3** Lulju - Settembru 2022 | **KWART 4** Ottubru - Diċembru 2022 | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 273 (2022) | Il-Kultura u l-Arti - Ir-rata ta' taxxa tad-dħul għall-artisti ser tkun ta' 7.5% u ser tkun tapplika mis-sena bażi tal-2022. | Office of the Commissioner for Revenue (CfR) | L-emendi meħtieġa fl-Att dwar it-Taxxa tfasslu u ġew implimentati permezz ta' Att Nru VII tal-2022, ippubblikat fit-8 ta' Frar 2022. | | | | Implimentata |
| 274 (2022) | Il-Kultura u l-Arti - Għal fini ta' taxxa tad-dħul tal-artisti, ser indaħħlu mekkaniżmu li jistabbilixxi d-dħul tal-artisti fuq medja ta' tliet snin. | Office of the Commissioner for Revenue (CfR) | Il-mekkaniżmu li permezz tiegħu jiġi stabbilit id-dħul tal-artisti fuq medja ta' tliet snin ġie diskuss internament, mal-Ministeru għall-Finanzi u Impjieg, kif ukoll mal-Kunsill Malti għall-Arti li kellhom jinfurmaw iżjed lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni dwar l-intenzjonijiet wara din il-miżura. | L-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni analizza l-fattibilità ta' din il-miżura, filwaqt li ntalbet direzzjoni mill-Ministeru għall-Finanzi dwar kif se jipproċedi l-Kummissarju. | Is-sitwazzjoni dwar il-fattibilità ta' mekkaniżmu li jistabbilixxi d-dħul tal-artisti kompliet tiġi studjata, f'konsultazzjoni mal-Kunsill Malti għall-Arti. | Ser tkun qed tittieħed deċiżjoni finali dwar il-fattibilità tal-mekkaniżmu. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ,
IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI (MEYR)

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 40 (2022) | Tingħata għotja b'medja ta' €10,000 fis-sena lil kull kap ta' skola tal-istat mill-kinder sas-sekondarja b'nefqa ta' €1 miljun, u jekk hemm bżonn din tiżdied, biex jaraw li t-tfal taħt is-superviżjoni tagħhom ma jkunux neqsin minn affarijiet bħall-ikel jew riżorsi bażiċi. Ser naraw li dawn il-flus ikunu disponibbli. | Direttorat għal Servizzi Edukattivi | Beda jiltaqa' Grupp ta' Ħidma u beda l-abbozzar tal-linji gwida għad-distribuzzjoni ta' dawn il-fondi lill-iskejjel u l-kriterji tal-eliġibilità għall-benefiċjarji. Saret analiżi tal-benefiċjarji ta' Skema 9 u ġie stabbilit li din l-iskema ser tkun qed tissupplimenta Skema 9 fejn meħtieġ.<br><br>Ġew ikkalkulati l-fondi li kull skola għandha tiġi allokata skont il-popolazzjoni u skont il-livell ta' użu tal-fondi ta' Skema 9. | Ġie ffinalizzat l-abbozzar tal-linji gwida u saru diskussjonijiet mal-union li tirrappreżenta lill-kapijiet tal-iskola u uffiċjali oħrajn li ser ikunu qed iħaddmuha.<br><br>Ġie ffurmat grupp ta' professjonisti li ser ikunu qed isegwu l-implimentazzjoni. | Komplew il-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma u sar seminar ta' informazzjoni għall-kapijiet tal-iskejjel. Saru wkoll laqgħat ma' servizz.gov u customer care sabiex ikunu aġġornati bil-proċeduri. | Mistenni tibda titħaddem l-iskema, jingħata s-sapport meħtieġ lill-kapijiet tal-iskejjel u jibda jsir l-monitoraġġ tat-tħaddim tal-iskema. | Implimentata |
| 43 (2022) | Investiment biex aktar skejjel ikollhom Autism Units. B'hekk jitkabbar l-għarfien għat-tagħlim tal-lingwa tas-sinjali, anki fost l-istess studenti u l-edukaturi. | Servizzi Nazzjonali ta' Sapport għall-Iskejjel (NSSS) | Saru laqgħat fl-iskejjel flimkien mal-perit u ġew identifikati l-klassijiet li ser jiffurmaw parti mill-Autism Unit. Saru l-pjanti mal-perit u Occupational Therapists sabiex jiġi determinat kif ser jitqassmu l-kmamar u l-apparat fihom. Ġew identifikati l-għamara u l-apparat li jridu jinxtraw għall-kmamar. | Ġiet abbozzata sejħa għall-offerti sabiex jiġu mgħammra l-kmamar.<br><br>Ġie evalwat u identifikat it-taħriġ speċifikament relatat mal-awtiżmu li ser jingħata lill-għalliema u lil-Learning Support Educators (LSEs) fil-bidu tas-sena skolastika.<br><br>Ġew identifikati l-istudenti li ser jibbenefikaw mill-Autism Units. | Wara l-pubblikazzjoni tas-sejħa għall-offerti, saret l-evalwazzjoni tal-offerti rċevuti, ntgħażel l-offerent preferut u bdew ix-xogħlijiet neċessarji fil-kmamar li jiffurmaw parti mill-Autism Units.<br><br>Intgħażlu l-edukaturi li ser ikunu qed joperaw fl-Autism Units u ngħataw it-taħriġ. | Mistennija jibdew jattendu l-ewwel studenti fl-Autism Units ġodda fl-iskejjel magħżula. | Implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 44 (2022) | "Issir ħidma sabiex fuq medda ta' snin naraw li dawk is-servizzi li bħalissa qed jingħataw lil dawn l-istudenti sakemm ikunu jattendu l-edukazzjoni obbligatorja, jibqgħu jingħataw lil dawk l-istudenti li jkomplu bl-istudji tagħhom wara l-edukazzjoni post sekondarja. " | Direttorat għal Servizzi Edukattivi | Inħatar grupp ta' ħidma sabiex ikun responsabbli mill-implimentazzjoni ta' din il-miżura u janalizza l-potenzjal tal-istudenti, skemi ta' finanzjar (skont l-istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla) u prattiċi eżistenti. Ġie evalwat il-progressjoni tal-livell ta' sapport lill-istudenti minn sena għal sena biex tinħadem stima ta' sapport li jkun meħtieġ. Ġew identifikati l-partijiet interessati konċernati li jistgħu jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni ta' din il-miżura. | Komplew id-diskussjonijiet u l-ġbir ta' informazzjoni. Beda l-abbozzar ta' rapport intern għall-konsultazzjoni. | Tlesta l-abbozzar tar-rapport u saret konsultazzjoni mal-entitajiet involuti. Beda x-xogħol fuq strateġija ta' implimentazzjoni. Bdiet ukoll diskussjoni dwar il-proċess ta' traċċar tal-istudenti bi statement biex jiġu stabbiliti numru ta' benefiċċji potenzjali. | Mistenni jkompli x-xogħol fuq l-istrateġija u tkompli d-diskussjoni dwar il-proċess ta' traċċar tal-istudenti bi statement biex jiġu stabbiliti numru ta' benefiċċji potenzjali kif ukoll jibda studju flimkien mad-Direttorat għar-Riċerka, Tagħlim tul il-Ħajja u Impjegabbiltà fuq każi eżistenti ta' studenti li jeħtieġu l-għajnuna u 'study coaching.' | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 74 (2022) | Jiġi estiż s-servizz taċ-childcare b'xejn għal dawk il-ħaddiema li jaħdmu filgħaxijiet, fi tmiem il-ġimgħa u bix-xifts. | Fondazzjoni għal Servizzi Edukattivi (FES) | Saret riċerka sabiex biex jiġi ppreparat pjan ta' marketing taċ-ċentri fejn qed jiġi ppjanat il-ħin estiż u ġiet stabbilita data proviżorja ta' meta tibda din il-kampanja. Saru kuntatti mal-media houses sabiex isir il-marketing meħtieġ.<br><br>Bdew id-diskussjonijiet mal-union involuta minħabba oġġezzjonijiet li saru għal estensjoni tal-ħinijiet li jmorru lil hinn minn dak miftiehem fil-ftehim kollettiv. | Kompla l-proċess ta' negozjati u l-union ressqet l-osservazzjonijiet tagħha għall-proposti tal-Fondazzjoni u ntlaħaq qbil fil-prinċipju u l-kuntrattur magħżul ġie notifikat.<br><br>Saret reviżjoni tal-operat taċ-childcares sabiex isiru r-rakkomandazzjonijiet meħtieġa għal titjib fl-effettività u l-effiċjenza ta' dawn is-servizzi.<br><br>Bdew tħejjijiet għat-tieni fażi li tikkonsisti minn sejħa interna ta' interess mal-klijenti eżistenti dwar l-estens jonijiet, kummissjoni ta' studju biex tiġi pproġettata l-vijabiltà tal-estensjoni fis-snin li ġejjin u kampanja ta' marketing għas-servizz estiż. | Saret sejħa interna ta' interess mal-klijenti eżistenti dwar l-estensjonijiet proposti. Sar studju biex tiġi proġettata l-vijabilità tal-estensjoni. Bdiet kampanja ta' marketing għas-servizz estiż. | Mistennija tiġi mnedija l-estensjoni tas-servizz f'Ottubru 2022 u tkompli l-kampanja ta' informazzjoni. | Implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 80 (2022) | Stipendji tal-istudenti kollha jiżdiedu b'10%. | Dipartiment għall-Istrateġija u s-Sapport | Inħadmet iż-żieda ta' 10% fuq l-istipendji varji tal-korsijiet kollha u sar ix-xogħol amministrattiv kollu. Din iż-żieda kienet riflessa fl-istipendju li nħareġ fi Frar. | | | | Implimentata |
| 81 (2022) | Stipendju lill-istudenti anke jekk jaħdmu sa massimu ta' 25 siegħa fil-ġimgħa. | Dipartiment għall-Istrateġija u s-Sapport | Sar it-tibdil neċessarju fl-avviżi legali rispettivi u nkisbet l-approvazzjoni tal-Justice Unit. L-emendi tal-avviżi legali ġew approvati mill-Kabinett u ppubblikati. Beda x-xogħol intern sabiex din il-miżura tidħol fis-seħħ retrospettivament mill-1 ta' Ottubru 2021. | | | | Implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 82 (2022) | Isir investiment biex jiżdied in-numru ta' studenti li jsibu placements ta' apprentistat mas-settur privat. Ser isir investiment biex dawn l-istudenti jkunu aktar attrezzati b'laboratorji u faċilitajiet fejn ikunu jistgħu jitħarrġu fit-teknoloġija u ħiliet li s-setturi ekonomiċi jkunu jinħtieġu. | Malta College for Arts, Science and Technology (MCAST) | Tkompliet il-komunikazzjoni mal-industrija u għaqdiet li jirrappreżentaw l-industrija, rigward placements ta' apprentistat fis-Settur Privat fejn ingħatat informazzjoni u gwida dwar l-iskema. Komplew jintlaqgħu l-applikazzjonijiet taħt l-iskema u ġew proċessati aktar pagamenti. | Komplew il-laqgħat mal-industrija lokali.<br><br>Id-Dipartiment tal-Apprentistat ħa sehem ukoll f'diversi konferenzi sabiex jintlaħqu kumpaniji lokali bil-għan li iktar apprentisti jkollhom l-opportunità li jissieħbu ma' kumpaniji fuq apprentistat kif ukoll fi programmi televiżivi u tar-radju sabiex iwassal l-informazzjoni meħtieġa dwar l-iskema tal-Apprentistat.<br><br>Ġew identifikati studenti li kienu għadhom mingħajr apprentistat u ngħataw għajnuna sabiex isibu post fejn jakkwistaw il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa. | Komplew diversi laqgħat mal-industrija lokali. Komplew jiġu pproċessati l-applikazzjonijiet pendenti. | Mistennija jkomplu jiġu pproċessati l-applikazzjonijiet pendenti. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 83 (2022) | Tidħol fis-seħħ il-liġi l-ġdida li tirregola u tkompli ssaħħaħ l-istatus tal-professjoni tal-edukaturi. Din għandha twassal biex tagħti status aktar professjonali lill-edukaturi kollha, inkluż lill-KGEs u lil-LSEs, irrispettivament f'liema livell ta' edukazzjoni jgħallmu. | Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti | Daħlu fis-seħħ l-aħħar klawsoli tal-Att dwar l-Edukazzjoni. | | | | Implimentata |
| 84 (2022) | Flimkien mal-Università ta' Malta, l-MCAST u l-Istitut għall-Edukazzjoni, se naraw li jissokta l-programm ta' mentoring li jingħata lill-għalliema li jkunu għadhom kif gradwaw, u jkomplu jiżdiedu l-korsijiet biex kull edukatur ikun jista' jissokta bit-taħriġ professjonali kontinwu tul il-karriera tiegħu jew tagħha. | Direttorat għal Servizzi Edukattivi | Bdew laqgħat ta' ħidma mal-partijiet interessati konċernati dwar it-titjib meħtieġ fil-korsijiet u l-istrateġija li hemm bżonn biex jittejjeb il-proċess tal-mentoring. | Komplew il-laqgħat tal-kumitat ta' ħidma biex jitfassal pjan biex jissaħħaħ il-programm ta' żvilupp professjonali fil-Mentoring. Ġie abbozzat pjan mill-kumitat ta' ħidma.<br><br>Bdiet u ntemmet kampanja promozzjonali internament dwar dmirijiet ta' mentoring u korsijiet offruti. | Komplew il-laqgħat tal-Kumitat ta' Ħidma. | Mistennija jkomplu l-laqgħat tal-Kumitat ta' Ħidma u jibda jingħata CPD fuq il-mentoring. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | **DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA** | **DIPARTIMENT / ENTITÀ** | **KWART 1** Jannar - Marzu 2022 | **KWART 2** April - Ġunju 2022 | **KWART 3** Lulju - Settembru 2022 | **KWART 4** Ottubru - Diċembru 2022 | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Ġie ffinalizzat il-programm immirat għal Kapijiet tad-Dipartimenti (Heads of Departments - HoDs) u Senior Management Teams (SMTs) dwar il-mentoring.<br><br>Infetħu l-applikazzjonijiet għall-Continuous Professional Development (CPD) fuq il-mentoring li għandu jibda f'Ottubru.<br>Infetħu wkoll l-applikazzjonijiet għall-Postgraduate Certificate in Educational Mentoring mill-Università ta' Malta; kors sponsorjat mill-Ministeru bil-għan li jiżdied in-numru eżistenti ta' mentors. | | | Implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 85 (2022) | Eżamijiet tas-SEC fl-istess skejjel fejn kienu jattendu l-istudenti. | Dipartiment tal-Eżamijiet | Saru diskussjonijiet ma' diversi partijiet interessati fosthom skejjel li mhux tal-Istat dwar l-implimentazzjoni ta' din il-miżura. Ġew ġenerati u assenjati numri tal-indiċi tal-kandidati. Il-kandidati bdew jiġu assenjati fi klassijiet f'diversi ċentri b'tali mod li l-kandidati tal-iskejjel indikati jkunu fl-iskola li fiha għamlu l-istudji tagħhom. Ingħata t-taħriġ lis-supervisors, invigilators u lill-ħaddiema tekniċi. Iċ-ċentri kollha tal-eżamijiet ġew imħejjija għall-eżamijiet bl-apparat meħtieġ. | Intbagħtu l-iskedi lill-kandidati u lill-ħaddiema li jkunu fiċ-ċentri tal-eżamijiet. Sar ukoll reklutaġġ ta' invigilators u ħaddiema oħrajn meħtieġa għal dawn l-eżamijiet sabiex jilqa' għall-bżonnijiet speċifiċi li kellna fiċ-ċentri tal-eżamijiet din is-sena, partikolarment fejn jikkonċerna kandidati bi bżonnijiet differenti. Id-Dipartiment se jkun qed jiġbor il-feedback mill-partijiet ikkonċernati sabiex isir l-ippjanar għas-sessjoni ta' Mejju 2023. | | | Implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 86 (2022) | Fejn jidħol it-tagħlim tax-Xjenza, it-Teknoloġija, l-Inġinerija u l-Matematika, ser ikomplu jitjiebu l-faċilitajiet biex jingħata l-ogħla livell ta' tagħlim. Għalhekk, se nibdew programm ta' modernizzar u investiment ta' apparat modern ġo 180 laboratorju tax-xjenza li jinsabu fl-iskejjel tagħna. | Directorate for Learning Assessment Programmes | Twaqqaf Grupp ta' Ħidma magħmul mid-Direttorat tal-Kurrikulu u Direttorat tal-Istrateġija u Appoġġ.<br><br>Saret analiżi profonda ta' laboratorji/klassijiet meħtieġa għas-suġġetti STEM li għandhom jiġu koperti f'dan il-proġett.<br><br>Ġiet preparata lista tal-laboratorji eżistenti skont kull kulleġġ, skola u suġġett ta' STEM.<br><br>Beda eżerċizzju biex jiġi identifikat kemm qed jiġu użati l-laboratorji mill-għalliema. Minn dan l-eżerċizzju ser jiġu identifikati kemm hemm bżonn jiġu ppjanati laboratorji ġodda jew jiġu mmodernizzati oħrajn b'apparat li jaqdi l-karrieri tal-futur. | Ġew evalwati l-laboratorji tax-Xjenza preżenti u ġie abbozzat rapport għall-grupp ta' ħidma.<br><br>Ġew abbozzati l-ħtiġijiet meħtieġa għas-suġġetti rispettivi mis-sotto-kumitati u dawn ġew ippreżentati lill-grupp ta' ħidma għal skopijiet ta' evalwazzjoni. | Saret l-evalwazzjoni tal-ħtiġijiet u beda l-abbozzar ta' dokument dwar ix-xogħol u r-riżorsi meħtieġa fl-iskejjel. | Mistenni jkompli l-abbozzar ta' dokument dwar ix-xogħol u r-riżorsi meħtieġa fl-iskejjel u jiġi ppreżentat il-pjan ta' ħidma lill-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1<br>Jannar - Marzu 2022 | KWART 2<br>April - Ġunju 2022 | KWART 3<br>Lulju - Settembru 2022 | KWART 4<br>Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 87 (2022) | Titjib fl-infrastruttura tan-network diġitali fl-iskejjel tal-istat. Dan biex jippermetti li nkunu nistgħu nużaw l-aħħar teknoloġija li teżisti f'dan il-qasam. | Unit għall-Immaniġġjar tr6detal-Informazzjoni | Saru diskussjonijiet mal-partijiet konċernati dwar it-tqassim tax-xogħol għal dan il-proġett. Ġie deċiż li għalissa ma tintużax it-teknoloġija tan-networks tal-5G. | Saret laqgħa mal-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada dwar it-tfassil ta' sejħa għall-offerti għal dan il-proġett. Bdew xogħlijiet minn kuntrattur magħżul taħt sejħa għall-offerti oħra fl-iskola tan-Nadur, Rabat Middle School u s-Sekondarja u fuq il-Gozo Main Campus. | Komplew ix-xogħlijiet fl-iskejjel identifikati u beda l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti għat-titjib fl-infrastruttura tan-network u internet fl-iskejjel tal-Istat. | Mistenni jitlesta l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għat-titjib fl-infrastruttura tan-network u internet fl-iskejjel tal-Istat, tiġi ppubblikata din l-istess sejħa u wara li tagħlaq issir l-evalwazzjoni tal-offerti rċevuti u jintgħażel l-offerent preferut. Jitkomplew ix-xogħlijiet fl-iskejjel identifikati. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 88 (2022) | Modernizzar u Estensjonijiet ta' Skejjel - Ser ninvestu biex intejbu l-infrastruttura, bħall-provvista tal-elettriku, biex inkomplu ninvestu f'titjib bħall-arja kundizzjonata fl-iskejjel. | Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada (FTS) | Bdew studji preliminari fuq uħud mill-iskejjel tal-istat sabiex jiġi analizzat il-potenzjal ta' titjib fl-infrastruttura tal-iskejjel kif ukoll provvediment ta' arja kundizzjonata. | Tkomplew jitħejjew l-istudji neċessarji preliminari fuq parti mill-iskejjel tal-istat sabiex jiġi analizzat il-potenzjal ta' titjib fl-infrastruttura tal-iskejjel kif ukoll provvediment ta' arja koudizzjonata. Beda l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti għal sistemi ta' arja kundizzjonata fl-iskejjel ta' Ħandaq Middle u Secondary Schools fost oħrajn. | Tkomplew jitħejjew l-istudji neċessarji preliminari fuq parti mill-iskejjel tal-Istat sabiex jiġi analizzat il-potenzjal ta' titjib fl-infrastruttura tal-iskejjel kif ukoll provvediment ta' arja kundizzjonata.<br><br>Tlesta l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għal sistemi ta' arja kundizzjonata u ġiet ippubblikata. | Mistennija tagħlaq is-sejħa għall-offerti għal sistemi ta' arja kundizzjonata u tibda l-evalwazzjoni tal-offerti rċevuti. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 89 (2022) | Ser ikompli l-bini ta' skola ġdida fl-Imsida. | Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada (FTS) | Komplew ix-xogħlijiet li nbdew fl-2021.<br><br>Tħejjew id-dokumenti neċessarji għar-rikjesta lid-Dipartiment tal-Kuntratt wara l-approvazzjoni meħtieġa mill-Kabinett.<br><br>Inkisbet l-approvazzjoni mid-Dipartiment tal-Kuntratti għat-talba ta' proċedura negozjata mal-kuntrattur skont it-termini tal-Memorandum approvat. Bdew it-taħditiet mal-kuntrattur u l-periti fuq it-tiswijiet u x-xogħol ta' kostruzzjoni.<br><br>Ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti għall-M&Es u wara li għalqet saret l-evalwazzjoni tal-offerti rċevuti. | Komplew it-taħditiet mal-kuntrattur u l-periti rigward it-tiswijiet meħtieġa kif ukoll ix-xogħol ta' kostruzzjoni inkluż dak tal-estensjoni tal-parkeġġ f'livell -1.<br><br>Tħejjew il-pjanti neċessarji għall-applikazzjoni mal-Aworità tal-Ippjanar.<br>Ġiet sottomessa l-applikazzjoni għall-permess għall-estensjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar.<br><br>Inkiseb il-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar u beda x-xogħol ta' tqattigħ għall-estensjoni tal-parkeġġ f'livell -1. | Komplew ix-xogħlijiet neċessarji. | Mistennija jitkomplew ix-xogħlijiet neċessarji. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 90 (2022) | Ser ikompli l-bini ta' skola ġdida fir-Rabat, Għawdex. | Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada (FTS) | Beda x-xogħol ta' skavar kif ukoll tindif tal-farmhouse taħt is-sorveljanza tal-Sovratendenza għall-Wirt Kulturali f'żona oħra tal-proġett. | Tlesta l-iskavar u t-tindif tal-farmhouse, filwaqt li saru taħditiet mal-Awtorità tal-Ippjanar dwar il-proċess ta' ridisinjar tal-pjanti biex jakkomodaw il-fdalijiet arkeoloġiċi.<br><br>Beda x-xogħol ta' kostruzzjoni taħt is-sorveljanza tas-Sovratendenza għall-Wirt Kulturali. | Kompla x-xogħol ta' kostruzzjoni taħt is-sorveljanza tas-Sovratendenza għall-Wirt Kulturali. | Mistennija jitkompla x-xogħol ta' kostruzzjoni taħt is-sorveljanza tas-Sovratendenza għall-Wirt Kulturali. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 91 (2022) | Ser isir proġett ta' modernizzar fl-iskola ta' Ħal Qormi | Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada (FTS) | Ġiet ippubblikata sejħa għall-offerti għall-installazzjoni tal-mobile toilets. | Bdew it-taħditiet mal-amministrazzjoni tal-iskola u mal-kuntrattur dwar it-tisbiħ, l-alterazzjonijiet strutturali kif ukoll l-estensjoni tal-iskola. | Komplew it-taħditiet mal-amministrazzjoni tal-iskola u mal-kuntrattur dwar it-tisbiħ, l-alterazzjonijiet strutturali kif ukoll l-estensjoni tal-iskola. | Mistennija jkomplu t-taħditiet mal-amministrazzjoni tal-iskola u mal-kuntrattur dwar it-tisbiħ, l-alterazzjonijiet strutturali kif ukoll l-estensjoni tal-iskola. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 92 (2022) | Ser isir proġett ta' modernizzar fl-iskola tal-Mellieħa | Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada (FTS) | Saru diskussjonijiet mal-periti dwar dan il-proġett ta' modernizzar filwaqt li komplew il-proċeduri mal-Awtorità tal-Ippjanar. | Tkomplew it-taħditiet mal-Awtorità tal-Ippjanar għall-permess relattiv u sar id-disinn preliminari tal-pjanti relattivi. Ħareġ il-permess meħtieġ u beda l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għall-iskavar tas-sit fejn ser issir l-entensjoni tal-iskola. | Tlesta l-abbozzar fuq t-tender tas-sejħa għall-offerti għall-iskavar tas-sit fejn ser issir l-entensjoni tal-iskola u din is-sejħa ġiet ippubblikata. | Mistennija li tagħlaq is-sejħa għall-offerti għall-iskavar u tibda l-evalwazzjoni tal-offerti rċevuti. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 93 (2022) | Ser isir proġett ta' modernizzar fl-iskola ta' Ħal Għaxaq. | Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada (FTS). | Ġiet abbozzata sejħa għall-offerti għall-immodernizzar u l-estensjoni tal-iskola ta' Ħal Għaxaq u ġiet ippubblikata.<br>Wara li għalqet is-sejħa għall-offerti, saret l-evalwazzjoni l-offerti rċevuti u ħadd mill-offerenti ma nstab li kien konformi. | Reġgħet ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti għall-immodernizzar u l-estensjoni tal-iskola ta' Ħal Għaxaq u wara li għalqet bdiet l-evalwazzjoni tal-offerti rċevuti. | Tlestiet l-evalwazzjoni tal-offerti rċevuti għas-sejħa għall-offerti għall-immodernizzar u l-estensjoni tal-iskola ta' Ħal Għaxaq, intgħażel l-offerent preferut u ġie ffirmat il-kuntratt mal-kuntrattur rebbieħ. | Mistenni jsir ix-xogħol preparatorju għall-estensjoni, rinovar u mmodernizzar tal-iskola. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 94 (2022) | Ser isiru proġetti ta' modernizzar f'numru ta' skejjel f'Għawdex.<br><br>(a) In-Nadur<br>(b) Iż-Żebbuġ | Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada (FTS). | Ġiet ippubblikata sejħa għall-offerti għall-estensjoni, rinovar u modernizzar tal-iskola primarja tan-Nadur u wara li għalqet bdiet l-evalwazzjoni tal-offerti rċevuti.<br><br>Saru l-pjanti għall-immodernizzar tal-iskola taż-Żebbuġ u bdew jiġu abbozzati l-BOQs. L-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għall-estensjoni, rinovar u modernizzar tal-iskola primarja taż-Żebbuġ intbagħat għall-ivvettjar meħtieġ. | Tlestiet l-evalwazzjoni tal-offerti rċevuti għas-sejħa għall-offerti għall-estensjoni, rinovar u modernizzar tal-iskola primarja tan-Nadur, intgħażel l-offerent preferut u ġie ffirmat il-kuntratt. Saru diskussjonijiet mal-kuntrattur dwar ix-xogħlijiet meħtieġa u beda x-xogħol ta' rinovazzjoni.<br><br>L-ipproċessar tas-sejħa għall-offerti għall-estensjoni, rinovar u modernizzar tal-iskola primarja taż-Żebbuġ ġie sospiż sakemm tingħata direzzjoni. | Kompla x-xogħol ta' rinovazzjoni fl-iskola tan-Nadur. | Ser jitkompla x-xogħol ta' rinovazzjoni fl-iskola tan-Nadur. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 95 (2022) | It-tnedija ta' programm ġdid imsejjaħ 'Go to Market.' Dan il-programm għandu l-għan li jilħaq il-qofol ta' livell ta' teknoloġija avvanzata sabiex din tiġi kkummerċjalizzata kemm fis-suq lokali kif ukoll f'dak internazzjonali. | Malta Council for Science and Technology, Research and Innovation Department | Ġie mfassal stħarriġ dwar tipi diversi ta' teknoloġija avvanzata li tista' tkun fis-suq kummerċjali u ġie ċċirkolat mal-partijiet li potenzjalment jistgħu jkunu interessati fil-programm. L-informazzjoni miġbura ġiet analizzata.<br><br>Saru diskussjonijiet sabiex tiġi esplorata l-possibbiltà ta' finanzjament mal-Malta Development Bank (MBD). Ir-riżultati miġbura mill-istħarriġ ġew mgħoddija lill- MBD u saret diskussjoni dwar l-użu tal-'Go to Market' bħala skema sekondarja għall-iskema 'Guarantee Facility for Loans to SMEs' amministrata mill-MDB. | Beda jiġi abbozzat rapport biex iservi bħala bażi ta' ftehim bejn l-MCST u l-MDB. Tfasslet il-proċedura dwar kif ser titħaddem l-iskema bejn MCST u MDB u ġiet iċċirkolata għad-diskussjoni. Il-partijiet interessati ġew identifikati u saru diversi sessjonijiet ta' konsultazzjoni. | Ġiet iffinalizzata l-iskema għal żviluppaturi f'din it-teknoloġija speċifikata u avvanzata u ntbagħtet lill-Istate Aid Monitoring Board. | Mistennija tingħata risposta dwar is-sottomissjoni lill-Istate Aid Monitoring Board u jiġi ffirmat l-Memorandum ta' Understanding mal-MDB. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 96 (2022) | Permezz tal-iskema 'Horizon Support Measures' ser niffaċilitaw il-parteċipazzjoni ta' riċerkaturi u entitajiet Maltin fl-isfruttar ta' fondi mill-Programm Horizon Europe u ninkoraġġixxu aktar parteċipazzjoni.<br><br>L-iskema se tinqasam f'erbgħa:<br>PF2MT - taħriġ għal post-docs<br>Horizon Networking - appoġġ għal avvenimenti ta' networking<br>EIC Support - tassisti lill-SMEs Maltin biex itejbu l-proposti tagħhom taħt il-Programm EIC<br>ERC Support - tgħin lir-riċerkaturi biex jipparteċipaw fil-Programm ERC. | Malta Council for Science and Technology/ Framework Programme Unit | Tħejjew id-dokumenti għas-sejħa għall-applikazzjonijiet għall-Postdoctoral Fellowship to Malta (PF2MT).<br><br>Saru diskussjonijiet mal-Bord ta' Monitoraġġ tal-Għajnuna mill-Istat għall-gwida tagħhom dwar l-iskema Horizon Networking.<br><br>Saret reviżjoni tad-dokumenti tal-iskema European Innovation Council (EIC) sabiex jiġu alinjati mal-programm ta' ħidma u s-sejħiet tal-EIC taħt Horizon Europe. Baqgħet miftuħa l-iskema ta' appoġġ u saru laqgħat ma' applikanti potenzjali. | Infetħet is-sejħa għall-applikazzjonijiet għall-PF2MT u bdew jiġu rċevuti l-applikazzjonijiet mingħand ir-riċerkaturi. Ġie pjanat it-taħriġ filwaqt li l-applikanti kollha ġew evalwati għall-eliġibilità.<br><br>Ġew ivvettjati d-dokumenti dwar l-iskema Horizon Networking mill-Istate Aid Monitoring Board. Ġiet imnedija l-iskema u bdiet promozzjoni ma' partijiet interessati varji.<br><br>Ġiet irċevuta applikazzjoni għall-EIC, ġiet evalwata u ngħatat l-għotja u l-entità ssottomettiet il-proposta tagħha għall-Horizon Europe.<br><br>Fetħet l-iskema ERC bi tliet dati ta' skadenza. Sal-ewwel data tal-għeluq ġew irċevuti żewġ applikazzjonijiet. | Saret sessjoni ta' taħriġ taħt PF2MT u ġie pproċessat l-ewwel pagament.<br><br>Kompliet tiġi promossa l-iskema Horizon Networking ma' parteċipanti potenzjali.<br><br>Saret l-evalwazzjoni u proċess ta' għażla għall-finanzjament għall-iskemi EIC U ERC. | Mistenni jkompli l-ipproċessar tal-pagamenti taħt PF2MT.<br><br>Tkompli tiġi promossa l-iskema Horizon Networking ma' parteċipanti potenzjali.<br><br>Jiġi finalizzat il-proċess ta' għażla għall-finanzjament għall-iskemi EIC U ERC. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 262 (2022) | Sport Malta ser tkompli tinvesti f'aktar faċilitajiet sportivi fosthom il-pixxina ta' daqs olimpiku f'Bormla. | SportMalta | Komplew ix-xogħlijiet fuq it-tielet fażi ta' dan il-proġett li huma relatati mal-kostruzzjoni ta' din il-pixxina. | Komplew ix-xogħlijiet fuq it-tielet fażi ta' dan il-proġett li huma relatati mal-kostruzzjoni ta' din il-pixxina. | Komplew ix-xogħlijiet fuq it-tielet fażi ta' dan il-proġett li huma relatati mal-kostruzzjoni ta' din il-pixxina. | Mistennija li jiġu fi tmiemhom ix-xogħlijiet fuq it-tielet fażi ta' dan il-proġett li huma relatati mal-kostruzzjoni ta' din il-pixxina. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 263 (2022) | Sport Malta ser tkompli xogħol fuq il-pitch tal-waterpolo f'Wied il-Għajn. | SportMalta | Il-Qorti ddeċiedet li l-permess għal dan il proġett jiġi rtirat u kien hemm stennija dwar linji gwida ta' kif dan il-proġett ħa jiġi implimentat. | Ġie rikonoxxut sit ġdid u l-periti bdew jippreparaw structural survey tas-sit sabiex jitħejja brief u l-ispejjeż involuti. | Ġie finalizzat l-istructural survey ta' dan is-sit u tlestew il-brief u l-spejjeż involuti. | Mistennija jsiru d-diskussjonijiet meħtieġa biex tittieħed deċiżjoni dwar dan il-proġett. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 264 (2022) | Sport Malta ser tkompli xogħol fuq il-pitch tal-waterpolo fil-Belt. | Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti | Saru diversi laqgħat sabiex jiġu esplorati l-possibilitajiet legali jekk il-Gvern jistax jagħti l-għajnuna meħtieġa lill-Klabb. | Komplew id-diskussjonijiet legali sabiex tiġi mħejjija Memorandum lill-Kabinett biex tinkiseb direzzjoni politika. | Komplew id-diskussjonijiet legali sabiex tiġi mħejjija Memorandum lill-Kabinett biex tinkiseb direzzjoni politika. | Ser jitkomplew id-diskussjonijiet legali sabiex tiġi mħejjija Memorandum lill-Kabinett biex tinkiseb direzzjoni politika. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 266 (2022) | Ser isir ground tal-futbol ġdid għall-Imsida St Joseph. | SportMalta | Ġiet sottomessa l-applikazzjoni għall-iżvilupp lill-Awtorità tal-Ippjanar. | Kompla l-ipproċessar tal-applikazzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar. | Kompla l-ipproċessar tal-applikazzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar. | Ser jitkompla l-ipproċessar tal-applikazzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | **DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA** | **DIPARTIMENT / ENTITÀ** | **KWART 1** Jannar - Marzu 2022 | **KWART 2** April - Ġunju 2022 | **KWART 3** Lulju - Settembru 2022 | **KWART 4** Ottubru - Diċembru 2022 | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 267 (2022) | Għad-dilettanti tal-qdif, SportMalta ser tinvesti wkoll f'rowing tank nazzjonali iżda wkoll biex ikun jista' jsir it-taħriġ ta' dan l-isport Nazzjonali. | SportMalta | Wara li ġie deċiż li dan il-proġett ser isir fl-MCAST, bdew laqgħat mal-perit tal-MCAST u l-perit tal-Ministeru għall-Infrastruttura u Trasport f'isem SportMalta dwar dan il-proġett. Beda l-abbozzar ta' proposta dettaljata dwar dan il-proġett. | Kompla l-abbozzar tal-proposta dettaljata dwar dan il-proġett. | Ġiet iffinalizzata l-proposta u bdew jitħejjew il-pjanti għal dan il-proġett. Ġiet sottomessa l-applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar. | Mistenni li jitlestew il-pjanti għal dan il-proġett, jinħareġ il-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar u jibda l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għax-xogħol ta' kostruzzjoni. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 270 (2022) | Ikomplu l-preparamenti biex fl-2023, Malta tospita l-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar. | SportMalta | Wara li ġiet finalizzata l-evalwazzjoni tal-offerti għall-bini ta' Squash Courts u Weightlifting Centre, ġie ffirmat il-kuntratt mal-offerent rebbieħ u beda x-xogħol fuq id-disinn tal-istruttura. Tkomplew ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni fuq is-sit taċ-Ċentru Nazzjonali tat-Tennis. | Kompla x-xogħol fuq id-disinn tal-istruttura tal-bini ta' Squash Courts u Weightlifting Centre u beda x-xogħol ta' mmobilizazzjoni fuq il-faċilità.<br><br>Tkompla x-xogħol ta' kostruzzjoni fuq is-sit taċ-Ċentru Nazzjonali tat-Tennis. | Kompla x-xogħol ta' kostruzzjoni u ta' M&Es marbuta mal-bini ta' Squash Courts u Weightlifting Centre.<br><br>Tkompla x-xogħol ta' kostruzzjoni fuq is-sit taċ-Ċentru Nazzjonali tat-Tennis. | Mistenni jkompli x-xogħol ta' M&Es marbuta mal-bini ta' Squash Courts u Weightlifting Centre.<br><br>Mistenni jsir xogħol ta' dwal fis-sit taċ-Ċentru Nazzjonali tat-Tennis. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 271 (2022) | F'dawn l-aħħar jiem ġie varat il-pjan għall-faċilità tal-motorsport b'investiment ta' €20 miljun u b'kollaborazzjoni mal-Malta Motorsport Collaboration. | Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti | Saru diskussjonijiet bejn il-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol u SportMalta dwar l-iffinanzjar tal-proġett u sar l-iffirmar bejn l-NSDF u SportMalta. | Bdiet it-tħejjija għax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni li jikkonċernaw it-trakka tal-kwart ta' mil. | Kompliet it-tħejjija għax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni li jikkonċernaw it-trakka tal-kwart ta' mil. | Mistennija tkompli t-tħejjija għax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni li jikkonċernaw it-trakka tal-kwart ta' mil. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 272 (2022) | Se nkomplu nestendu l-faċilitajiet provduti fil-Kumpless tal-Marsa sabiex jakkomoda ċentru tal-ġinnastika fejn l-atleti jkunu jistgħu jwettqu t-taħriġ tagħhom b'faċilitajiet adegwati u siguri. Dan il-proġett ser ikompli jibni fuq diversi inizjattivi u proġetti sabiex l-atleti lokali jkollhom faċilitajiet tal-ogħla livell. | SportMalta | Tkompla x-xogħol ta' kostruzzjoni fuq dan il-proġett. | Tkompla x-xogħol ta' kostruzzjoni fuq dan il-proġett. | Tkompla x-xogħol ta' kostruzzjoni fuq dan il-proġett. | Mistenni jitkompla x-xogħol ta' kostruzzjoni u jibdew ix-xogħlijiet ta' servizzi u finatura. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 320 (2022) | Investiment biex aktar skejjel ikollhom magni Braille. B'hekk jitkabbar l-għarfien għat-tagħlim tal-lingwa tas-sinjali, anki fost l-istess studenti u l-edukaturi. | Servizzi Nazzjonali ta' Sapport għall-Iskejjel (NSSS) | Ġew identifikati l-istudenti li jistgħu jibbenefikaw mill-Braillers. Saret riċerka fuq tipi differenti ta' braillers u l-mudelli li jistgħu jkunu ta' benefiċċju għall-istudenti identifikati. Beda l-proċess tax-xiri meħtieġ. | Ġew abbozzati l-ispeċifikazzjonijiet u beda l-proċess biex tingħata l-approvazzjoni għax-xiri tan-nuċċalijiet minħabba li t-tipi ta' Braillers huma speċifiċi. Ingħatat l-approvazzjoni għax-xiri u saret komunikazzjoni mal-fornituri fuq ix-xiri tal-Braillers. | Ġew ordnati l-braillers. | Mistennija jibdew jaslu l-braillers u jibdew jitqassmu fl-iskejjel. | Implimentata |

MINISTERU GĦAX-XOGĦLIJIET
PUBBLIĊI U L-IPPJANAR (MPWP)

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 143 (2022) | Is-sena d-dieħla ser tkun sena li ser tara l-pubblikazzjoni tal-abbozz ta' dak imsejjaħ 'Document F' li perit juża biex iħejji l-pjanta tal-Building Envelope u li abbażi tiegħu inġinier iħejji l-pjanti tal-Building Services għall-istess post. Dan ser iwassal biex ladarba jkun konkluż u approvat, il-bini tagħna jibda jaħli inqas enerġija. | Awtorità għall-Bini u l-Kostruzzjoni (BCA) | Saru diversi laqgħat ma' partijiet interessati partikolari biex jindirizzaw il-ħtiġijiet tar-rendiment tal-enerġija fil-bini fi mkejjen mhux residenzjali. | Ingħalqu diversi diskussjonijiet ma' partijiet interessati dwar ir-rendiment tal-enerġija fil-bini u nbeda proċess intern dwar kif tali dokument jista' jiġi infurzat. | Ġie diskuss il-feedback miġbur mid-diskussjonijiet tax-xhur ta' qabel u tibda r-reviżjoni tal-abbozz. | Ġie diskuss il-feedback miġbur mid-diskussjonijiet tax-xhur ta' qabel u tibda r-reviżjoni tal-abbozz. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 144 (2022) | Jitnieda l-ewwel kodiċi tal-Bini fir-rigward ta' xogħlijiet ta' twaqqigħ, skavar u bini li ser jinkorpora fih attenzjoni partikolari li jirrigwardja Drittijiet ta' Terzi. | Awtorità għall-Bini u l-Kostruzzjoni (BCA) | Saru diversi laqgħat fi ħdan il-BICC ma' stakeholders partikolari speċjalment il-Kamra tal-Periti li talbet diversi spjegazzjonjiet. | Bdew jinkitbu dokumenti ta' gwida għal xogħol ta' twaqqigħ, skavar u bini mill-esperti mqabbda biex jiktbu l-kodiċi. | Jitkomplew jinkitbu d-dokumenti ta' gwida dwar il-bini. | Jitkomplew jinkitbu d-dokumenti ta' gwida dwar il-bini. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 145 (2022) | L-Awtorità għall-Bini u l-Kostruzzjoni tmexxi 'l quddiem leġiżlazzjoni li permezz tagħha ser ikollna l-persuna tal-Construction Project Manager fuq lant tax-xogħol li jkun jista' jassigura li dak stipulat jitwettaq bl-aktar mod professjonali kif għandu jkun. | Awtorità għall-Bini u l-Kostruzzjoni (BCA) | Infetħu diskussjonijiet fi ħdan il-BICC dwar din il-leġiżazzjoni partikolari. | Tkomplew diskussjonijiet ulterjuri fi ħdan il-BICC biex eventwalment tali leġiżlazzjoni tkun abbozzata b'mod finali. | Tressaq quddiem il-Kabinett abbozz ta' Avviż Legali. Bdiet il-konsultazzjoni interministerjali u pubblika. | Tintemm il-konsultazzjoni interministerjali u pubblika. Jibda jiġi konsolidat il-feedback miġbur ħalli tinġieb l-approvazzjoni finali tal-Kabinett. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 146 (2022) | L-Awtorità tal-Ippjanar ser tintroduċi politika dwar l-estetika flimkien ma' miżuri li jħeġġu żvilupp aktar komprensiv, uniformi u li jirrispetta aħjar l-ambjent urban ta' pajjiżna. | L-Awtorità tal-Ippjanar (PA) | Bdiet ħidma fuq it-twettiq ta' din l-iskema kif ukoll diskussjonijiet dwar il-possibilità tal-iffinanzjar minn fondi Ewropej. | Komplew id-diskussjonijiet dwar il-possibilità ta' użu ta' fondi Ewropej għat-tħaddim ta' din l-iskema. | Jintemmu d-diskussjonijiet dwar il-possibbiltà ta' użu ta' fondi Ewropej għat-tħaddim ta' din l-iskema. | Jibda x-xogħol fuq l-istudji u fuq id-dokument ta' gwida li ħa jservi bħal bażi għad-deċiżjonijiet li jridu jittieħdu rigward din il-miżura. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 147 (2022) | Titnieda l-Built Heritage Restoration Scheme, li permezz tagħha ser inkunu nistgħu nagħtu ħajja ġdida lill-binjiet storiċi. | Awtorità tal-Ippjanar (PA) | Tlestew it-termini ta' referenza għall-istudju u ġie ingaġġat perit sabiex iħejji l-istudju. | Kompla l-istudju u ġie ffinalizzat l-ewwel abbozz. Bdiet konsultazzjoni interna. | Tkompla l-istudju u l-konsultazzjoni interna. | Jitkompla l-istudju u l-konsultazzjoni interna. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 160 (2022) | L-Awtorità għall-Bini u l-Kostruzzjoni li twaqqfet din is-sena ser ikollha taħt umbrella waħda l-entitajiet governattivi relatati mal-Industrija tal-Bini u l-Kostruzzjoni: l-Uffiċċju għar-Regolament tal-Bini, il-Bord tal-Bennejja u l-Bord għar-Regolament tal-Bini. | Awtorità għall-Bini u l-Kostruzzjoni (BCA) | Il-BCA bdiet tieħu xejra regolatorja kif minqux fl-Att li waqqafha. | Wara l-bidla fil-portafoll tal-ministeri, il-BCA qed tiddiskuti pjan li jinkorpora essenzjalment ix-xejra tal-Awtorità regolatorja li ser tieħu 'l quddiem. | Komplew id-diskussjonijiet fuq il-pjan li jinkorpora essenzjalment ix-xejra li l-Awtorità regolatorja li ser tieħu 'l quddiem. | Jintemmu d-diskussjonijiet fuq il-pjan li jinkorpora essenzjalment ix-xejra li l-Awtorità regolatorja li ser tieħu 'l quddiem, biex b'hekk il-miżura tkun ġiet imwettqa. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 164.1 (2022) | Ser nibdew ir-restawr ta' diversi pjazez u spazji miftuħa fil-qalba tal-lokalità - Ta' Ramija, is-Siġġiewi. | Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi (PWD) | Bdiet ħidma fuq it-tfassil ta' pjanti għall-proġett imsemmi b'konsultazzjoni mal-Kunsill Lokali. | Kompla x-xogħol fuq id-disinn tal-pjanti u tressqet applikazzjoni għall-permess lill-Awtorità tal-Ippjanar. | Intemm ix-xogħol fuq id-disinn tal-pjanti, jibda jinħadem it-tender tax-xogħlijiet u jibda u jintemm l-ivvettjar tat-tender. | Jinħareġ il-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar. Jiġi ppubblikat u jagħlaq it-tender tax-xogħlijiet. Tibda l-evalwazzjoni tat-tender. B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 164.2 (2022) | Ser nibdew ir-restawr ta' diversi pjazez u spazji miftuħa fil-qalba tal-lokalità - Żvilupp tal-ispazju miftuħ f'Misraħ San Nikola, f'Ħaż-Żabbar. | Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi (PWD) | Bdiet il-ħidma fuq dan il-proġett u tressqet applikazzjoni quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar. L-istess Awtorità talbet għal aktar informazzjoni wara proċess ta' konsultazzjoni mad-diversi entitajiet pubbliċi involuti. | Kompliet tinġabar l-informazzjoni mitluba mill-Awtorità tal-Ippjanar. | Intemm il-ġbir tal-informazzjoni meħtieġa mill-Awtorità tal-Ippjanar biex ikompli l-proċess tal-approvazzjoni tal-permess. Jibda x-xogħol fuq it-tender tax-xogħlijiet. | Jinħareġ il-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar. Jitlesta x-xogħol fuq it-tħejjija tad-dokument tat-tender għax-xogħlijiet. B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 164.3 (2022) | Ser nibdew ir-restawr ta' diversi pjazez u spazji miftuħa fil-qalba tal-lokalità - Ġnien l-Indipendenza, Ħaż-Żebbuġ. | Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi (PWD) | Ħarġet sejħa għall-offerti u għalqet. Din ġiet ikkanċellata għaliex ma kien hemm ebda offerta li kienet konformi mar-rekwiżiti mitluba. | Ġiet emendata s-sejħa għall-offerti u tħejjew il-preparamenti biex terġa' tiġi ppubblikata. | Intemm l-ivvettjar tad-dokument tat-tender u tinħareġ is-sejħa għall-offerti. | Jagħlaq il-proċess tat-tender u jibda l-proċess tal-evalwazzjoni tat-tender. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 171 (2022) | Ser tintensifika l-ħidma biex ikunu kompluti diversi fażijiet mill-proġett tal-Park Nazzjonali ġewwa Ta' Qali - Il-car park. | Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi (PWD) | Tkompla x-xogħol ta' skavar u tneħħija ta' materjal. Tkompliet l-evalwazzjoni biex tingħata s-sejħa għall-offerti għall-bini tal-parkeġġ fuq diversi livelli. | Tkompla x-xogħol ta' skavar u tneħħija ta' materjal. Tlestiet l-evalwazzjoni tas-sejħa għall-offerti għall-bini tal-parkeġġ. | Ġie ffirmat il-kuntratt tax-xogħlijiet mal-offerent preferut. Tlesta x-xogħol ta' skavar u tneħħija tal-materjal fuq is-sit. | Jibda x-xogħol tal-konkos tal-pedamenti u bażijiet għall-strutturi fuq il-post. B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 172 (2022) | Ser tintensifika l-ħidma biex ikunu kompluti diversi fażijiet mill-proġett tal-Park Nazzjonali ġewwa Ta' Qali - Is-cycling u l-jogging track. | Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi (PWD) | Id-disinn tal-proġett ġie rivedut u għaldaqstant kien hemm il-ħtiega li tiġi emendata l-applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar. L-applikazzjoni ġiet temporanjament sospiża. | Komplew id-diskussjonijiet mal-Ministru għall-Finanzi dwar il-finanzjament ta' dan il-proġett. | Jintemmu d-diskussjonijiet mal-Ministeru għall-Finanzi. Jitlestew id-dokumenti meħtieġa għall-Awtorità tal-Ippjanar u jitlesta d-dokument tat-tender. | Isir l-ivvettjar tad-dokument tat-tender, u jiġi ppubblikat it-tender wara li joħroġ il-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 173 (2022) | Ser ikun qed jibda x-xogħol fuq Drainage and Potable Water Treatment Plant li jammonta għal madwar €4 miljun biex jissupplixxi l-ilma għall-park sabiex dan ikun sostenibbli. | Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi (PWD) | Bdew diskussjonijiet mal-ERA u l-WSC dwar il-ħtiġijiet tekniċi tal-proġett. | Tkomplew diskussjonijiet dwar il-ħtiġijiet tekniċi tal-proġett. | Intemmu d-diskussjonijiet tekniċi tal-proġett u jibdew diskussjonijiet mal-Ministeru għall-Finanzi. Jibdew jitħejjew id-dokumenti tas-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet. | Jitlestew id-dokumenti tat-tender tax-xogħlijiet u jibda l-proċess tal-ivvettjar. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 174 (2022) | Il-ground tax-Schreiber f'Pace Grasso jinbidel fi spazju miftuħ għall-komunità, fejn spazju ta' 12,000 metru kwadru ser jinbidel fi spazju edukattiv fejn ser jitħawlu aktar minn 165 siġra, 2,500 arbuxell u 1,500 pjanta ornamentali. | Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi (PWD) | Id-disinji fuq il-proġett ġew sospiżi sakemm isiru survey u investigazzjoni ġenerali tal-art. | Inbdew is-survey u l-investigazzjoni ġenerali tas-sit. | Tlesta s-survey tas-sit, u jibdew jiġu mfassla l-pjanti tas-sit, bi preparazzjoni għall-ħruġ tal-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar. Beda l-abbozzar tat-tender tax-xogħlijiet. | Jitlesta l-abbozzar tat-tender, u jinbeda l-proċess tal-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar. Ikompli l-abbozzar tat-tender tax-xogħlijiet. B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 268 (2022) | Il-proġett tal-Outdoor Velodrome ser ikun inkorporat mal-fażijiet tal-proġett li għaddej f'Ta' Qali. | Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi (PWD) | Saru diskussjonijiet mal-Awtorità tal-Artijiet u ġie identifikat sit f'Ta' Qali fejn l-aħjar li għandu jinbena l-Outdoor Velodrome. Dan is-sit ġie diskuss ukoll mal-Awtorità tal-Ippjanar. Ġew esplorati diversi soluzzjonijiet strutturali dwar kif dan għandu jinbena u tkomplew l-istudji dwar is-sit. | Tkompla x-xogħol ta' studji ta' Velodromes simili kif ukoll tkompla x-xogħol sabiex jiġi żviluppat disinn, u tlesta l-ewwel disinn preliminari. | Beda jiġi żviluppat disinn preliminari tal-proġett. Bdew diskussjonijiet mal-partijiet interessati fuq xi tibdil mixtieq fid-disinji preliminari tal-proġett. | Id-disinn preliminari jiġi rfinut bi preparazzjoni biex issir is-sottomissjoni għall-Awtorità tal-Ippjanar. Issir l-applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar. B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

# MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA (MFJ)

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 282 (2022) | Ser inkomplu naħdmu sabiex l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali jkompli jieħu aktar funzjonijiet ta' prosekuzzjoni addizzjonali f'kordinament mal-Pulizija bil-għan li jiġi żviluppat servizz ta' prosekuzzjoni speċjalizzat fl-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, filwaqt li l-Pulizija tkun iktar iffukata fuq investigazzjoniiet tal-offiżi. B'hekk jiġi offrut servizz ta' prosekuzzjoni ta' kwalità aħjar u nnaqqsu d-dewmien fis-sistema ġudizzjarja kriminali. | Direttorat għall-Iżvilupp tal-Politika u Implimentazzjoni tal-Proġetti | Iddaħħlu fis-seħħ Avviżi Legali li permezz tagħhom ammonti ta' prosekuzzjonijiet għaddew minn taħt mir-responsabilità tal-pulizija għal taħt ir-responsabilità tal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali. Dan huwa proċess kontinwu fejn kull 1 ta' Ottubru ta' kull sena sal-2024 ser jibqgħu jiġu mgħoddija ammonti ulterjuri ta' prosekuzzjoni mingħand il-pulizija għal għand l-Avukat Ġenerali. | | | | Implimentata |
| 284 (2022) | Ser inkomplu ninvestu fl-għajnuna legali sabiex noħolqu sistema diġitali fejn il-klijenti prospettivi eliġibbli għall-għajnuna legali jkunu jistgħu japplikaw online, kif ukoll mis-service hubs ta' servizz.gov li jinsabu fir-reġjuni u rħula madwar Malta. | Aġenzija għall-Għajnuna Legali | Ġiet abbozzata sejħa għall-offerti għall-iżvilupp ta' sistema diġitali sabiex klijenti eliġibbli għall-għajnujna legali jkunu jistgħu japplikaw b'mod diġitali. | Wara li tlesta l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għall-iżvilupp ta' sistema diġitali sabiex klijenti eliġibbli għall-għajnujna legali jkunu jistgħu japplikaw b'mod diġitali, ġiet ippubblikata din l-istess sejħa. | Wara li għalqet is-sejħa għall-offerti għas-sistema diġitali tal-għajnuna legali, saret l-evalwazzjoni tal-offerti rċevuti u ġie ffirmat il-kuntratt mal-offerent magħżul. Bdew il-laqgħat mal-kuntrattur dwar is-sistema diġitali għall-għajnuna legali. | Mistennija jkomplu t-taħditiet mal-kuntrattur dwar l-iddisinjar tas-sistema l-ġdida, kif ukoll jibdew taħditiet ma' partijiet interessati dwar minn fejn għandu jingħata s-servizz madwar Malta u Għawdex. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA (MFAA)

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 27 (2022) | Żieda fil-benefiċċju tal-Carer at Home minn €6,000 għal €7,000 fis-sena. | Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità | Bdew isiru l-ħlasijiet dovuti lill-benefiċjarji bir-rati l-ġodda. Dan ikompli jsir bħala parti mill-operat tad-Dipartiment. | | | | Implimentata |
| 28 (2022) | Żieda fir-rata ta' sussidju tal-iskema Home Helper of Your Choice biex minn sussidju ta' €5.50 fis-siegħa titla' għal €7 fis-siegħa u għalhekk jiġu inċentivati biex iktar anzjani jagħżlu l-helper tagħhom. | Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità | Iż-żieda fir-rata ta' sussidju bdiet tingħata lil dawk l-anzjani kollha li jagħżlu l-helper tagħhom mill-1 ta' Jannar 2022. Dan ikompli jsir bħala parti mill-operat tad-Dipartiment. | | | | Implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 50 (2022) | Aktar Investiment fir-Residenza San Vinċenz de Paul għall-anzjani fl-istess residenza kif ukoll għall-anzjani fil-komunità, billi tiġi installata faċilità ta' CT Scan speċjalizzata. | San Vinċenz de Paul | Ġiet abbozzata u ppubblikata sejħa għall-offerti għall-faċilità ta' CT Scan speċjalizzata.<br><br>Għalqet is-sejħa għall-offerti u bdiet l-evalwazzjoni tal-offerti rċevuti għas-sejħa għall-offerti għall-faċilità ta' CT Scan speċjalizzata. | Tlestiet l-evalwazzjoni tal-offerti rċevuti għas-sejħa għall-offerti għall-faċilità ta' CT Scan speċjalizzata u ntgħażel l-offerent preferut. | Beda l-proċess ta' appell wara li ġie sottomess appell mal-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi. | Mistenni li jingħalaq l-appell mill-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi u jiġi ffirmat il-kuntratt mal-offerent magħżul.<br><br>Jibdew laqgħat tekniċi mal-kuntrattur flimkien mal-Information Management Unit tal-Ministeru, l-Ministeru għas-Saħħa u l-Isptar Mater Dei. Isiru d-diskussjonijiet u l-preparamenti neċessarji mar-Radiology Board fi ħdan l-Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà, kif ukoll jingħata t-taħriġ meħtieġ mir-radjografi. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 51 (2022) | Aktar Investiment fir-Residenza San Vinċenz de Paul għall-anzjani fl-istess residenza kif ukoll għall-anzjani fil-komunità, permezz ta' proġett li ser jitnieda f'Settembru bil-provvediment ta' magna tal-X-Ray. | San Vinċenz de Paul | Wara li fl-aħħar kwart tas-sena 2021 ġiet installata il-magna ta' X-Ray, tfasslu Standard Operating Procedures (SOPs) dwar l-operat ta' din il-magna, u bdew jiġu milqugħa l-klijenti għal dan is-servizz. | | | | Implimentata |

| | DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA | DIPARTIMENT / ENTITÀ | KWART 1 Jannar - Marzu 2022 | KWART 2 April - Ġunju 2022 | KWART 3 Lulju - Settembru 2022 | KWART 4 Ottubru - Diċembru 2022 | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 52 (2022) | Aktar Investiment fir-Residenza San Vinċenz de Paul permezz ta' ġnien għall-persuni bid-dimensja. Fid-disinn tiegħu dan il-ġnien ser ikun qed jindirizza l-bżonnijiet speċifiċi ta' persuni fi stadji differenti ta' din il-kundizzjoni. | San Vinċenz de Paul | Bdiet il-ħidma biex jinkiseb il-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar sabiex ikunu jistgħu jsiru x-xogħlijiet meħtieġa.<br><br>Ġiet ippubblikata sejħa għall-offerti għad-demolizzjoni u tindif tal-ġnien eżistenti u wara li għalqet is-sejħa għall-offerti saret l-evalwazzjoni tal-offerti rċevuti u ntgħażel l-offerent preferut.<br><br>Inħarġet sejħa għall-kwotazzjonijiet għal tagħmir elettroniku, saret evalwazzjoni tal-kwotazzjonijiet irċevuti, intgħażel l-offerent preferut u nxtara l-apparat meħtieġ.<br><br>Ġiet abbozzata sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet ta' art bid-disinji tal-konkrit. | Għalaq uffiċjalment il-proġett INK li kien iffinanzjat mill-Fondi Ewropej. | Tnedew diskussjonijiet dwar kif ser jitħaddem is-servizz minn issa 'l quddiem. Bdew jintlaqgħu klijenti ġodda għall-assistenza sabiex dawn isibu impjieg. L-assessjar u l-għażla ta' klijenti ġodda jitkompla bħala parti mill-operat tal-Aġenzija. | Saru laqgħat ma' Infrastruttura Malta rigward l-asfaltar tar-ring road madwar il-ġnien. Tkomplew ix-xogħlijiet relatati mal-kostruzzjoni<br><br>Wara li tlesta l-abbozzar, ġiet ippubblikata sejħa għal kwotazzjonijiet għal-xogħlijiet relatati mal-elettriku u ilma u wara li għalqet saret l-evalwazzjoni tal-kwotazzjonijiet irċevuti u ntgħażel l-offerent preferut.<br><br>Ħarġet sejħa għall-installazzjoni tal-funtana u wara li għalqet saret l-evalwazzjoni tal-offerti rċevuti u ntgħażel l-offerent preferut.<br><br>aret l-evalwazzjoni tas-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet ta' art bid-disinji tal-konkrit, intgħażel l-offerent preferut u beda x-xogħol. Ġiet ippubblikata s-sejħa għal xiri ta' siġar, arbuxelli, fjuri u pjanti. | Implimentata |

MIŻURI PENDENTI MILL-BAĠIT 2021 LI TWETTQU

| | | | |
|---|---|---|---|
| 343 (2021) | Se nkunu qed naħdmu u ninċentivaw lil min iħaddem biex joffru miżuri li għandhom iwasslu għal bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata. | OPM | Lulju 2022 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 212 (2021) | Immodernizzar ta' Ċentri tas-Saħħa fosthom iċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Gżira. | MFH | Marzu 2022 |
| 262 (2021) | Inwessgħu s-servizz tal-Programm ta' Sopravivenza li jagħti appoġġ lill-familjari u lill-pazjenti li għelbu l-marda qerrieda tal-kanċer. | MFH | Ottubru 2021 |
| 267 (2021) | Se nkomplu b'kampanja edukattiva dwar l-għarfien fuq is-saħħa sesswali u l-mard trażmess mis-sess, kif ukoll l-importanza li l-pubbliku jagħmel aktar testijiet regolari. | MFH | Settembru 2021 |
| 268 (2021) | Se nkomplu nipprovdu wkoll programm edukattiv ambizzjuż li jiffoka prinċipalment fuq it-titjib tas-saħħa tal-impjegati fuq il-post tax-xogħol. | MFH | Ottubru 2021 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 290 (2021) | Il-preservazzjoni tal-wirt storiku tibqa' fuq quddiem nett tal-aġenda tal-Gvern u dan se jsir billi nkomplu ninvestu fis-Sovratendenza tal-Patrimonju Kulturali permezz ta' aktar skavar ta' siti arkeoloġiċi. | MHAL | Ottubru 2021 |
| 293 (2021) | Se nkunu qegħdin intellgħu Simpożju Nazzjonali dwar il-Kultura u l-Kreattività | MHAL | Ottubru 2021 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 361 (2021) | Malta se tkompli bil-laqgħat mal-Membri tan-Nazzjonijiet Uniti sabiex turi l-kredenzjali ferm rilevanti li għandha x'toffri bħala membru tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti. | MFET | Ġunju 2022 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 51 (2021) | Se jkun qiegħed jitfassal programm ta' madwar mitejn u għoxrin miljun ewro (€220 miljun) ta' għotjiet taħt il-Faċilità għall-Irkupru u Reżiljenza (RRF) fuq investiment fis-setturi tal-ambjent u l-klima kif ukoll il-bidla lejn realtà iktar diġitali, fost l-oħrajn. | MEFL | Settembru 2021 |
| 56 (2021) | Fil-qasam tal-esports u l-video game development, se naraw li barra li nattiraw kumpaniji li joperaw f'dawn is-setturi, inħarrġu studenti biex ikollhom il-ħiliet u jibdew karriera fl-industrija tal-Video Game Development. | MEFL | Mejju 2022 |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | MINISTERU | META TWETTQET |
|---|---|---|---|
| 287 (2021) | Se nkunu qed naraw li l-Organizzazzjonijiet Volontarji jkunu trasparenti fejn jidħlu d-donazzjonijiet li jirċievu u kif jiġu minfuqa dawn id-donazzjonijiet. Irridu li tibqa' tiġi żgurata ż-żamma tal-fiduċja li l-pubbliku Malti u Għawdxi għandu f'dawn l-organizzazzjonijiet. | MIVC | Ottubru 2021 |
| 180 (2021) | Tlestija ta' proġetti maġġuri - Central Link Project. | MTIP | Jannar 2022 |
| 187.1 (2021) | Se jsir xogħol ta' manutenzjoni u titjib fuq diversi toroq residenzjali u rurali.<br><br>(a) Toroq Residenzjali | MTIP | Ġunju 2022 |
| 187.2 (2021) | Se jsir xogħol ta' manutenzjoni u titjib fuq diversi toroq residenzjali u rurali.<br><br>(a) Toroq Rurali | MTIP | Awwissu 2021 |
| 193 (2021) | Sejjer jitnieda proġett pilota – Safe Cycle Routes Project – fejn ikunu qed jiġu indikati rotot aktar siguri u jsir it-titjib ta' dawn it-toroq urbani biex jiffaċilitaw l-użu tar-rota u l-mixi. | MTIP | Mejju 2022 |
| 237 (2021) | Jitkompla r-restawr u r-riġenerazzjoni tal-Ġnien tal-Mall. | MTIP | Marzu 2022 |
| 242 (2021) | Jinbeda x-xogħol fuq ix-xatt tal-Imsida. | MTIP | Settembru 2022 |
| 310 (2021) | Se nniedu proġett ta' riċerka dwar il-Vjolenza Domestika bil-għan li ntejbu u niffaċilitaw is-servizz lill-vittmi vulnerabbli tal-Vjolenza Domestika filwaqt li ntejbu l-effiċjenza ġenerali tas-sistema tal-ġustizzja f'din l-isfera ta' operazzjoni. | MHSR | Diċembru 2021 |
| 334 (2021) | Fejn jidħol il-Ħarsien ta' Infrastruttura Kritika ta' pajjiżna, is-sena d-dieħla se jkun qed jitnieda Ċentru ta' Monitoraġġ tas-sigurtà bl-iktar teknoloġija avvanzata. Dan iċ-ċentru, li se jaħdem 24 siegħa kuljum, se jkun qed jopera network ta' monitoraġġ għall-infrastrutturi kritiċi tal-pajjiż, operaturi ta' servizzi essenzjali u infrastruttura sensittiva. | MHSR | Jannar 2022 |
| 340 (2021) | Ir-ritorn ta' failed asylum seekers huwa sfida għal kull pajjiż tal-Unjoni Ewropea u għalhekk se nkunu qed nieħdu inizjattivi mingħajr preċedent fejn sejrin insaħħu l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali li twaqqfet fl-aħħar xhur. | MHSR | Ottubru 2021 |
| 347 (2021) | Inkomplu l-ħidma fuq riformi oħra fosthom dik tal-kannabis. | MHSR | Diċembru 2021 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 124 (2021) | Se jinbeda wkoll ix-xogħol fuq l-iżvilupp ta' sistemi avvanzati ta' monitoraġġ tar-riżorsi tal-ilma f'Malta. | MEEE | Novembru 2022 |
| 133 (2021) | Se jiġi ffinalizzat it-tfassil tal-istrateġija li se twassalna għal żero karbonju (Low Carbon Development Strategy) li fost l-oħrajn l-istrateġija se tkun qiegħda tesplora enerġija iktar nadifa u se tirrakkomanda azzjonijiet għal mezzi ta' trasport aktar nodfa, bini li jkollu standards ta' enerġija għolja u effiċjenti, kif ukoll immaniġġjar tal-iskart b'mod aktar ħolistiku u ambjentali fost setturi oħra. | MEEE | Novembru 2021 |
| 140 (2021) | Jiġi ppubblikat il-Pjan il-Ġdid għall-Immaniġġjar tal-Iskart. | MEEE | Ottubru 2021 |
| 144 (2021) | Il-miżura ta' single use plastics - It-twaqqif tal-importazzjoni ta' prodotti Single-Use Plastics mill-ewwel ta' Jannar tas-sena d-dieħla. Is-sena ta' wara, fl-2022, se jkun qiegħed jieqaf il-bejgħ ta' dawn l-istess prodotti. | MEEE | Frar 2022 |
| 147 (2021) | Kwalità tal-Arja u Bijodiversità - Se jkun ukoll qed jitħejja pjan sabiex titjieb il-kwalità tal-arja fil-pajjiż. | MEEE | Novembru 2022 |
| 150 (2021) | Inkomplu nħaddru aktar ż-żoni urbani tagħna fosthom il-pjazez. | MEEE | Ottubru 2021 |
| 151 (2021) | Inkomplu nħaddru aktar iż-żoni urbani tagħna fosthom żoni fil-miftuħ għal postijiet ta' rikreazzjoni għall-familji tagħna.<br>(a) Ġnien tal-Belvedere fil-Marsa<br>(b) Roof Garden fuq id-Day Centre f'Tal-Pietà | MEEE | (a) Marzu 2022<br>(b) Novembru 2022 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 365 (2021) | Il-Gvern hu kommess li jkompli jipprovdi opportunitajiet ta' tagħlim lit-tfal, liż-żgħażagħ u lill-adulti kollha biex dawn jiksbu l-ħiliet neċessarji biex jirnexxu fuq il-post tax-xogħol u fis-soċjetà. Dan permezz tat-tnaqqis fir-rata tal-early school leavers. | MEYR | Diċembru 2021 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 230 (2021) | Se jitwaqqaf Tribunal Indipendenti fejn se jkun jisma' każijiet ta' kontestazzjoni kontra xi deċiżjoni li tkun ittieħdet. | MPWP | Novembru 2021 |
| 232 (2021) | Se tinħareġ liċenzja biex aġenti tal-proprjetà immobbli, sensara tal-proprjetà u konsulenti tal-proprjetà jkunu jistgħu jaħdmu bħala tali. | MPWP | Diċembru 2021 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 302 (2021) | L-effiċjenza fil-proċedura ġudizzjarja se tibqa' tingħata prijorità u f'dan ir-rigward l-Aġenzija għas-Servizzi tal-Qorti se tagħmel ħilitha biex toffri l-aħjar appoġġ lill-membri tal-ġudikatura kif ukoll servizz effiċjenti u effettiv liċ-ċittadini li jirrikorru għas-servizzi tal-qorti. Dan se jsir permezz ta' investiment f'teknoloġija diġitali. | MFJ | Marzu 2022 |

MIŻURI PENDENTI MILL-BAĠIT 2020 LI TWETTQU

| | | | |
|---|---|---|---|
| 228 (2020) | Ser inniedu proġetti pilota li jaħdmu bl-AI fis-servizz pubbliku - AI for Customer Services. | OPM | Settembru 2021 |
| 268 (2020) | Matul is-sena d-dieħla, barra li nkomplu noħolqu l-impjiegi se nkomplu naraw jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u jonqos il-pay gap bejn Malta u Għawdex. | OPM | Jannar 2022 |
| 158 (2020) | Mediċini Ġodda. L-investiment fl-introduzzjoni ta' mediċini ġodda se jibqa' wieħed konsistenti u impenjattiv. L-investiment li beħsiebna nagħmlu se jinkludi x-xiri ta' mediċini tal-qalb u ċ-ċirkulazzjoni. | MFH | Lulju 2022 |
| 160 (2020) | Mediċini Ġodda. L-investiment fl-introduzzjoni ta' mediċini ġodda se jibqa' wieħed konsistenti u impenjattiv. L-investiment li beħsiebna nagħmlu se jinkludi x-xiri ta' mediċini tal-mard tal-ġilda. | MFH | Ġunju 2022 |
| 172 (2020) | Politika soda trid tkun imsejsa fuq riċerka infurmata u evidenza. Għaldaqstant se nkunu qed ninvestu f'riċerka speċjalizzata fi wħud minn dawn l-oqsma kif ukoll riċerka ta' natura aktar ġenerika, magħrufa bħala l-European Health Interview Survey. | MFH | Settembru 2022 |
| 173 (2020) | Se ninvestu b'impenn ikbar f'kampanji li jindirizzaw temi ta' saħħa. | MFH | Settembru 2021 |
| 338 (2020) | Kunsilli Lokali. Se nniedu skema, li permezz tagħha, numru ta’ persuni jiġu assenjati mal-Kunsilli Reġjonali sabiex jassistu lill-istess Kunsill Reġjonali biex jaqdu l-funzjonijiet ġodda tagħhom. | MHAL | Diċembru 2021 |
| 359 (2020) | Jibda proċess biex tinfetaħ Ambaxxata oħra fl-Amerika t’Isfel. | MFET | Settembru 2021 |
| 244 (2020) | Aktar investiment fil-qasam tal-Biedja u tas-Sajd. It-titjib fil-Hard Standing Facility f’Marsaxlokk. | MAFA | Jannar 2022 |
| 249 (2020) | Sejrin nallokaw fondi sabiex tittejjeb l-infrastruttura regolatorja b’investiment f'erba’ laboratorji ewlenin - il-Laboratorju għas-Saħħa tal-Pjanti. | MAFA | Diċembru 2021 |
| 250 (2020) | Sejrin nallokaw fondi sabiex tittejjeb l-infrastruttura regolatorja b’investiment f'erba’ laboratorji ewlenin: Il-Laboratorju għall-Ittestjar tal-Ħamrija u l-Ilma għat-Tisqija. | MAFA | Settembru 2021 |
| 253 (2020) | Ir-razzett tal-Gvern fl-Għammieri se jinbidel f’Ċentru ta’ Innovazzjoni u Riċerka Agrikola. | MAFA | Settembru 2021 |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | MINISTERU | META TWETTQET |
|---|---|---|---|
| 254 (2020) | Fir-rebbiegħa tas-sena d-dieħla se tittella' l-ewwel Fiera Agrikola Nazzjonali li matulha se nagħtu opportunità sabiex il-bdiewa, ir-raħħala u l-produtturi Maltin jesebixxu l-prodott tagħhom lill-iktar udjenza wiesgħa possibbli, mhux l-inqas dik internazzjonali. | MAFA | Mejju 2022 |
| 224 (2020) | Intelliġenza Artifiċjali. Se nkunu qed naħdmu fuq roadmap għall-infrastruttura tat-teknoloġija. | MEFL | Novembru 2022 |
| 236 (2020) | Video Game Development u Esports. Se nkunu qegħdin nassiguraw li jsir investiment sabiex insaħħu l-korsijiet edukattivi relatati mal-ħiliet meħtieġa minn din l-industrija. B'hekk ngħinu lill-istudenti u ż-żgħażagħ tagħna sabiex jispeċjalizzaw f'dan il-qasam u jkunu jistgħu jaħtfu l-opportunitajiet ta' xogħol li joffri dan is-settur. | MEFL | Mejju 2022 |
| 97 (2020) | Aktar Riġenerazzjoni u Tisbiħ. Għas-sena d-dieħla hemm maħsub li jibda xogħol ta' riġenerazzjoni fuq il-Ġnien tal-Mall. | MTIP | Marzu 2022 |
| 100 (2020) | Aktar Riġenerazzjoni u Tisbiħ. F'Marsaxlokk ser isir xogħol biex jiġu preservati l-karatteristiċi ta' dan ir-raħal tas-sajjieda.<br><br>(a) Iż-Żona tal-Magħluq | MTIP | Settembru 2022 |
| 263 (2020) | Il-Malta Air Traffic Services se tkompli tinvesti f'sistemi ġodda tal-aħħar teknoloġija għall-immaniġġjar tat-traffiku. | MTIP | Ottubru 2022 |
| 280 (2020) | Matul is-sena d-dieħla se nkunu qed nibdew ix-xogħlijiet fuq Triq l-Imġarr li min-Nadur tibqa' nieżla għall-port | MGOZ | Diċembru 2022 |
| 315 (2020) | Biex tibqa' rilevanti u aġġornata, l-FAM se tkompli l-ħidma man-National Commission for Further and Higher Education biex il-korsijiet li jiġu offruti internament jiġu akkreditati u b'hekk il-membri jkollhom ċertifikati rikonoxxuti barra mill-Armata. | MHSR | Novembru 2021 |
| 94 (2020) | Aktar Riġenerazzjoni u Tisbiħ. Is-sena d-dieħla se jiġi żviluppat National Trail Network bil-għan li jippromwovi nisġa ta' rotot (trails) u tiżdied l-aċċessibilità f'diversi żoni rurali f'Malta permezz ta' mixjiet u interventi ta' aċċessibilità aħjar fil-kampanja u matul il-kosta. | MFT | Novembru 2021 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 66 (2020) | Tibdil fil-Klima. Is-sena d-dieħla se nkunu qed nippreżentaw strateġija nazzjonali mmirata li tpoġġi lil pajjiżna fit-triq lejn carbon neutrality sas-sena 2050. | MEEE | Novembru 2021 |
| 69 (2020) | Qed jiġu vvutati l-fondi neċessarji biex l-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi (l-ERA) tkompli u żżid il-programmi u l-istudji ambjentali fosthom dwar it-trabijiet fini fl-arja. | MEEE | Novembru 2021 |
| 71 (2020) | Vetturi li ma Jniġġsux. Il-Gvern huwa determinat li jagħmel minn pajjiżna wieħed minn tal-ewwel pajjiżi fl-Ewropa li jagħmel il-qalba għall-karozzi elettriċi. Dan hu mod wieħed kif inwasslu għal ekonomija inqas dipendenti fuq il-karbonju. Is-sena d-dieħla, il-Kummissjoni li waqqaf il-Gvern għandha tirrakkomanda d-data finali sa meta l-vetturi li jiġu impurtati f'Malta wara dakinhar ma jkunux iniġġsu. Dan ma jfissirx li min ikollu karozza taħdem bil-petrol jew diesel ikollu jneħħiha. | MEEE | Mejju 2022 |
| 72 (2020) | Biex ninċentivaw ix-xiri ta' vetturi li jaħdmu bl-elettriku, mis-sena d-dieħla sejrin inkomplu nsaħħu l-infrastruttura bl-installazzjoni ta' aktar minn mitejn charging pillar li diġà installajna u b'hekk inżidu n-numru ta' charging points madwar Malta u Għawdex. | MEEE | Novembru 2021 |
| 75 (2020) | Tnaqqis ta' Plastik li Jintuża Darba Waħda. Prodotti ta' single use plastic se jibdew jiġu projbiti f'Malta. Fl-ewwel fażi, l-importazzjoni u produzzjoni ta' boroż tal-plastik, pożati, straws u platti tal-plastik konvenzjonali li jintużaw darba se jiġu projbiti mill-1 ta' Jannar 2021. Il-bejgħ u distribuzzjoni tagħhom se jkun projbit mill-1 ta' Jannar 2022. | MEEE | Frar 2022 |
| 81 (2020) | Aktar Afforestazzjoni u Proġetti Ambjentali - Proġetti kbar fil-Buskett. | MEEE | Lulju 2022 |
| 113 (2020) | Permezz ta' aktar investiment fl-infrastruttura tal-informatika, l-ARMS se tipprovdi lill-konsumatur faċilitajiet ta' ħlas aktar affidabbli u mgħaġġel. | MEEE | Jannar 2022 |
| 242 (2020) | Għajnuna favur l-integrazzjoni ta' persuni bi bżonnijiet speċjali fid-dinja tax-xogħol. Għas-sena d-dieħla l-Malta Enterprise se tvara skema li permezz tagħha tgħin lin-negozji li jħaddmu persuni bi bżonnijiet speċjali fid-dinja tax-xogħol. Dawn l-azjendi se jingħataw għotja fuq spejjeż relatati ma' investiment li mhumiex ikkunsidrati bħala parti mill-obbligi legali. Eżempju ta' din it-tip ta' spiża hi dik relatata ma' għajnuna ta' professjonisti li jiffaċilitaw il-proċess ta' integrazzjoni fuq il-post tax-xogħol ta' dawn il-persuni. | MEEE | Awwissu 2021 |
| 255 (2020) | Mis-sena d-dieħla se nkunu qed inkomplu noffru għajnuna lill-bdiewa u s-sajjieda. Se ndaħħlu għajnuna ġdida li tħeġġeġ kumpaniji fl-oqsma tal-Agrikultura u s-Sajd biex ikunu iktar innovattivi taħt l-iskema 'Innovation Aid for SMEs.' Permezz tagħha, bdiewa u sajjieda jkunu jistgħu jdaħħlu l-ispejjeż ta' paga ta' persuni kwalifikati fir-riċerka, żvilupp u innovazzjoni biex jaħdmu fuq attività ġdida fl-intrapriżi tagħhom. Kif ukoll inkunu qed inkopru spejjeż relatati ma' pariri u support services fil-qasam tal-innovazzjoni. | MEEE | Frar 2022 |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | MINISTERU | META TWETTQET |
|---|---|---|---|
| 295 (2020) | Bi spiża ta' madwar 11-il miljun ewro oħra, beda wkoll ix-xogħol ta' restawr f'binja eżistenti tal-Korporazzjoni f'Ħondoq ir-Rummien, fejn Għawdex se jkollu l-ewwel reverse osmosis bi produzzjoni ta' disa' miljun litru ilma kuljum. Permezz ta' din ir-reverse osmosis, se nkunu qed nissalvagwardjaw l-ilma tal-pjan filwaqt li Għawdex mhux se jibqa' dipendenti fuq is-submarine pipeline eżistenti li bħalissa jintuża biex jittella' l-ilma mir-reverse osmosis taċ-Ċirkewwa. | MEEE | Ottubru 2021 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 190 (2020) | Biex inkomplu ngħinu liż-żgħażagħ iwessgħu l-orizzonti tagħhom u jesperjenzaw kulturi differenti, il-Gvern se jagħti sa massimu ta' €850 lil kull żagħżugħ u żagħżugħa li jitgħallmu lingwa barranija f'pajjiż ieħor. | MEYR | Ġunju 2022 |
| 192 (2020) | Se jitfassal ukoll pjan li bih l-iskejjel tal-Istat ikunu provduti b'drinking water fountains. | MEYR | Settembru 2021 |
| 371 (2020) | Issir analiżi bejn il-metodoloġija kurrenti u dik addottata mill-Unjoni Ewropea li permezz tagħha titkejjel ir-rata ta' Early School Leavers li twassal għal (i) reviżjoni fil-metodoloġija kurrenti (ii) ġabra ta' statistika li tirrifletti s-sitwazzjoni preżenti fejn jidħlu Early School Leavers, kif ukoll (iii) twassal għal rakkomandazzjonijiet dwar x'jista' jsir biex jinżammu aktar studenti fis-sistema edukattiva. | MEYR | Diċembru 2021 |

MIŻURI PENDENTI MILL-BAĠIT 2019 LI TWETTQU

| | | | |
|---|---|---|---|
| 161 (2019) | Qed isir xogħol biex jinbdew proġetti oħra f'Għawdex. Ix-xogħol tal-proġett tal-park and ride hu maħsub mhux biss biex jindirizza l-problema ta' parkeġġ fil-port tal-Imġarr, iżda wkoll f'kuntest usa' ta' proġett u strateġija biex innaqqsu l-emissjonijiet f'Għawdex u għalhekk investiment fil-kwalità tal-arja. | MGOZ | Novembru 2021 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 131 (2019) | Matul is-sena li ġejja se jkompli l-investiment fil-bdil tal-vetturi tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili. | MHSR | Settembru 2021 |
| 210 (2019) | Il-Gvern wera wkoll bil-fatti li huwa l-aktar wieħed femminista li qatt ra pajjiżna. U biex dan inkomplu nsaħħuh, qegħdin naħdmu fuq riforma li hija essenzjali biex dan il-Parlament ikun aktar rappreżentattiv tal-poplu Malti u Għawdxi. Ir-riforma għall-Parlament aktar ugwali issa waslet f'fażi oħra. Wara li s-sena li għaddiet inħoloq kumitat tekniku li mexxa sensiela ta' laqgħat ma' partijiet interessati, fil-ġimgħat li ġejjin, il-Gvern se jippubblika green paper bħala parti minn proċess ta' konsultazzjoni mal-pubbliku. Dan bi tħejjija għal numru ta' emendi legali li se jkunu qed jiġu ppreżentati fil-Parlament sabiex wara jiddaħħlu fil-Kostituzzjoni. Kif għandna mandat mill-poplu, se naraw li jkun hemm rappreżentanza aktar bilanċjata fil-Parlament. | MHSR | April 2021 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 58 (2019) | Se nieħdu ħsieb ukoll il-widien tagħna sew għall-bijodiversità li jħaddnu kif ukoll għax iservu ta' passaġġ għall-ilmijiet tax-xita. Se nkunu qed nixprunaw dan is-settur permezz ta' aktar żidiet fl-investiment. | MEEE | Novembru 2021 |
| 61 (2019) | Se jkun hemm investiment fi stazzjon ġdid għall-monitoraġġ tal-arja. | MEEE | Awwissu 2021 |
| 63 (2019) | Se jkompli wkoll l-investiment f'Parks Nazzjonali oħra fosthom dawk tal-Majjistral, l-Inwadar u kif ukoll se tkompli l-ħidma biex nistabbilixxu l-ewwel Geopark f'pajjiżna. | MEEE | Diċembru 2019 |
| 89 (2019) | Il-Gvern huwa wkoll kommess li jkompli jaħdem biex jitnaqqas ir-riskju tal-għargħar f'pajjiżna. Għaldaqstant se jsiru studji dettaljati sabiex jiġu żviluppati aktar miżuri li jistgħu jnaqqsu dan ir-riskju filwaqt li jimmassimizzaw l-użu tal-ilma tax-xita. | MEEE | Novembru 2021 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 202 (2019) | Il-Gvern se jkompli jħarrax il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fl-isport. Wara li daħlet il-liġi kontra l-korruzzjoni fl-isport, issa l-Gvern se jwaqqaf il-Korp għall-Integrità tal-Isport. Din għandha taħdem id f'id mal-assoċjazzjonijiet sportivi nazzjonali, mal-Pulizija u mal-Awtorità Maltija għal-Logħob, sabiex ikompli jkollna l-isport Malti nadif mill-qerq kif ukoll jeduka lit-tfal biex jikbru f'ambjent ta' sport nadif u integru. | MEYR | Awwissu 2021 |

MIŻURI PENDENTI MILL-BAĠIT 2018 LI TWETTQU

| | | | |
|---|---|---|---|
| 189 (2018) | Is-sena li ġejja wkoll se jkompli, u jiġi intensifikat, ix-xogħol ta' tisbiħ f'Ċentri tas-Saħħa eżistenti bi prijorità jkun iċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Gżira li kien tħalla fi stat ħażin. | MFH | Marzu 2022 |
| 55 (2018) | Fuq pjan ta' xogħlijiet mifruxa fuq sentejn, se tkun qed tiġi modernizzata l-mina ta' Santa Venera, billi jsir tisħiħ maġġuri bi dwal aħjar u sistemi li jgħinu fis-sigurtà. | MTIP | Awwissu 2021 |
| 56 (2018) | Fuq pjan ta' xogħlijiet mifruxa fuq sentejn, se tkun qed tiġi modernizzata l-mina ta' Ħal Kirkop, billi jsir tisħiħ maġġuri bi dwal aħjar u sistemi li jgħinu fis-sigurtà. | MTIP | Awwissu 2021 |
| 57 (2018) | Fuq pjan ta' xogħlijiet mifruxa fuq sentejn, se tkun qed tiġi modernizzata l-mina ta' Regional Road billi jsir tisħiħ maġġuri bi dwal aħjar u sistemi li jgħinu fis-sigurtà. | MTIP | Awwissu 2021 |
| 133 (2018) | Proġetti ġodda għas-sena d-dieħla: ir-riorganizzazzjoni tal-Yacht Marina biex inżidu l-faċilitajiet. | MGOZ | Ottubru 2021 |
| 134 (2018) | Proġetti ġodda għas-sena d-dieħla: Ir-restawr tal-Fanal tal-Ġordan u amenitajiet anċillari oħrajn biex inpoġġu lil Għawdex fuq il-mappa tat-turiżmu relatat mal-fanali. | MGOZ | Ottubru 2021 |
| 218 (2018) | Se jibdew konsultazzjonijiet fuq riformi li jridu jidħlu: Id-dibattitu fuq it-traffikar uman. | MHSR | Diċembru 2020 |
| 144 (2018) | Id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili se jkompli jsaħħaħ il-flotta tiegħu bix-xiri ta' vetturi tat-tifi tan-nar li jinkludu vetturi għal high rise buildings sabiex jilqa' għall-isfidi ġodda fl-industrija tal-kostruzzjoni. | MHSR | Diċembru 2021 |
| 98 (2018) | Se jinbena impjant ġdid ta' desalinizzazzjoni f'Ħondoq ir-Rummien, Għawdex, b'kapaċità li jipproduċi madwar 9,000 metru kubu kuljum. | MEEE | Ottubru 2021 |
| 33 (2018) | Residenza San Vinċenz de Paul: Xogħlijiet oħra jinkludu r-rijabilitazzjoni tas-sala għall-pazjenti li jbatu mid-dimensja u l-iżvilupp mill-ġdid tal-ispiżerija. | MFAA | Marzu 2022 |

MIŻURI PENDENTI MILL-BAĠIT 2017 LI TWETTQU

| | | | |
|---|---|---|---|
| 289 (2017) | "Fl-2017 se nwaqqfu Advisory Committee biex insaħħu l-leġiżlazzjoni u l-infurzar fir-rigward ta' rimi abbużiv tal-iskart fi spazji pubbliċi. Hawn tinħass il-ħtieġa ta' infurzar aktar b'saħħtu u ta' pieni aktar ħorox ma' min jabbuża. Emendi fil-leġiżlazzjoni f'dan is-sens se jkunu qed jidħlu fis-seħħ s-sena d-dieħla, bl-għan aħħari jkun dak ta' struttura u sistema ta' prosekuzzjoni dedikati biss għal reati ambjentali kif hemm f'pajjiżi oħrajn. Fl-istess waqt se nkomplu għaddejjin bir-riformi legali neċessarji relatati max-xiri mis-servizz pubbliku ta' prodotti sostenibbli (green public procurement) u nwettqu miżuri marbuta mal-kunċett ta' ekonomija li tirrispetta l-ambjent (green economy).<br>" | MEEE | Novembru 2021 |

# MIŻURI PENDENTI MILL-BAĠIT 2016 LI TWETTQU

| | | | |
|---|---|---|---|
| 277 (2016) | Pjan integrat għall-Konservazzjoni tal-Widien - B'kordinazzjoni mal-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttra qed jiġi żviluppat pjan għall-konservazzjoni u żvilupp tal-widien ta' pajjiżna. Huwa ppjanat li l-ewwel xogħlijiet ta' konservazzjoni jinżammu f'Wied il-Qlejgħa u Wied Għajn Riħana taħt programm kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Strutturali 2014-2020. Dan il-pjan se jara li dawn il-widien mhux biss jitnaddfu iżda jiġu żviluppati f'ċentri ta' rikreazzjoni li jagħtu informazzjoni dwar il-karatteristiċi naturali tal-ambjent rurali ta' pajjiżna. | MEEE | Novembru 2021 |
| 315 (2016) | Att dwar l-Intrapriża Soċjali - Din is-sena, flimkien mal-programm tal-Gvern sabiex jiġu indirizzati l-bżonnijiet li għandha s-soċjetà tagħna u fl-istess waqt isir kontribut għat-tkabbir ekonomiku, ġie finalizzat l-abbozz tal-liġi dwar l-intrapriżi soċjali. Wara li ġiet ippubblikata white paper għal konsultazzjoni pubblika, imiss issa li ssir ir-reviżjoni tal-abbozz, abbażi tas-sottomissjonijiet li saru mill-pubbliku, biex fix-xhur li ġejjin jitressaq l-abbozz ta' liġi fil-Parlament. | MEEE | Marzu 2022 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 160a (2016) | Proġetti Kapitali fil-Qasam tal- Isport. Se jitfasslu pjanijiet ta' xogħol ieħor fuq pixxini f'Wied il-Għajn, fil-Kottonera, f'Ħad-Dingli u f'Pembroke. | MEYR | Ġunju 2021 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 211 (2016) | Rijabilitazzjoni tal-ġibjuni pubbliċi ta' pajjiżna. Miżura oħra importanti li se tkun indirizzata matul is-sena li ġejja tinvolvi r-rijabilitazzjoni tal-ġibjuni pubbliċi ta' pajjiżna – infrastruttura pubblika li sfortunatament fil-parti l-kbira tagħha mhix qed tintuża. Għal dan il-għan, l-SEWCU qed taħdem mal-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura sabiex jiġi identifikat l-istat ta' din l-infrastruttura sabiex eventwalment jiġi mniedi programm ta' rijabilitazzjoni b'kofinanzjament mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Strutturali 2014-2020. L-użu ta' dawn il-ġibjuni pubbliċi għandu jwassal għall-użu aħjar tal-ilma tax-xita, titnaqqas id-dipendenza fuq l-ilma tal-pjan u jitnaqqsu wkoll il-perikli relatati mal-għargħar. | MPWP | Ġunju 2022 |

MIŻURI PENDENTI MILL-BAĠIT 2015 LI TWETTQU

| | | | |
|---|---|---|---|
| 240 (2015) | Is-sena d-dieħla mistenni jinbena passaġġ mal-blat f'Wied iż-Żurrieq li kien tkisser bil-maltemp, barra li jitkomplew it-tiswijiet ta' numru ta' strutturi madwar il-kosta Maltija.<br><br>(e) (Strutturi Madwar il-Kosta): Tiswija u Estenzjoni ta' Moll f'Santa Marija Estate | MPWP | Mejju 2022 |

MIŻURI PENDENTI MILL-BAĠIT 2014 LI TWETTQU

| | | | |
|---|---|---|---|
| 6.5 (2014) | Xogħlijiet ta' Riġenerazzjoni f'Marsaxlokk. | MTIP | Settembru 2022 |
| 127.2 (2014) | Il-Gvern jara li jkun hemm infrastruttura xierqa għall-ħażna tal-ilma tax-xita filwaqt li jirrestawra u jimmaniġġja b'mod effettiv il-faċilitajiet eżistenti għal dan il-għan. | MPWP | Ġunju 2022 |

**GVERN TA' MALTA**
UFFIĊĊJU TAS-SEGRETARJU
PERMANENTI EWLIENI